ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali C 380 E
## tal-Unjoni Ewropea

Edizzjoni bil-Malti | Informazzjoni u Avviżi | Volum 55 | 11 ta' Diċembru 2012

Avviż Nru | Werrej | Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Il-Parlament Ewropew**

SESSJONI 2011–2012

Dati tas-seduti: 7–9 ta' Ġunju 2011

Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 240 E, 18.8.2011.

TESTI ADOTTATI

**It-Tlieta 7 ta' Ġunju 2011**

2012/C 380 E/01 Applikazzjonijiet għat-trasport tas-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2011 dwar applikazzjonijiet għat-trasport tas-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita – il-politika tal-UE għal perjodu qasir u medju ta' żmien (2010/2208(INI)) ........ 1

2012/C 380 E/02 Ftehimiet Internazzjonali dwar l-Ajru skont it-Trattat ta' Lisbona

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2011 dwar Ftehimiet Internazzjonali dwar l-Ajru skont it-Trattat ta' Lisbona (2010/2207(INI)) ........ 5

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

2012/C 380 E/03 Is-seba' programm tal-UE għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar l-evalwazzjoni intermedjarja tas-seba' programm tal-UE għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni (2011/2043(INI)) ........ 9

2012/C 380 E/04 Relazzjonijiet kummerċjali UE-Kanada

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u l-Kanada 20

MT

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

2012/C 380 E/05 Aġenziji tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Aġenziji tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu: prospettivi futuri (2010/2302(INI)) . . . 24

2012/C 380 E/06 L-iżgurar ta' valutazzjonijiet tal-impatt indipendenti

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar l-iżgurar ta' valutazzjonijiet tal-impatt indipendenti (2010/2016(INI)) . . . 31

2012/C 380 E/07 Id-dimensjoni esterna tal-politika soċjali, il-promozzjoni tax-xogħol u l-istandards soċjali u r-Responsabbiltà Soċjali tal-Kumpanniji Ewropej

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar id-dimensjoni esterna tal-politika soċjali, il-promozzjoni tax-xogħol u l-istandards soċjali u r-Responsabbiltà Soċjali tal-Kumpanniji Ewropej (2010/2205(INI)) . . . 39

2012/C 380 E/08 Strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-Regolament (KE) 1905/2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp: lezzjonijiet miksuba u perspettivi għall-ġejjieni (2009/2149(INI)) . . . 51

2012/C 380 E/09 L-għażliet politiċi għall-progress lejn Liġi Kuntrattwali Ewropea għall-konsumaturi u n-negozji

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar l-għażliet politiċi għall-progress lejn Liġi Kuntrattwali Ewropea għall-konsumaturi u n-negozji (2011/2013(INI)) . . . 59

2012/C 380 E/10 Kooperazzjoni Ewropea fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali biex tiġi appoġġjata l-istrateġija Ewropa 2020

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Kooperazzjoni Ewropea fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali biex tiġi appoġġjata l-istrateġija Ewropa 2020 (2010/2234(INI)) . . . 67

2012/C 380 E/11 Il-PDG u lil hinn - Inkejlu l-progress f'dinja li dejjem tinbidel

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar il-PDG u lil hinn minnu – Inkejlu l-progress f'dinja li dejjem tinbidel (2010/2088(INI)) . . . 81

2012/C 380 E/12 Programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar l-analiżi f'nofs il-perjodu tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita: valutazzjoni tal-implimentazzjoni, sfidi futuri u prospettivi ta' finanzjament (2009/2226(INI)) . . . 84

2012/C 380 E/13 Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inklużiva

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inklużiva (2010/2211(INI)) . . . 89

**Il-Ħamis 9 ta' Ġunju 2011**

2012/C 380 E/14 Is-Sudan u s-Sudan t'Isfel

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2011 dwar is-Sudan u s-Sudan t'Isfel: is-sitwazzjoni wara r-referendum 2011 . . . 120

2012/C 380 E/15 Samit UE-Russja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2011 dwar is-Samit bejn l-UE u r-Russja . . . 123

MT

*(Ikompli fuq paġna 162)*

**It-Tlieta 7 ta' Ġunju 2011**

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## Applikazzjonijiet għat-trasport tas-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita

P7_TA(2011)0250

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2011 dwar applikazzjonijiet għat-trasport tas-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita – il-politika tal-UE għal perjodu qasir u medju ta' żmien (2010/2208(INI))**

(2012/C 380 E/01)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-14 ta' Ġunju 2010 mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Programm ta' Azzjoni dwar l-Applikazzjonijiet tas-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) (COM(2010)0308),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-1 ta' Ottubru 2010 dwar dak il-Pjan ta' Azzjoni (14146/2010),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-6 ta' Ottubru 2010 bit-titolu 'Inizjattiva Ewlenija Ewropa 2020: Unjoni tal-Innovazzjoni' (COM(2010)0546),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżami ta' nofs it-terminu tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita (COM(2011)0005) tat-18 ta' Jannar 2011, li jistipula l-ħtieġa ta' finanzjament sostanzjali sabiex titlesta l-infrastruttura tar-radjunavigazzjoni bis-satellita,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo) [1],

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004 tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-istabbiliment ta' strutturi għat-tmexxija tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita [2],

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tat-8 ta' Diċembru 2006 dwar l-Applikazzjonijiet tan-Navigazzjoni bis-Satellita (COM(2006)0769),

(1) ĠU L 196, 24.7.2008, p. 1.
(2) ĠU L 246, 20.7.2004, p. 1.

**It-Tlieta 7 ta' Ġunju 2011**

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 912/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1321/2004 dwar l-istabbiliment ta' strutturi għat-tmexxija tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tad-29 ta' Jannar 2004 dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istadju tal-progress tal-programm Galileo ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0084/2011),

A. billi l-applikazzjonijiet tal-GNSS illum huma karatteristika ċentrali u indispensabbli tal-attività f'kull settur tat-trasport u billi t-tħaddim effiċjenti u effettiv tagħhom jirriżulta f'trasport aktar sikur, aktar ekonomiku u li jirrispetta aktar l-ambjent,

B. billi l-applikazzjonijiet għat-trasport għandhom sehem ta' 20 % tal-volum tal-applikazzjonijiet kollha GNSS, u 44 % tal-valur, u billi l-operazzjonijiet ta' sikurezza – l-aktar dawk relatati mat-trasport – għandhom sehem ieħor ta' 5 %,

C. billi l-Unjoni Ewropea ma tistax tibqa' għal dejjem dipendenti għall-infrastruttura bażika meħtieġa għat-tħaddim tal-GNSS fuq sistemi li fil-bidu kienu żviluppati għal għanijiet oħra minn pajjiżi oħra,

D. billi l-EGNOS hi sistema awtonoma li tissupplimenta l-GPS u li tiddependi fuq id-disponibilità ta' sinjali tal-GPS biex twettaq operazzjonijiet ta' kalkolu u ta' korrezzjoni; billi ma jistax ikun hemm GNSS kompletament indipendenti sakemm tiġi introdotta s-sistema Galileo,

E. billi s-sistema EGNOS Ewropea hija mfassla biex tissodisfa t-talba attwali u futura sostanzjali u varjata tal-industrija fl-Ewropa u madwar id-dinja, pereżempju fir-rigward tas-sikurezza u t-traċċabilità tat-trasport, fiż-żamma tal-aspetattivi tal-politika industrijali Ewropea ġdida u aktar proattiva, u billi hi kompatibbli wkoll mal-GPS, kif ukoll mal-Galileo, li hija sistema ħafna aktar preċiża, u tissupplimenta lit-tnejn,

F. billi l-applikazzjonijiet għat-trasport kummerċjali tal-GNSS u tal-Galileo jirrappreżentaw suq dinji li qed jikber li għandu jiġi ggarantit kemm jista' jkun għall-benefiċċju ekonomiku tal-industrija Ewropea u għall-ħolqien ta' impjiegi bi kwalifiki għoljin,

G. billi l-GNSS ser ikollha rwol ewlieni fl-appoġġ u l-promozzjoni tal-użu ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (ITSs),

H. billi l-iżvilupp tal-applikazzjonijiet u servizzi tal-GNSS hu essenzjali biex jiġi żgurat investiment infrastrutturali tal-Galileo jiġi sfruttat bis-sħiħ u li s-sistema Galileo tiġi żviluppata bis-sħiħ,

I. billi l-investiment f'dan is-settur għandu implikazzjonijiet għall-politiki kollha tal-UE u billi l-espansjoni u l-implimentazzjoni tiegħu se jkollhom impatt dirett fuq t-twettiq tal-Istrateġija UE 2020 u fuq l-iżvilupp tal-potenzjal tas-suq Ewropew fl-applikazzjoni u s-servizzi tal-GNSS, bil-ħolqien ta' impiegi u t-tisħiħ tal-kompetittività Ewropea,

([1]) ĠU L 276, 20.10.2010, p. 11.
([2]) ĠU C 96 E, 21.4.2004, p. 128.

J. billi l-proġetti GNSS u Galileo ser jwasslu għal valur miżjud kunsiderevoli għall-politika industrijali Ewropea u huwa importanli li jiġi żgurat is-suċċess tagħhom,

1. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Pjan ta' Azzjoni dwar l-Applikazzjonijiet tas-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) u s-sensiela ta' azzjonijiet settorjali, regolatorji u orizzontali speċifiċi pproposti fih;

2. Jaqbel mal-Kummissjoni li pjan ta' azzjoni mmirat huwa, f'dal-punt, l-aħjar għażla biex jitħeġġu aktar l-iżvilupp u l-applikazzjoni tal-EGNOS u tal-Galileo, l-aktar fil-qasam tat-trasport; jenfasizza li s-sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita għandhom jiżguraw l-interoperabilità bejn sistemi differenti – inklużi dawk konvenzjonali – u għandhom jippermettu wkoll l-użu intermodali fis-servizzi kemm tal-passiġġieri kif ukoll tat-trasport tal-merkanzija;

3. Jinnota li, mill-15-il proposta speċifika għal kull sezzjoni fil-pjan ta' azzjoni, disa' huma relatati direttament mat-trasport u ħafna mill-oħrajn huma meħtieġa sabiex tingħata bażi għall-applikazzjonijiet relevanti għat-trasport;

4. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jkun hemm ċertifikazzjoni mħaffa tal-EGNOS għall-avjazzjoni ċivili permezz tal-awtoritajiet kompetenti;

5. Jaqbel li azzjonijiet biex jiġi promoss l-użu tal-EGNOS u tal-Galileo fl-avjazzjoni ċivili huma ta' ħtieġa strateġika għall-implimentazzjoni tas-SESAR (Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew), speċjalment fir-rigward tal-użu tagħha għall-proċeduri ta' nżul u fl-ajruporti żgħar;

6. Jiddispjaċih li, fil-mument, l-Unjoni Ewropea għadha mhix kollha koperta mill-EGNOS u jappella biex, bħala prijorità, is-sistema tal-EGNOS tiġi estiża lejn in-nofsinhar, il-lvant u x-xlokk tal-Ewropa, biex tkun tista' tintuża f'kull settur tat-trasport madwar l-Ewropa, u jenfasizza l-importanza li jiġu żgurat li l-kopertura tas-sistema testendi kemm lejn il-pajjiżi tal-MEDA, kif ukoll lejn il-Lvant Nofsani u lejn l-Afrika;

7. Jenfasizza l-importanza tal-GNSS fl-iżvilupp tal-ITSs; jirrimarka li l-ITSs jistgħu jipprovdu soluzzjonijiet ta' trasport aktar effiċjenti, nodfa u sikuri, u li l-implimentazzjoni xierqa ta' għadd ta' servizzi tal-ITS teħtieġ sistemi GNSS li jiffunzjonaw sewwa;

8. Jappoġġja l-fehma li l-EGNOS u l-Galileo jistgħu jkunu ta' kontribut importanti għall-ġestjoni tat-traffiku fuq it-triq u li tinħtieġ kampanja ta' sensibilizzazzjoni f'dak is-settur sabiex jiżdied l-użu tal-opportunitajiet ipprovduti fir-rigward tal-ġbir ta' tariffi, is-sistema tas-sejħiet ta' emerġenza "eCall", l-ibbukkjar onlajn ta' żoni ta' parkeġġ sikuri għat-trakkijiet u t-tracking fil-ħin reali, biex tkun ta' kontribut għal trasport bit-triq li jkun aktar sikur u li jirrispetta aktar l-ambjent;

9. Jistieden, għaldaqstant, lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-proposti regolatorji meħtieġa biex tagħti valur miżjud mill-GNSS lis-sikurezza f'kull forma ta' trasport, b'mod partikolari fit-toroq, u biex titjieb l-effiċjenza fit-trasport tal-merkanzija;

10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tintensifika l-kooperazzjoni industrijali mal-pajjiżi non-Ewropej bil-għan li tippromwovi l-iżvilupp u l-interoperabilità tal-applikazzjonijiet u s-servizzi EGNOS u Galileo;

11. Jaqbel li l-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni bir-reqqa tal-ħtieġa li temenda l-leġiżlazzjoni eżistenti dwar takografi diġitali sabiex tiżgura li l-opportunitajiet għall-informazzjoni dwar l-ippożizzjonar u l-veloċità li toffri l-GNSS jintużaw b'mod xieraq;

**It-Tlieta 7 ta' Ġunju 2011**

12. Jaqbel li l-GNSS tista' tagħmel ħafna biex issaħħaħ is-sigurtà u l-effiċjenza tat-trasport bil-baħar u li l-Kummissjoni għandha tieħu l-passi biex iżżid is-sensibilizzazzjoni u ttejjeb l-għarfien tal-applikazzjonijiet possibbli tal-GNSS fis-setturi marittimi u tal-ilmijiet navigabbli interni u biex l-applikazzjonijiet ibbażati fuq l-EGNOS jiġu aċċettati fil-livell tal-IMO u tal-ICAO;

13. Jappoġġja l-pjan tal-Kummissjoni li tniedi kampanji ta' tixrid tal-għarfien fost il-partijiet interessati differenti biex l-industrija Ewropea tingħata l-kunfidenza biex tinvesti fil-potenzjal kummerċjali tal-proġetti tal-UE tan-navigazzjoni bis-satellita;

14. Jistieden lill-Kummissjoni timplimenta b'effikaċja l-miżuri b'saħħithom ta' sensibilizzazzjoni stipulati fil-Pjan ta' Azzjoni, sabiex jinkiseb użu estensiv tal-EGNOS fl-Ewropa, f'kull qasam ta' applikazzjoni, ubiex b'hekk jiġu żgurati approċi aktar kumplessi;

15. Jinsisti li l-Kummissjoni għandha tipproponi, fil-kuntest tal-proċedura baġitarja u tal-qafas finanzjarju multiannwali tal-ġejjieni (MFF), miżuri li jiżguraw li jkun hemm livelli adegwati ta' finanzjament għar-riċerka u l-iżvilupp tal-GNSS, kif ukoll għall-implimentazzjoni; jenfasizza li l-finanzjament tal-UE fis-settur tat-trasport hu diġà nieqes ħafna u li, għalhekk, finanzjament addizzjonali għall-GNSS ma għandux iwassal għal anqas fondi fi prijoritajiet oħrajn fil-qasam tal-Politika Komuni għat-Trasport; iġedded is-sejħa tiegħu biex il-Kummissjoni, fir-rigward ta' kemm dan il-proġett speċifiku u ta' proġetti simili bħat-TEN-Ts, tressaq proposta finanzjarja multiannwali li tmur lil hinn mill-perjodu tal-MFF, sabiex tipprovdi qafas finanzjarju stabbli u affidabbli għal proġetti Ewropej aktar ambizzjużi li l-ambitu tagħhom jmur lil hinn mil-limitazzjonijiet attwali;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra jekk dħul mill-attivitajiet kummerċjali tal-Galileo jistax jingħata lill-baġit tal-UE;

17. Jistieden lill-Kummissjoni tinforma lill-Parlament dwar kif l-ispiża ta' manteniment annwali, stmata għal EUR 800 miljun, ser tkun iffinanzjata ladarba l-Galileo issir operattiva;

18. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq strateġija ta' finanzjament komprensiva li, flimkien ma' kontributi adegwati mill-UE u mill-Istati Membri, tkun tista' tinkludi, inter alia, inċentivi fiskali koordinati, proċeduri simplifikati għall-għoti ta' applikazzjonijiet, u arranġamenti li jistgħu jwasslu investiment kapitali lill-SMEs u jiffaċilitaw l-iżvilupp u l-promozzjoni tal-applikazzjonijiet EGNOS u Galileo b'koperazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investiment u mal-Fond Ewropew tal-Investiment;

19. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-EUR 100 miljun li x'aktarx mhux ser jintefqu fi ħlasijiet ta' approprjazzjonijiet għar-riċerka fi ħdan is-Seba' Programm ta' Qafas ikunu dsiponibbli għall-iżvilupp tal-applikazzjonijiet GNSS;

20. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex teżamina kif proċeduri simplifikati jistgħu jiżguraw l-għoti aktar effiċjenti u aktar trasparenti tal-fondi b'appoġġ għar-riċerka fil-qasam tat-trasport assistit mill-GNSS għal kulħadd, b'attenzjoni speċjali fuq il-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabilità u b'enfasi partikolari fuq l-SMEs;

21. Jistieden lill-Kummissjoni tgħin lill-SMEs jiksbu aċċess iffaċilitat għall-finanzjament Ewropew immirat biex iħeġġeġ l-innovazzjoni marbuta mal-applikazzjonijiet tal-GNSS, speċjalment skont is-seba' u t-tmien programmi ta' qafas;

22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni teżamina x'riskji dwar il-protezzjoni tad-data jista' jkun hemm bl-użu tal-applikazzjonijiet u s-servizzi tal-EGNOS u biex tagħmel dak kollu possibbli biex teliminahom;

23. Jinnota l-ħtieġa ta' investiment fir-riċerka fl-applikazzjonijiet u s-servizzi speċifiċi għall-GNSS – b'attenzjoni partikolari għar-rekwiżiti speċjali ta' persuni b'diżabilità – peress li dan l-investiment huwa ta' importanza deċiżiva għall-iżvilupp u l-użu xieraq tas-servizzi GNSS;

24. Jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ inizjattivi mmirati għall-iżvilupp ta' ċentri ta' servizz speċifiċi għas-settur, b'mod partikolari għal settur marittimu;

25. Jiddispjaċih li n-nuqqas ta' fondi allokati għar-riċerka u l-innovazzjoni għall-applikazzjonijiet ibbażati fuq l-EGNOS u l-Galileo qed iwassal għal dewmien kunsiderevoli fil-progress teknoloġiku u fit-tkabbir tal-kapaċità industrijali, u tal-implimentazzjoni effettiva mil-lat ambjentali, fl-Unjoni Ewropea, u għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni tintroduċi arranġamenti li jippermettu l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jiksbu aċċess għal finanzjament aktar fil-pront;

26. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

## Ftehimiet Internazzjonali dwar l-Ajru skont it-Trattat ta' Lisbona

P7_TA(2011)0251

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2011 dwar Ftehimiet Internazzjonali dwar l-Ajru skont it-Trattat ta' Lisbona (2010/2207(INI))**

(2012/C 380 E/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar ir-reviżjoni tal-ftehim ta' qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea ([1]) ("il-Ftehim ta' Qafas"),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2010 dwar il-ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-UE u l-Istati Uniti ([2]),

— wara li kkunsidra riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Mejju 2010 dwar it-tnedija ta' negozjati għal ftehimiet dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) mal-Istati Uniti, l-Awstralja u l-Kanada ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' April 2007 dwar l-Istabbiliment ta' Żona Ewropea ta' Avjazzjoni Komuni ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2007 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati Uniti tal-Amerika, min-naħa l-oħra ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Jannar 2006 dwar l-iżvilupp tal-aġenda għall-politika esterna tal-Komunità dwar l-avjazzjoni ([6]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni intitolata "L-iżvilupp tal-aġenda għall-politika barranija tal-avjazzjoni tal-Komunità" (COM(2005)0079),

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0079/2011),

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2010)0366.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2010)0239.
([3]) ĠU C 81 E, 15.3.2011, p. 70.
([4]) ĠU C 74 E, 20.03.2008, p. 506.
([5]) ĠU C 301 E, 13.12.2007, p. 143.
([6]) GU C 287 E, 24.11.2006, p. 84.

**It-Tlieta 7 ta’ Ġunju 2011**

A. billi, qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta’ Lisbona, il-Parlament ġie kkonsultat biss dwar il-konklużjoni ta’ ftehimiet internazzjonali dwar l-ajru,

B. billi l-approvazzjoni tal-Parlament issa hi meħtieġa għall-ftehimiet li jkopru l-oqsma li tapplika għalihom il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

C. billi, meta l-Kummissjoni tkun qed tinnegozja ftehimiet bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali, il-Parlament għandu "jinżamm informat immedjatament u kompletament fl-istadji kollha tal-proċedura" ([1]),

D. billi l-Ftehim ta’ Qafas għandu jiżgura li s-setgħat u l-prerogattivi tal-Istituzzjonijiet jiġu eżerċitati b’mod kemm jista’ jkun effikaċi u trasparenti,

E. billi f’dak Il-Ftehim ta’ Qafas il-Kummissjoni ntrabtet li tirrispetta l-prinċipju tat-trattament ugwali tal-Parlament u tal-Kunsill rigward kwistjonijiet leġiżlattivi u baġitarji, speċjalment rigward l-aċċess għal laqgħat u t-trażmissjoni ta’ kontribuzzjonijiet jew informazzjoni oħra,

***Introduzzjoni***

1. Jikkunsidra li l-ftehimiet dwar l-ajru komprensivi mal-pajjiżi ġirien jew is-sħab globali sinifikattivi jistgħu jipprovdu benefiċċji sostanzjali lill-passiġġieri, lill-operaturi tat-trasport tal-merkanzija u lil-linji tal-ajru, kemm permezz ta’ aċċess għas-suq u ta’ konverġenza regolatorja għall-promozzjoni ta’ kompetizzjoni ġusta, u dan ukoll fir-rigward ta’ sussidji Statali u ta’ standards soċjali u ambjentali;

2. Jirrikonoxxi li l-ftehimiet orizzontali, li jallinjaw il-ftehimiet bilaterali eżistenti mal-leġiżlazzjoni Komunitarja, huma meħtieġa biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u jingħataw benefiċċji addizzjonali f’dak li għandu x’jaqsam mas-simplifikazzjoni u l-assigurazzjoni li l-linji tal-ajru kollha tal-Unjoni jkunu jistgħu jgawdu mill-istess drittijiet;

3. Jinnota li standards tas-sigurtà tat-titjiriet u tal-ajru għall-passiġġieri, l-ekwipaġġi u l-vjaġġi bl-ajru in ġenerali huma ta’ importanza fundamentali u għalhekk jappoġġja l-konklużjoni ta’ ftehimiet dwar is-sikurezza tal-ajru mal-pajjiżi li għandhom industrija sinifikattiva tal-manifattura tal-mezzi tal-ajru, meta jitqiesu l-ispejjeż iffrankati u l-istandards konsistentement għoljin li jistgħu jinkisbu jekk tiġi minimizzata d-duplikazzjoni tal-valutazzjonijiet, testijiet u kontrolli;

4. Jiddispjaċih li l-Kunsill għad irid jagħti mandat lill-Kummissjoni biex tinnegozja ftehim dwar l-ajru komprensiv mas-sieħba kummerċjali importanti bħar-Repubblika Popolari taċ-Ċina u l-Indja; jikkunsidra li dan in-nuqqas qed ikun ta’ aktar ħsara għall-interessi tal-Unjoni, b’mod partikulari minħabba t-tkabbir rapidu ta’ dawn l-ekonomiji;

5. Jinnota li fil-lista l-aktar riċenti tal-Kummissjoni dwar negozjati attwali dwar ftehimiet internazzjonali tal-avjazzjoni, hemm neqsin pajjiżi importanti bħall-Ġappun u l-Federazzjoni Russa;

6. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-kwistjoni tat-titjiriet fuq is-Siberja; jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel l-isforzi kollha neċessarji, inkluż billi ssegwi wkoll din il-kwistjoni fil-kuntest tan-negożjati tal-adeżjoni tar-Russja mad-WTO, biex tevita distorzjonijiet tal-kompetizzjoni bejn kumpaniji tal-avjazzjoni tal-UE;

***Il-kriterji biex jiġi vvalutat ftehim***

7. Jenfasizza li f’kull negozjazzjoni għandha tittieħed deċiżjoni dwar il-benefiċċji ta’ ftehim minn kmieni meta mqabbel ma’ dewmien bl-intenzjoni li jinkiseb riżultat aktar ambizzjuż;

([1]) L-Artikolu 218(10) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

8. Jindika li, meta jkun qed jivvaluta l-ftehimiet komprensivi li jiġu ppreżentati għall-approvazzjoni, il-Parlament se jagħmel ħiltu biex japplika sett ta' standards konsistenti; jinnota b'mod partikolari fit-twettiq ta' din l-analiżi l-Parlament għandu jiffoka fuq: kemm ir-restrizzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq u l-opportunitajiet għal investiment jiġu llaxkati b'mod ibbilanċjat; kemm jingħataw inċentivi biex l-istandards soċjali u ambjentali jinżammu u jissaħħu; kemm jiġu pprovduti salvagwardji xierqa għall-protezzjoni tad-data u l-privatezza; kemm hu inkluż ir-rikonoxximent reċiproku tal-istandards ta' sikurezza u sigurtà; u kemm hu żgurat livell għoli ta' drittijiet għall-passiġġieri;

9. Jikkunsidra li hemm bżonn urġenti ta' standards dinjin għall-protezzjoni tad-data u l-privatezza u li l-kriterji stabbiliti mill-Parlament fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Mejju 2010 jipprovdu mudell xieraq għal ftehim ta' dan it-tip; jinnota li l-Unjoni għandu jkollha rwol ta' pijuniera fl-iżvilupp ta' standards internazzjonali bħal dawn;

10. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza dejjem tikber tal-kontribut tas-settur tal-avjazzjoni għat-tisħin globali u jikkunsidra li l-ftehimiet għandhom jinkludu impenn għal ħidma flimkien, fil-qafas tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili, biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-mezzi tal-ajru, flimkien mal-objettiv li tissaħħaħ il-kooperazzjoni teknika fl-oqsma tax-xjenza klimatika (emissjonijiet tas-$CO_2$ u emissjonijiet oħra relevanti għall-klima fl-atmosfera), ir-riċerka u l-iżvilupp tat-teknoloġiji u l-effiċjenza tal-fjuwils;

11. Jenfasizza li diversi aspetti tar-regolamentazzjoni tal-avjazzjoni, inklużi r-restrizzjonijiet tal-istorbju u l-limitazzjonijiet fuq it-titjiriet bil-lejl, għandhom jiġu stabbiliti fil-livell lokali, b'konformità sħiħa mal-prinċipji tal-kompetizzjoni ġusta u tas-sussidjarjetà; jitlob lill-Kummissjoni tikkoordina dawn il-kwistjonijiet fil-livell Ewropew, waqt li tqis il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri kif ukoll il-prinċipju fundamentali tal-"approċċ bilanċjat", kif ġie definit mill-organizzazzjoni internazzjonali għall-avjazzjoni ċivili;

12. Jistieden lill-Kummissjoni tuża l-ftehimiet dwar l-ajru sabiex tippromwovi l-konformità mal-leġiżlazzjoni internazzjonali relevanti dwar id-drittijiet soċjali, b'mod partikulari l-istandards tax-xogħol imħaddna fil-konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizazzjoni Dinjija tax-Xogħol (ILO 1930-1999), il-Linji Gwida tal-OKŻE għall-Intrapriżi Multinazzjonali (1976, riveduti 2000) u l-Konvenzjoni ta' Ruma dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi Kuntrattwali tal-1980;

13. Jinnota li, fil-każ tal-ftehimiet dwar is-sikurezza, il-kriterji jinkludu: rikonoxximent reċiproku sħiħ tal-prattiki u l-proċeduri ta' ċertifikazzjoni; l-iskambju tad-data dwar is-sikurezza; ispezzjonijiet konġunti; aktar kooperazzjoni regolatorja; u konsultazzjonijiet ta' livell tekniku sabiex il-kwistjonijiet jiġu solvuti qabel ma jkollu jibda l-mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni tat-tilwim;

***Il-Proċedura***

14. Jisħaq fuq il-fatt li, sabiex ikun jista' jieħu d-deċiżjoni tiegħu dwar jagħtix l-approvazzjoni tiegħu jew le fl-aħħar tan-negozjati, hemm bżonn li l-Parlament isegwi l-proċess mill-bidu; jikkunsidra li hu wkoll fl-interessi tal-Istituzzjonijiet l-oħra li kwalunkwe tħassib ta' biżżejjed importanza li jqajjem dubji dwar ir-rieda tal-Parlament li jagħti l-approvazzjoni tiegħu jiġu identifikati u indirizzati fi stadju bikri;

15. Ifakkar li, skont il-Ftehim ta' Qafas tal-2005, il-Kummissjoni diġà hi obbligata tipprovdi informazzjoni minn kmieni u ċara lill-Parlament waqt it-tħejjija, it-tmexxija u l-konklużjoni ta' negozjati internazzjonali; jinnota li l-Ftehim ta' Qafas rivedut ta' Ottubru 2010 jgħdi b'mod partikolari, li l-Parlament mill-bidu għandu jirċievi u fejn meħtieġ, fuq il-bażi kunfidenzjali, dettalji sħaħ dwar il-proċedura li tkun għaddejja fl-istadji kollha tan-neguzjati;

16. Jistenna li l-Kummissjoni tipprovdi lill-kumitat responsabbli tiegħu bl-informazzjoni dwar l-intenzjoni li tipproponi negozjati bil-ħsieb li jiġu konklużi u emendati ftehimiet internazzjonali dwar l-ajru, u bl-abbozzi tad-direttivi ta' negozjazzjoni, l-abbozzi tat-testi ta' negozjazzjoni u d-dokument li għandu jiġi inizjalat, flimkien mad-dokumenti u l-informazzjoni l-oħra relevanti; jistenna li r-rwol tal-Parlament rigward kwalunkwe emendi ulterjuri għal ftehim internazzjonali dwar l-ajru jkun stipulat espliċitament fil-ftehim;

**It-Tlieta 7 ta' Ġunju 2011**

17. Jinnota li l-informazzjoni msemmija qabel skont Artikolu 24 tal-Ftehim ta' Qafas ta' dan it-tip għandha tiġi trażmessa lill-Parlament, b'mod li jekk hemm bżonn ikun jista' jesprimi l-pożizzjoni tiegħu; jitlob espressament lill-Kummissjoni biex tirrapporta lill-Parlament dwar kif ġew ikkunsidrati l-opinjonijiet tal-Parlament;

18. Jirrikonoxxi li meta l-Parlament jirċievi informazzjoni sensittiva dwar negozjati li jkunu għaddejjin, għandu obbligu li jiżgura li tinżamm il-kunfidenzjalità;

19. Jinnota li r-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament jippermettu li l-Parlament "jista', fuq il-bażi ta' rapport mill-kumitat responsabbli, […] jadotta rakkomandazzjonijiet u jitlob li dawn jitqiesu qabel tiġi konkluża l-ftehima internazzjonali kkonċernata" (Artikolu 90(4));

20. Jirrikonoxxi li l-ftehimiet dwar l-ajru ta' spiss jagħtu rwol sostanzjali lil kumitat konġunt, b'mod partikulari fir-rigward tal-konverġenza regolatorja; jaċċetta li, f'ħafna każi, dan hu mezz aktar flessibbli u effikaċi għat-teħid tad-deċiżjonijiet milli wieħed jipprova jinkludi tali punti fil-ftehim innifsu; madankollu, jenfasizza l-importanza li l-Parlament jirċievi informazzjoni kompluta u f'waqtha dwar il-ħidma tad-diversi kumitati konġunti;

21. Jitlob lill-Kummissjoni, bl-iskop li jinżamm fluss ta' informazzjoni, biex tippreżenta rapport regolari lill-Parlament, mu mhux anqas minn kull tliet snin, li janalizza l-punti pożittivi u negattivi tal-ftehim li japplika; tinnota li dan jippermetti lill-Parlament jevalwa ftehimiet futuri b'mod iktar effiċjenti;

*

* *

22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

## Is-seba' programm tal-UE għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni

P7_TA(2011)0256

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar l-evalwazzjoni intermedjarja tas-seba' programm tal-UE għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni (2011/2043(INI))**

(2012/C 380 E/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), b'mod partikolari l-artikoli li jirrigwardaw ir-riċerka,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm [Qafas] tal-Komunità Ewropea (li, minn wara t-Trattat ta' Lisbona, saret l-Unjoni Ewropea) għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) ([1]),

— wara li kkunsidra, b'mod partikolari, l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq fir-rigward tal-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rieżami tas-Seba' Programm Qafas,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 182(2) TFUE dwar l-adattament tal-programm qafas skont kif tinbidel is-sitwazzjoni,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Frar 2011 intitolata "Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar ir-Reazzjoni għar-Rapport tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Evalwazzjoni Interim tas-Seba' Programm [Qafas] għar-Riċerka, Żvilupp Teknoloġiku u Attivitajiet ta' Dimostrazzjoni u għar-Rapport tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Evalwazzjoni Interim tal-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji" (COM(2011)0052),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Evalwazzjoni Interim tas-Seba' Programm Qafas għall-Attivitajiet ta' Riċerka (FP7), inkluż il-faċilità ta' finanzjament għall-kondiviżjoni tar-riskji, sat-3074 laqgħa tal-Kunsill tal-UE dwar il-kompetittività (Is-Suq Intern, l-Industrija, ir-Riċerka u l-Ispazju) tad-9 ta' Marzu 2011,

— wara li kkunsidra r-rapport finali tal-Grupp ta' Esperti "Interim Evaluation of the Seventh Framework Programme" tat-12 ta' Novembru 2010,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2010 dwar is-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni ta' Programmi Qafas tar-Riċerka ([2]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Esperti "Evaluation of the Sixth Framework Programmes for Research and Technological Development 2002-2006" ta' Frar 2009,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat ta' Esperti "Towards a world class Frontier research Organisation - Review of the European Research Council's Structures and Mechanisms" tat-23 ta' Lulju 2009,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Esperti indipendenti "Mid-Term Evaluation of the Risk-Sharing Financial Facility (RSFF)" tal-31 ta' Lulju 2010,

([1]) ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2010)0401.

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat ta' Esperti "First Interim Evaluation of the Innovative Medicines Initiative Joint Undertaking" tal-20 ta' Diċembru 2010,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat ta' Esperti "First Interim Evaluation of the ARTEMIS and ENIAC Joint Technology Initiatives" tat-30 ta' Lulju 2010,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat ta' Esperti indipendenti "Interim Evaluation of the Ambient Assisted Living Joint Programme" ta' Diċembru 2010,

— wara li kkunsidra l-opinjoni li l-Kumitat tar-Reġjuni adotta f'sessjoni plenarja fis-27 u t-28 ta' Jannar 2011 u li tirrigwarda s-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Programmi Qafas tar-Riċerka,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2010 dwar l-implimentazzjoni tas-sinerġiji tal-Fondi assenjati għar-riċerka u l-innovazzjoni fir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u s-Seba' Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp fil-bliet u r-reġjuni kif ukoll fl-Istati Membri u fl-Unjoni ([1]),

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 9/2007 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tat-22 ta' Novembru 2007 dwar "L-evalwazzjoni tal-programmi qafas tal-UE dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku - L-approċċ tal-Kummissjoni jista' jittejjeb?",

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 8/2009 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar "Netwerks ta' eċċellenza" u "Proġetti integrati" fil-politika tar-riċerka tal-Komunità,

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 2/2010 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-effettività tal-iskemi ta' sostenn għall-Istudji fid-Disinn u l-Kostruzzjoni ta' Infrastrutturi Ġodda taħt is-Sitt Programm Qafas għar-Riċerka,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-15 ta' Settembru 2010 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ewkonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni "Is-Simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni tal-programmi qafas tar-riċerka",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0160/2011),

A. billi s-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (is-Seba' Programm Qafas) hu l-istrument l-aktar estensiv għall-appoġġ tar-riċerka fil-livell globali u jikkostitwixxi l-għodda ewlenija tal-politika ta' riċerka tal-Unjoni Ewropea,

B. billi huwa meħtieġ li jiġu awtorizzati żviluppi li jirriżultaw mis-Seba' Programm Qafas jerġa' jiġi eżaminat f'nofs it-terminu tiegħu minħabba l-għadd ta' bidliet li seħħew minn mindu ġie nnegozjat u adottat fl-2006 (istituzzjonijiet ġodda, awtoritajiet politiċi ġodda, kriżi ekonomika), imma anke minħabba l-ammonti finanzjarji sinifikanti li għadhom disponibbli sa meta jilħaq it-terminu tiegħu,

C. billi, it-Trattat ta' Lisbona jintroduċi l-kisba taż-Żona ta' Riċerka Ewropea bħala mezz speċifiku tal-politika Ewropea,

D. billi l-Istrateġija Ewropa 2020 għamlet mir-riċerka u l-innovazzjoni element ċentrali ta' tkabbir b'intelliġenza, sostenibilità u solidarjetà,

E. billi r-riċerka hija l-proċess tal-bidla tal-potenza ekonomika f'għarfien, filwaqt li l-innovazzjoni hija l-proċess bil-maqlub tat-trasformazzjoni tal-għarfien f'potenza ekonomika,

([1]) ĠU C 161 E, 31.5.2011, p. 104.

F. billi l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jarmaw irwieħhom bil-mezzi biex jirrispondu b'mod konġunt għall-isfidi soċjetali, ekonomiċi, ambjentali, demografiċi u etiċi li qed iħabbtu wiċċhom magħhom il-popli Ewropej bħat-tixjiħ demografiku, is-saħħa, il-provvista tal-ikel, l-iżvilupp sostenibbli, l-isfidi ambjentali ewlenin eċċ, u billi s-soluzzjonijiet li jirriżultaw minn dan għandhom jimmotivaw lill-individwi biex jerfgħu r-responsabbiltà għall-azzjonijiet tagħhom,

G. billi l-investiment fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni huwa l-aħjar reazzjoni possibbli fit-tul għall-kriżi ekonomika u finanzjarja attwali, li jippermetti lill-UE ssir soċjetà b'kompetenzi li huma kompetittivi fuq livell dinji,

H. billi l-Ewropa qed tikkompeti ma' setgħat ekonomiċi bħaċ-Ċina, l-Indja, il-Brażil, l-Awstralja, l-Istati Uniti u r-Russja u billi l-kapaċità tagħna li ngħaqqdu u nikkoordinaw l-isforzi tagħna, partikolarment fir-riċerka, bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istat Membru tikkundizzjona ħafna l-kompetittività ekonomika tagħna u, għalhekk il-possibilità li niffinanzjaw l-ambizzjonijiet soċjali tagħna u r-rispett tal-impenji tagħna rigward il-benesseri taċ-ċittadini Ewropej u l-ħarsien tal-ambjent,

I. billi n-nefqa fuq ir-Riċerka u l-Iżvilupp hija baxxa metqa mqabbel ma' setgħat globali oħra, fost affarijiet oħra minħabba nuqqas ta' investiment privat u kundizzjonijiet ta' qafas favur l-innovazzjoni; billi l-ġibda tas-Seba' Programm Qafas għas-settur industrijali u l-użu tar-riċerka għall-benefiċċju tal-ekonomija mhumiex kompletament ċari; billi apparti l-ammonti involuti, tidher ukoll ċara l-ħtieġa ta' koordinament aħjar u kofinanzjament bejn l-Unjoni, l-Istati Membri u r-reġjuni, b'rispett totali għall-ispeċifiċitajiet u l-għażliet etiċi magħmula mill-Istati Membri,

J. billi livell relattivament baxx biss tal-investiment pubbliku fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni huwa s-soġġett ta' kooperazzjoni Ewropea,

K. billi relazzjoni aħjar bejn l-isfera akkademika, tar-riċerka u dik industrijali hi indispensabbli biex ir-riżultati tar-riċerka jkunu jistgħu jiġu ttrasformati aħjar fi prodotti u servizzi li jiġġeneraw it-tkabbir ekonomiku u l-benefiċċji għas-soċjetà b'mod ġenerali,

L. billi s-Seba' Programm Qafas għandu jkun mibni fuq l-istess prinċipji ġenerali bħaż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER),

M. billi, mill-EUR 54.6 biljun tal-programm, 25,8 ġew impenjati fuq l-ewwel erba' snin (mill-2007 sal-2010); jiġifieri medja ta' 6,5 biljuni fis-sena u billi għad fadal 28,8 biljun fuq l-aħħar tliet snin (mill-2011 sal-2013), jiġifieri medja ta' 9,6 biljuni fis-sena,

N. billi s-snin mill-2011 sal-2013 huma snin fraġli li jeħtieġu attenzjoni partikolari immedjata f'dak li għandu x'jaqsam mal-fatturi ta' kompetittività u koeżjoni soċjali, li r-riċerka u l-innovazzjoni huma komponenti essenzjali tagħhom,

O. billi l-kumplessità tal-ġestjoni amministrattiva, il-burokrazija konsiderevoli, in-nuqqas ta' trasparenza, l-ineffiċjenza u d-dewmien mhux ġustifikat jiqbgħu jkunu l-iżvantaġġi prinċipali tas-Seba' Programm Qafas, li ma jipprovdu ebda inkoraġġiment għar-riċerkaturi, l-industrija u l-SMEs biex jipparteċipaw fil-programm u għalhekk il-kisba ta' qabża kbira fis-simplifikazzjoni għandha tkun tal-ogħla prijorità,

P. billi l-objettiv tal-parteċipazzjoni ta' 40 % riċerkaturi nisa fis-Seba' Programm Qafas huwa objettiv ambizzjuż u korrett; billi l-parteċipazzjoni attwali tar-riċerkaturi nisa fil-proġetti ta' riċerka tas-Seba' Programm Qafas b'diżappunt kbir hija ta' 25,5 %,

1. Jifraħ bil-kwalità tar-rapporti tal-esperti dwar il-valutazzjoni intermedja tas-Seba' Programm Qafas u tal-faċilità ta' finanzjament għall-kondiviżjoni tar-riskji, li tkopri l-kwalità tal-attivitajiet, l-implimentazzjoni u r-riżultati miksuba, minkejja n-natura ġenerali tal-mandat mogħti lill-gruppi tal-esperti; jindika, madankolllu li l-valutazzjoni ma kkunsidratx l-azzjonijiet tal-Istati Membri u dawk tal-Unjoni flimkien kollha kemm huma;

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

2. Ma jafx jispjega d-dewmien tal-Kummissjoni, li ppubblikat il-Komunikazzjoni tagħha fid-9 ta'Frar 2011, minkejja li kienet obbligata li tagħmel dan sa mhux aktar tard mill-2010, u jiddispjaċih dwar id-dgħufija tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni meta wieħed iqis l-isfidi attwali b'mod partikolari is-sitwazzjoni attwali tal-kriżi ekonomika, l-ammonti li jifdal biex jiġu impenjati skont is-Seba' Programm Qafas eċċ.;

3. Jitlob lill-Kummissjoni ssegwi b'mod partikolari l-għaxar rakkomandazzjonijiet speċifiċi li saru mill-grupp ta' esperti;

4. Jissottolinja n-natura relattiva tal-konklużjonijiet meħuda mill-valutazzjoni intermedja, peress li l-maġġoranza tal-fondi tas-Seba' Programm Qafas għadhom ma ġewx allokati, il-proġetti li nbdew għadhom għaddejjin u oħrajn iffinanzjati taħt is-Seba' Programm Qafas se jdumu iktar mit-terminu ta' żmien tiegħu;

***Ir-riżultati tas-Seba' Programm Qafas***

5. Hu tal-opinjoni li, minkejja l-fatt li l-Ewropa dejjem tibqa' pass lura mill-Istati Uniti u qed titlef il-post li kellha bħala l-mexxej fuq ekonomiji emerġenti, ir-riżultati milħuqa mis-Seba' Programm Qafas juru valur miżjud f'dak li għandu x'jaqsam mar-riċerka u l-iżvilupp fl-Ewropa; madankollu, jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-isforzi tagħha fil-komunikazzjoni tar-riżultati tajbin lill-Istati Membri, lill-komunità xjentifika u liċ-ċittadini Ewropej;

6. Jiddeplora n-nuqqas ta' metodu għall-valutazzjoni ta' kemm avvanzjaw fl-għarfien xjentifiku il-proġetti ffinanzjati mis-Seba' Programm Qafas;

7. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu spinta lill-isforzi ta' komunikazzjoni tagħhom rigward is-Seba' Programm Qafas (inkluż permezz tal-użu ta' teknoloġiji ġodda, bħal servizzi ta' informazzjoni ta' riċerka intelliġenti), biex b'hekk jiffaċilitaw l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-parteċipazzjoni, jitħabbru l-isfidi ta' riċerka tal-ġejjieni, u jinxterdu r-riżultati tar-riċerka; jappoġġa l-inizjattivi tal-Kummissjoni biex tippromwovi l-aċċess miftuħ tar-riċerka ffinanzjata pubblikament, fejn ikun rilevanti u fattibbli b'rabta mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

8. Jifraħ bil-livell ta' parteċipazzjoni u ta' eċċellenza fl-għażla tal-proġetti; jiddispjaċih, madankollu, li r-rata ta' suċċess ta' dan il-programm ġeneralment għadha pjuttost dgħajfa u skoraġġanti, speċjalment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, li għandhom rwol importanti fil-bidla tar-riżultati tar-riċerka fi prodotti u servizzi; jemmen li s-simplifikazzjoni ta' regoli amministrattivi u finanzjarji, kif ukoll proġetti u proċeduri iktar xierqa għall-ħtiġijiet tal-SMEs jistgħu jtejbu din is-sitwazzjoni;

9. Jinnota li l-għadd dejjem jiżdied ta' objettivi u t-temi koperti u d-diversifikazzjoni tal-istrumenti kabbru l-ambitu ta' applikazzjoni tas-Seba' Programm Qafas u naqqsu l-kapaċità tiegħu li jaqdi objettiv Ewropew speċifiku;

10. Japprova t-tisħiħ tal-programm speċifiku għall-"Kooperazzjoni", li għadu relevanti biex jiġu affrontati l-isfidi xjentifiċi u teknoloġiċi attwali; jenfasizza r-rwol tiegħu fl-iżvilupp tal-massa kritika tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni tat-tip li ma jistax jinkiseb fil-livell nazzjonali/reġjonali, biex b'hekk jintwera l-valur miżjud tal-Ewropa; jemmen li r-riċerka transnazzjonali kollaborattiva għandha tibqa' prijorità; jirrakkomanda li tiġi implimentata l-iskema "Teknoloġiji tal-Ġejjieni u Emerġenti" u li jiġi estiż l-użu ta' "pjanijiet direzzjonali" għall-oqsma tematiċi kollha; jitlob ukoll għal iktar flessibilità fid-definizzjoni tat-temi u tal-limiti minimi u massimi ta' finanzjament li jiddistingwu l-proġetti l-kbar miż-żgħar; jissottolinja li l-programm attwali ta' Kooperazzjoni huwa ristrett wisq u s-suġġetti huma ħafna drabi speċifiċi wisq biex jindirizzaw sfidi soċjetali kbar; jirrakkomanda li l-Programm Qafas li jmiss jipprovdi għal sejħiet b'ambitu tematiku iktar wiesa';

11. Jenfasizza li se jkunu meħtieġa wkoll perspettivi interdixxiplinari iktar wiesa' sabiex l-isfidi soċjetali li dejjem jikbru jiġu ttrattati b'mod effikaċi; jissottolinja li x-xjenzi soċjali u l-umanitajiet għandhom rwol vitali fir-reazzjoni għall-isfidi kbar li qed taffaċċja l-UE; jiddispjaċih li s-sejħiet speċifiċi u ristretti ħafna fil-kapitolu Kooperazzjoni dwar ix-xjenzi soċjoekonomiċi u l-umanitajiet jagħmluha diffiċli ħafna li wieħed jagħmel riċerka ġdida u innovattiva f'dan il-qasam;

12. Jipproponi li, sabiex tissodisfa l-objettivi tal-istrateġija tal-UE 2020, ir-riċerka appoġġata mis-Seba' Programm Qafas għandha tiffoka fuq l-indirizzar tal-isfidi l-iktar urġenti tal-UE, fis-setturi identifikati fil-Kapitolu "Kooperazzjoni" tas-Seba' Programm Qafas: is-saħħa (inkluż ir-riċerka klinika u preventiva u t-teknoloġiji mediċi), l-ikel u l-bijoteknoloġija (inkluż is-sikurezza tal-ikel), it-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, in-nanoxjenzi u n-nanoteknoloġiji, l-enerġija (inkluż l-effiċjenza fl-enerġija, netwerks intelliġenti, l-enerġija rinnovabbli, il-ġbir u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju, il-Pjan tat-Teknoloġija Enerġetika Strateġika u l-użu tal-bijogass), l-ambjent (inklużi t-tibdil fil-klima, l-ilma, il-ħamrija, il-boskijiet u l-foresti), it-trasport sostenibbli, ix-xjenzi ekonomiċi, soċjali u umani, l-ispazju, u s-sigurtà;

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

13. Jipproponi li tiġi rrinforzata r-riċerka kollaborattiva bħall-attivitajiet iffinanzjati fil-programm speċifiku "Kooperazzjoni"; jitlob il-possibbiltà li jiġu ffurmati proġetti u konsorzji ta' sħab iżgħar u ta' daqs medju li jippermettu l-koordinazzjoni effiċjenti, minbarra li jsaħħu l-kwalità xjentifika; jenfasizza li l-approċċ tar-riċerka kollaborattiva għandu jibqa' l-element ewlieni tal-Programm Qafas;

14. Jifraħ, fil-kapitolu "Ideat", bir-riżultati promettenti li kiseb il-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (KER) u r-rwol tiegħu fit-tisħiħ tal-viżibilità u l-ġibda tar-riċerka Ewropea; jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' parteċipazzjoni u involviment mis-settur privat fil-KER; jitlob lill-Kummissjoni żżid il-finanzjament għall-KER (li jżid ukoll ir-rata ta' suċċess), kif ukoll tivvaluta l-għażliet għal iktar titjib tal-istrutturi u l-mekkaniżmi tagħha, inkluż li l-KER isir entità legali indipendenti ddotata b'setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet, u direttament responsabbli għall-istrateġija xjentifika tagħha u l-ġestjoni amministrattiva tagħha, li jista' jkun utli wkoll bħala mudell għal iktar indipendenza ta' aġenziji ta' finanzjament oħrajn għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni; jappoġġja iktar trasparenza fil-proċess tal-ħatra tal-Kunsill Xjentifiku u fil-kompożizzjoni tal-panels tar-rieżami; jirrakkomanda li l-KER iżomm appoġġ qawwi għax-xjentisti individwali ta' kwalità; madankollu jitlob lill-KER biex jipprovdi wkoll possibbiltà għal appoġġ ta' proġetti fuq bażi ta' timijiet, dejjem sakemm tali proġetti jiġu ffurmati permezz ta' proċessi minn isfel għal fuq;

15. Jappoġġa, fi ħdan il-kapitolu "Nies", l-azzjonijiet 'Marie Curie', li huma ta' valur kbir għar-riċerkaturi fil-karriera tagħhom, jiżguraw ir-riċerka individwalizzata minn isfel għal fuq f'medda wiesgħa ħafna ta' suġġetti, iwaqqfu il-"brain drain", iġiegħlu l-karrieri ta' riċerka jiġbdu iktar riċerkaturi żgħażagħ promettenti ħafna kemm mill-Ewropa u pajjiżi terzi; b'kunsiderazzjoni tal-livell relattivament ta' applikazzjonijiet żejda, jirrakomanda li l-programm Marie Curie għall-mobilità jitkompla b'riżorsi estiżi fi ħdan is-Seba' Programm Qafas sabiex jissaħħu iktar il-possibilitajiet għall-mobilità ta' riċerkaturi u studenti tad-Dottorati (inkluż bejn is-settur privat u dak akkademiku jew bejn l-Istati Membri, pereżempju billi tiġi introdotta skema ta' vawċer ta' riċerka bil-flus għal-riċerkaturi); madankollu jemmen li fl-Azzjonijiet "Marie Curie" tista' ssir ukoll simplifikazzjoni f'għadd ta' azzjonijiet; jiddispjaċih li l-biċċa l-kbira tax-xogħol xjentifiku li sar fl-UE għadu jsir f'kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji;

16. Iqis li sabiex jiżdiedu r-riżorsi umani ddedikati għar-riċerka fl-Ewropa, huwa meħtieġ li l-karrieri professjonali f'dan il-qasam isiru iktar attraenti billi jiġu eliminati l-ostakoli amministrattivi u jiġi rikonoxxut il-mertu u l-ħin ta' taħriġ u ħidma fi kwlaunkwe ċentru ta' riċerka; għal dan il-għan, iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu sistema komuni biex jevalwaw l-eċċellenza u l-karriera tar-riċerki, kif ukoll biex jevalwaw ir-rendiment tal-universitajiet; jafferma mill-ġdid l-importanza tal-investiment fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet u tar-rabta bejn l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni;

17. Hu xettiku dwar kemm huma eteroġenji l-objettivi tal-kapitolu "Kapaċitajiet" u d-diffikultajiet li jirriżultaw minħabba f'hekk, speċifikament fil-qasam tal-kooperazzjoni internazzjonali u l-progress fuq l-Infrastrutturi tar-Riċerka ewlenin (ESFRI); iqis li hemm ħtieġa ċara għal azzjonijiet favur l-SMEs u l-SMEs innovattivi, u jitlob lill-Kummissjoni biex iżżomm tal-inqas dawn l-azzjonijiet u l-baġit assoċjat magħhom, filwaqt li tieħu passi biex ittejjeb l-implimentazzjoni tagħhom; iqis madankollu li l-proġetti ERA-NET, ERA-NET+ "Infrastruttura" u l-inizjattivi bbażati fuq l-Artikolu 185 jissodisfaw ir-rwol tagħhom biex tinbena ż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER);

18. Jirrikonoxxi li l-"inizjattivi teknoloġiċi konġunti" (ITK) huma ta' utilità għall-kompetittività tal-industrija Ewropea; jiddispjaċih dwar l-ostakli legali u amministrattivi (personalità ġuridika, regoli finanzjarji u, f'xi każijiet ukoll, proprjetà intellettwali), li jistgħu jiskoraġġixxu għadd kbir ta' atturi ta' riċerka ewlenin u SMEs milli jipparteċipaw; jiddispjaċih ukoll dwar il-governanza eteroġenja u l-istrutturi legali u l-ispejjeż għoljin biex l-ITK jibdew jiffunzjonaw kif suppost; jitlob lill-Istati Membri biex jissodisfaw l-obbligazzjonijiet tagħhom ladarba jkunu qablu li jikkofinanzjaw l-ITK; jitlob lill-Kummissjoni tissimplifika r-regoli u r-rati tal-finanzjament għal kategoriji simili ta' parteċipanti fl-ITK kollha li jsegwu l-mudell tas-Seba' Programm Qafas, inkluż f'dak li jirrigwarda l-kofinanzjament nazzjonali; jitlob li jiġi involut iktar mill-qrib fil-kontroll politiku ta' dawn l-istrumenti b'mod partikolari biex jiġi żgurat bilanċ adegwat bejn il-parteċipazzjoni u l-attivitajiet; jenfasizza li dawn l-inizjattivi ma għandhomx iwasslu għall-esternalizzazzjoni tal-finanzjament pubbliku u għandhom jibqgħu fi ħdan il-limiti legali rigward l-għajnuna tal-istat u l-prekompetizzjoni;

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

19. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħti lill-Parlament informazzjoni ċara u dettaljata dwar il-funzjonament tal-ITKs, filwaqt li tiddikjara f'kull każ l-istatus legali tagħhom, in-nies li jikkostitwixxu l-bord governattiv, u l-attivitajiet imwettqa;

20. Jirrikonoxxi l-użu aktar sistematiku ta' sejħiet għal proposti miftuħin wisq (approċċ minn isfel għal fuq) biex tkun żgurata kapaċità għal riċerka fit-tul; jissuġġerixxi, għaldaqstant, il-ħtieġa li jinżamm bilanċ bejn iż-żewġ approċċi (minn isfel għal fuq u minn fuq għal isfel), li jissodisfaw ħtiġijiet speċifiċi; jenfasizza l-ħtieġa li ssir konsulenza u ħidma flimkien mar-riċerkaturi, l-atturi tal-industrija u tas-soċjetà ċivili, sabiex jiġu stabbiliti l-aġendi tar-riċerka;

21. Jemmen li, fil-kuntest ta', b'mod partikolari, l-istrateġija UE 2020 u l-objettiv tat-"tkabbir intelliġenti", huwa meħtieġ li jiġu identifikati l-oqsma tar-riċerka komuni fost dawk li jidhru l-iktar promettenti f'termini ta' applikazzjonijiet konkreti li jippermettu l-ogħla estent ta' kondiviżjoni f'kuntest etiku; jindika li tali oqsma jistgħu jiffurmaw parti minn pjattaforma ta' riċerka komuni ffinanzjata mill-UE u appoġġjata minn netwerk komuni għall-iskambju tad-data, li għandha tiġi ttrattata bħala li għandha importanza ewlenija u interess prijoritarju;

22. Jiddeplora l-fatt li l-finanzjament għar-riċerka għadu frammentat ħafna fl-Ewropa, b'diversi sorsi ta' finanzjament mill-Istati Membri u l-Komunità li għandhom prijoritajiet, kriterji ta' evalwazzjoni, definizzjonijiet u proċeduri differenti li jwassal għal-irduppjar mhux meħtieġ, konfużjoni, żbalji u nuqqas ta' massa kritika; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iqiegħdu l-kwistjonijiet dwar il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn id-diversi programmi tal-UE u nazzjonali fuq nett fl-aġenda tagħhom; jitlob li l-Kummissjoni twettaq analiżi biex ittejjeb ir-rabta bejn l-azzjonijiet Ewropej u nazzjonali, inkluż il-koordinazzjoni possibbli fil-fażijiet tat-tfassil ta' sejħiet għal proposti u proġetti ta' evalwazzjoni, kif ukoll l-identifikazzjoni ta' regoli nazzjonali jew liġijiet li jostakolaw jew jikkumplikaw il-ġestjoni finanzjarja ta' proġetti ta' kooperazzjoni ta' riċerka internazzjonali; jitlob li s-sejħiet għal proposti, inklużi dawk ta' Lulju 2011, jinħarġu flimkien mal-Istati Membri, mingħajr ma jidduplikaw jew jikkompetu mal-inizjattivi nazzjonali, imma li jkunu komplementari għalihom; f'dan ir-rigward, iqis li l-iskema ERA-Net għandha tiġi msaħħa bħala għodda sabiex tappoġġja l-kwalità u l-iżvilupp ta' kriterji għal indikaturi ta' kwalità li jikkostitwixxi l-bażi għall-koordinazzjoniment bejn programmi jew impriżi konġunti; jissuġġerixxi li s-Seba' Programm Qafas għandu jikkumplimenta l-isforzi tal-atturi li jimmaniġġjaw il-programmi nazzjonali involuti fl-ipprogrammar konġunt, biex il-Programmi ta' Qafas RŻT jevolvu minn loġika ta' ġestjoni ta' proġett għal waħda ta' ġestjoni ta' programm iżda mingħajr ma jinjoraw il-ġestjoni ta' proġetti żgħar; jemmen li sabiex l-Ipprogrammazzjoni Konġunta tirnexxi, il-proġetti għandhom jintgħażlu abbażi tal-kwalità, li jitfasslu skont il-karatteristiċi ta' kull settur, ir-rwol ta' koordinazzjoni tal-Kummissjoni għandu jissaħħaħ, u l-Istati Membri li jipparteċipaw għandhom jirrispettaw l-obbligi finanzjarji tagħhom; jitlob li l-aħħar tliet snin tas-Seba' Programm Qafas jiġu ddedikati biex jikkontribwixxu għall-bini taż-ŻER;

23. Huwa xettiku dwar il-fatt li ħafna drabi huwa possibbli biss li tiġi ffinanzjata proposta waħda – u waħda biss – għal kull sejħa, li jwassal għal ħela ta' riżorsi investiti fit-tħejjija u l-valutazzjoni ta' proposti ta' kwalità u n-nuqqas ta' finanzjament ta' ċerti ideat ta' kwalità; jitlob lill-Kummissjoni biex tesplora l-possibbiltà li tiffinanzja proposti ta' riċerka ta' kwalità, mhux magħżula, permezz ta' baġit ta' riċerka addizzjonali (fondi ta' riċerka pariġġ) li se jikkontribwixxu għalihom l-Istati Membri, il-fondi reġjonali u strutturali u s-settur privat;

24. Jissottolinja l-importanza tal-azzjonijiet diretti taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka u l-kontribuzzjoni tagħhom għall-iżvilupp sostenibbli, il-kompetittività u s-sigurtà u s-sikurezza tal-enerġija nukleari;

25. Jirrikonoxxi l-importanza tal-proġett tal-BSI (Interkonnessjoni għall-Baħar l-Iswed) f'termini ta' ħolqien ta' netwerk ta' riċerka reġjonali u edukazzjoni fl-ikbar żona tal-Baħar l-Iswed u l-konnessjoni tagħha mal-GEANT, u jitlob lill-Kummissjoni biex tkompli tappoġġja proġetti ta' riċerka fil-BSR (Ir-Reġjun tal-Baħar l-Iswed) bħall-HP-SEE, SEE-GRID, SCENE, CAREN u BSRN;

26. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura, fil-kuntest tas-Seba' Programm Qafas u l-qafas finanzjarju futur, livell xieraq ta' finanzjament ta' Riċerka u Żvilupp għall-applikazzjonijiet u s-servizzi tal-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS);

27. Jenfasizza li r-riċerka kollha mwettqa fis-Seba' Programm Qafas għandha tiġi mwettqa skont id-drittijiet fundamentali kif espressi fil-Karta Ewropea; għalhekk, iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni biex minnufih tagħmel id-dokumenti kollha relatati ma' INDECT (proġett ta' riċerka ffinanzjat mis-Seba' Programm Qafas immirat biex jiżviluppa sistema ta' osservazzjoni awtomatizzata li tissorvelja b'mod kostanti websajts, kameras ta' sorveljanza u sistemi individwali tal-kompjuter) disponibbli u tiddefinixxi mandat ċar u strett għall-għan tar-riċerka, l-applikazzjoni u l-utenti finali ta' INDECT; jenfasizza li qabel ma ssir investigazzjoni bir-reqqa dwar l-impatti possibbli kollha fuq id-drittijiet fundamentali, INDECT m'għandux jirċievi fondi mis-Seba' Programm Qafas;

***Parteċipazzjoni fis-Seba' Programm Qafas***

28. Jenfasizza li ma jidhirx li l-industrija qed tippreżenta rati ta' parteċipazzjoni ogħla meta mqabbla mal-programmi qafas preċedenti, speċjalment fil-kapitolu "Kooperazzjoni"; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tfassal analiżi dettaljata dwar il-kapaċità tal-Programm li jagħti spinta ikbar lill-investimenti tas-settur privat;

29. Jemmen li l-proċeduri tas-sejħiet kompetittivi għal sħab addizzjonali għandhom ikunu bbażati fuq il-premessa bażika li l-kumpaniji u r-riċerkaturi involuti jkollhom l-iktar għarfien profond possibbli dwar il-proġett u dwar liema msieħeb l-iktar li għandhom bżonn u li, minflok tobbligahom isegwu l-listi ta' klassifikazzjoni tal-esperti ta' evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tevalwa ġustifikazzjoni bil-miktub tal-għażla magħmula mill-konsorzju;

30. Jifraħ bir-riżultati tas-Seba' Programm Qafas għall-benefiċċju tal-SMEs, kemm f'dak li jikkonċerna l-miżuri ta' appoġġ għall-SMEs fil-kapitolu "Kapċità", il-programm "Eurostars" u l-objettiv ta' 15 % stabbilit fil-kapitolu "Kooperazzjoni"; sabiex tkun iffaċilitata iktar il-parteċipazzjoni tal-SMEs, jitlob li jiġu ppubblikati iktar sejħiet mhux tematiċi għall-SMEs, jiġu ppubblikati iktar ta' spiss sejħiet għal proposti għal attivitajiet speċifiċi għal SMEs (jew li jkun hemm sejħa miftuħa permanenti), iktar simplifikazzjoni tar-regoli (inkluż regoli għall-programm "Eurostars") u t-tnaqqis tal-perjodu ta' żmien li fih jistgħu jingħataw il-fondi; jirrakkomanda li l-SMEs huma iktar involuti b'mod attiv fil-proċess tal-isfruttar tar-riżultati miksuba;

31. Jemmen li l-parteċipazzjoni ta' xjentisti żgħażagħ f'timijiet ta' proġetti fil-kuntest ta' attivitajiet ta' riċerka kollaborattivi mill-organizzazzjoni tal-industrija u tax-xjenza għandha tiġi inċentivata; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri speċifiċi mfassla biex iżidu l-parteċipazzjoni ta' riċerkaturi żgħażagħ fil-programmi ta' qafas; jitlob lill-Kummissjoni biex tuża r-rieżami ta' nofs it-terminu tas-Seba' Programm Qafas biex tippromwovi l-impjieg ta' xjentisti żgħażagħ billi tfassal ir-regoli u l-modi ta' parteċipazzjoni b'tali mod li tiddedika porzjon sostanzjali tal-finanzjament għall-impjieg ta' riċerkaturi żgħażagħ;

32. Jinnota bi tħassib il-parteċipazzjoni relattivament baxxa ta' ċerti Stati Membri fis-Seba' Programm Qafas, li ma tikkontribwixxix għall-koeżjoni territorjali u żvilupp ibbilanċjat fl-Ewropa; hu tal-fehma li koordinazzjoni aħjar, koerenza u sinerġija tas-Seba' Programm Qafas mal-Fondi Strutturali ta' Koeżjoni, kif ukoll l-użu aħjar tal-programm People, jistgħu jtejbu l-parteċipazzjoni tal-Istati Membri sottorappreżentati; jemmen li bl-użu tal-Fondi Strutturali biex tissaħħaħ l-infrastruttura tar-riċerka u jitkattar il-bini tal-kapaċità fir-riċerka u l-innovazzjoni, l-Istati Membri kollha jistgħu jiksbu livell ogħla ta' kwalità (il-passaġġ għall-eċċellenza); jilqa' għalhekk l-istabbiliment tal-Grupp ta' Esperti dwar is-Sinerġiji (SEG), li ġie stabbiliti sabiex jintlaħqu sinerġiji bejn is-Seba' Programm Qafas, il-Fondi Strutturali u l-Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP); madankollu jenfasizza l-ħtieġa assoluta li ssir distinzjoni bejn kriterji għas-Seba' Programm Qafas u l-Fondi Strutturali, peress li l-prinċipju tal-eċċellenza (taħt it-tmexxija unika u l-koordinazzjoni tal-Kummissjoni) għandu jieħu preċedenza meta jiġu allokati l-fondi tas-Seba' Programm Qafas u b'hekk jiġi żgurat valur miżjud massimu għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fl-Ewropa; jindika b'sodisfazzjoni li, għall-perjodu 2007-2013, fil-Fondi ta' Koeżjoni EUR 86 biljun huma allokati għall-appoġġ tal-innovazzjoni (25 % tal-ammont totali), li minnhom l-allokazzjoni għar-riċerka ewlenija u l-iżvilupp teknoloġiku tammonta għal EUR 50 biljun, ekwivalenti għall-baġit totali tas-Seba' Programm Qafas; jenfasizza l-importanza tad-dimensjoni territorjali tar-riċerka u l-iżvilupp, billi jitiqesu l-ħtiġijiet speċifiċi u l-kapaċitajiet tat-territorji meta jitfasslu politiki ("speċjalizzazzjoni intelliġenti"); għalhekk, iqis l-involviment tal-awtoritajiet reġjonali u lokali bħala kruċjali fit-tisħiħ tal-kapaċità ta' riċerka u innovazzjoni tar-reġjun tagħhom; jirrakkomanda li l-fondi attwali li għadhom ma ntefqux li għadhom fil-baġit tal-UE u li se jibqgħu sa tmiem l-2013 u dawk ipprogrammati għall-perjodu 2014-2020 jiġu orjentati b'mod iktar qawwi lejn l-innovazzjoni, ix-xjenza u r-riċerka, kemm f'termini ta' riżorsi umani u żvilupp, kif ukoll infrastruttura;

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

33. Jilqa' l-progress mexxej iżda timidu lejn parteċipazzjoni iktar ibbilanċjata f'dak li jirrigwarda s-sessi fis-Seba' Programm Qafas, minħabba li d-diversità hija importanti għall-kreattività u l-innovazzjoni; jindika li riċerkaturi nisa jaħdmu iktar fuq proġetti ta' riċerka u kompiti iżgħar u inqas magħrufa u li jidher li jeżisti saqaf tal-ħġieġ problematiku ħafna għar-riċerkaturi nisa, li jwassal għal tnaqqis fis-sehem ta' riċerkaturi nisa avvanzati, kif jidher ukoll fl-għadd baxx ta' riċerkaturi nisa magħżula għall-għotja tal-investigatur avvanzat tal-KER; jaqbel li l-miżuri li jagħtu spinta lill-parteċipazzjoni tan-nisa għandhom jiġu rrinforzati tul iċ-ċikli tal-ħajja tal-proġett (b'attenzjoni partikolari għas-sigħat ta' xogħol flessibbli, faċilitajiet tal-kura tat-tfal imtejba, dispożizzjonijiet ta' sigurtà soċjali u liv tal-ġenituri) u li l-Kummissjoni għandha terġa' ssaħħaħ l-approċċ tagħha biex tippromovi x-xjentisti nisa u għandha timmira li tiggalvanizza lill-Istati Membri biex jindirizzaw differenzi bejn is-sessi; jissottolinja li l-mira ta' 40 % għall-parteċipazzjoni tan-nisa fil-Programm u l-Kumitati Konsultattivi għandha tiġi implimentata b'mod sensittiv; jitlob lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi kumitat orizzontali biex jissorvelja u jagħti pariri dwar ir-rappreżentazzjoni tar-riċerkaturi nisa u tiżviluppa Pjan ta' Azzjoni tas-Sessi kif ġie rakkomandat mill-Ex Post Evalwazzjoni tas-Seba' Programm Qafas; jitlob lill-universitajiet u lill-Istituzzjonijiet tal-UE biex jippromovu x-xjenza bħala qasam interessanti għaż-żewġ sessi mill-istadji bikrin tal-edukazzjoni, billi jippromwovu riċerkaturi nisa bħala xempji pożittivi;

34. Jitlob rikonoxximent fil-livell reġjonali tar-rwol importanti tal-organizzazzjonijiet intermedjarji (bħal kmamar tal-kummerċ, in-Netwerk tal-Ewropa għall-Intrapriżi u aġenziji ta' innovazzjoni reġjonali) bħala rabta bejn l-SMEs innovattivi f'kull reġjun u l-Kummissjoni;

35. Jemmen li l-programmi għandhom jinfetħu għal sħab internazzjonali; jenfasizza li l-prinċipju bażiku għandu jkun li l-programmi kollha għandhom ikunu miftuħa għall-finanzjament tal-gruppi barranin ukoll (skont il-kompetenzi speċifiċi); jirrifjuta l-idea li l-Kummissjoni tkun f'pożizzjoni aħjar milli r-riċerkaturi biex tiddetermina l-għażla tas-sħab għall-kooperazzjoni;

36. Hu tal-opinjoni li s-Seba' Programm Qafas għandu jafferma l-prijoritajiet tiegħu fil-qasam tal-kooperazzjoni internazzjonali; hu tal-fehma li l-għażla tal-pajjiżi u s-suġġetti mmirati għall-azzjonijiet ta' kooperazzjoni internazzjonali għandha titwettaq flimkien mal-Istati Membri sabiex jiżgura l-kumplimentaritajiet ta' dawn l-azzjonijiet mal-partijiet involuti kollha; madankollu, jafferma mill-ġdid li għandha tingħata attenzjoni lill-kooperazzjoni mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

***Finanzjament***

37. Jikkunsidra li mill-inqas għandu jinżamm il-livell ta' finanzjament tas-Seba' Programm Qafas li hu kredibbli u meħtieġ, sabiex jingħelbu l-isfidi soċjetali kbar u jfakkar li l-investiment fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni hu investiment fit-tul u jikkostitwixxi element determinanti li jippermetti li jintlaħqu l-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020;

38. Jemmen li n-nefqa tas-Seba' Programm Qafas, kif ukoll l-orjentazzjoni tar-riċerka ġenerali, għandhom jiġu allinjati kemm jista' jkun bl-objettivi prominenti tal-politika stabbiliti fl-istrateġija Ewropa 2020; jemmen li progress xjentifiku fuq sfidi kbar jeħtieġ impenn f'terminu medju jew fit-tul tal-istrumenti ta' finanzjament li jappoġġjaw kemm ir-riċerka fundamentali kif ukoll il-kollaborazzjoni mal-industrija u sħab esterni oħra;

39. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-infrastrutturi ta' riċerka u jenfasizza li l-iżvilupp u l-finanzjament tagħhom (abbażi tal-lista tal-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastruttura tar-Riċerka u inkluż l-għoti ta' tagħmir tal-laboratorji u strumenti u l-manutenzjoni tagħhom) għandhom jibbenefikaw minn koordinazzjoni aħjar u kofinanzjament bejn is-Seba' Programm Qafas, l-istrumenti tal-BEI, il-Fondi Strutturali u l-politiki nazzjonali u reġjonali; jemmen li d-dupplikazzjoni tal-infrastruttura tar-riċerka fi Stati Membri differenti għandha tiġi evitata u li aċċess miftuħ u bbażat fuq il-kwalità għal infrastrutturi ta' riċerka għandu jittejjeb; jitlob li jsiru sforzi għat-tisħiħ tal-infrastrutturi tar-riċerka fis-Seba' Programm Qafas, speċjalment fejn hemm l-ikbar kamp ta' applikazzjoni għal valur miżjud fil-livell tal-UE;

40. Iqis li l-benefiċjarji tal-finanzjament tal-infrastruttura tar-riċerka għandhom jiġġustifikaw biċ-ċar ir-rwol tagħhom u l-użu tat-tagħmir, laboratorji u riċerka jew persunal tekniku; għal dan l-għan, jemmen li għandha tinħoloq sistema ta' monitoraġġ u spezzjoni li tivverifika l-konformità tal-ftehimiet;

41. Jistieden lill-Istati Membri u l-UE jirrispettaw l-impenji finanzjarji tagħhom, inkluż impenji għal azzjonijiet abbażi tal-Artikoli 185 u 187, fil-qafas tal-ftehimiet internazzjonali fil-qasam tar-riċerka;

42. Jitlob lill-Kummissjoni – meta wieħed iqis l-objettiv li 3 % tal-PDG jiġu ddedikati għall-iżvilupp tar-riċerka u dak teknoloġiku sal-2020 u bir-rikonoxximent li r-riċerka u l-innovazzjoni jipprovdu l-unika direzzjoni ċerta lejn l-irkupru ekonomiku fl-UE – biex tqis il-possibilità li tistabbilixxi livell interim vinkolanti ta' finanzjament għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku li jammonta għal madwar 1 % tal-PDG sal-2015;

***Ir-rwol tal-innovazzjoni***

43. Jinnota tisħiħ tad-dimensjoni "innovazzjoni" fi programmi ta' ħidma futuri; hu tal-fehma li, sabiex il-programmi ta' riċerka u innovazzjoni jkollhom impatt ċar fuq is-suq u s-soċjetà, għandhom jitwettqu azzjonijiet li jippermettu l-isfruttar u l-kummerċjalizzazzjoni massimi ta' riżultati ta' riċerka, bħall-indirizzar tal-potenzjal tal-kummerċjalizzazzjoni tar-riżultati ta' riċerka f'sejħiet speċifiċi jew il-kriterji tal-evalwazzjoni f'oqsma partikolari; jitlob lill-Kummissjoni tibda tiffinanzja proġetti ta' dimostrazzjoni, pilota u li juru l-kunċett qabel tmiem is-Seba' Programm Qafas u tqis sistema ta' finanzjament biex tippremja l-proġetti li jirnexxu u tappoġġa l-introduzzjoni tagħhom fis-suq biex jikkumplimentaw il-finanzjament minn qabel kif qed isir bħalissa; jemmen, ukoll f'dan ir-rigward, li hemm ħtieġa għall-koordinazzjoni mill-qrib bejn is-Seba' Programm Qafas, is-CIP u l-Fondi Strutturali;

44. Jinnota li jekk is-Seba' Programm Qafas ikun strutturat b'tali mod li jagħmel distinzjoni bejn ix-xjenza għall-finijiet tax-xjenza, ix-xjenza għall-kompetizzjoni, u x-xjenza għas-soċjetà, hemm riskju li t-transizzjoni gradwali mir-riċerka bażika għar-riċerka applikata u l-innovazzjoni ma tiġix meqjusa; jindika l-ħtieġa li jkun hemm prevenzjoni tal-implimentazzjoni b'suċċess tal-proġetti integrati li qed jiġu ostakolati mir-riġidità strutturali;

45. Jemmen li kemm is-Seba' Programm Qafas kif ukoll it-Tmien Programm Qafas futur għandhom jagħtu kontribuzzjoni ikbar għall-iżvilupp tal-industrija fl-Ewropa, u jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu r-riċerka applikata;

46. Filwaqt li hu rikonoxxut li s-Seba' Programm Qafas hu mmirat primarjament lejn ir-riċerka u l-iżvilupp tekonoloġiku, jenfasizza l-importanza tat-tfassil ta' politiki u programmi tal-UE b'tali mod li s-sinerġiji fi ħdan il-katina ta' valur sħiħa tar-riċerka u l-iżvilupp (mir-riċerka u l-edukazzjoni, sal-innovazzjoni, għall-ħolqien tal-impjiegi) jiġu sfruttati kemm jista' jkun; jemmen li dan huwa l-uniku mod li bih jistgħu jinkisbu l-għanijiet stabbiliti fl-"Unjoni tal-Innovazzjoni" u biex titħaffef it-trasformazzjoni tal-Ewropa f'soċjetà bbażata fuq l-għarfien; f'dan ir-rigward, filwaqt li jintlaqa' l-iżvilupp attwali ta' tabella tal-innovazzjoni, jitlob għal definizzjoni wiesgħa tal-innovazzjoni (inkluż l-innovazzjoni mhux teknoloġika u dik immexxija mill-impjegati) u għall-iżvilupp ta' mudelli iktar effikaċi, metodoloġiji u strumenti biex titkejjel l-innovazzjoni u tingħata spinta, inkluż permezz tal-akkwist pubbliku, l-istabbiliment ta' standards u l-inġinerija tal-finanzjament;

47. Jirrikonoxxi li l-Pjattaformi Teknoloġiċi Ewropej, l-ITKs u l-PPPs jikkontribwixxu għal parteċipazzjoni akbar min-naħa tas-settur industrijali u jitlob għall-konsolidazzjoni tagħhom fi programmi futuri; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żgurati regoli adegwati għal parteċipazzjoni (inkluż regoli tal-proprjetà intellettwali) u rati ta' finanzjament (inkluż rati ta' finanzjament għal spejjeż indiretti), kif ukoll għall-ħidma għal iktar simplifikazzjoni, sabiex jattiraw numru ikbar ta' SMEs, istituti ta' riċerka pubbliċi u organizzazzjonijiet ta' riċerka iżgħar u sabiex jiġi żgurat bilanċ aħjar fl-aċċess tal-partijiet interessati u l-parteċipazzjoni tagħhom fl-ITKs u l-PPPs;

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

***Monitoraġġ tal-miżuri ta' simplifikazzjoni***

48. Jinsab imħasseb dwar il-piż amministrattiv eċċessiv tas-Seba' Programm Qafas; jenfasizza li miżuri ta' simplifikazzjoni li ma jeħtieġux bidla fir-regolament għandhom jiġu implimentati mill-iktar fis possibbli, filwaqt li jiġu rrispettati s-simpliċità, l-istabbiltà, il-konsistenza, iċ-ċertezza legali, it-trasparenza, l-eċċellenza u l-fiduċja, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tesplora iktar miżuri ta' simplifikazzjoni, inklużi kontribuzzjonijiet in natura minn applikanti, kif ukoll iktar allinjament mal-metodi ta' kalkolu u kontabilità użati f'sistemi ta' finanzjament nazzjonali; Jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri urġenti biex tqassar b'mod sinifikanti ż-żmien mill-applikazzjoni u l-għotja, tnaqqas il-proċeduri burokratiċi għat-tħejjija, il-preżentazzjoni u l-valutazzjoni tal-proġett (inkluż permezz tal-użu ta' portal ta' applikazzjoni tal-UE bbażat fuq il-mudell ekwivalenti tal-Istati Uniti), tnaqqas l-għadd ta' rapporti perjodiċi ta' status finanzjarju u l-awditjar ta' dokumenti għal kull perjodu ta' rappurtar, u ssib bilanċ aħjar bejn ir-riskju u l-kontroll tar-riċerka; jenfasizza li l-kultura attwali ta' kontra r-riskji tal-politika tar-riċerka tal-UE ma tkunx tippermetti finanzjament ta' ideat ta' riċerka b'riskji għolja li għandhom l-ogħla potenzjal għal skoperti ġodda, u għalhekk jissuġġerixxi approċċ ibbażat fuq il-fiduċja b'iktar permessività għar-riskju u għall-falliment, għall-kuntrarju ta' approċċ ibbażat biss fuq il-ksib ta' riżultati li jista' jxekkel ir-riċerka innovattiva; jirrakkomanda interpretazzjoni simplifikata u kjarifika ulterjuri tad-definizzjoni tal-ispejjeż eleġibbli; jappoġġa l-proposta għal reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju biex jiġu ssemplifikati l-proċeduri u jitlob reviżjoni u/jew interpretazzjoni estiża tar-Regolamenti tal-Persunal tal-UE dwar il-kwistjoni tar-responsabilità personali; jitlob għal regoli proċedurali iktar preċiżi, konsistenti u trasparenti għall-awditjar, inkluż permezz ta' teħid ta' kampjuni inqas spontanju u kriterji iktar realistiċi, bħall-esperjenza ta' parteċipanti u l-isfond tal-iżbalji u l-konformità;

49. Itenni l-importanza li jiddaħħlu bla dewmien miżuri ta' semplifikazzjoni proċedurali, amministrattiva u finanzjarja fil-ġestjoni attwali tas-Seba' Programm Qafas, kif ġew identifikati fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-11 ta' Novembru 2010; jilqa' d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Jannar 2011 li tintroduċi tliet miżuri ta' simplifikazzjoni, kif ukoll il-ħolqien ta' Faċilità ta' Reġistrazzjoni Unika; jistieden lill-Kummissjoni biex timplimenta immedjatament dawn il-miżuri b'mod uniformiu biex tinvestiga fejn għad hemm il-possibbiltà ta' miżuri ta' simplikazzjoni addizzjonali; jiddispjaċih dwar il-problemi serji tal-interpretazzjoni u l-inċertezza legali għall-parteċipanti tas-Seba' Programm Qafas u jtenni r-rieda tiegħu biex il-proċedimenti legali bejn il-Kummissjoni u l-benefiċjarji fir-rigward tal-programmi qafas kollha jissolvew malajr waqt li jiġi rispettat il-prinċipju ta' ġestjoni serja tal-flus pubbliċi; jitlob lill-Kummissjoni biex tippermetti lill-benefiċjarji jikkonsultaw lill-Kumitat tal-Approvazzjoni tar-Riċerka waqt jew wara proġett biex jiċċaraw kwistjonijiet relatati mal-kalkolu tal-ispejjeż, regoli għall-parteċipazzjoni u verifiki, inkluż verifiki ex post; jenfasizza l-ħtieġa li dak li jaħdem jinżamm kif inhu u jinbidlu biss ir-regoli li jeħtieġ li jiġu adattati;

50. Jitlob għal miżuri biex inaqqsu l-ħin sa ma tingħata l-għotja mmirati lejn it-titjib tal-perċentwal tal-għotjiet iffirmati f'inqas minn tmien xhur b'ċertu perċentwal sal-2011 u inqas minn sitt xhur waqt il-perjodu li jifdal;

51. Jilqa' pożittivament ir-rakkomandazzjonijiet biex jitqassar iż-żmien ta' aġġudikazzjoni, u jitlob li ssir evalwazzjoni tal-istrumenti eżistenti qabel ma jinħolqu strumenti ġodda fil-qafas tas-Seba' Programm Qafas;

52. Jipproponi li l-Kummissjoni tgħin lill-korpi pubbliċi biex itejbu s-sistemi ta' ġestjoni tagħhom billi jwettqu valutazzjonijiet mingħajr konsegwenzi finanzjarji li jinkoraġixxi lil dawn il-korpi biex iwettqu numru ta' azzjonijiet biex itejbu l-ġestjoni tal-proġetti tagħhom u jimplimentawhom sa skadenza speċifika ta' inqas minn sena;

***Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (RSFF)***

53. Iqis li l-RSFF kellu rwol ta' katalist ewlieni kemm f'termini kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi għaż-żieda tal-investimenti fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fi żmien ta' kriżi fejn is-settur bankarju ma kienx f'pożizzjoni li jwettaq dak ir-rwol, bir-riżultat ta' EUR 8 biljun ta' self li wasslu għal iktar minn EUR 20 biljun f'investimenti;

54. Jesprimi madankollu t-tħassib tiegħu fid-dawl tal-ammonti minimi allokati għall-infrastrutturi ta' riċerka, l-universitajiet u l-entitajiet ta' riċerka u l-SMEs, partikolarment l-SMEs innovattivi, kif ukoll minħabba l-iżbilanċ ġeografiku u settorjali li tqies fis-self allokat; jappoġġa, għalhekk, ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi li saru mill-grupp espert, maħsuba għat-titjib tal-parteċipazzjoni ta' ċerti gruppi ta' mira li mhumiex rappreżentati biżżejjed u japprova l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-4 ta' Frar 2011, speċjalment it-talba tiegħu biex l-għażliet possibbli kollha jiġu esplorati fil-perspettiva tal-valorizzazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fuq il-livell Ewropew, b'mod partikolari biex jiffaċilita l-aċċess tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fis-suq tal-għarfien;

55. Jesprimi dispjaċir li l-proġetti tal-RSFF huma attivi biss fi 18-il Stat Membru tal-UE u żewġ pajjiżi assoċjati, u li l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, l-universitajiet/il-korpi ta' riċerka u l-faċilitajiet ta' riċerka attwalment mhumiex rappreżentati biżżejjed fl-RSFF; jitlob lill-Kummissjoni biex tevalwa r-raġunijiet għaliex id-disa' Stati Membri l-oħra tal-UE ma użawx din il-faċilità l-ġdida, li uriet li tikkontribwixxi b'mod deċiżiv biex iżżid il-finanzjament tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, u tiżgura l-partċipazzjoni tal-pajjiżi kollha kkonċernati;

56. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinvestigaw ir-reklamar rigward id-disponibilità tas-self tal-RSFF fil-livell tal-Istati Membri u biex jiżguraw li l-parteċipanti potenzjali jkollhom informazzjoni u għajnuna adegwati biex jaċċessaw is-self tal-RSFF, speċjalment f'dawk l-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-Euro;

57. Jirrakkomanda li l-applikazzjoni ta' dan l-istrument finanzjarju innovattiv tkun segwita u intensifikata fis-Seba' Programm Qafas u għall-futur fit-Tmien Programm Qafas biex jikkontribwixxi għat-titjib tal-aċċess għall-finanzjament u biex jiffavorixxi l-investimenti privati; jenfasizza l-ħtieġa li jiżgura li dawn l-istrumenti finanzjarji huma adattati għall-SMEs;

***Konklużjoni ġenerali u orjentazzjonijiet futuri***

58. Jitlob għall-użu tas-Seba' Programm Qafas biex jitqiesu l-konsegwenzi differenti f'kull Stat Membru tal-kriżi ekonomika għall-aħħar snin tal-programm (2011-2013), minħabba ċ-ċifri konsiderevoli (EUR 28.8 biljun fuq tliet snin) li għad irid jiġi ppjanat, l-objettivi li għandhom jinkisbu għall-UE 2020 u t-tħejjija għaż-Żona Ewropea ta' Riċerka u l-Unjoni tal-Innovazzjoni; b'mod partikolari, jitlob l-allinjament tal-objettivi tal-programm tas-Seba' Programm Qafas mal-istrateġiji tal-UE dwar l-Effiċjenza tar-Riżorsi, il-Materji Primi u l-Aġenda Diġitali;

59. Jemmen li s-somom li jifdal ma għandhomx jitneħħew mir-riċerka u użati għal programmi jew strumenti oħra li ma jaqgħux fis-settur tar-riċerka u l-innovazzjoni jew l-objettivi u l-kamp ta' applikazzjoni tas-Seba' Programm Qafas;

60. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jissaħħaħ, jiġi stimulat u jiġi żgurat il-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp fl-Unjoni peremzz ta' żieda sinifikanti fl-infiq relevanti wara l-2013; hu tal-fehma li din iż-żieda fil-finanzjament, idealment permezz tal-irduppjar tal-baġit, għandha trawwem tkabbir sostenibbli u kompetizzjoni permezz tal-eċċellenza; jenfasizza hawnhekk li din iż-żieda fil-fondi għandha tkun marbuta ma' approċċ iktar orjentat lejn ir-riżultati, xprunati mill-prestazzjoni u b'simplifikazzjoni radikali tal-proċeduri tal-finanzjament; jappoġġa iktar kollaborazzjoni u kooperazzjoni bejn id-diversi programmi tal-UE għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, pereżempju bit-titolu "Qafas Strateġiku Komuni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni"; jemmen li l-kontinwità tal-programm futur, ladarba jiġi stabbilit, hija importanti għall-atturi kollha involuti;

61. Jenfasizza li huwa importanti li titqies il-valutazzjoni tar-riżultati miksuba fl-oqsma kollha ddefiniti bħala prijoritajiet politiċi għall-finanzjament, u kemm kienu effikaċi, sabiex titjieb l-evalwazzjoni ta' programmi futuri;

*

* *

62. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

# Relazzjonijiet kummerċjali UE-Kanada

P7_TA(2011)0257

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u l-Kanada**

(2012/C 380 E/04)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni tad-9 ta Novembru 2010 bit-titolu "Kummerċ, Tkabbir u Affarijiet Dinjija – Il-Politika tal-Kummerċ bħala element prinċipali mill-Istrateġija tal-UE 2020" (COM(2010)0612), u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-7 ta' Lulju 2010 bit-titolu "Lejn politika komprensiva ta' investiment internazzjonali Ewropew" (COM(2010)0343),

— wara li kkunsidra l-Istudju Konġunt bejn il-Kummissjoni u l-Gvern tal-Kanada bl-isem "Assessing the costs and benefits of a closer EU-Canada economic partnership" (Il-valutazzjoni tal-ispejjeż u l-benefiċċji ta' sħubija ekonomika aktar mill-qrib bejn l-UE u l-Kanada) ta' Ottubru 2008 ([1]), u r-Rapport Konġunt dwar l-Eżerċizzju dwar l-Ambitu UE-Kanada tal-5 ta' Marzu 2009 ([2]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Samit UE-Kanada rigward ftehim komprensiv ta' sħubija ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada, iffirmata fi Praga fis-6 ta' Mejju 2009 (Dokument tal-Kunsill. 09547/2009),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2010 dwar il-modifika tad-direttivi ta' negozjati għal Ftehim ta' Integrazzjoni Ekonomika mal-Kanada sabiex il-Kummissjoni tiġi awtorizzata tinnegozja, f'isem l-Unjoni, dwar l-investiment (SEC(2010)1577),

— wara li kkunsidra r-Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew tal-10 ta' Marzu 2011 bl-isem "Rapport dwar l-Ostakoli għall-Kummerċ u l-Investiment 2011 – Nimpenjaw lill-imsieħba ekonomiċi strateġiċi tagħna fuq l-aċċess imtejjeb għas-suq: Prijoritajiet għall-azzjoni dwar it-tneħħija tal-ostakoli għall-kummerċ" (COM(2011)0114),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu, b'mod partikolari r-riżoluzzjoni tat-22 ta' Mejju 2007 dwar L-Ewropa Globali: l-aspetti esterni tal-kompetittività ([3]), ir-riżoluzzjoni tad-19 ta' Frar 2008 dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea li tiżgura aċċess għas-suq għall-kumpaniji Ewropej ([4]), ir-riżoluzzjoni tal-20 ta' Mejju 2008 dwar il-kummerċ ta' materja prima u ta' prodotti bażiċi ([5]), ir-riżoluzzjoni tal-4 ta' Settembru 2008 dwar il-kummerċ fis-servizzi ([6]), ir-riżoluzzjoni tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-impatt tal-iffalsifikar fuq il-kummerċ internazzjonali ([7]), ir-riżoluzzjoni tal-5 ta' Frar 2009 dwar it-tisħiħ tal-irwol tal-SMEs Ewropej fil-kummerċ internazzjonali ([8]), ir-riżoluzzjoni tal-5 ta' Mejju 2010 dwar is-Samit UE-Kanada ([9]), ir-riżoluzzjoni tal-25 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali fil-ftehimiet ta' kummerċ internazzjonali ([10]), ir-riżoluzzjoni tal-25 ta' Novembru 2010 dwar il-kummerċ internazzjonali fil-kuntest tal-imperattivi marbuta mat-tibdil fil-klima ([11]), ir-riżoluzzjoni tal-25 ta' Novembru 2010 dwar ir-responsabilità soċjali tal-kumpaniji fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali ([12]), ir-riżoluzzjoni tas-17 ta' Frar 2011 dwar l-Istrateġija Ewropa 2020 ([13]), u r-riżoluzzjoni tas-6 ta' April 2011 dwar politika Ewropea futura dwar l-investiment internazzjonali ([14]),

---

([1]) http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2008/october/tradoc_141032.pdf
([2]) http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2009/march/tradoc_142470.pdf
([3]) ĠU C 102 E, 24.4.2008, p. 128.
([4]) ĠU C 184 E, 6.8.2009, p. 16.
([5]) ĠU C 279 E, 19.11.2009, p. 5.
([6]) ĠU C 295 E, 4.12.2009, p. 67.
([7]) ĠU C 45 E, 23.2.2010, p. 47.
([8]) ĠU C 67E, 18.3.2010, p. 101.
([9]) ĠU C 81 E, 15.3.2011, p. 64.
([10]) Testi adottati, P7_TA(2010)0434.
([11]) Testi adottati, P7_TA(2010)0445.
([12]) Testi adottati, P7_TA(2010)0446.
([13]) Testi adottati, P7_TA(2011)0068.
([14]) Testi adottati, P7_TA(2011)0141.

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta Qafas għall-kooperazzjoni kummerċjali u ekonomika bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Kanada ([1]), u ftehimiet sussegwenti bilaterali oħrajn mal-Kanada, b'mod partikolari l-Ftehim dwar il-kooperazzjoni doganali u l-għajnuna reċiproka dwar materji doganali ([2]), il-Ftehim rigward miżuri sanitarji għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika u tal-annimali fir-rigward tal-kummerċ f'annimali ħajjin u prodotti mill-annimali ([3]), il-Ftehim dwar il-kummerċ fl-inbejjed u x-xorb alkoħoliku ([4]), il-Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili ([5]), u l-Ftehim dwar it-trasport bl-ajru ([6]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas rivedut dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea ([7]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 207(3) u 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi s-sistema kummerċjali multilaterali bbażata fuq ir-regoli, stabbilita permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), għadha tirrappreżenta l-aktar qafas xieraq għar-regolazzjoni u l-promozzjoni ta' kummerċ ġust u ekwitabbli permezz tal-iżvilupp ta' regoli xierqa u l-iżgurar tal-konformità ma' dawn ir-regoli,

B. billi l-konklużjoni pożittiva tal-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp (DDA) hija ta' importanza kruċjali għall-iżvilupp ulterjuri tad-WTO; billi ftehim bħal dan ma jipprekludix ftehimiet bilaterali li jmorru lil hinn mill-impenji tad-WTO u li jkunu komplementari għar-regoli multilaterali,

C. billi l-Kanada hija waħda mis-sħab l-iktar antiki kif ukoll waħda mill-eqreb sħab tal-UE, peress li kienet l-ewwel pajjiż industrijali li miegħu l-UE ffirmat Ftehim ta' Qafas għal kooperazzjoni kummerċjali u ekonomika fl-1976; billi għadd ta' ftehimiet bilaterali mfassla biex jiġu ffaċilitati rabtiet kummerċjali eqreb ġew iffirmati matul is-snin,

D. billi, l-UE hija t-tieni l-aktar sieħba kummerċjali importanti tal-Kanada u attwalment il-Kanada hija l-ħdax l-aktar sieħba kummerċjali importanti tal-UE (2009); billi l-Kanada hija r-raba' l-akbar sors ta' investiment barrani dirett (IBD) fl-UE, filwaqt li l-UE hija t-tieni l-akbar sors ta' IBD fil-Kanada (2008),

E. billi l-Istudju Konġunt tal-2008 wera benefiċċji potenzjali sinifikanti kemm għall-Kanada kif ukoll għall-UE li jistgħu jirriżultaw mil-liberalizzazzjoni tal-kummerċ bilaterali tagħhom,

F. billi s-setturi privati kemm fl-UE kif ukoll fil-Kanada wrew sostenn qawwi għal ftehim ekonomiku ambizzjuż u komprensiv u jemmen li l-promozzjoni ta' sħubija ekonomika aktar mill-qrib bejn l-UE u l-Kanada tibgħat sinjal qawwi favur it-tkabbir lill-investituri u lin-negozji fl-UE u fil-Kanada kif ukoll internazzjonalment,

G. billi hemm kunsens ġenerali li relazzjoni ekonomika bejn l-UE u l-Kanada għadha ma laħqitx il-potenzjal sħiħ tagħha u li ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-UE u l-Kanada jista' jikkontribwixxi b'mod qawwi għall-iżvilupp u t-twettiq ta' dan billi jittejbu l-kummerċ u l-flussi tal-investiment filwaqt li jitneħħew it-tariffi, it-tariffi għolja u l-ostakoli non-tariffarji mhux iġġustifikati u tiġi appoġġata l-kooperazzjoni aktar mill-qrib, b'mod partikolari fl-oqsma tal-kooperazzjoni regolatorja, il-mobilità tax-xogħol u r-rikonoxximent tal-kwalifiki,

([1]) ĠU L 260, 24.9.1976, p. 2.
([2]) ĠU L 7, 13.1.1998, p. 38.
([3]) ĠU L 71, 18.3.1999, p. 3.
([4]) ĠU L 35, 6.2.2004, p. 3.
([5]) ĠU L 153, 17.6.2009, p. 11.
([6]) ĠU L 207, 6.8.2010, p. 32.
([7]) ĠU L 304, 20.11.2010, p. 47.

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

H. billi n-negozjati li għaddejjin bħalissa għal Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) qed jimmiraw għal ftehim avvanzat ħafna, li fil-livell ta' ambizzjoni tiegħu jaqbeż kwalunkwe ftehim kummerċjali u ekonomiku nnegozjat mill-UE jew mill-Kanada sal-ġurnata tal-lum, li saħansitra jaf ikompli jsaħħaħ ir-relazzjoni bilaterali diġà b'saħħitha ta' kummerċ u investiment,

I. billi l-Kummissjoni qed tipprova tintegra l-protezzjoni tal-investiment fin-negozjati li għaddejjin bħalissa mal-Kanada u pproponiet lill-Kunsill modifika tad-direttivi eżistenti tan-negozjati,

J. billi kemm l-UE kif ukoll il-Kanada ddikjaraw li sar progress sinifikanti fin-negozjati CETA, bl-għan li jintlaħaq ftehim sal-aħħar tal-2011,

1. Iqis li s-sistema multilaterali tal-kummerċ, inkorporata fid-WTO, tibqa' bil-bosta l-aktar qafas effettiv biex jintlaħaq il-kummerċ ħieles, ġust u ewku fuq bażi globali; itenni l-appoġġ b'saħħtu tiegħu għal konklużjoni pożittiva tan-negozjati tad-DDA, li tibqa' l-prijorità kummerċjali tal-UE; jemmen li l-UE u l-Kanada flimkien jistgħu jikkontribwixxu għal konklużjoni pożittiva tan-negozjati tad-DDA;

2. Jilqa' ftehim mal-Kanada li jmur lil hinn mill-impenji tad-WTO u jkun komplementari għar-regoli multilaterali, sakemm in-negozjati jipproduċu ftehim ambizzjuż, ibbilanċjat u ta' kwalità għolja li jmur lil hinn sew mit-tnaqqis tat-tariffi; jitlob li jiġi applikat il-prinċipju tar-reċiproċità fil-qafas tar-rimedji legali disponibbli f'każ ta' tilwim kummerċjali u jenfasizza b'mod partikolari l-ħtieġa li jitjieb il-ħarsien tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, inkluż tat-trademarks, il-privattivi u l-indikazzjonijiet ġeografiċi, kif ukoll li jinkiseb aċċess realment reċiproku għas-suq, speċjalment għas-servizzi u s-swieq tal-akkwist pubbliku (inkluż fil-livell subfederali);

3. Jistieden lill-Kummissjoni, bħala sinjal ta' rieda tajba, biex tabbanduna r-rikors tagħha kontra r-rekwiżiti dwar il-kontenut lokali li jinsabu fl-Att dwar l-Enerġija Ekoloġika ta' Ontario;

4. Iqis li l-kapitolu dwar il-proprjetà intellettwali ma għandux jaffettwa b'mod negattiv il-produzzjoni ta' mediċini ġeneriċi u għandu jirrispetta l-eċċezzjonijiet tat-TRIPS fir-rigward tas-saħħa pubblika;

5. Jinnota li l-Kummissjoni għażlet "approċċ ta' lista negattiva" għal-liberalizzazzjoni ta' servizzi, iżda jqis li dan għandu jitqies bħala eċċezzjoni biss u ma għandux iservi bħala preċedent għal negozjati futuri; iqis ukoll li l-eżenzjoni tal-utilitajiet pubbliċi GATS tibqa' tikkostitwixxi l-aktar għodda adegwata biex jiġi garantit aċċess universali għas-servizzi pubbliċi liċ-ċittadini;

6. Jesprimi t-tħassib tiegħu fir-rigward tat-tħaffir għall-asbestos li qed ikompli jsir fil-Kanada u l-konsegwenzi serji ta' dan fuq saħħet il-ħaddiema; ifakkar li l-UE pprojbixxiet kull użu, estrazzjoni u pproċessar tal-asbestos u l-manifattura ta' prodotti tal-asbestos; jistieden lill-Kanada tieħu azzjoni simili sabiex ittejjeb is-saħħa pubblika;

7. Jiġbed l-attenzjoni, abbażi tal-komplementarjetajiet taż-żewġ ekonomiji, għall-potenzjal fil-ġejjieni ta' żieda fil-kummerċ u l-investiment u fl-opportunijiet ta' negozju bejn l-UE u l-Kanada bħala riżultat tas-CETA;

8. Jemmen li l-livell ta' ambizzjoni tal-Kummissjon fid-diskussjonijiet mal-Kanada għandu jkun ibbilanċjat permezz ta' approċċ ugwalment ambizzjuż għall-iżviupp sostenibbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-livell ta' obbligi lejn ix-xogħol, l-iskop tal-kapitolu tal-ambjent u l-mod ta' kif għandhom jiġu indirizzati kwistjonijiet li jirrigardaw il-Ftehim Ambjentali Multilaterali (MEA) kif ukoll il-mekkaniżmu ta' infurzar, u għandu jappoġġa u jippromwovi inizjattivi li jikkontribwixxu għall-indirizzar tat-tibdil fil-klima, il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali vinkolanti u l-promozzjoni tar-responsabilità soċjali tal-kumpaniji;

9. Jilqa' l-progress li sar fin-negozjati tas-CETA u jinkoraġġixxi l-Kummissjoni tkompli tikkonsulta mal-partijiet interessati; minkejja li l-Istudju Konġunt wera benefiċċji potenzjali sinifikanti kemm għall-Kanada kif ukoll għall-UE, jistieden lill-Kummissjoni twettaq kemm jista' jkun malajr evalwazzjoni komprensiva tal-impatt fuq is-sostenibilità sabiex tevalwa l-implikazzjonijiet settorjali u l-konsegwenzi soċjoekonomiċi prevedibbli għall-UE li jirriżultaw mill-ftehim finali;

10. Jinnota li l-kompetenza għar-relazzjonijiet UE-Kanada hija limitata għall-livell federali biss, iżda, peress li l-provinċji u t-territorji Kanadiżi huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-obbligi tat-trattat li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tagħhom, iqis essenzjali, u jilqa' l-parteċipazzjoni tagħhom fin-negozjati tas-CETA, u jħeġġeġ lill-provinċji u t-territorji jissinkronizzaw il-politiki u l-proċeduri sabiex il-benefiċċji potenzjali jiġu mmassimizzati; iqis li negozjar li jkollu suċċess għandu jinkludi impenji ċari mill-gvernijiet tal-provinċji u tat-territorji;

11. Jinnota, mhux mingħajr tħassib, li l-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal modifika tad-direttivi ta' negozjati li tawtorizza l-Kummissjoni tinnegozja mal-Kanada fuq investiment mingħajr ma tistenna l-Parlament jadotta l-pożizzjoni tiegħu dwar il-politika futura tal-UE dwar l-investiment b'mod ġenerali; jistieden lill-Kummissjoni tqis għalkollox il-konklużjoni tal-Parlament Ewropew dwar dan is-suġġett fin-negozjati tagħha dwar l-investiment mal-Kanada; iqis li, meta jitqiesu s-sistemi legali ferm żviluppati tal-Kanada u tal-UE, mekkaniżmu ta' sejba ta' soluzzjoni għal tilwim bejn Stat u ieħor u l-użu ta' rimedji ġudizzjarji lokali jikkostitwixxu l-iktar għodod adegwati biex jiġi indirizzat tilwim dwar l-investiment; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li mekkaniżmu potenzjali ta' sejba ta' soluzzjoni għal tilwim bejn Stat u investitur ma jipprekludix leġiżlazzjoni futura f'oqsma ta' politiki sensittivi, bħal pereżempju leġiżlazzjoni ambjentali, u jkun inkorporat f'obbligi usa' kif imsemmi fir-riżoluzzjoni tal-Parlament dwar il-politika Ewropea futura fil-qasam tal-investiment internazzjonali;

12. Jenfasizza li l-kapitolu tal-investiment għandu jippromwovi investimenti ta' kwalità għolja li jirrispettaw l-ambjent u jinkoraġixxu kundizzjonijiet ta' xogħol tajbin; barra minn hekk, jitlob li l-kapitolu tal-investiment jirrispetta d-dritt li jirregolaw taż-żewġ partijiet, b'mod partikolari fl-oqsma tas-sigurtà nazzjonali, tal-ambjent, tas-saħħa pubblika, tad-drittijiet tal-ħaddiema u tal-konsumaturi, tal-politika industrijali u tad-diversità kulturali; jistieden lill-Kummissjoni teskludi mill-ambitu tal-ftehimiet dwar l-investiment setturi sensittivi bħall-kultura, l-edukazzjoni, id-difiża nazzjonali u s-saħħa pubblika;

13. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-impatt tal-estrazzjoni tar-ramel bituminuż fuq l-ambjent globali minħabba l-livell għoli ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ waqt il-proċess ta' produzzjoni tiegħu u t-theddida li joħloq għall-bijodiversità lokali; jesprimi l-fehma tiegħu li n-negozjati tas-CETA ma għandhomx jaffettwaw id-dritt tal-UE li tilleġiżla fid-direttiva dwar il-kwalità tal-fjuwil jew ifixklu l-kapaċità tal-awtoritajiet Kanadiżi li jintroduċu standards ambjentali futuri fir-rigward tal-estrazzjoni tar-ramel bituminuż; jinkoraġixxi ż-żewġ partijiet jirrisolvu kwalunkwe nuqqas ta' qbil b'mod amikevoli u bla ma jiġu affettwati n-negozjati tas-CETA;

14. Jieħu nota tal-iżviluppi legali reċenti rigward il-projbizzjoni tal-UE fuq il-prodotti mill-foki, b'mod partikolari t-talba tal-Kanada lid-WTO biex jitwaqqaf panel formali ta' riżoluzzjoni tal-kontroversji; jistenna li l-Kummissjoni tibqa' soda dwar il-pożizzjoni tal-UE rigward il-projbizzjoni tal-prodotti tal-foki, u jesprimi t-tama kbira tiegħu li l-Kanada tirtira l-oġġezzjoni fid-WTO, li tmur kontra r-relazzjonijiet kummerċjali pożittivi, qabel ma jkun jeħtieġ li l-Parlament Ewropew jirratifika l-ftehim tas-CETA;

15. Jiġbed l-attenzjoni għall-politiki differenti tal-UE u tal-Kanada rigward ir-regolamentazzjoni tal-Organiżmi Ġenetikament Modifikati (OĠM); iwissi li r-regolamenti aktar stretti li saru fl-UE jistgħu jiġu kkontestati minn kumpaniji privati skont il-mekkaniżmu propost għas-soluzzjoni tat-tilwimiet tas-CETA;

**L-Erbgħa 8 ta’ Ġunju 2011**

16. Iqis li l-kapitoli agrikoli se jkunu kwistjoni importanti għaż-żewġ partijiet f’dawn in-negozjati; huwa mħasseb dwar il-konċessjonijiet possibilment sostanzjali fil-qasam tal-OĠM, il-ħalib u t-tikkettar tal-oriġini; jenfasizza għalhekk li l-interessi u l-prijoritajiet fl-agrikoltura għandhom jiġu kkunsidrati għalkollox u jistieden lill-Kummissjoni tinnegozja ftehim li jkun ta’ benefiċċju għall-konsumaturi tal-UE u tal-Kanada u għas-setturi agrikoli fuq iż-żewġ naħat ukoll, u tiżgura, fil-qafas ta’ eżitu globalment ibbilanċjat, kompetizzjoni akbar iżda ġusta bejn il-fornituri tal-UE u l-Kanada fir-rigward tal-prodotti agrikoli; jilqa’, f’dan il-kuntest, l-impenn inizjali miż-żewġ naħat li ma jżommux, idaħħlu jew jerġgħu idaħħlu sussidji fuq l-esportazzjoni agrikola għall-prodotti agrikoli kummerċjalizzati bħala pass pożittiv għal negozjati ambizzjużi u ġusti kif ukoll il-ftehim li jikkooperaw fin-negozjati agrikoli tad-WTO;

17. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea, bil-għan li jkun hemm koerenza fil-politiki tal-UE, u b’mod partikolari għall-OCTs, biex tiżgura li l-interessi tagħhom fir-rigward tal-prodotti strateġiċi tagħhom jkunu ppreservati fil-ftehim futur bejn l-UE u l-Kanada;

18. Jenfasizza li n-negozjati dwar il-miżuri sanitarji u fitosanitarji huma kwistjoni ewlenija fil-kapitoli agrikoli; jistieden, f’dan il-kuntest, lill-Kummissjoni timpenja ruħha sabiex tinnegozja regoli dwarhom li jiżguraw livell għoli ta’ protezzjoni;

19. Ifakkar lill-Kunsill u lill-Kummissjoni li, mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta’ Lisbona, il-Kunsill huwa meħtieġ jikseb il-kunsens tal-Parlament għall-ftehimiet kummerċjali internazzjonali kollha u li kemm il-Kunsill, kif ukoll il-Kummissjoni, għandhom iżommu lill-Parlament informat immedjatament u kompletament fl-istadji kollha tal-proċedura; jistieden lill-Kunsill jipprovdi immedjatament lill-Parlament bl-informazzjoni kollha fl-istadji tal-proċedura li għaliha huwa responsabbli, b’mod partikolari d-direttivi tan-negozjati kif adottati minnu u kwalunkwe modifika tagħhom; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jżommu lill-Parlament involut fl-istadji kollha tan-negozjati u sabiex iqisu l-fehmiet tal-Parlament b’mod sħiħ;

20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u l-Gvern Federali u l-Parlament u l-gvernijiet u l-parlamenti tal-provinċji u tat-territorji tal-Kanada;

---

## Aġenziji tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu

P7_TA(2011)0258

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta’ Ġunju 2011 dwar Aġenziji tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu: prospettivi futuri (2010/2302(INI))**

(2012/C 380 E/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra n-nota tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO) ta’ Marzu 2009 dwar "Il-kooperazzjoni internazzjonali fis-sorveljanza tal-Aġenziji ta’ Klassifikazzjoni tal-Kreditu",

— wara li kkunsidra l-Forum Konġunt dwar "Rendikont tal-qagħda attwali tal-użu tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu" li sar f’Ġunju 2009,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja lill-mexxejja tal-G20 intitolat 'Titjib fir-regolament finanzjarju', tal-25 ta’ Settembru 2009,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Fond Monetarju Internazzjonali tad-29 ta’ Ottubru 2010 intitolat "Rapport dwar l-Istabilità Finanzjarja Globali: Fondi Sovrani, Finanzjament u Likwidità Sistemika",

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-Samit ta’ Toronto tal-G20 tas-26 u s-27 ta’ Ġunju 2010,

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

— wara li kkunsidra r-rapport mill-Bord għall-Istabilità Finanzjarja dwar "Prinċipji għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-klassifikazzjonijiet tal-Aġenziji ta' Klassifikazzjoni tal-Kreditu", tas-27 ta' Ottubru 2010,

— wara li kkunsidra l-konsultazzjoni pubblika mnedija mill-Kummissjoni fil-5 ta' Novembru 2010,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0081/2011),

A. billi jilqa' l-ħidma li għaddejja f'livell globali, Ewropew u internazzjonali dwar ir-regolamentazzjoni tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu,

B. billi suppost li l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu huma intermedjarji tal-informazzjoni, li jnaqqsu l-asimmetriji tal-informazzjoni fis-swieq kapitali u jiffaċilitaw l-aċċess għas-suq globali, inaqqsu l-ispejjeż tal-informazzjoni u jwessgħu l-grupp potenzjali ta' dawk li jissellfu u tal-investituri, u b'hekk jipprovdu likwidità u trasparenza għas-swieq u jgħinu biex jinstabu l-prezzijiet,

C. billi, fil-leġiżlazzjoni reċenti, l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ngħatalhom rwol ieħor li jista' jiġi kklassifikat bħala wieħed ta' 'ċertifikazzjoni', li jirrifletti l-fatt li l-klassifikazzjonijiet kulma jmorru qegħdin jiġu inkorporati fir-rekwiżiti kapitali regolatorji,

D. billi l-operaturi finanzjarji fdaw iżżejjed fuq id-deċiżjonijiet li ħadu l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu,

E. billi l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu jikklassifikaw tliet setturi differenti, is-settur pubbliku, il-kumpaniji u l-istrumenti finanzjarji strutturati, u billi l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu kellhom rwol sinifikanti fil-perjodu li antiċipa l-kriżi finanzjarja permezz tal-assenjazzjoni ta' klassifikazzjonijiet ħżiena għal strumenti finanzjarji strutturati, li, matul il-kriżi, kellhom jingħataw klassifikazzjonijiet aktar baxxa b'medja ta' bejn tlieta u erba' gradi,

F. billi r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 kien l-ewwel reazzjoni għall-kriżi finanzjarja u diġà jittratta l-aktar kwistjonijiet urġenti, filwaqt li jissoġġeta l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu għas-sorveljanza u r-regolamentazzjoni; billi, madankollu, ir-Regolament ma jindirizzax il-problemi fundamentali kollha, u, fil-fatt, joħloq xi ostakli ġodda għad-dħul fis-suq,

G. billi n-nuqqas ta' ċertezza regolatorja f'dan is-settur qed jipperikola l-iffunzjonar xieraq tas-swieq finanzjarji tal-UE u għalhekk jirrikjedi li l-Kummissjoni tal-UE, qabel ma tippreżenta emendi ulterjuri għar-Regolament (KE) Nru. 1060/2009, tidentifika sew il-lakuni fil-qafas il-ġdid u tipprovdi valutazzjoni tal-impatt dwar il-firxa ta' alternattivi disponibbli sabiex jimtlew dawn il-lakuni inkluża l-possibilità ta' proposti leġiżlattivi ulterjuri,

H. billi l-industrija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu għandha diversi problemi, li fosthom dawk l-aktar importanti huma n-nuqqas ta' kompetizzjoni, strutturi oligopolistiċi u n-nuqqas ta' responsabilità u trasparenza; billi problema partikulari tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni dominanti hi l-mudell ta' ħlas u billi l-problema fundamentali tas-sistema regolatorja hi li tiddependi żżejjed fuq il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu esterni,

I. billi l-aħjar mod kif tissaħħaħ il-kompetizzjoni jkun li jinħoloq ambjent regolatorju li jkun effikaċi fil-promozzjoni tad-dħul fis-suq, u li titwettaq analiżi iktar fil-fond tal-ostakoli kurrenti għad-dħul fis-suq u ta' fatturi oħra li jaffettwaw il-kompetizzjoni,

J. billi, fi żminijiet favorevoli, il-parteċipanti fis-suq għandhom it-tendenza li jiżbaljaw jew li jinjoraw il-metodoloġija sottostanti u t-tifsira tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu, li jfittxu li jispeċifikaw il-probabilità ta' nuqqas,

K. billi l-iżviluppi reċenti fil-kriżi tal-euro enfasizzaw ir-rwol sinifikanti tal-klassifikazzjonijiet tad-dejn sovran, u kemm l-inkonsistenza, kif ukoll il-proċiklikalità fl-użu regolatorju tal-klassifikazzjonijiet,

L. billi l-indipendenza tal-klassifikazzjonijiet mill-interferenza mis-suq u l-interferenza politika hi tal-ogħla importanza u trid tiġi żgurata jkunu xi jkunu l-istrutturi u l-mudelli kummerċjali l-ġodda li jistgħu joħorġu u fil-kuntest tal-governanza ekonomika u tas-simulazzjonijiet ta' kriżi,

M. waqt li l-klassifikazzjonijiet jistgħu jinbidlu u effettivement jinbidlu bħala riżultat ta' aġġustamenti fundamentali għal profili tar-riskju jew għal informazzjoni ġdida, dawn għandhom jitfasslu b'tali mod li jkunu stabbli u ma jvarjawx abbażi tas-sentiment tas-suq,

N. billi s-sistema ta' Basel II irriżultat f'dipendenza eċċessiva fuq il-klassifikazzjonijiet esterni, ħaġa li f'xi każi wasslet biex il-banek iddeċidew li ma jwettqux valutazzjonijiet awtonomi tal-iskoperturi tagħhom,

O. billi r-regolamentazzjoni riċenti tal-klassifikazzjonijiet fl-Istati Uniti, permezz tal-Att Dodd-Frank, għażlet li r-regolamentazzjoni tkun tiddependi inqas fuq id-deċiżjonijiet tal-aġenziji,

***Il-livell makro: ir-regolamentazzjoni tas-swieq finanzjarji***

*Dipendenza żejda*

1. Jikkunsidra li, fid-dawl tal-bidla fl-użu tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu, fejn l-emittent jiġi klassifikat biex jikseb trattament preferenzjali skont qafas regolatorju aktar milli biex jikseb aċċess għas-swieq kapitali globali, id-dipendenza żejda tas-sistema regolatorja finanzjarji globali fuq il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu esterni għandha titnaqqas kemm jista' jkun u fi żmien realistiku;

2. Jikkunsidra li l-preġudizzji fil-kompetizzjoni kkawżati mill-prattika komuni li l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu jivvalutaw il-parteċipanti tas-suq filwaqt li simultanjament jiksbu mingħandhom l-ordnijiet, għandhom jitnaqqsu;

3. Jaqbel mal-prinċipji stabbiliti mill-Bord tal-Istabilità Finanzjarja f'Ottubru 2010 li jagħtu gwida ġenerali dwar kif titnaqqas id-dipendenza fuq il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu esterni, u jilqa' l-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni li bdiet f'Novembru 2010; jitlob lill-Kummissjoni teżamina mill-ġdid jekk l-Istati Membri jużawx il-klassifikazzjonijiet għal skopijiet regolatorji, u kif jagħmlu dan sabiex titnaqqas id-dipendenza żejda ġenerali fuqhom tas-sistema regolatorja finanzjarja;

4. Jindika n-nuqqasijiet fl-approċċ standardizzat fil-qafas regolatorju ta' Basel li jippermetti li jiġu stabbiliti rekwiżiti kapitali regolatorji għall-istituzzjonijiet finanzjarji abbażi tal-klassifikazzjonijiet ta' kreditu esterni; jikkunsidra li hu importanti li jiġi stabbilit qafas tal-adegwatezza kapitali li jiżgura valutazzjoni tar-riskji interna li tkun robusta, sorveljanza aħjar ta' tali valutazzjoni tar-riskji u aċċess imtejjeb għall-informazzjoni relevanti għall-kreditu; jappoġġa f'dan ir-rigward użu akbar tal-approċċ ibbażat fuq il-klassifikazzjonijiet interni, sakemm ikun joffri affidabilità u sikurezza u sakemm id-daqs, il-kapaċità u s-sofistikazzjoni tal-istituzzjoni finanzjarja jippermettu valutazzjoni tar-riskji adegwata; jikkunsidra li, sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd fis-suq, hu importanti li l-mudelli interni jirrispettaw il-parametri preskritti fir-regolamentazzjoni tal-UE u li jkunu soġġetti għal validazzjoni superviżorja rigoruża; jikkunsdira, fl-istess ħin, li atturi iżgħar u anqas sofistikati b'kapaċitajiet aktar baxxi għandhom ikunu jistgħu jużaw klassifikazzjonijiet esterni, jekk ma tkun vijabbli l-ebda valutazzjoni interna tar-riskji tal-kreditu, sakemm dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti xierqa ta' diliġenza dovuta;

5. Jindika l-importanza li jiġu segwiti l-iżviluppi skont il-qafas ta' Basel III u l-proċess li għaddej bħalissa tad-DRK IV f'dan ir-rigward;

6. Jara l-ħtieġa li terġa' lura għal li kienet il-kapaċità tal-investituri li jwettqu d-diliġenza dovuta tagħhom stess bħala prerekwiżit biex ikun jista' jkun hemm użu akbar tal-mudelli interni proprjetarji għall-valutazzjoni tar-riskji tal-kreditu; jissuġġerixxi li l-banek u atturi finanzjarji oħrajn għandhom jużaw valutazzjonijiet interni xierqa tar-riskji b'ħafna iktar frekwenza;

7. Jesprimi l-fehma li l-parteċipanti fis-suq m'għandhomx jinvestu fi prodotti strutturati jew prodotti oħrajn jekk ma jkunux jistgħu jivvalutaw ir-riskju tal-kreditu sottostanti huma stess, jew inkella li għandhom japplikaw l-ogħla piż tar-riskju;

8. Jitlob lill-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jeżaminaw mill-ġdid l-użu tagħhom tal-klassifikazzjonijiet esterni, u jħeġġiġhom jibnu kompetenza fit-tfassil tal-mudelli tagħhom stess biex jivvalutaw l-istandard ta' kreditu tal-assi eliġibbli li jintużaw bħala sigurtà għal operazzjonijiet li jipprovdu likwidità, u biex titnaqqas id-dipendenza tagħhom fuq il-klassifikazzjonijiet esterni;

9. Jiltob lill-Kummissjoni tivvaluta b'attenzjoni l-użu potenzjali ta' strumenti alternattivi għall-kejl tar-riskju tal-kreditu;

*Aktar kapaċità għas-superviżuri*

10. Hu konxju tal-kunflitt ta' interess inerenti jekk il-parteċipanti fis-suq ifasslu valutazzjonijiet interni tar-riskju tal-kreditu għar-rekwiżiti kapitali regolatorji tagħhom stess, u għalhekk jara l-ħtieġa li jiżdiedu r-responsabilitajiet, il-kapaċità, is-setgħat u r-riżorsi tas-superviżuri għall-monitoraġġ, il-valutazzjoni u s-sorveljanza tal-adegwatezza tal-mudelli interni u għall-impożizzjoni ta' miżuri prudenzjali; jikkunsidra li jekk mudell intern ma jkunx jista' jiġi vvalutat b'mod xieraq mis-superviżur minħabba l-kumplessità tiegħu, it-tali mudell m'għandux jiġi approvat għal użu regolatorju; jissuġġerixxi li anke t-trasparenza tas-suppożizzjonijiet għal valutazzjoni akkademika indipendenti għandha rwol;

11. Jiddikjara li, sabiex teżerċità s-setgħat superviżorji tagħha b'mod effikaċi, l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) għandu jkollha d-dritt li twettaq investigazzjonijiet u spezzjonijiet fuq il-post mingħajr avviż u li, meta tkun qed teżerċita s-setgħat superviżorji tagħha, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq għandha tagħti ċ-ċans lill-persuni li huma soġġetti għal proċedimenti li jinstemgħa sabiex jitħarsu d-drittijiet tagħhom ta' difiża;

*L-istess kundizzjonijiet għal kulħadd*

12. Jenfasizza n-natura globali tal-industrija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu flimkien mal-pajjiżi l-oħra tal-G20 fuq approċċ globali, ibbażat fuq l-ogħla standards, fir-rigward kemm tar-regolamentazzjoni dwar l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, kif ukoll tar-regolamentazzjoni prudenzjali u tas-swieq fir-rigward tat-tnaqqis tad-dipendenza żejda fuq il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu esterni għall-preżervazzjoni tal-istess kundizzjonijiet għal kulħadd u għall-prevenzjoni tal-arbitraġġ regolatorju filwaqt li is-swieq jinżammu miftuħa;

13. Iqis it-tqanqil tal-kompetizzjoni, il-promozzjoni tat-trasparenza u l-kwistjoni ta' mudell tal-ħlas futur bħala l-iktar kompiti importanti filwaqt li l-kwistjoni tal-oriġini ta' aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tkun sekondarja;

14. Itenni li r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 jfassal żewġ sistemi biex jiġu ttrattati l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu esterni minn pajjiżi terzi u li l-ħsieb wara s-sistema ta' approvazzjoni kien li l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu esterni meqjusa bħala nonekwivalenti jintużaw fl-Unjoni Ewropea jekk tinħemeż responsabilità ċara ma' aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu approvanti;

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

***Livell intermedju: struttura industrijali***

*Kompetizzjoni*

15. Jisħaq fuq il-fatt li aktar kompetizzjoni fis-settur ma timplikax awtomatikament kwalità aħjar tal-klassifikazzjonijiet u jtenni li l-aġenziji ta' klassifikazzjoni jridu jikkonformaw mal-ogħla standards ta' integrità, żvelar, trasparenza u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess kif stipulati fir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 sabiex tiġi żgurata l-kwalità tal-klassifikazzjonijiet u jiġi evitat it-tiftix tal-aġenzija li tipprovdi l-aħjar klassifikazzjoni;

*Fondazzjoni Ewropea għall-Klassifikazzjoni tal-Kreditu*

16. Jitlob lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-impatt u studju tal-vijabilità dettaljati dwar l-ispejjeż, il-benefiċċji u l-istruttura ta' governanza potenzjali ta' Fondazzjoni Ewropea għall-Klassifikazzjoni tal-Kreditu (FEKK) indipendenti għalkollox li tespandi l-kompetenza tagħha fit-tliet setturi tal-klassifikazzjonijiet; jemmen li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-ispejjeż ta' finanzjament tal-bidu li jkopru l-ewwel tlieta sa mhux aktar minn ħames snin tal-ħidma tal-FEKK u li hemm bżonn li jiġu vvalutati b'attenzjoni; jenfasizza li hemm bżonn li kwalunkwe proposta leġiżlattiva f'dak is-sens tiġi fformulata b'attenzjoni konsiderevoli bil-għan li jiġi evitat li l-inizjattivi ta' politika paralleli biex titnaqqas id-dipendenza żejda fuq il-klassifikazzjonijiet u biex aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ġodda jitħeġġew jidħlu fis-suq;

17. Jitlob lill-Kummissjoni tipproduċi, flimkien max-xogħol imsemmi fil-paragrafu 9, valutazzjoni tal-impatt, analiżi tal-vijabilità, u stima tal-ispejjeż dettaljati għall-finanzjament meħtieġ f'dan ir-rigward; hu ta' fehma b'saħħitha li l-ispejjeż għall-finanzjament m'għandhom fl-ebda ċirkustanza jiġġarrbu minn min iħallas it-taxxi u jikkunsidra li m'għandu jiġi pprovdu l-ebda finanzjament ultejuri u li l-FEKK il-ġdida għandha tkun kompletament awtosuffiċjenti u wara l-perjodu tal-bidu għandha tiffinanzja l-baġit tagħha stess;

18. Jikkunsidra li, biex tiġi żgurata l-kredibilità tagħha, il-ġestjoni, il-persunal u l-istruttura ta' governanza tal-FEKK ġdida għandhom ikunu indipendenti u awtonomi għalkollox, jiġifieri ma jkunux vinkolati b'istruzzjonijiet vis-à-vis l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-korpi pubbliċi l-oħrajn kollha, kif ukoll l-industrija tal-finanza u l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu l-oħrajn, u li hemm bżonn li joperaw skont ir-Regolament emendat (KE) Nru 1060/2009;

19. Jitlob lill-Kummissjoni twettaq investigazzjoni dettaljata dwar l-ispejjeż, il-benefiċċji u l-istruttura ta' governanza ta' tali netwerk ta' aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu Ewropej, inklużi kunsiderazzjonijiet dwar kif l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu attivi nazzjonalment jistgħu jitħeġġew jimxu lejn strutturi ta' sħubija jew ta' netwerk konġunt, biex jisiltu mir-riżorsi u l-persunal eżistenti, u b'hekk ikunu jistgħu jipprovdu kopertura akbar li tippermettilhom jikkompetu mal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu attivi f'livell transkonfinali; jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tista' tinvestiga metodi ta' appoġġ għan-netwerks tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, iżda huwa tal-fehma li kwalunkwe netwerk ta' dan it-tip għandu jkun inizjattiva mmexxija mill-industrija;

20. Jara ħtieġa potenzjali għal appoġġ biex jitwaqqaf inizjalment netwerk ta' dan it-tip iżda jqis li n-netwerk għandu jkun awtosuffiċjenti u jħalli l-qligħ mid-dħul proprju tiegħu; jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa u l-mezzi potenzjali għall-finanzjament tal-bidu u għall-istrutturi legali possibbli għal dan il-proġett;

21. Iqis li l-istabbiliment ta' Aġenzija Ewropea tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu għandu jiġi esplorat u evalwat mill-Kummissjoni; jiltob lill-Kummissjoni tesplora b'mod partikolari l-kwestjoni tal-persunal tagħha, li għandu jkun indipendenti bis-sħiħ u l-kwestjoni tar-riżorsi tagħha, li għandhom jiġu minn miżati mis-settur finanzjarju privat;

*Żvelar u aċċess għall-informazzjoni*

22. Jikkunsidra li l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu jridu jaqdu l-iskop li jżidu l-informazzjoni għas-suq b'mod li jipprovdi lill-investituri b'valutazzjoni konsistenti tar-riskju tal-kreditu fost is-setturi u l-pajjiżi kollha; jikkunsidra li hu importanti li l-utenti jitħallew jiskrutinjaw aħjar lill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u f'dan ir-rigward jenfasizza r-rwol ċentrali ta' aktar trasparenza fl-attivitajiet tagħhom;

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

23. Jindika li, biex l-investituri jkunu jistgħu jivvalutaw ir-riskju b'mod adegwat u jwettqu d-dmirijiet ta' diliġenza dovuta u l-obbligi fiduċjarji tagħhom, hemm bżonn ta' aktar żvelar tal-informazzjoni dwar il-prodotti fil-qasam tal-istrumenti finanzjarji strutturati biex l-investituri jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet informati; jikkunsidra li investituri sofistikati għandhom ikunu jistgħu jivvalutaw il-krediti sottostanti li minnhom imbagħad ikunu jistgħu mbagħad jisiltu r-riskju tal-prodott titolizzat; jappoġġa l-inizjattivi eżistenti tal-BĊE u oħrajn biex issir disponibbli aktar informazzjoni dwar l-istrumenti finanzjarji strutturati f'dan ir-rigward; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa biex jiżdied l-iżvelar tal-informazzjoni għal kull prodott fil-qasam tal-istrumenti finanzjarji;

24. Jinnota li, barra mill-attività tagħhom ta' kklassifikazzjoni, il-biċċa l-kbira tal-Aġenziji ta' Klassifikazzjoni tal-Kreditu joħorġu għadd ta' prospettivi, rieżamijiet, twissijiet u għases li tassew ikollhom impatt sinifikanti fuq is-swieq. hu tal-fehma li għandhom jiġu żvelati skont kriterju u protokolli stabbiliti minn qabel li jiżguraw it-trasparenza u l-kunfidenzjalità;

25. Jitlob lill-Kummissjoni tipproponi reviżjoni tad-Direttiva 2003/71/KE u tad-Direttiva 2004/109/KE biex jiġi żgurat li ssir disponibbli b'mod aktar mifrux biżżejjed informazzjoni preċiża u sħiħa dwar l-istrumenti finanzjarji strutturati;

26. Jikkunsidra li huwa vitali f'dan ir-rigward li fi kwalunkwe miżura futura potenzjali jiġu kkunsidrati kompletament l-aspetti tal-protezzjoni tad-data;

27. Jehwden jekk ikunx ta' vantaġġ li l-emittenti jiġu obbligati jiddiskutu l-kontenut u l-metodu wara strument finanzjarju strutturat ma' parti terza li jew tkun qiegħda twettaq klassifikazzjoni tal-kreditu mhux mitluba jew li tkun qiegħda tfassal valutazzjoni tar-riskji interna;

28. Itenni l-obbligu fuq il-Kummissjoni fil-Premessa 5 tar-Regolament emendat (KE) Nru 1060/2009 rigward it-trasparenza tal-informazzjoni; jitlob lill-Kummissjoni twettaq l-analiżi meħtieġa sabiex tippreżenta r-riżultat b'emendi potenzjali għal-leġiżlazzjoni lill-Parlament u lill-Kunsill bħala parti mir-rieżami attwali tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 li qed twettaq;

29. Jinnota l-progress li sar rigward it-trasparenza u l-iżvelar minn aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu 1 u mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu 2; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-impatt ta' dawn ir-regolamenti wara t-tlestija tal-proċess ta' reġistrazzjoni tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu biex jiġu enfasizzati oqsma futuri fejn żvelar ulterjuri għall-utenti jista' jkun ta' ġid;

30. Jitlob, flimkien ma' trasparenza akbar tal-proċess ta' klassifikazzjoni u l-verifika interna tagħhom, għal superviżjoni aqwa tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu min-naħa tal-awtoritajiet superviżorji tal-UE u għal superviżjoni aktar intrużiva min-naħa tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali tal-użu tal-klassifikazzjonijiet jew id-dipendenza fuqhom mill-istituzzjonijiet finanzjarji;

*Żewġ klassifikazzjonijiet obbligatorji*

31. Hu tal-opinjoni li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk, f'ċerti ċirkustanzi, huwiex xieraq l-użu ta' żewġ klassifikazzjonijiet obbligatorji, eż. għall-istrumenti finanzjarji strutturati u għal kull klassifikazzjoni ta' kreditu esterna użata għal skopijiet regolatorji, u jekk il-klassifikazzjoni ta' kreditu esterna l-aktar konservattiva, jiġifieri l-anqas favorevoli, għandhiex titqies bħala r-referenza għall-iskop regolatorju; jitlob lill-Kummissjoni tipproduċi valutazzjoni tal-impatt dwar l-użu potenzjali ta' żewġ klassifikazzjonijiet obbligatorji;

32. Jikkunsidra li l-ispejjeż taż-żewġ klassifikazzjonijiet għandhom jiġġarrbu mill-emittent u li l-ewwel klassifikazzjoni ta' kreditu esterna għandha ssir minn aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu mikrija, skont l-għażla tal-emittent, filwaqt li, fil-każ tat-tieni klassifikazzjoni ta' kreditu esterna, għandhom jitqiesu diversi alternattivi għall-assenjazzjoni, inkluża l-possibilità tal-assenjazzjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS), abbażi ta' kriterji speċifiċi, definiti u oġġettivi, waqt li jitqies ir-rendiment storiku u jiġi appoġġat it-twaqqif ta' aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ġodda waqt li jiġi evitat kull tgħawwiġ tal-kompetizzjoni;

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

33. Jindika li r-reputazzjoni ma tistax tiġi imposta minn regolatur, imma li kull aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ġdida tiġi aċċettata biss jekk tikseb il-kredibilità;

*Klassifikazzjoni tad-dejn sovran*

34. Hu konxju mill-fatt li l-atturi tas-swieq huma kontra l-klassifikazzjonijiet ta' kreditu li ma jkunux stabbli minħabba l-ispejjeż kbar involuti (f'deċiżjonijiet relatati ma' bejgħ jew xiri) meta l-klassifikazzjonijiet jiġu aġġustati; jikkunsidra, madankollu, li b'konsegwenza ta' dan il-klassifikazzjonijiet ikollhom it-tendenza li jkunu proċikliċi u jaqgħu lura meta mqabbla mal-iżviluppi tas-swieq finanzjarji;

35. Jinnota li l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom jużaw kriterji ċari biex jagħtu l-punti lill-prestazzjoni tal-pajjiżi, hu konxju mill-fatt li l-klassifikazzjoni nnifisha mhijiex ippiżar mekkaniku ta' dawn il-fatturi. jitlob lill-industrija tiċċara liema metodoloġija u ġudizzji jintużaw biex jiġu kkalibrati l-klassifikazzjonijiet sovrani u tispjega d-devjazzjoni minn dawn il-klassifikazzjonijiet iġġenerati mill-mudelli u d-devjazzjoni mit-tbassir tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali prinċipali;

36. Jinnota li, skont il-FMI, il-klassifikazzjonijiet jistgħu jispjegaw sa kważi 70 % tal-firxiet tal-iskambji ta' inadempjenzi tal-kreditu; jinsab imħasseb dwar l-effetti proċikliċi li jista' jkollhom il-klassifikazzjonijiet u jirrikjedi li dawn il-kwistjonijiet sensittivi tingħatalhom kunsiderazzjoni speċjali;

37. Jemmen li, bil-għan li jitnaqqsu l-"effetti tal-irdum" negattivi fil-prezzijiet u l-firxiet li huma implikati mill-bidliet fil-klassifikazzjonijiet, ir-regolament li jgħaqqad id-deċiżjonijiet tax-xiri jew tal-bejgħ mal-klassifikazzjonijiet għandu jiġi eliminat;

38. Jikkunsidra li, billi kwazi l-informazzjoni kollha dwar id-dejn sovran hija disponibbli fil-qasam pubbliku, tali informazzjoni għandha ssir disponibbli b'mod aktar faċli, konsistenti u komparabbli ħalli atturi akbar u aktar sofistikati tas-swieq jingħataw l-inċentiv biex jiddependu fuq il-ġudizzju tagħhom stess biex jivvalutaw ir-riskju tal-kreditu sovran;

39. Jemmen li, minħabba l-effetti li jista' jkollhom il-klassifikazzjonijiet ta' kreditu tad-dejn sovran fuq is-suq, jeħtieġ li t-trasparenza dwar il-metodi u r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet kif ukoll ir-responsabilità tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu jittejbu f'dan il-qasam; jitlob għal studju li jinvolvi f'din il-klassifikazzjoni, il-Fondazzjoni Ewropea futura u l-Aġenzija Ewropea tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu indipendenti u futura

40. Jappoġġja l-iżvelar u l-ispjegazzjoni msaħħa tal-metodoloġiji, il-mudelli u l-assunzjonijiet fundamentali dwar il-klassifikazzjoni adottati mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, anke fid-dawl tal-impatt sistemiku li jista' jirriżulta minħabba xi tnaqqis fil-grad fuq id-dejn sovran;

***Indiċi Ewropew tal-Klassifikazzjoni (EURIX)***

41. Jikkunsidra li t-tagħrif pubbliku dwar il-medja tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu esterni eżistenti minn aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu akkreditati huwa prezzjuż; jissuġġerixxi għalhekk li jiġi stabbilit Indiċi Ewropew tal-Klassifikazzjoni (EURIX) li jinkorpora l-klassifikazzjonijiet kollha tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati li huma disponibbli fis-suq;

***Livell mikro: mudell kummerċjali***

*Mudelli ta' ħlas*

42. Jappoġġa l-eżistenza ta' diversi mudelli ta' ħlas fl-industrija imma jenfasizza l-eżistenza ta' riskji ta' kunflitti ta' interess li hemm bżonn jiġu indirizzati mill-mezzi ta' trasparenza u ta' regolamentazzjoni xierqa waqt li ma jiġi impost mudell mhux iġġustifikat; jitlob lill-Kummissjoni, abbażi tal-konsultazzjoni reċenti, toħroġ bi proposti għal mudelli ta' ħlas vijabbli alternattivi li jinvolvu kemm lill-emittenti, kif ukoll l-utenti; jitlob lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikulari f'dan ir-rigward għall-użu potenzjali tal-mudelli li "l-investitur iħallas" u l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tiegħu sabiex titnaqqas it-tendenza li l-klassifikazzjonijiet ikunu soġġetti għal kunflitti ta' interess;

43. Hu tal-fehma li l-governanza tajba fl-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu hija kruċjali biex tiġi żgurata l-kwalità tal-klassifikazzjonijiet u jitlob li jkun hemm trasparenza sħiħa mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu dwar l-arranġamenti fis-seħħ rigward il-governanza;

*Responsabilità ġudizzjarja u finanzjarja*

44. Jenfasizza li l-AETS hi responsabbli għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-konformità tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu mar-Regolament (KE) Nru 1060/2009; jikkunsidra li jekk il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu jissodisfaw skop regolatorju dawn m'għandhomx jiġu kklassifikati bħala sempliċi opinjonijiet, u li l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom jinżammu responsabbli għall-applikazzjoni konsistenti tal-metodoloġija sottostanti tal-klassifikazzjonijiet ta' kreditu tagħhom; jirrakkomanda, għalhekk, li l-iskopertura tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu għar-responsabilità ċivili fil-każ ta' negliġenza jew imġiba ħażina serji tiġi ddefinita b'bażi konsistenti fl-UE kollha, u li l-Kummissjoni għandha tidentifika modi biex tali responsabilità ċivili tingħata għeruq sodi fil-leġiżlazzjoni ċivili tal-Istati Membri;

45. Jindika li r-responsabbiltà aħħarija għal deċiżjoni dwar l-investiment għandha tkun tal-parteċipant fis-swieq finanzjarji, jiġifieri l-amministratur tal-assi, l-istituzzjoni finanzjarja jew l-investitur sofistikat; jinnota li r-responsabilità se tkun sostnuta wkoll mir-reġistru ċentrali (CEREP) stabbilit mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu 1, li jippubblika data f'sura standardizzata dwar il-prestazzjoni tal-klassifikazzjonijiet maħruġa mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati fi ħdan l-UE, biex l-investituri jkunu jistgħu jagħmlu l-valutazzjoni proprja tagħhom dwar ċerti aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, u b'hekk jeżerċitaw aktar pressjoni reputazzjonali; jindika li l-investituri għandu jkollhom kapaċitajiet ta' ġestjoni tar-riskji effikaċi soġġetti għal sorveljanza adegwata mill-amministrazzjoni;

46. Jissuġġerixxi li kull aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrata għandha twettaq rieżami annwali biex tivvaluta r-rendiment tagħha tal-klassifikazzjonijiet ta' kreditu tal-passat u għandha tiġbor din l-informazzjoni f'rapport ta' responsabilità għas-superviżur; jissuġġerixxi li l-AETS għandha twettaq kontrolli fortuwiti dwar ir-rapporti ta' responsabilità fuq bażi regolari biex jiġi żgurat standard ta' kwalità għolja fil-klassifikazzjonijiet ta' kreditu;

*

* *

47. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

---

## L-iżgurar ta' valutazzjonijiet tal-impatt indipendenti

P7_TA(2011)0259

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar l-iżgurar ta' valutazzjonijiet tal-impatt indipendenti (2010/2016(INI))**

(2012/C 380 E/06)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat ta' Lisbona u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2009,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kumissjoni tat-8 ta' Ottubru 2010 dwar "Regolamentazzjoni Intelliġenti fl-Unjoni Ewropea" (COM(2010)0543),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Settembru 2010 dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet – il-15-il rapport ta' kull sena mill-Kummissjoni skont it-termini tal-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità ([1]),

([1]) Testi adottati, P7_TA(2010)0311.

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2008 dwar "Tfassil Aħjar tal-Liġijiet 2006" skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Settembru 2007 dwar tfassil aħjar tal-liġijiet 2005: l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità – it-13-il rapport annwali ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Lulju 2007 dwar l-imminimizzar tal-ispejjeż amministrattivi imposti mil-leġiżlazzjoni ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Mejju 2006 dwar leġiżlar aħjar 2004: l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà – it-12-il rapport annwali ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' April 2004 dwar il-valutazzjoni tal-impatt tal-leġiżlazzjoni Komunitarja u l-proċeduri ta' konsultazzjoni ([5]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali dwar tfassil aħjar tal-liġijiet tas-16 ta' Diċembru 2003 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni,

— wara li kkunsidra l-Approċċ Interistituzzjonali Komuni għal Valutazzjonijiet tal-Impatt konkluż bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni f'Novembru 2005,

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 3/2010,

— wara li kkunsidra r-riżultati tal-istudju kkummissjonat mill-Parlamemt Ewropew dwar valutazzjonijiet tal-impatt fl-Istati Membri tal-UE,

— wara li kunsidra l-linji gwida tal-Kummissjoni tal-15 ta' Jannar 2009 dwar valutazzjoni tal-impatt u l-annessi tagħhom (SEC(2009)0092),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Ġunju 2002 dwar il-valutazzjonijiet tal-impatt (COM(2002)0276),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas tal-20 ta' Ottubru 2010 bejn il-Parlament u l-Kummissjoni,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ottubru 2010 dwar Politika Industrijali Integrata għall-Era tal-Globalizzazzjoni: il-Kompetittività u s-Sostenibilità fix-Xena Prinċipali (COM(2010)0614),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt għall-2010 tal-24 ta' Jannar 2011 (SEC(2011)0126),

— wara li kkunsidra l-ittra tas-16 ta' Novembru 2010 mill-President tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi lir-rapporteur dwar l-esperjenzi miksuba minn valutazzjoni tal-impatt li saret dwar l-effett tal-estensjoni tal-liv tal-maternità għal 20 ġimgħa,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A7-0159/2011),

([1]) ĠU C 15 E, 21.1.2010, p. 16.
([2]) ĠU C 187 E, 24.07.2008, p. 67.
([3]) ĠU C 175 E, 10.07.2008, p. 124.
([4]) ĠU C 297 E, 07.12.2006, p. 128.
([5]) ĠU C 104 E, 30.04.2004, p. 146

A. billi l-valutazzjonijiet tal-impatt jippreżentaw evalwazzjoni sistematika tal-effetti mistennija tal-azzjoni leġiżlattiva,

B. billi l-introduzzjoni ta' ambjent regolatorju trasparenti, ċar, effettiv u ta' kwalità għolja għandha tkun objettiv prijoritarju tal-politika tal-Unjoni Ewropea,

C. billi l-valutazzjonijiet tal-impatt jagħtu kontribut pożittiv lit-titjib ġenerali tal-kwalità tad-dispożizzzjonijet legali Komunitarji fil-kuntest tat-tfassil aħjar tal-liġijiet,

D. billi l-problemi li jinqalgħu fit-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE attwalment applikabbli huma, fost affarijiet oħra, ir-riżultat ta' testi leġiżlattivi mfassla inadegwatament, u billi l-entitajiet leġiżlattivi kollha Ewropej jaqsmu r-responsabilità għal dan,

E. billi t-Trattat ta' Lisbona fih klawsoli soċjali u ambjentali orizzontali (l-Artikoli 9 u 11 tat-TFUE) li għandhom jitqiesu fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tal-Unjoni u jirrikjedu analiżi profonda tal-impatt soċjali u ambjentali ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni proposta;

F. billi, meta jiġu adottati liġijiet ġodda u meta jiġu ssimplifikati u riformulati liġijiet eżistenti, il-valutazzjonijiet tal-impatt jistgħu jservu biex itejbu l-evalwazzjoni tal-effetti soċjali, ekonomiċi, ambjentali u dawk fuq is-saħħa tagħhom u l-kompatibilità tagħhom mad-drittijiet fundamentali, u b'hekk jistgħu jgħinu biex tonqos il-burokrazija, kif ukoll jiżguraw il-konsistenza tal-politiki tal-UE fil-ksib tal-objettivi predominanti stipulati mill-Kunsill Ewropew,

G. billi l-Kummissjoni tqis li l-Bord ta' Valutazzjoni tal-Impatt huwa indipendenti minkejja li jinsab taħt l-awtorità tal-President tal-Kummissjoni u huwa magħmul minn uffiċjali għolja minn diversi Direttorati Ġenerali u ppresedut mill-Viċi Segretarju Ġenerali; billi dan iwassal għall-preġudizzju fl-informazzjoni u għaldaqstant għal ksur tan-newtralità meħtieġa,

H. billi l-Parlament f'diversi okkażżjonijiet esprima appoġġ għall-użu ta' valutazzjonijiet tal-impatt indipendenti fl-Unjoni Ewropea,

I. billi l-valutazzjonijiet tal-impatt imwettqa mill-Kummissjoni huma inkonsistenti fil-livell ta' kwalità tagħhom u spiss iservu pjuttost biex jiġġustifikaw proposta leġiżlattiva milli biex jippermettu kunsiderazzjoni oġġettiva tal-fatti,

J. billi l-valutazzjonijiet tal-impatt jistgħu jintużaw biex jinħolqu ostakli burokratiċi bla bżonn għall-iżvilupp ulterjuri jew għad-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni jew politiki Ewropej,

K. billi l-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni fil-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2003, fl-Approċċ Interistituzzjonali Komuni għal Valutazzjonijiet tal-Impatt ta' Novembru 2005, u l-Parlament u l-Kummissjoni fil-Ftehim ta' Qafas tal-20 ta' Ottubru 2010, ħadu l-impenn li jistabbilixxu aġenda għal-leġiżlar aħjar, u billi din ir-riżoluzzjoni tinkludi proposti konkreti għat-titjib tal-valutazzjonijiet tal-impatt,

L. billi l-Kummissjoni qed issegwi tip ġdid ta' approċċ fil-politika industrijali, fejn il-proposti politiċi kollha b'impatt qawwi fuq l-ekonomija għandhom jiġu analizzati fid-dettall fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq il-kompetittività,

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

***Rekwiżiti ġenerali għall-valutazzjonijiet tal-impatt fil-livell Ewropew***

1. Jenfasizza li l-valutazzjonijiet tal-impatt huma għajnuna importanti għal leġiżlar iktar intelliġenti u aħjar matul iċ-ċiklu politiku kollu li l-leġiżlaturi tad-dritt tal-UE għandhom jisfruttaw iktar spiss sabiex jgħinuhom jevalwaw b'mod iktar effettiv il-konsegwenzi ekonomiċi, soċjali, ambjentali u dawk relatati mas-saħħa tal-għażliet politiċi tagħhom, kif ukoll l-impatt tagħhom fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini, b'kunsiderazzjoni tal-fatt li l-analiżi tal-ispiża f'paragun mal-benefiċċju tikkostitwixxi kriterju wieħed fost oħrajn;

2. Jilqa' l-Komunikazzjoni dwar Regolamentazzjoni Intelliġenti u jenfasizza li l-valutazzjonijiet tal-impatt għandu jkollhom rwol prinċipali matul iċ-ċiklu kollu tal-politika, mit-tfassil għall-implimentazzjoni, l-infurzar, l-evalwazzjoni u sar-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni; jenfasizza l-importanza ta' teħid ta' deċiżjonijiet meqjus tajjeb u infurmat sew fl-istadju tat-tfassil tal-proposti leġiżlattivi, minħabba li dan jista' jwassal kemm għal kwalità mtejba tar-riżultati kif ukoll għall-proċess leġiżlattiv iqsar;

3. Jisħaq fuq il-bżonn ta' valutazzjonijiet tal-impatt magħmulin sew bħala prerekwiżit għal leġiżlazzjoni ta' kwalità għolja u għat-traspożizzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar kif jixraq;

4. Jenfasizza li valutazzjoni tal-impatt ma hija bl-ebda mod sostitut għad-dibattitu politiku u l-proċess demokratiku ta' teħid ta' deċiżjoni tal-leġiżlatur, iżda sempliċement isservi biex tgħin fil-preparazzjoni teknika ta' deċiżjoni politika;

5. Jenfasizza li l-valutazzjonijiet tal-impatt għandhom isiru fl-istadji bikrija tal-iżvilupp tal-politika; jenfasizza li dawn għandhom ikunu kompletament indipendenti u dejjem għandhom ikunu bbażati fuq analiżi raġunata u oġġettiva u tal-effetti potenzjali;

6. Jenfasizza li, skont l-Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, il-koleġiżlaturi ntrabtu li jwettqu valutazzjonijiet tal-impatt meta jqisu li dan ikun xieraq u meħtieġ għall-proċess leġiżlattiv, qabel l-adozzjoni ta' kwalunkwe emenda sostantiva;

7. Iqis li huwa neċessarju li jiġu involuti esperti esterni mill-oqsma politiċi kollha kif ukoll il-gruppi kollha tal-partijiet interessati li jkunu milquta fil-proċess tal-valutazzjoni tal-impatt sabiex ikunu ggarantiti l-indipendenza u l-oġġettività; jenfasizza, f'dan il-kuntest, id-distinzjoni fundamentali bejn konsultazzjoni pubblika u valutazzjoni tal-impatt indipendenti; jinnota li r-riżultat finali u l-kontroll tal-metodoloġija u l-kwalità tal-valutazzjoni tal-impatt għandhom jibqgħu f'idejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea sabiex ikun żgurat li dawn jitwettqu bl-istess standard għoli;

8. Jitlob li jkun hemm trasparenza massima fit-tfassil tal-valutazzjonijiet tal-impatt, inkluża l-pubblikazzjoni bikrija ta' pjanijiet direzzjonali komprensivi tal-leġiżlazzjoni proposta sabiex ikun żgurat aċċess ugwali għall-proċeduri leġiżlattivi għall-partijiet interessati kollha; iqis, għalhekk, ukoll li l-perjodu attwali ta' konsultazzjoni tal-Kummissjoni għandu jiġi estiż għal 12-il ġimgħa;

9. Huwa tal-opinjoni li m'għandux ikun possibbli li l-valutazzjonijiet tal-impatt dwar proġetti jew leġiżlazzjoni mħallsa mill-amministrazzjonijiet pubbliċi jew l-intrapriżi dipendenti tagħhom jiġu approvati mill-amministrazzjoni kkonċernata;

10. Iqis li hu essenzjali li l-valutazzjonijiet tal-impatt jiġu skrutinizzati mill-Istati Membri ex-ante, sabiex ikunu valutati l-effetti tal-leġiżlazzjoni proposta fuq il-liġijiet u l-politiċi pubbliki nazzjonali; jitlob li titwettaq evalwazzjoni ex-post ikbar u biex titqies iktar l-inklużjoni ta' tabelli ta' korrelazzjoni obbligatorji sabiex ikun żgurat li l-leġiżlazzjoni tal-UE tkun ġiet implimentata b'mod korrett mill-Istati Membri u laħqet l-objettivi tagħha;

11. Jemmen li l-valutazzjoni tal-impatt hija strument xieraq għall-verifika tar-rilevanza tal-proposti tal-Kummissjoni, u partikolarment skont il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, u biex ikunu spjegati b'mod iktar ċar lill-koleġiżlaturi u lill-pubbliku b'mod ġenerali r-raġunijiet għall-għażla ta' miżura partikolari;

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

12. Jenfasizza li l-elementi ewlenin ta' valutazzjoni tajba tal-impatt huma r-rikonoxximent tal-problema, il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, id-definizzjoni tal-objettivi li għandhom jintlaħqu u l-elaborazzjoni ta' alternattivi strateġiċi tal-politika;

13. Iqis li huwa importanti li proposti leġiżlattivi ġodda jkunu akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt; jinnota li dan jista' japplika wkoll għas-simplifikazzjoni u r-riformulazzjoni tal-liġi tal-UE u għall-atti delegati u implimentattivi skont l-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE, meta dan ikun xieraq;

14. Iqis il-valutazzjoni tal-impatt bħala 'dokument ħaj' li jifforma parti mill-proċess leġiżlattiv; jenfasizza l-ħtieġa li tkun garantita biżżejjed flessibbiltà biex ikunu jistgħu jsiru valutazzjonijiet tal-impatt ulterjuri matul il-proċess leġiżlattiv;

15. Jitlob li l-valutazzjonijiet tal-impatt ma jiffokawx esklussivament fuq l-analiżi tal-ispiża f'paragun mal-benefiċċju imma li dawn jikkunsidraw ammont kbir ta' kriterji, bi qbil mal-prinċipju ta' approċċ integrat, sabiex jipprovdu lil-leġiżlatur stampa kemm jista' jkun komprensiva; jinnota, f'dan il-kuntest, l-aspetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali msemmija fil-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2003 u fl-approċċ komuni tal-2005, li għandhom jiġu miġbura f'evalwazzjoni waħda; jissottolinja, f'dan ir-rigward, il-bżonn li tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-politiki u l-attivitajiet tal-UE billi jitqiesu l-objettivi tagħha u bi qbil mal-prinċipju tal-għoti tal-poteri kif stipulat fl-Artikolu 7 tat-TFUE;

16. Iħeġġeġ, fil-kuntest tal-valutazzjonijiet tal-impatt, sabiex dejjem issir analiżi tal-ispiża f'paragun mal-benefiċċju – jiġifieri, eżami tal-effiċjenza f'termini ta' spejjeż tal-programmi u l-miżuri kollha li jinvolvu nefqa – kif ukoll biex jiġu eżaminati l-implikazzjonijiet potenzjali għall-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju; jitlob, f'dan il-kuntest, l-użu konsistenti tat-test tal-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju propost fl-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar tal-2008; ifakkar, f'dan il-kuntest, li f'kull liġi li timponi piżijiet fuq l-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju għandu jkun hemm evalwazzjoni bir-reqqa tar-regolamenti eżistenti bil-għan li jitnaqqas il-piż regolatorju globali fuq l-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju;

17. Jitlob, fil-kuntest tal-valutazzjonijiet tal-impatt, li ssir analiżi intensiva dwar il-proposti politiċi ġodda kollha b'effetti sinifikattivi fuq il-kompetittività industrijali; jitlob, barra minn hekk, li ssir valutazzjoni ex-post tal-impatt tal-leġiżlazzjoni tal-UE fuq il-kompetittività tal-ekonomija Ewropea; jinnota li l-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha dwar il-Politika Industrijali Integrata għall-Era tal-Globalizzazzjoni fil-fatt wiegħdet l-applikazzjoni ta' proċedura ta' dan it-tip;

18. Jenfasizza l-ħtieġa li jittieħdu t-tagħlimiet mill-evalwazzjoni ex-post tal-leġiżlazzjoni eżistenti u minn analiżi tal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja, u li qabel ma tiġi proposta leġiżlazzjoni ġdida ssir diskussjoni xierqa dwar l-għażliet strateġiċi disponibbli għal qasam ta' politika speċifika;

19. Iħeġġeġ li l-valutazzjonijiet tal-impatt fil-livell Ewropew għandhom jeżaminaw il-valur miżjud Ewropew f'dak li għandu x'jaqsam ma' liema spejjeż jiġu ffrankati minn soluzzjoni Ewropea u/jew xi spejjeż supplementari jirriżultaw għall-Istati Membri fin-nuqqas ta' soluzzjoni Ewropea;

20. Jemmen li l-impatt fuq is-sħubiji ekonomiċi tal-UE kif ukoll l-implikazzjonijiet tal-għażla ta' standard Ewropew speċifiku minflok standard internazzjonali għandu jitqies fil-valutazzjonijiet tal-impatt;

21. Jenfasizza li l-valutazzjonijiet tal-impatt għandhom iqisu bis-sħiħ l-alternattivi disponibbli għal-leġiżlatur u dejjem għandhom jinkludu eżami serju tal-alternattiva li ma tittieħed ebda azzjoni;

22. Jenfasizza li l-valutazzjonijiet tal-impatt m'għandhomx iwasslu għal iżjed burokrazija u dewmien żejjed fil-proċedura leġiżlattiva; madankollu, għandu jingħata biżżejjed ħin sabiex il-valutazzjonijiet tal-impatt jipproduċu riżultati affidabbli; jenfasizza wkoll, f'dan il-kuntest, li l-valutazzjonijiet tal-impatt m'għandhomx jiġu abbużati biex jimblukkaw leġiżlazzjoni mhux mixtieqa; iħeġġeġ, għalhekk, li jinħolqu l-kundizzjonijiet tekniċi u amministrattivi biex jiżguraw li l-valutazzjonijiet tal-impatt jitwettqu bil-ħeffa u mal-ewwel, pereżempju permezz ta' strumenti bħal ftehimiet qafas, proċeduri ta' sejħiet għall-offerti mgħaġġla u l-aħjar użu possibbli tar-riżorsi;

23. Iħeġġeġ, bi qbil mal-prinċipju tal-Aħjar Prattika, li jsir użu mill-esperjenza miksuba f'pajjiżi oħra fejn valutazzjonijiet tal-impatt diġà twettqu għal diversi snin, sabiex ikomplu jitjiebu l-valutazzjonijiet tal-impatt fil-livell tal-UE;

24. Jitlob li l-valutazzjonijiet tal-impatt jiġu aġġornati matul il-proċess leġiżlattiv sħiħ, sabiex jiġu kkunsidrati tibdiliet li jseħħu matul dan il-proċess;

25. Jenfasizza li l-valutazzjonijiet tal-impatt m'għandhomx isiru biss qabel l-adozzjoni ta' test leġiżlattiv (ex-ante) iżda għandhom jitwettqu wkoll wara l-adozzjoni tiegħu (ex-post); ifakkar li dan huwa neċessarju sabiex jiġi vvalutat aktar bir-reqqa jekk l-oġġettivi ta' liġi fil-verità ntlaħqux u jekk att legali għandux jiġi adattat jew għandux jinżamm; jisħaq, madankollu, fuq il-fatt li l-evalwazzjoni ex-post m'għandha qatt tissostitwixxi d-dover tal-Kummissjoni bħala "l-Gwardjana tat-Trattati" li timmoniterja b'mod effettiv u fil-waqt l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni fl-Istati Membri;

26. Jenfasizza r-responsabilità primarja tal-Kummissjoni biex twettaq valutazzjonijiet tal-impatt ta' kwalità għolja tal-proposti tagħha fl-eżerċitar tad-dritt tagħha ta' inizjattiva bi qbil mat-Trattat;

***Potenzjal għat-titjib fil-livell tal-Kummissjoni***

27. Jirrikonoxxi li l-kwalità tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni għoliet fis-snin riċenti, imma jenfasizza li hemm bżonn ta' iktar titjib;

28. Jirreferi, f'dan il-kuntest, għall-Bord ta' Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni, li ġie mwaqqaf fl-2006, li huwa responsabbli għall-iżvilupp tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni;

29. Jenfasizza li membri tal-Bord ta' Valutazzjoni tal-Impatt huma indipendenti biss f'termini formali, peress li attwalment jinħatru mill-President tal-Kummissjoni u huma soġġetti għall-istruzzjonijiet tiegħu, u għalhekk ma jistax jingħad li huma kompletament indipendenti; jitlob, għalhekk, li l-membri tal-Bord ta' Valutazzjoni tal-Impatt jinħatru mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill u li ma jkunux iktar soġġetti għall-istruzzjonijiet tal-President tal-Kummissjoni; jitlob, għalhekk, li l-ħidma tal-Bord ta' Valutazzjoni tal-Impatt u tal-esperti ssir fl-ambitu pubbliku bl-ogħla livell ta' trasparenza sabiex l-indipendenza tagħhom tkun tista' tiġi verifikata fil-prattika;

30. Jitlob ukoll li l-esperti mill-oqsma politiċi kollha kif ukoll il-gruppi tal-partijiet interessati kollha milquta jiġu involuti fix-xogħol tal-Bord ta' Valutazzjoni tal-Impatt; jitlob li dawn l-esperti jiġu minn barra l-Kummissjoni u li ma jkunux suġġetti għal istruzzjonijiet;

31. Jitlob li l-Parlament Ewropew jiġi involut b'mod bikri u komprensiv – anki permezz ta' notifiki u rapporti interim – u b'mod partikolari li jiġu involuti l-kumitati relevanti tiegħu, fil-proċess sħiħ ta' valutazzjoni tal-impatt u fix-xogħol tal-Bord ta' Valutazzjoni tal-Impatt; jistieden lill-Kummissjoni biex tipprovdi lill-Parlament u lill-Kunsill b'sommarji ta' bejn żewġ u erba' faċċati mal-valutazzjoni tal-impatt sħiħa, inkluża, meta tkun relevanti, spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex ma twettqitx valutazzjoni tal-impatt, meta tippreżenta proposta leġiżlattiva sabiex tivverifika li l-kwistjonijiet relevanti kollha jiġu indirizzati mingħajr ma tkun ipperikolata l-indipendenza tal-valutazzjoni billi tiġi influwenzata l-evalwazzjoni attwali;

32. Jinnota li fit-twettiq tal-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha l-Kummissjoni għandha tikkonsulta wkoll mal-Istati Membri, għaliex dawn tal-aħħar wara għandhom jittrasponu d-direttivi fil-liġi nazzjonali u l-l-awtoritajiet nazzjonali normalment ikunu jafu iktar kif id-dispożizzjonijiet legali se jaħdmu fil-prattika;

33. Jenfasizza li r-regolamentazzjoni intelliġenti bbażata fuq valutazzjoni kompleta u oġġettiva tal-impatt għadha r-responsabilità komuni tal-istituzzjonijiet Ewropej u tal-Istati Membri, u li l-Kummissjoni għandha għaldaqstant tqis ukoll l-osservazzjonijiet li hija tirċievi mill-Parlament Ewropew, mill-Kumitat tar-Reġjuni, mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u mill-Istati Membri;

34. Jinnota li, qabel l-adozzjoni finali ta' valutazzjoni tal-impatt, ir-riżultati preliminari tagħha dejjem għandhom ikunu soġġetti għal reviżjoni esterna; jitlob li s-sejbiet ta' din ir-reviżjoni jkunu aċċessibbli għall-pubbliku;

35. Jinnota l-kritika mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fis-sens li l-Kummissjoni kultant tieħu inizjattivi leġiżlattivi minkejja l-fatt li proċess ta' valutazzjoni tal-impatt ikun għadu ma ġiex konkluż; jinnota wkoll il-kritika li mhux l-għażliet politiċi kollha jistgħu jirċievu l-istess livell ta' attenzjoni; jisħaq fuq il-fatt li l-għażliet politiċi kollha għandhom jitqiesu bis-sħiħ fil-proċess tal-valutazzjoni tal-impatt;

36. Jitlob, fl-interess ta' trasparenza akbar, li jiġu ppubblikati l-ismijiet tal-esperti u l-parteċipanti l-oħra kollha fil-proċess ta' valutazzjoni tal-impatt kif ukoll id-dikjarazzjoni tagħhom ta' interessi;

37. Jitlob, fir-rigward tal-konsultazzjonijiet pubbliċi, li l-gruppi ta' partijiet interessati jiġu notifikati fil-ħin dwar kwalunkwe konsultazzjoni ppjanata; jitlob ukoll li l-gruppi ta' partijiet interessati jingħataw l-opportunità, bħala parti mill-proċess ta' konsultazzjoni pubblika, li jikkummentaw dwar il-valutazzjonijiet tal-impatt, u dan għandu jsir kmieni biżżejjed, qabel ma tiġi ppubblikata l-proposta tal-Kummissjoni;

38. Jitlob li d-data użata mill-Kummissjoni tkun affidabbli u komparabbli;

39. Jistieden lill-Kummissjoni biex fil-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha teżamina sistematikament il-piżijiet amministrattivi ta' proposti leġiżlattivi u biex dejjem tindika ċar liema waħda mill-għażliet li jkunu ġew eżaminati l-aktar li tneħħi piżijiet amministrattivi jew l-anqas li toħloq piżijiet ġodda;

40. Jinnota li t-tressiq ta' proposta leġiżlattiva fl-istess ħin tal-preżentazzjoni tar-riżultati ta' valutazzjoni tal-impatt huwa kontroproduttiv għaliex dan jagħti l-impressjoni li l-għan prinċipali tal-valutazzjoni tal-impatt huwa li jiġġustifika l-proposta tal-Kummissjoni; huwa tal-parir, għalhekk, li d-dokumenti jiġu ppubblikati aktar kmieni f'kull stadju tal-proċess leġiżlattiv, inkluża l-pubblikazzjoni tal-valutazzjoni finali tal-impatt tal-Kummissjoni, kif approvata mill-Bord ta' Valutazzjoni tal-Impatt, qabel jibdew il-konsultazzjonijiet bejn is-servizzi;

41. Jissuġġerixxi li l-valutazzjonijiet kollha tal-impatt li jitlestew mill-Kummissjoni għandhom jiġu ppubblikati f'serje speċjali ta' pubblikazzjonijiet mill-Kummissjoni sabiex ikun faċli għall-pubbliku li jirreferi għalihom u jfittixhom f'websajt apposta;

42. Jitlob li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ex-post tal-atti legali adottati; itenni, madankollu, li l-evalwazzjoni ex-post m'għandha qatt tissostitwixxi d-dover tal-Kummissjoni li timmoniterja l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fl-Istati Membri;

43. Jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi kummenti sostantivi dwar il-valutazzjonijiet tal-impatt imwettqa mill-Parlament;

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

***Potenzjal għat-titjib fil-livell tal-Parlament Ewropew***

44. Jitlob lill-kumitati tiegħu jagħmlu użu aktar konsistenti mill-istrument parlamentari ta' valutazzjoni tal-impatt, strument li hu diġà disponibbli; ifakkar li teżisti linja baġitarja speċifika li tkopri t-twettiq tal-valutazzjonijiet tal-impatt; iqis ir-rikors għal valutazzjoni parlamentari tal-impatt bħala partikolarment neċessarju meta jkunu ddaħħlu bidliet sostantivi fil-proposta inizjali;

45. Ifakkar, barra minn hekk, li l-valutazzjonijiet tal-impatt m'hemmx għalfejn ikunu parti minn studju kumpless iżda jistgħu jieħdu l-forma ta' studji limitati, workshops u sessjonijiet ta' smigħ mal-esperti;

46. Hu tal-fehma li għandha tiddaħħal sistematikament kunsiderazzjoni standard mill-Parlament fir-riżoluzzjonijiet leġiżlattivi tiegħu, li biha ssir referenza għall-kunsiderazzjoni tal-valutazzjonijiet kollha tal-impatt li jitwettqu mill-istituzzjonijiet tal-UE fl-oqsma relevanti għal-leġiżlazzjoni kkonċernata;

47. Jinnota li l-Parlament u l-kumitati tiegħu diġà għandhom il-makkinarju biex jeżaminaw il-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni; iqis li preżentazzjoni tal-valutazzjoni tal-impatt mill-Kummissjoni lill-kumitati relevanti tkun żieda ta' valur kbir għall-iskrutinju li jsir fil-Parlament; jinnota li tali skrutinju jista' wkoll jieħu numru ta' forom oħra, inklużi valutazzjonijiet tal-impatt komplementari, analiżi aktar dettaljata, rieżami tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni minn esperti esterni u laqgħat speċjali ma' esperti indipendenti; jenfasizza li l-ħidma tad-dipartimenti politiċi tagħha f'dan il-qasam għandha tiżviluppa b'mod konsistenti;

48. Jenfasizza li l-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Parlament għandhom jitqiesu bħala korrettivi tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni;

49. Jitlob li l-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni jiġu trattati sistematikament u kemm jista' jkun malajr fil-livell parlamentari u partikolarment fil-livell tal-kumitati;

50. Jenfasizza li d-deċiżjoni għat-twettiq tal-valutazzjoni parlamentari tal-impatt għandha tittieħed mill-kumitat relevanti tal-Parlament bil-parteċipazzjoni tar-rapporteur; iħeġġeġ li r-Regoli ta' Proċedura tiegħu għandhom jiġu emendati biex jagħmluha possibbli li valutazzjoni tal-impatt tista' tintalab minn kwota minima ta' kwart tal-membri tal-kumitat;

51. Iħeġġeġ lill-kumitati kollha tiegħu biex, qabel ma jikkunsidraw proposta leġiżlattiva, jiddiskutu mal-Kummissjoni fil-fond dwar il-valutazzjoni tal-impatt;

52. Jenfasizza li l-valutazzjonijiet tal-impatt li jitwettqu matul il-proċess parlamentari leġiżlattiv huma importanti wkoll; jinkoraġġixxi lill-Parlament biex jeżamina l-possibilità ta' valutazzjoni tal-impatt meta jsiru emendi sostantivi fi kwalunkwe stadju tal-proċess leġiżlattiv; jinnota, madankollu, li dan m'għandux iwassal għal dewmien żejjed;

53. Jitlob, barra minn hekk, li l-Membri individwali jkollhom il-possibilità li jitolbu studji żgħar sabiex jipprovdulhom fatti jew statistiki relevanti fl-oqsma relatati mal-ħidma parlamentari tagħhom, u jissuġġerixxi li tali studji jkunu jistgħu jsiru mil-librerija tal-Parlament Ewropew bħala komplement għall-funzjonijiet kurrenti tagħha;

54. Jistieden, għalhekk, lill-Parlament biex jadotta pjanijiet biex il-librerija tiegħu tipprovdi dan is-servizz lill-Membri; jenfasizza l-fatt li kwalunkwe pjanijiet għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar prattiki tal-libreriji parlamentari, inklużi dawk tal-Istati Membri, u għandhom jitwettqu skont regoli stretti u b'kooperazzjoni sħiħa mal-funzjoni ta' riċerka li taqdi l-kumitati;

***Il-ħolqien ta' struttura awtonoma għall-valutazzjonijiet tal-impatt għall-Parlament Ewropew u l-prospetti għall-futur***

55. Jenfasizza l-importanza ta' mekkaniżmu għal valutazzjoni tal-impatt uniformi għall-kwalità u l-koerenza tat-tfassil ta' politika tiegħu stess;

56. Jitlob, għalhekk, li jiġi stabbilit proċess integrat ta' valutazzjoni tal-impatt fil-Parlament Ewropew; jipproponi, f'dan il-kuntest, li tiġi żviluppata proċedura ta' valutazzjoni tal-impatt komuni fuq il-bażi ta' sistema u metodoloġija komuni użati mill-kumitati kollha;

57. Jinkoraġġixxi li dan isir taħt il-patroċinju ta' struttura awtonoma li tagħmel użu mir-riżorsi proprji tal-Parlament, pereżempju billi jiġu involuti l-librerija u d-dipartimenti politiċi, u tinkludi esperti esterni, bħal uffiċjali ssekondati minn faċilitajiet nazzjonali tal-valutazzjoni tal-impatt, fuq bażi ad hoc għall-valutazzjonijiet individwali tal-impatt, li għandha tkun responsabbli quddiem il-Parlament Ewropew permezz ta' bord superviżorju li jkun magħmul minn membri;

58. Jitlob li tinħoloq l-infrastruttura amministrattiva neċessarja għal dan il-għan, filwaqt li jkun żgurat li kwalunkwe infrastruttura bħal din tkun newtrali għall-baġit billi jintużaw riżorsi eżistenti;

59. Jenfasizza li għandhom isiru deliberazzjonijiet fit-tul dwar il-prospetti ta' approċċ komuni għall-valutazzjonijiet tal-impatt mill-istituzzjonijiet Ewropej; ifakkar li l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2003 u l-Approċċ Interistituzzjonali Komuni għal valutazzjonijiet tal-impatt ta' Novembru 2005 diġà talbu li jkun hemm approċċ metodoloġiku komuni għall-valutazzjonijiet tal-impatt fl-istituzzjonijiet Ewropej;

60. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni Ewropea topponi l-idea ta' approċċ komuni għall-valutazzjoni tal-impatt mill-istituzzjonijiet Ewropej;

61. Jinnota li l-Kunsill s'issa għamel użu minimu tal-valutazzjoni tal-impatt bħala strument; jistieden, għalhekk, lill-Kunsill ukoll biex jagħmel użu aktar intensiv tal-valutazzjonijiet tal-impatt, b'konformità mal-approċċ interistituzzjonali komuni għall-valutazzjonijiet tal-impatt imsemmi hawn fuq, sabiex tittejjeb il-kwalità tal-kontribuzzjoni tiegħu għal-leġiżlazzjoni tal-UE; jenfasizza li regolamentazzjoni intelliġenti bbażata fuq valutazzjoni tal-impatt kompleta u oġġettiva tibqa' r-responsabilità komuni tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri;

*

* *

62. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

# Id-dimensjoni esterna tal-politika soċjali, il-promozzjoni tax-xogħol u l-istandards soċjali u r-Responsabbiltà Soċjali tal-Kumpanniji Ewropej

P7_TA(2011)0260

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar id-dimensjoni esterna tal-politika soċjali, il-promozzjoni tax-xogħol u l-istandards soċjali u r-Responsabbiltà Soċjali tal-Kumpanniji Ewropej (2010/2205(INI))**

(2012/C 380 E/07)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 6 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 7, 9, 145-161, 206-209 u 215 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

— wara li kkunsidra l-Artikoli 5, 12, 14, 15, 16, 21, 23, 26, 27, 28, 29, 31, 32, 33, 34 u 36 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (1948) u strumenti oħra tan-Nazzjonijiet Uniti fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (1966) u dak dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (1966), il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali (1965), il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (1979), il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal (1989), il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti u tal-Membri tal-familji tagħhom (1990) u l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltajiet (2006) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti 'Protezzjoni, Rispett u Rimedju' għall-impriżi u d-drittijiet tal-bniedem propost mir-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali għad-drittijiet tal-bniedem u kumpanniji transnazzjonali u impriżi oħrajn, il-Professur John Ruggie, approvati unanimament mill-Kunsill "Drittijiet tal-Bniedem" tan-NU fl-2008 (riżoluzzjoni 8/7), il-prinċipji gwida pubblikati dan l-aħħar għall-implimentazzjoni tal-qafas ([2]) u l-konklużjonijiet tal-Kunsill "Affarijiet Barranin" tad-8 ta' Diċembru 2009 li josservaw ir-rwol importanti tal-impriżi fl-ilħiq tar-rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem u jtenni l-appoġġ totali tal-Kunsill favur il-ħidma tar-Rappreżentant Speċjali tan-NU ([3]);

— wara li kkunsidra l-aħħar rapport ta' John Ruggie, ir-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-kwistjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-kumpanniji transnazzjonali u impriżi oħrajn ([2]),

— wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 5, 6 u 19 tagħha ([4]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Istatus Ġuridiku tal-Ħaddiema Migranti ([5]),

— wara li kkunsidra l-konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, partikolarment it-tmien konvenzjonijiet fundamentali dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni u r-rikonoxximent effettiv tad-dritt għan-negozjar kollettiv (Konvenzjonijiet nri 87 u 98), dwar l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' xogħol furzat u obbligatorju (Konvenzjonijiet nri 29 u 105), dwar l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjieg u tal-okkupazzjoni (Konvenzjonijiet nri 100 u 111) u dwar l-abolizzjoni effettiva tat-tħaddim tat-tfal (Konvenzjonijiet nri 138 u 182) ([6]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet ILO dwar Klawżoli tax-Xogħol (Appalti Pubbliċi) (Konvenzjoni nru 94) u dwar Negozjar Kollettiv (Konvenzjoni nru 154) ([7]),

— wara li kkunsidra l-Aġenda tax-Xogħol Deċenti u l-Patt Globali għall-Impjiegi tal-ILO, adottati b'kunsens dinji fid-19 ta' Ġunju 2009 waqt il-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol ([8]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta adottata bil-kunsens tal-183 Stat Membru tal-ILO fl-10 ta' Ġunju 2008 ([9]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Marrakexx li stabbilixxa l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) ([10]), u d-Dikjarazzjoni adottata waqt ir-raba' konferenza ministerjali li saret f'Novembru 2001 f'Doha, b'mod partikolari l-Paragrafu 31 ([11]),

---

([1]) http://www2.ohchr.org/english/law/
([2]) http://www.business-humanrights.org/SpecialRepPortal/Home/Protect-Respect-Remedy-Framework
([3]) http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/EN/foraff/111819.pdf
([4]) http://conventions.coe.int/Treaty/en/Treaties/Html/163.htm
([5]) http://www.coe.int/t/dg3/migration/documentation/Default_conv_en.asp
([6]) http://www.ilo.org/ilolex/english/convdisp1.htm
([7]) ibid.
([8]) http://www.ilo.org/jobspact/about/lang–en/index.htm
([9]) http://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/@dgreports/@cabinet/documents/publication/wcms_099766.pdf
([10]) http://www.wto.org/english/docs_e/legal_e/04-wto.pdf
([11]) http://www.wto.org/english/thewto_e/minist_e/min01_e/mindecl_e.htm

— wara li kkunsidra l-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi, partikolarment l-Artikolu 1(2)(d) tiegħu, l-hekk imsejjaħ MODE4 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni Dinjija dwar id-Dimensjoni Soċjali tal-Globalizzazzjoni bit-titolu 'Globalizzazzjoni ġusta: Noħolqu l-Opportunitajiet għal Kulħadd' ([2]),

— wara li kkunsidra d-"dikjarazzjoni tal-Mexxejja" tas-samit tal-G20 li sar f'Pittsburgh fl-24 u l-25 ta’ Settembru 2009 ([3]),

— wara li kkunsidra l-aħħar aġġornamenti tal-Linji gwida tal-OECD għall-Impriżi Multinazzjonali ([4]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ([5]) kif ukoll li jemenda ir-Regolament (KE) Nru 546/2009,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta’ ħaddiema fil-qafas ta’ prestazzjoni ta’ servizzi ([6]) (PWD),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta’ Settembru 1996 dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-inklużjoni tar-rispett għall-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem fi ftehimiet bejn il-Komunità u pajjiżi terzi ([7]) u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta’ Frar 2006 dwar il-klawżola dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-ftehimiet tal-Unjoni Ewropea ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta’ Ottubru 2001 dwar it-trasparenza u d-demokrazija fil-kummerċ internazzjonali ([9]) li appellat lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ biex tirrispetta l-istandards soċjali fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), u lill-UE biex taċċetta d-deċiżjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, inklużi sanzjonijiet b’konnessjoni ma’ ksur gravi tal-istandards soċjali fundamentali;

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta’ Mejju 2007 dwar il-promozzjoni ta’ xogħol deċenti għal kulħadd ([10]), li titlob il-promozzjoni ta’ xogħol deċenti permezz tal-inklużjoni ta’ standards soċjali fit-ftehimiet kummerċjali tal-UE, b’mod partikolari l-ftehimiet bilaterali,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta’ Novembru 2005 dwar id-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni ([11]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta’ Lulju 2005 dwar l-isfruttament tat-tfal fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, b’enfasi speċjali fuq it-tħaddim tat-tfal ([12]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta’ Lulju 2006 dwar il-kummerċ ġust u żvilupp ([13]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta’ Mejju 2007 dwar 'L-Ewropa Globali: l-aspetti esterni tal-kompetittività' ([14]) bħala risposta għall-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew bit-titolu "L-Ewropa Globali: Kompetizzjoni Dinjija. Kontribut lill-Istrateġija tal-UE għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjiegi' (COM(2006)0567),

([1]) WTO: GATS, Artikolu 1(2)(d) = MODE 4.
([2]) Ġinevra, ILO 2004. http://www.ilo.org/fairglobalization/report/lang–en/index.htm
([3]) http://www.pittsburghsummit.gov/mediacenter/129639.htm
([4]) http://www.oecd.org/document/33/0,3746,en_2649_34889_44086753_1_1_1_1,00.html
([5]) ĠU L 48, 22.2.2008, p. 82.
([6]) ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1.
([7]) ĠU C 320, 28.10.1996, p. 261.
([8]) ĠU C 290E, 29.11.2006, p. 107.
([9]) ĠU C 112E, 9.5.2002, p. 326.
([10]) ĠU C 102E, 24.4.2008, p. 321.
([11]) ĠU C 280E, 18.11.2006, p. 65.
([12]) ĠU C 157E, 6.7.2006, p. 84.
([13]) ĠU C 303E, 13.12.2006, p. 865.
([14]) ĠU C 102E, 24.4.2008, p. 128.

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-30 ta' Mejju 2002 dwar il-Green Paper tal-Kummissjoni dwar il-promozzjoni ta' qafas Ewropew għar-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji ([1]) u tal-15 ta' Jannar 1999 dwar standards tal-UE applikabbli għall-impriżi Ewropej li joperaw fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw: lejn Kodiċi ta' Kondotta Ewropew ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2007 dwar ir-responsabiltà soċjali tal-intrapriżi: sħubija ġdida ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 dwar ir-responsabilità soċjali tal-kumpanniji fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar il-ftehimiet ta' sħubija ekonomika mar-reġjuni u l-pajjiżi AKP, u b'mod partikolari dawk tas-26 ta' Settembru 2002 ([5]), tat-23 ta' Mejju 2007 ([6]) u tat-12 ta' Diċembru 2007 ([7]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-14 ta' Ġunju 2010 dwar it-tħaddim tat-tfal ([8]),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-16 ta' Settembru 2010 dwar 'Dinja li qed tinbidel: sfida għall-Ewropa' ([9]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar id-Dimensjoni Socjali tal-Globalizzazzjoni - il-kontribut ta' politika tal-UE biex igawdi kulħadd (COM(2004)0383),

— wara li kkunsidra l-Aġenda Soċjali Ewropea Mġedda tat-2 ta' Lulju 2008 (COM(2008)0412),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu 'Promozzjoni tax-xogħol deċenti għal kulħadd - Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-aġenda tax-xogħol deċenti għal kulħadd' (COM(2006)0249),

— wara li kkunsidra l-konsultazzjoni pubblika dwar l-iżvelar ta' informazzjoni mhux finanzjarja minn kumpanniji mnedija mid-DĠ Suq Intern u Servizzi, Unità għar-Rapportar Finanzjarju ([10]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu 'Kummerċ, Tkabbir u Affarijiet Dinjija: Il-Politika tal-Kummerċ bħala element prinċipali mill-Istrateġija tal-UE 2020' (COM(2010)0612),

— wara li kkunsidra s-sistema ġeneralizzata ta' preferenzi (SPĠ), fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2009, li tagħti aċċess bla dazju jew bit-tnaqqis tat-tariffi għal numru ikbar ta' prodotti u tinkludi wkoll inċentiv ġdid għall-pajjiżi vulnerabbli ffaċjati minn bżonnijiet speċifiċi ta' kummerċ, finanzi jew żvilupp ([11]),

— wara li kkunsidra l-ftehimiet kollha bejn l-Unjoni Ewropea u Stati li mhumiex membri,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP), min-naħa l-waħda, u l-Unjoni Ewropea, minn naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, u r-reviżjonijiet tiegħu fl-2005 u l-2010 ([12]),

([1]) ĠU C 187 E, 7.8.2003, p. 180.
([2]) ĠU C 104, 14.4.1999, p. 180.
([3]) ĠU C 301 E, 13.12.2007, p. 45.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2010)0446.
([5]) ĠU C 273E, 14.11.2003, p. 305.
([6]) ĠU C 102E, 24.4.2008, p. 301.
([7]) ĠU C 323E, 18.12.2008, p. 361.
([8]) Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-14.6.2010 dwar it-tħaddim tat-tfal, 10937/1/2010.
([9]) Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-16.9.2010, EUCO 00021/1/2010.
([10]) http://ec.europa.eu/internal_market/consultations/2010/non-financial_reporting_en.htm
([11]) ĠU L 211, 6.8.2008.
([12]) http://ec.europa.eu/development/icenter/repository/second_revision_cotonou_agreement_20100311.pdf

— wara li kkunsidra partikolarment il-konklużjoni tan-negozjati bejn l-UE, il-Kolombja u l-Perù meta kien iffirmat il-Ftehim Kummerċjali bejn Bosta Partijiet ([1]),

— wara li kkunsidra s-smigħ dwar 'L-applikazzjoni ta' standards soċjali u ambjentali fin-negozjati fil-qasam kummerċjali' li l-Parlament organizza fl-14 ta' Jannar 2010,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp u tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0172/2011),

A. billi l-istandards għoljin tal-UE għall-protezzjoni soċjali u tad-drittijiet tal-bniedem jikkostitwixxu rekwiżiti deċiżivi għall-Unjoni Ewropea hija u tinnegozja dwar relazzjonijiet kummerċjali ma' Stati li mhumiex membri,

B. billi l-protezzjoni tad-drittijiet ekonomiċi u soċjali tikkostitwixxi obbligu għall-Istati Membri kollha kif ukoll għall-Istati kollha l-oħra li ġej mid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti, u billi dan jinkludi d-dritt għal kulħadd li jifforma u jissieħeb fi trade unions għall-ħarsien tal-interessi tiegħu,

C. billi l-konvenzjonijiet ILO ewlenin huma rikonoxxuti fuq livell internazzjonali bħala bażi għal kummerċ internazzjonali ġust u billi, sfortunatament, mhux l-Istati Membri kollha jirrispettawhom totalment,

D. billi huwa fl-interess tal-Unjoni li tikkonkludi ftehimiet kummerċjali bilaterali vantaġġjużi għall-Unjoni u għas-sħab kummerċjali sakemm iż-żewġ naħat jirrispettaw id-drittijiet stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

E. billi l-atteġġjament tal-Istati Membri kollha għandu jirrifletti b'mod ċar il-prinċipji tal-mudell soċjali Ewropew meta huma involuti kwistjonijiet soċjali u l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri bbażata fuq l-metodu miftuħ ta' koordinament,

F. billi d-demokrazija u l-istat tad-dritt jeħtieġu trade unions, għaqdiet tal-ħaddiema u movimenti soċjali b'saħħithom u ħielsa, u billi dawn jistgħu jeżistu biss f'komunità demokratika li fiha tipprevali s-separazzjoni tal-poteri,

G. billi wħud mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw jaffermaw li jħossuhom taħt pressjoni biex jirrinunzjaw għall-vantaġġ relattiv meta l-Unjoni titlob ir-rispett tal-istandards internazzjonali fil-qasam tax-xogħol,

H. billi d-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta tal-2008, adottata bil-kunsens tal-183 Stat Membru tal-ILO li l-ksur tal-prinċipji fundamentali u d-drittijiet fil-post tax-xogħol ma jistax jiġi invokat jew użat b'mod ieħor bħala vantaġġ leġittimu komparattiv u li l-istandards tax-xogħol ma għandhomx jintużaw għal skopijiet kummerċjali protezzjonistiċi,

I. billi xi pajjiżi li mhumiex membri jippruvaw jinfurzaw MODE4 ([2]) meta jinnegozjaw ftehimiet kummerċjali mal-UE,

([1]) http://trade.ec.europa.eu/doclib/press/index.cfm?id=691
([2]) WTO: GATS, Artikolu 1(2)(d) = MODE 4.

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

J. billi bosta impriżi jitgħabbew bir-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji u jippruvaw jiggarantixxu konformità ma' standards soċjali u ambjentali fi ħdan l-isfera ta' influwenza tagħhom, pereżempju billi jaċċedu għall-Patt Global tan-NU jew jipparteċipaw f'inizjattivi industrijali volontarji,

K. billi l-prinċipji li jiddefinixxu r-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji, li huma totalment rikonoxxuti fil-livell internazzjonali, kemm fi ħdan l-OECD kif ukoll l-ILO u n-Nazzjonijiet Uniti, jikkonċernaw l-imġiba responsabbli mistennija mill-impriżi, u l-ewwel u qabel kollox jimplika r-rispett tal-leġiżlazzoni fis-seħħ, partikolarment fil-qasam tal-impjiegi, tar-relazzjonijiet tax-xogħol, tad-drittijiet tal-bniedem, tal-ambjent, tal-interessi tal-konsumatur u tat-trasparenza fir-rigward tagħhom u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

L. billi l-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni dwar ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji u li tinkoraġixxi r-rispett tagħha għandha ssir realtà fuq livell tal-UE,

M. billi l-globalizzazzjoni tiffaċilita l-mobilità tal-ħaddiema bejn Stati Membri u lejn pajjiżi li mhumiex membri,

N. billi l-irwol tal-ILO fl-iffissar ta' standards ġodda mhux rispettat, minkejja l-involviment tal-ILO fil-G20, ir-rikonoxximent dinji tal-Aġenda tax-Xogħol Deċenti u l-inklużjoni tal-impjiegi u tax-xogħol deċenti fl-Għan ta' Żvilupp tal-Millennju nru 1,

O. billi għandu jitfakkar ir-rispett inkondizzjonat għad-dritt ta' assoċjazzjoni u n-negozjar kollettiv effettiv,

P. billi jkun xieraq li tiġi promossa l-Aġenda tax-Xogħol Deċenti,

Q. billi huwa estremament importanti li tiġi evitata kull xorta ta' diskriminazzjoni f'termini ta' paga, skont il-prinċipju tad-dritt għall-istess paga għall-istess xogħol affermat fl-Artikolu 23 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

R. billi l-evalwazzjoni intermedja tas-sistema ta' preferenzi ġeneralizzati tal-UE (SPĠ) ([1]) turi li r-reġim kummerċjali tal-SPĠ+, li teħtieġ li l-pajjiżi benefiċjarji jirratifikaw u jimplimentaw b'mod effikaċi konvenzjonijiet internazzjonali speċifiċi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, standards tax-xogħol fundamentali, żvilupp sostenibbli u governanza tajba, kellu effett konsiderevolment pożittiv fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi f'dawn il-pajjiżi;

S. billi l-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema għandha tkun promossa,

T. billi r-ratifika u l-applikazzjoni tal-konvenzjonijiet ILO, ikklassifikati mill-ILO bħala aġġornati, għandhom ikunu promossi bil-għan li tinkiseb żieda progressiva fil-kopertura tal-erba' pilastri tax-xogħol deċenti li huma impjiegi, protezzjoni soċjali, djalogu soċjali, drittijiet fil-post tax-xogħol, b'enfasi speċjali titqiegħed fuq il-konvenzjonijiet dwar il-governanza soċjali nri 81 u 129 dwar l-ispezzjoni tax-xogħol, nru 144 dwar il-politika tal-impjiegi u nru 144 dwar il-konsultazzjonijiet tripartitiċi;

U. billi l-Aġenda Soċjali Mġedda tat-2 ta' Lulju 2008 (COM(2008)0412) stiednet lill-Istati Membri jagħmlu sforzi mġedda biex jirratifikaw u japplikaw il-konvenzjonijiet ILO kklassifikati mill-ILO bħala aġġornati, bil-għan li jingħata eżempju lis-sħab tad-dinja;

([1]) http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2010/may/tradoc_146196.pdf

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

V. billi l-applikazzjoni effikaċi tal-istandards internazzjonali fil-qasam tax-xogħol qiegħda tintlaqat negattivament f'bosta pajjiżi minn amministrazzjonijiet tax-xogħol dgħajfin u nuqqas ta' kapaċità tal-imsieħba soċjali,

W. billi t-Tendenzi Dinjija fil-qasam tal-Impjiegi tal-2011 tal-ILO stmaw li, fl-2009, fuq livell dinji, 50.1 % tal-ħaddiema kollha, jiġifieri 1.53 biljun, kienu jinsabu f'impjieg vulnerabbli ([1]) u billi l-kriżi finanzjarja u ekonomika waqfet u invertiet it-tnaqqis fl-impjiegi vulnerabbli kif irreġistrat qabel l-2008,

X. billi r-Rapport Dinji dwar is-Sigurtà Soċjali tal-ILO tal-2010 jafferma li 'l fuq minn 50 % tal-ħaddiema kollha ma jiddisponu minn l-ebda protezzjoni soċjali u billi hemm interess imġedded fl-estensjoni tal-kopertura tal-protezzjoni soċjali inkluża l-promozzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali,

***Prinċipji ġenerali***

1. Ifakkar li l-għan tal-UE huwa li ssir l-entità mexxejja fuq livell dinji f'dik li hija politika soċjali permezz tal-promozzjoni ta' objettivi soċjali fuq skala globali; jenfasizza l-importanza tar-rwol li jiżvolġi l-Parlament Ewropew li joriġina mit-Trattat ta' Lisbona, li jsaħħaħ konsiderevolment l-influwenza tiegħu;

2. Ifakkar li meta l-Komunità ssegwi l-politiki u l-objettivi Komunitarji, għandhom jitqiesu l-klawżola orizzontali tal-Artikolu 9 TFUE, pereżempju fir-rigward tal-Artikolu 46, l-Artikolu 49 TFUE jew il-politika kummerċjali tal-UE, l-Unjoni ma tistax tinjora r-rekwiżiti ta' interess ġenerali ([2]);

3. Ifakkar ukoll li l-Artikolu 7 TFUE jeħtieġ li l-politiki tal-UE jkunu koerenti u li l-leġiżlatur iqis l-objettivi kollha tal-UE u jaġixxi skont il-prinċipju tal-għoti tal-kompetenzi, li jfisser li jsib bilanċ adegwat bejn id-diversi objettivi u/jew interessi huwa u jadotta att b'bażi ġuridika speċifika ([3]);

4. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jirrispettaw il-konvenzjonijiet ILO ewlenin, speċjalment fir-rigward tal-abolizzjoni ta' ostakli għal-libertà ta' assoċjazzjoni u negozjar kollettiv, maħluqin permezz tal-inkoraġġiment ta' impjieg indipendenti fittizju jew billi jġiegħlu lill-individwi jirrinunzjaw għall-ftehimiet kollettivi;

5. Jistieden lill-partijiet tal-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles jimpenjaw ruħhom, skont l-obbligi li joħorġu mill-adeżjoni mal-ILO u d-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol u s-Segwitu tagħha, adottati mill-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol fis-86 Sessjoni tagħha fl-1998, li jirrispettaw, jippromwovu u jwettqu, fil-liġijiet u l-prattiki tagħhom, il-prinċipji li jikkonċernaw id-drittijiet fundamentali, jiġifieri:

(a) il-libertà ta' assoċjazzjoni u r-rikonoxximent effikaċi tad-dritt ta' negozjar kollettiv;

(b) l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' xogħol furzat jew obbligatorju;

(c) l-abolizzjoni effettiva tat-tħaddim tat-tfal; kif ukoll;

(d) l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjiegi u dik professjonali;

([1]) Impjiegi vulnerabbli: is-somma tal-ħaddiema li jaħdmu għalihom waħedhom u ħaddiema tal-familja li ma jitħallsux. L-indikatur tal-impjiegi vulnerabbli huwa wieħed mill-indikaturi tal-impjiegi uffiċjali tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju taħt l-Għan nru 1: Qerda tal-faqar u l-ġuħ estremi

([2]) Opinjoni tas-Servizz Legali tal-PE dwar l-Ambitu tal-Artikolu 9 TFUE (klawżola soċjali orizzontali) mitluba mill-president tal-Kumitat EMPL (SJ-00004/10), paragrafu 15.

([3]) Ibidem, paragrafu 8.

***Kooperazzjoni internazzjonali - alleanza soċjali***

6. Ifakkar li l-UE titqies, fuq livell dinji, bħala kalamita u msieħba attrattiva minħabba l-għaqda unika ta' dinamiżu ekonomiku ma' mudell soċjali;

7. Jenfasizza li l-mudell soċjali Ewropew joffri opportunitajiet ugwali fl-edukazzjoni, fit-taħriġ u fis-suq tax-xogħol kif ukoll aċċess ugwali għas-servizzi soċjali bħala pilastri ewlenin ta' suċċess ekonomiku;

8. Iqis li nuqqas ta' konformità mal-istandards soċjali bażiċi internazzjonali jikkostitwixxi forma ta' dumping soċjali u ambjentali askaptu tal-impriżi u l-ħaddiema Ewropej;

9. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkooperaw mal-organizzazzjonijiet internazzjonali għat-titjib tad-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni li bħala riferiment ikollha l-mudell soċjali Ewropew.

10. Jenfasizza l-importanza ta' azzjoni koerenti li tirrigwarda l-protezzjoni soċjali ġewwa u barra l-Unjoni;

11. Jissuġġerixxi l-iżvilupp ta' djalogu mal-partijiet interessati kollha li jisħaq fuq l-importanza ta' kwistjonijiet soċjali u li jikkonċentra fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' soluzzjonijiet pragmatiċi u sostenibbli; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza li l-imsieħba soċjali jsiru jafu iktar dwar id-drittijiet u bl-obbligi tagħhom;

12. Iqis bħala neċessarju li jissaħħaħ ir-rwol tal-istituzzjonijiet internazzjonali rilevanti (partikolarment l-ILO, id-WTO, l-OECD u n-Nazzjonijiet Uniti) u titfittex il-kooperazzjoni tagħhom fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-promozzjoni ta' standards soċjali bażiċi internazzjonali u s-sanzjonijiet korrispondenti;

13. Jistqarr li huwa favur li l-Unjoni tastjeni milli tikkonkludi ftehimiet kummerċjali ma' pajjiżi li ma jħarsux id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards ewlenin tax-xogħol;

14. Isostni l-ħolqien ta' strumenti għal djalogu sostenibbli mal-pajjiżi sħab ibbażat fuq ir-rispett reċiproku, jimmira għall-iżvilupp tar-riżorsi proprji tal-pajjiżi sħab – speċjalment tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw – u li jippermettilhom jiżviluppaw setturi ekonomiċi b'attenzjoni;

15. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni tadatta, fin-negozjati, il-livell tar-rekwiżiti tagħha għal-livell ta' żvilupp ta' kull pajjiż sieħeb; jipproponi f'dan il-kuntest li l-Kummissjoni tfassal lista ta' standards addizzjonali li għandha tiġi introdotta b'mod gradwali u flessibbli, filwaqt li tqis is-sitwazzjoni ekonomika, soċjali u ambjentali tas-sħab ikkonċernati;

16. Jikkunsidra li, kemm fit-territorju tal-pajjiż sieħeb kif ukoll fl-Istati Membri, l-implimentazzjoni ta' dawn l-istandards bażiċi għandha tkun sottoposta għal monitoraġġ kontinwu minn korpi indipendenti u li n-nuqqas ta' infurzar jew il-ksur tagħhom, stabbiliti skont kriterji definiti minn qabel, għandhom jiġu sanzjonati permezz ta' proċeduri effikaċi u trasparenti;

17. Iqis li dawn l-istandards għandhom jiġu applikati bis-sħiħ u li la arranġamenti taż-żoni ħielsa u lanqas dawk tal-pajjiż ospitanti ma jistgħu jintużaw biex wieħed jaħrab minnhom;

18. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkooperaw mal-pajjiżi sħab bil-għan li jiġu miġġielda d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru u l-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa kif ukoll li l-ugwaljanza bejn is-sessi ssir realtà fi ħdan l-Unjoni u barra minnha skont il-prinċipji tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Pekin; jistieden, f'dan ir-rigwardm lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw miżuri li se jikkonsolidaw b'mod sinifikanti l-pożizzjoni ġuridika u soċjali tan-nisa sabiex jisfruttaw il-kontribut potenzjali tagħhom għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali;

19. Jilqa' l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-pajjiżi u t-territorji li qed jiżviluppaw permezz tal-ftehimiet kummerċjali SPĠ attwali u futuri; jitlob li r-ratifika u l-implimentazzjoni effikaċi ta' konvenzjonijiet internazzjonali dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi għandhom ikunu prerekwiżiti fil-ftehimiet kollha ta' kummerċ estern u ta' sħubija ekonomika;

20. Jistieden barra minn hekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkooperaw ma' xulxin u mal-pajjiżi sħab bil-għan li jipproteġu l-gruppi vulnerabbli u jiġġieldu mhux biss kontra d-disriminazzjoni abbażi tal-ġeneru użda wkoll id-diskriminazzjoni abbażi ta' oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età u orjentament sesswali; jiġbed attenzjoni partikolari fuq il-persuni li jħabbtu wiċċhom ma' diskriminazzjoni multipli u żvantaġġi bil-ggan li jinsab tarf tal-kawżi primarji tal-faqar;

21. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex fil-ftehimiet kummerċjali, id-djalogi ma' pajjiżi oħra u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp jagħtu prijorità lill-qerda tat-tħaddim tat-tfal u lir-rispett tad-drittijiet tat-tfal, u jinnota li s-settur privat għandu rwol ewlieni x'jiżvolġi fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet tat-tfal; huwa tal-fehma li l-miżuri għall-ġlieda kontra t-tħaddim tat-tfal għandhom jinkludu l-ħolqien ta' impjiegi deċenti għall-adulti filwaqt li jħallu lit-tfal ikollhom edukazzjoni xierqa; jitlob barra minn li titwaqqaf linja telefonika tal-UE bla ħlas għat-tħaddim tat-tfal fejn iċ-ċittadini jkunu jistgħu jirrapportaw lill-kumpanniji kollha li jagħmlu użu mit-tħaddim tat-tfal fi kwalunkwe post fid-dinja; idis li din il-linja telefonika bla ħlas għandu jkollha kapaċità ta' riċerka żgħira iżda suffiċjenti li tippermetti li jiġi pubblikat rapport annwali dwar ir-riżultati tagħha;

22. Jenfasizza li n-nefqa tal-Unjoni fil-kuntest tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni jew ta' stabbiltà u tal-ftehimiet kummerċjali toffri opportunitajiet uniċi biex il-pajjiżi sħab jiġu assistiti fl-istabbiliment ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni, tat-taħriġ vokazzjonali u tas-suq tax-xogħol vijabbli u bażi ta' protezzjoni soċjali għal sigurtà soċjali u ekonomika akbar u, b'konsegwenza, aktar benesseri;

23. Jinsisti li l-Kummissjoni u l-Istati Membri, fil-kuntest tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u tal-għajnuna esterna, jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi ta' xogħol deċenti, li jirriflettu l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet nazzjonali rigward il-politika soċjali u tal-impjieg, u abbażi ta' ftehim tripartitiku (min iħaddem, ħaddiema, gvernijiet); jitlob ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw aħjar l-objettivi soċjali u tal-impjiegi fis-setturi ekonomiċi u kummerċjali fl-ambitu tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-għajnuna esterna;

24. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkooperaw mal-pajjiżi sħab biex tittejjeb il-kwalità tal-kapaċitajiet taċ-ċittadini, kapaċitajiet li jkunu rilevanti għal xogħlijiet u impjiegi ġodda, bħala katalizzatur għall-istabbiltà, il-prosperità, is-soċjetajiet inklużivi u l-governanza tajba, speċjalment fil-viċinat tal-UE;

25. Jappella għall-ħolqien ta' attachés fil-qasam ta' kwistjonijiet soċjali fis-Servizz għall-Azzjoni Esterna l-ġdid, bil-għan li tiżdied l-effiċjenza tiegħu fl-ambitu tal-politika soċjali u, partikolarmnet, biex jiggarantixxi li l-objettiv ta' xogħol deċenti għal kulħadd jiġi implimentat bħala objettiv politiku fundamentali;

26. Jirrikonoxxi li, minkejja x-xejra internazzjonali tal-ftehimiet kummerċjali bilaterali miexja ftit ftit lejn aċċettazzjoni ikbar tax-xogħol u ta' standards soċjali marbuta mal-aġendi kummerċjali, il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles ġeneralment għad fihom ftit referenzi għal standards soċjali; jiddispjaċih li l-UE ma għandhiex formola omoġenja għall-"klawżola soċjali" biex tiddaħħal fil-ftehimiet kummerċjali bilaterali kollha; iħeġġeġ lill-UE tinkorpora klawżola soċjali fil-ftehimiet kollha ta' kummerċ estern tal-UE f'konformità mal-istandards l-oħra rikonoxxuti u maqbula fuq livell internazzjonali (jiġifieri standards tax-xogħol ewlenin tal-ILO), inklużi dawk li jaqgħu fl-ambitu tad-WTO;

27. Ifakkar li l-prattiki attwali tad-WTO jridu jitwettqu b'tali mod li jkunu ta' benefiċċju ndaqs kemm għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw kif ukoll għall-pajjiżi żviluppati;

28. Ifakkar li l-politika tal-kompetizzjoni u l-politika soċjali għandhom jiġu kombinati u jenfasizza li l-mudell soċjali Ewropew, fl-ebda ċirkostanzi, ma għandu jiddgħajjef favur tal-kompetittività u l-preżunti vantaġġi ekonomiċi; itenni li l-mudell soċjali Ewropew jeħtieġ ikun eżempju għall-protezzjoni tal-ħaddiema fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

***Responsabbiltà Soċjali tal-Kumpanniji***

29. Ifakkar li l-UE tat lilha nnifisha l-objettiv li ssir kolonna ta' eċċellenza dwar ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji imma wkoll li tippromwovi r-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji fil-politiki esterni tagħha; jirrikonoxxi l-isforzi tal-Kummissjoni biex tippromwovi l-aħjar prattiki tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji fost il-kumpanniji Ewropej li joperaw barra, iżda jissottolinja li għandha tqis l-importanza ta' ċertifikati u tikketti li juru l-konformità tal-impriżi mal-prinċipji tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji;

30. Huwa tal-fehma li r-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji tirrappreżenta forma ta' impenn utli u mhux vinkolanti min-naħa tal-kumpanniji multinazzjonali; jirrakkomanda, barra minn hekk, promozzjoni mmirata tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji permezz, fost affarijiet oħra, tal-Istandard ISO 26000, l-Inizjattiva "Global Compact" tan-NU jew il-Linji gwida tal-OECD għall-Impriżi Multinazzjonali u billi r-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji tintrabat ma' inizjattivi usa' li jippromwovu x-xogħol deċenti f'settur, f'komunitajiet, f'livell reġjonali u tal-pajjiżi bħall-programmi 'Better Work' u 'SCORE' tal-ILO li jinvolvu lill-ħaddiema, min iħaddem, l-awtoritajiet u lil partijiet interessati rilevanti oħra;

31. Jisħaq fuq il-fatt li ma għandha tiġi adottata l-ebda direttiva li tirregola r-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji u li tinforza r-rispett lejha;

32. Jemmen li il-Kummissjoni għandha, fil-komunikazzjoni futura tagħha dwar l-internazzjonalizzazzjoni tal-attivitajiet tal-SMEs, tipproponi miżuri li jgħinu biex isostnu u jippromwovu l-inizjattivi tal-SMEs fil-qasam tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji li jirrispettaw il-prinċipju ta' 'l-ewwel aħseb żgħir' u jqisu ċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom;

33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippruvaw jiżguraw it-tisħiħ tal-Linji gwida tal-OECD dwar l-Impriżi Multinazzjonali fil-verżjoni attwali tagħhom, filwaqt li tinżamm u titjieb l-applikazzjoni tagħhom għal 'ċirkostanzi speċifiċi' u tiddaħħal l-aħjar prassi għall-'Punti ta' Kuntatt Nazzjonali' (NCPs) inkluż rieżami ta' kif l-Unjoni Ewropea tista' tassumi aħjar l-obbligi tagħha rigward l-NCPs permezz tad-delegazzjonijiet tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna;

34. Jindika li r-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji għandha tindirizza oqsma ġodda bħall-organizzazzjoni tax-xogħol, l-opportunitajiet indaqs u l-inklużjoni soċjali, il-miżuri kontra d-diskriminazzjoni, l-iżvilupp tal-edukazzjoni tul il-ħajja u t-taħriġ; jenfasizza li r-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji għandha tkopri, pereżempju, il-kwalità tax-xogħol, l-ugwaljanza tal-pagi u l-prospetti għall-karriera u l-promozzjoni ta' proġetti innovattivi biex tgħin fil-bidla lejn ekonomija sostenibbli;

35. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkoraġġixxu lill-impriżi kummerċjali li jinsabu fl-UE biex jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ekonomiċi u soċjali, kif ukoll l-ambjent matul l-operazzjonijiet globali tagħhom, partikolarment dawk immexxija mis-sussidjarji tagħhom u minn entitajiet legali relatati oħra;

36. Jenfasizza li l-konformità ma' standards ambjentali stretti min-naħa tal-impriżi u mill-UE f'pajjiżi terzi għandha titqies daqstant importanti bħar-rispett għad-drittijiet tal-impjegati, billi l-ħsara lill-ambjent kważi dejjem tipperikola s-saħħa tal-impjegati, teqred l-art agrikola, iż-żoni tas-sajd u riżorsi ekonomiċi oħra, u għalhekk iċċaħħad lil ħafna nies mill-bażi għas-sussistenza tagħhom;

37. Jenfasizza li, fid-dawl tad-daqs ta' sehemhom fil-kummerċ internazzjonali, il-kumpaniji Ewropej u s-sussidjarji u s-sottokuntratturi tagħhom jiżvolġu rwol fundamentali fil-promozzjoni u t-tixrid tal-istandards soċjali u tax-xogħol fid-dinja, u għaldaqstant għandhom jaġixxu b'konformità mal-valuri Ewropej u mal-istandards rikonoxxuti internazzjonalment; iqis li jkun tajjeb u f'loku li l-impriżi Ewropej li jmexxu l-produzzjoni tagħhom lejn pajjiżi b'obbligi soċjali anqas stretti jinżammu responsabbli, inkluż quddiem qrati Ewropej, għal kwalunkwe ħsara u esternalitajiet negattivi li jaffettwaw il-popolazzjonijiet lokali;

38. Jistieden lill-Kummissjoni ddaħħal emendi għall-proposta tagħha għal regolament dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (2010/0383(COD)) biex ir-rikorrenti jkunu jistgħu jħarrku sussidjarja li tinsab f'pajjiż terz, flimkien mal-korporazzjoni possedenti Ewropea, u permezz tal-ħolqien ta' kriterji addizzjonali ta' ġurisdizzjoni;

39. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-kunsiderazzjoni tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji fil-politiki kummerċjali fil-livell multilaterali, fi ħdan il-fora internazzjonali li jappoġġaw ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji, partikolarment l-OECD u l-ILO, kif ukoll fi ħdan id-WTO fil-perspettiva post-Doha;

40. Jistieden lill-Kummissjoni ddaħħal, b'mod sistematiku, kapitolu dwar l-iżvilupp sostenibbli li jkun fih klawżola vinkolanti dwar ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles u ta' investiment li tinnegozja ma' pajjiżi terzi;

41. Jipproponi li din il-klawżola tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji għandha tkopri l-konformità mat-tmien konvenzjonijiet ewlenin u mal-erba' konvenzjonijiet prijoritarji tal-ILO u tippovdi wkoll inċentivi għall-impriżi biex jidħlu f'impenji tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji u obbligu ta' diliġenza għall-impriżi u l-gruppi tal-impriżi, jiġifieri obbligu li jieħdu miżuri proattivi biex jidentifikaw u jevitaw kwalunkwe ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet ambjentali, korruzzjoni jew evażjoni fiskali, inklużi fis-sussidjarji u fil-katina tal-provvista tagħhom (jiġifieri fl-isfera ta' influwenza tagħhom);

***Drittijiet tal-ħaddiema u kundizzjonijiet ta' xogħol***

42. Jistieden lill-Istati Membri kollha jirrispettaw u jippromwovu l-istandards tax-xogħol ewlenin tal-ILO, jikkonformaw mal-ftehimiet iffirmati sal-lum fil-qasam soċjali u japplikaw fil-prattika l-prinċipji li jinsabu fihom marbuta mad-drittijiet tal-ħaddiema;

43. Jenfasizza li l-ksur ripetut tal-istandards tax-xogħol ewlenin ġie rrappurtat f'diversi pajjiżi bl-istatus SPĠ-Plus, iżda li ma wassalx madankollu għas-sospensjoni tal-preferenzi; jikkunsidra li n-nuqqas tal-infurzar tal-kundizzjonalità jimmina l-ambizzjoni tal-UE li tippromwovi l-politika soċjali u l-istandards tax-xogħol ewlenin globalment u jmur kontra l-prinċipju tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp;

44. Jilqa' s-sistema superviżorja tal-ILO dwar l-istandards tax-xogħol internazzjonali li hija unika fil-livell internazzjonali u li tgħin biex tiżgura li l-pajjiżi jimplimentaw il-konvenzjonijiet li jirratifikaw; jenfasizza li, fil-każ ta' problema, l-ILO għandha tassisti lill-pajjiżi permezz tad-djalogu soċjali u l-assistenza teknika;

45. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi kooperazzjoni eqreb min-naħa tad-WTO mal-ILO, biex l-ILO tkun tista' tippreżenta rapporti tal-esperti lid-WTO matul il-kontroversji kummerċjali, sabiex jinkisbu standards tax-xogħol u integrazzjoni tax-xogħol deċenti fl-attivitajiet tad-WTO u biex ma jiġix ipperikolat l-iżvilupp soċjali;

46. Huwa tal-opinjoni li l-politiki tal-Unjoni għandhom jikkonċentraw fuq l-individwi kif ukoll fuq l-istituzzjonali fir-rigward tal-iżvilupp tal-kapital uman u r-riformi tas-suq tax-xogħol;

47. Jesprimi tħassib dwar il-prattiki ta' xi pajjiżi li mhumiex membri li jużaw il-proċess MODE4 għall-attivitajiet kummerċjali tagħhom; jistieden, pjuttost, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimmiraw li jistrutturaw il-migrazzjoni internazzjonali b'tali mod li jevitaw l-isfruttament u l-eżodu ta' mħuħ;

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

48. Isostni l-inizjattivi bil-għan li jsaħħu l-iżvilupp tad-djalogu soċjali bejn is-sħab u l-kooperazzjoni fil-pajjiżi sħab kif ukoll fuq livell transnazzjonali u jitlob lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa l-programmi eżistenti, filwaqt li tiffoka fuq dawk bl-għan li jsaħħu s-setgħa istituzzjonali tal-imsieħba soċjali għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki;

49. Jappoġġa l-implimentazzjoni tal-libertà ta' assoċjazzjoni għat-trade unions u d-dritt għan-negozjar kollettiv bla eċċezzjoni sabiex jinfurzaw, itejbu u jiddefendu kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti;

50. Ifakkar fil-linji gwida tal-UE dwar diversi kwistjonijiet fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, li jirrappreżentaw sinjal politiku qawwi tar-rwol prijoritarju għall-Unjoni; jitlob għaldaqstant lill-Kunsill jadotta linji gwida analogi abbażi tat-tmien konvenzjonijiet ILO ewlenin biex jintużaw bħala strument pragmatiku tal-UE li jgħin fl-avvanzament aħjar tal-politika soċjali esterna tal-Unjoni; itenni li r-rispett tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem għadu obbligu vinkolanti għall-kumpanniji kollha skont id-Dikjarazzjoni Universali;

51. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri għall-iżvilupp ta' approċċ proattiv biex jindirizza l-konsegwenzi soċjali tal-aġġustamenti u r-ristrutturar relatati mal-globalizzazzjoni;

## *Governanza ekonomika globali*

52. Jilqa' l-organizzazzjoni ta' laqgħat tal-G20 fil-livell tal-ministri tal-affarijiet soċjali, u jitlob lill-Kummissjoni tieħu sehem attiv fihom; jiddispjaċih li, ġeneralment, is-segwitu fuq livell tal-UE għadu insodisfaċenti;

53. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw il-politiki soċjali, ambjentali u dawk fil-qasam tal-impjiegi, fosthom l-aspetti marbutin mal-ugwaljanza bejn is-sessi, fin-negozjati kollha dwar l-istrutturi tal-governanza ekonomika globali u d-djalogi makroekonomiċi;

54. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkoraġġixxu governanza tajba fl-oqsma finanzjarji, fiskali u ġudizzjarji, bħala mod kif titjieb id-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni;

55. Jitlob mill-Kummissjoni rakkomandazzjoni lill-Istati Membri tal-UE favur l-implimentazzjoni u r-ratifika tal-konvenzjonijiet tal-ILO kklassifikati bħala aġġornati mill-ILO, biex jitjiebu d-drittijiet tal-ħaddiema u l-kundizzjonijiet ta' xogħol fi ħdan l-Unjoni u fil-pajjiżi sħab bil-għan li tinkiseb globalizzazzjoni ġusta u inklużiva permezz ta' koerenza akbar tad-dimensjoni esterna tal-politika ekonomika u soċjali tal-Istati Membri; jitlob lill-Kummissjoni fl-istess sens tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jwettqu rieżamijiet regolari biex jeżaminaw l-implikazzjonijiet tal-politiki ekonomiċi, finanzjarji u kummerċjali;

56. Iqis li l-proliferazzjoni ta' regolaturi internazzjonali toħloq problemi urġenti rigward il-konsistenza u l-effikaċja tal-ordinament ġuridiku internazzjonali, partikolarment fir-rigward tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali u tal-ħaddiema;

57. Jipproponi li d-definizzjoni mill-ġdid tal-governanza globali għandha tinkludi integrazzjoni akbar tal-korpi regolatorji fl-ordinament ġuridiku tan-Nazzjonijiet Uniti kif ukoll rispett akbar għall-prinċipji mħaddna mill-aġenziji speċjalizzati tagħha, partikolarment l-ILO u d-WHO;

*

* *

58. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

## Strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp

P7_TA(2011)0261

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-Regolament (KE) 1905/2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp: lezzjonijiet miksuba u perspettivi għall-ġejjieni (2009/2149(INI))**

(2012/C 380 E/08)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 208 sa 211, u 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp ([1]) (Strument ta' Finanzjament tal-Koperazzjoni għall-Iżvilupp – DCI),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Millennju tat-8 ta' Settembru 2000, li tistabbilixxi l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs) bħala kriterji stabbiliti b'mod kollettiv mill-komunità internazzjonali għall-eliminazzjoni tal-faqar,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqa' fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar Politika ta' Żvilupp tal-Unjoni Ewropea: 'Il-Kunsens Ewropew', iffirmata fl-20 ta' Diċembru 2005 ([2]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni konġunta dwar l-Iskrutinju Demokratiku u l-Koerenza tal-Azzjoni Esterna u d-Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Iskrutinju Demokratiku u l-Koerenza tal-Azzjoni Esterna mehmuża mal-Ftehima Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-ġestjoni finanzjarja soda ([3]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni mdaħħla fil-minuti tal-Kunsill li jadottaw formalment il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' DCI ([4]), u b'mod partikolari d-'Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 5 tad-DCI',

— wara li kkunsidra l-ittra D (2007) 303749 tal-5 ta' Marzu 2007 mingħand il-President tal-Kumitat għall-Iżvilupp ta' dak iż-żmien, Josep Borrell Fontelles, lill-Kummissarji ta' dak iż-żmien, Ferrero-Waldner u Michel ([5]),

— wara li kkunsidra l-ittra A (2007) 5238 tas-26 ta' Marzu 2007 mill-Kummissarju ta' dak iż-żmien Ferrero-Waldner lill-President ta' dak iż-żmien tal-Kumitat għall-Iżvilupp, Josep Borrell Fontelles ([6]),

— wara li kkunsidra d-'Direttivi ta' Rappurtaġġ għas-Sistema ta' Rappurtaġġ tal-Kreditur' tal-Kumitat għall-Għajnuna tal-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp (OECD/DAC) ([7]),

([1]) ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41.
([2]) ĠU C 46, 24.2.2006, p. 1.
([3]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([4]) Annessa mal-Komunikazzjoni tal-24.10.2006 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 251 (2) tat-Trattat KE dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-koperazzjoni għall-iżvilupp (COM(2006)0628).
([5]) Irreġistrata bħala d-dokument tal-Komitoloġija Nru CMT-2007-1709 – anness irreġistrat bħala d-dokument tal-komitoloġija Nru CMT-2007-1709-2.
([6]) Irreġistrata bħala d-dokument tal-komitoloġija Nru CMT-2007-1709-3.
([7]) DCD/DAC (2007)39/finali tal-4.9.2007, 145 paġna.

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

— wara li kkunsidra s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Ottubru 2007 fil-Każ C-403/05 (*Il-Parlament Ewropew vs il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej*) Azzjoni għall-annulamment tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova proġett relatat mas-sigurtà tal-fruntieri tal-Filippini (Deċiżjoni adottata fuq il-bażi tar-Regolament (KEE) Nru 443/92),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1337/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi faċilità għal rispons rapidu għall-prezzijiet tal-ikel li dejjem qed jogħlew fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw ([1]),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tad-29-30 ta' Ottubru 2009 (Dok. 15265/2009),

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ([2]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tad-19 ta' Ottubru 2010 dwar 'Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE' (COM(2010)0700),

— wara li kkunsidra l-Green Paper mill-Kummissjoni tad-19 ta' Ottubru 2010 dwar 'Il-futur tal-appoġġ baġitarju tal-UE lil pajjiżi terzi' (COM(2010)0586),

— wara li kkunsidra l-Green Paper mill-Kummissjoni tal-10 ta' Novembru 2010 dwar 'Politika tal-Iżvilupp tal-UE għall-appoġġ ta' tkabbir inklussiv u żvilupp sostenibbli: Żieda fl-impatt tal-politika tal-iżvilupp tal-UE' (COM(2010)0629),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Frar 2007 dwar l-abbozz ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jistabbilixxu Dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiż u Programmi Indikattivi għall-Malasja, il-Brażil u l-Pakistan ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi Dokumenti ta' Strateġija Reġjonali u Programmi Indikattivi Reġjonali għall-Mercosur u għall-Amerika Latina ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Ġunju 2007 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi Dokument ta' Strateġija Reġjonali 2007-2013 u Programm Indikattiv Pluriennali għall-Asja ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2007 dwar l-iskrutinju demokratiku tal-implimentazzjoni tal-istrument ta' finanzjament għall-koperazzjoni għall-iżvilupp (DCI) ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2007 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi Miżura Speċjali 2007 għall-Iraq ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Lulju 2008 dwar l-abbozzi tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jistabbilixxu l-Programmi ta' Azzjoni Annwali għall-Brażil għall-2008 u għall-Arġentina għall-2008 ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2007 dwar l-awtoritajiet lokali u l-koperazzjoni għall-iżvilupp ([9]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar 'Awtoritajiet lokali: atturi għall-iżvilupp' (COM(2008)0626),

([1]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 62.
([2]) ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30.
([3]) ĠU C 287 E, 29.11.2007, p. 507.
([4]) ĠU C 125 E, 22.5.2008, p. 213.
([5]) ĠU C 146E, 12.6.2008, p. 337.
([6]) ĠU C 175E, 10.7.2008, p. 595.
([7]) ĠU C 263E, 16.10.2008, p. 624.
([8]) ĠU C 294E, 3.12.2009, p. 19.
([9]) ĠU C 301E, 13.12.2007, p. 249.

— wara li kkunsidra d-Djalogu Strutturat li tnieda fl-2010 mill-Kummissjoni bl-iskop li tinvolvi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (CSOs) u l-awtoritajiet lokali (LAs) fil-koperazzjoni għall-iżvilupp fil-KE,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-Programm Annwali ta' Azzjoni għall-2009 għall-Atturi Mhux Statali u għall-Awtoritajiet Lokali fl-Iżvilupp (Parti II: Proġetti fil-Mira) ([1]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-3 ta' Frar 2011 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp ([2]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-3 ta' Frar 2011 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1905/2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp ([3]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjonil-pożizzjoni tiegħu tat-3 ta' Frar 2011 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1934/2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A7-0187/2011),

A. billi, skont l-Artikolu 2(1) tad-DCI, l-objettiv predominanti tal-koperazzjoni skont dan l-istrument huwa 'l-qerda tal-faqar fil-pajjiżi msieħba', inkluż 'it-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju' (MDGs),

B. billi, skont l-Artikolu 2(4) tad-DCI, il-miżuri kollha inklużi fi programmi ġeografiċi u 90 % tal-ispejjeż previsti fl-ambitu ta' programmi tematiċi jridu jissodisfaw il-kriterji għall-Għajnuna Uffiċjali tal-Iżvilupp (ODA) stabbilita mill-OECD/DAC,

C. billi skont il-kalkoli tal-Kummissjoni, 0,2 % biss tal-impenji ffinanzjati fl-ambitu tal-programmi tematiċi tad-DCI bejn l-2007 u l-2009 ma jissodisfawx il-kriterji tal-ODA,

D. billi, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE (id-'deċiżjoni tal-Komitoloġija') ([5]), il-Parlament fl-2007 nieda proċess ta' skrutinju demokratiku tal-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006, li jinkludi d-Dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiż (CSPs), id-Dokumenti ta' Strateġija Reġjonali (RSPs), id-Dokumenti Strateġiċi Tematiċi (TSPs) u l-Programmi Pluriennali Indikattivi kollha, u l-biċċa l-kbira tal-Programmi ta' Azzjoni Annwali (AAPs),

E. billi skont id-Dikjarazzjoni konġunta dwar l-Iskrutinju Demokratiku u l-Koerenza tal-Azzjonijiet Esterni u d-Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Iskrutinju Demokratiku u l-Koerenza tal-Azzjonijiet Esterni annessi mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-ġestjoni finanzjarja soda, il-Kummissjoni impenjat ruħha li "tikkunsidra l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew meta timplimenta l-istrateġiji",

([1]) ĠU C 212E, 5.8.2010, p. 8.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2011)0032.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2011)0030.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2011)0033.
([5]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

F. billi l-prinċipji ta' sjieda, parteċipazzjoni u governanza tajba jitolbu li jkun hemm approċċ minn bosta atturi u li fih l-imsieħba varji għall-iżvilupp, jiġifieri, l-awtoritajiet lokali u atturi mhux statali, jaġixxu b'mod komplimentarju u koerenti; u billi, madankollu, huwa importanti li jkun hemm distinzjoni ċara bejn ir-rwol speċifiku tal-awtoritajiet lokali u dak tal-atturi mhux statali f'dawk li huma l-isferi tagħhom ta' kompetenza, leġittimità u kontroll demokratiku, esperjenza fil-ġestjoni ta' affarijiet lokali u involviment fl-implimentazzjoni tal-politiki pubbliċi,

G. billi l-finanzjament mill-UE tal-koperazzjoni internazzjonali mal-Afrika ġej minn erba' strumenti ġeografiċi: il-FEŻ għall-pajjiżi Afrikani-PAK, it-TDCA għall-Afrika t'Isfel, l-ENPI għal ħames Stati tat-Tramuntana tal-Afrika, u d-DCI għall-programmi tematiċi,

H. billi l-Kummissjoni trid tipprova tiżgura li 20 % tal-għajnuna allokata lilha skont il-programmi tal-pajjiż koperti bid-DCI se jkunu ddedikati, sal-2009, għall-edukazzjoni bażika u sekondarja u s-saħħa bażika, permezz ta' proġett, għajnuna għall-programm jew għall-baġit marbuta ma' dawn is-setturi, billi tittieħed medja fiż-żoni ġeografiċi kollha,

I. billi l-UE impenjat ruħha għall-mira kollettiva li tonfoq 0,7 % tad-dħul nazzjonali gross nazzjonali (DNG) tagħha fuq l-ODA sal-2015,

J. billi s-Samit dwar id-Dinja 2012 għandu l-iskop li jiżgura tiġdid tal-impenn politiku għal żvilupp sostenibbli, jevalwa l-progress li sar lejn l-għanijiet miftiehma internazzjonalment dwar l-iżvilupp sostenibbli u li jindirizza l-isfidi ġodda li qed jitfaċċaw,

K. billi l-Artikolu 290 tat-TFUE jistqarr li att leġiżlattiv jista' jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex jissupplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġiżlattiv,

***Lezzjonijiet miksuba***

1. Jilqa' r-rieda tal-Kummissjoni li tonora l-impenn tagħha li tidħol fi djalogu regolari mal-Parlament dwar l-implimentazzjoni tad-DCI; jirrikonoxxi l-isforzi magħmula biex il-gruppi ta' ħidma tad-DCI fi ħdan il-Parlament jinżammu informati dwar kif l-impenji tagħha dwar id-dokumenti strateġiċi tqiesu fit-tfassil tal-AAPs;

2. Jinnota li, b'mod partikolari matul ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu, id-djalogu bejn il-Kummissjoni u l-Parlament bħala parti mill-eżerċizzju ta' skrutinju demokratiku għen sabiex ġiet evitata l-adozzjoni ta' dokumenti strateġiċi li jinkludu fihom dispożizzjonijiet *ultra vires* u biex id-dokumenti strateġiċi jiġu konformi mar-rekwiżiti tar-regolament tad-DCI u b'mod partikolari mal-prinċipji ta' eliġibilità għal ODA;

3. Jiddispjaċih li diversi preokkupazzjonijiet tal-Parlament li tqajmu waqt il-proċess ta' skrutinju demokratiku, b'mod partikolari dwar nuqqas ta' enfasi fuq il-faqar u fuq l-MDGs, ma ġewx ikkunsidrati biżżejjed mill-Kummissjoni;

4. Jiddispjaċih li, filwaqt li l-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp (2005) u d-DCI jenfasizzaw l-importanza tas-sjieda, l-involviment tal-parlamenti nazzjonali fit-tfassil ta' Dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiż, fil-prattika kien estremament fqir; jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma implimentatx adegwatament id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 19, 20 u 33 tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 dwar il-konsultazzjoni ta' atturi mhux statali u l-awtoritajiet lokali;

5. Jinnota li 'strateġija favur it-tkabbir' m'għandhiex tkun konfuża ma' strateġija għal żvilupp fuq medda twila ta' żmien li tfisser il-finanzjament ta' objettivi għal perjodu twil ta' żmien bħalma huma s-saħħa, l-edukazzjoni, l-aċċess għall-enerġija f'żoni rurali, l-appoġġ għall-impriżi agrikoli żgħar, eċċ.;

6. Jiddispjaċih li, b'rispons għar-riżoluzzjonijiet tiegħu li jenfasizzaw nuqqas ta' rispett għar-rekwiżit stipulat fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament biex jiġu ssodisfati l-kriterji ta' eliġibilità għall-ODA, il-Kummissjoni emendat jew irtirat 3 biss mill-11-il abbozz ta' miżuri ta' implimentazzjoni konċernati;

7. Jiddispjaċih li l-kumitat imwaqqaf skont l-Artikolu 35 tad-DCI ma weġibx għar-riżoluzzjonijiet tal-Parlament li indikaw li l-Kummissjoni kienet marret lil hinn mill-poteri implimentattivi tagħha; jinnota bi tħassib li x-xogħol sostanzjali ta' skrutinju li għamel il-Parlament ma ngħata ebda widen mir-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-Kumitat tad-DCI; u jħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jassumu r-responsabbiltajiet tagħhom u sabiex jiżguraw, b'kollaborazzjoni stretta mal-Parlament, li l-miżuri proposti mill-Kummissjoni jkunu f'konformità totali mal-preskrizzjonijiet tad-DCI;

8. Jitlob lill-Kummissjoni tindika, fl-ordni tal-prijorità u tal-piż rispettiv taħgħom, il-kriterji li użat għall-allokazzjoni ta' fondi bejn il-pajjiżi u r-reġjuni tad-DCI u lid-diversi setturi ta' attività fi ħdan kull programm ġeografiku u tematiku;

9. Iqis li ħafna mill-karti strateġiċi tal-pajjiżi u dawk tar-reġjuni ma jallokawx riżorsi biżżejjed għall-għan sovrastanti tal-DCI għall-eradikazzjoni tal-faqar fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli, u li ħafna dokumenti huma nieqsa minn indikazzjonijiet ċari dwar kemm l-azzjonijiet proposti jistgħu jikkontribwixxu għall-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju;

10. Jiġbed attenzjoni partikolari għar-rekwiżit ta' eliġibilità għall-ODA għall-programmi ġeografiċi fl-ambitu tad-DCI u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u s-SEAE jiżguraw konformità sħiħa ma' dan l-obbligu ġuridiku f'kull każ;

11. Jindika l-fatt li l-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp, 'sjieda' tal-iżvilupp u għajnuna li ma tkunx frammentata huma essenzjali sabiex jiżguraw l-effettività tal-għajnuna;

***Perspettivi għall-ġejjieni: prinċipji***

12. Jenfasizza li l-UE għadha teħtieġ strument ta' finanzjament speċifiku għall-koperazzjoni għall-iżvilupp, li jimmira esklussivament lejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u b'mod espliċitu jaħdem għall-ilħuq tal-għanijiet iddefiniti fl-Artikolu 208 tat-TFUE; jinsisti li l-figuri annwali ta' ODA fil-perjodu tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss għandhom jiżdiedu f'termini reali biex tinkiseb il-mira kollettiva li 0,7 % tad-DNG jintefaq fuq ODA sal-2015;

13. Jenfasizza li l-konformità sħiħa mal-kriterji tal-ODA, u b'mod partikolari mar-rekwiżit tal-OECD/DAC li 'kull tranżazzjoni tiġi amministrata bl-għan ewlieni li tippromwovi l-iżvilupp ekonomiku u l-benessri tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw' [1], trid tibqa' kundizzjoni tal-miżuri kollha li jiġu ffinanzjati bħala parti minn programmi ġeografiċi fl-ambitu tal-istrument il-ġdid; jitlob li jkun hemm kwota tal-ODA aktar stretta għal programmi tematiċi meta mqabbla ma' dik fl-ambitu tad-DCI attwali, speċjalment għal programmi dwar 'il-migrazzjoni u l-ażil', li fir-rigward tagħhom il-Kummissjoni ma wrietx b'mod ċar kif attivitajiet iffinanzjati fil-kuntest tal-kontrolli tal-fruntieri huma eliġibbli bħala ODA skont il-kriterji OECD/DAC;

14. Jenfasizza li l-ilħuq tal-MDGs irid jibqa' l-objettiv ewlieni tal-istrument għall-perjodu li jispiċċa fis-sena 2015; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-għajnuna tal-UE tkompli tkun konformi mal-objettivi u l-miri għall-iżvilupp miftiehma internazzjonalment li se jiġu adottati min-NU u organizzazzjonijiet internazzjonali relevanti oħra għall-perjodu ta' wara l-2015;

[1] Ara OECD/DAC: Direttivi ta' Rappurtaġġ għas-Sistema ta' Rappurtaġġ tal-Kreditur' ('Reporting Directives for the Creditor Reporting System').

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

15. Jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' koperazzjoni mhux ODA ma' ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw għall-provvista ta' beni pubbliċi globali; jemmen li dan it-tip ta' koperazzjoni għandu jkun regolat u li l-fondi għandhom jgħaddu minn strument separat wieħed jew aktar, sabiex tkun żgurata t-trasparenza u mħarsa n-natura partikolari tal-koperazzjoni għall-iżvilupp bħala qasam politiku awtonomu fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni; jinsisti, skont l-impenn meħud fil-Kunsill Ewropew tad-29 u t-30 ta' Ottubru 2009, li l-finanzjament għat-tibdil fil-klima m'għandux idgħajjef jew jipperikola l-ġlieda kontra l-faqar u l-progress kontinwu lejn l-MDGs, u li l-fondi skarsi tal-ODA disponibbli għat-tnaqqis tal-faqar m'għandhomx imorru għal skopijiet oħra għajr l-iżvilupp fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jenfasizza li d-definizzjoni tal-OECD ta' ODA m'għandhiex tinbidel u jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-ebda proġetti għall-iżvilupp iffinanzjat mill-UE ma jkun f'kunflitt mal-isforzi globali ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u li l-proġetti kollha ta' dan it-tip ma jaffettwax il-klima, b'mod partikulari proġetti infrastrutturali kbar jew proġetti fi gżejjer żgħar li jkunu minn tal-ewwel li jsofru l-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima;

16. Jesprimi t-tħassib tiegħu, fi żmien ta' restrizzjonijiet serji tal-baġit pubbliku, dwar l-enfasi qawwija magħmula fuq l-investiment tas-settur privat bħala mezz biex jiġġenera aktar riżorsi finanzjarji għall-iżvilupp; jindika l-fatt li l-koperazzjoni għall-iżvilupp hija l-unika politika ta' azzjoni esterna (minbarra l-għajnuna umanitarja) li ma kenitx imfassla biex isservi l-interessi tal-UE, anzi tfasslet biex tiddefendi l-interessi tal-aktar popolazzjonijiet emarġinati u vulnerabbli ta' din il-pjaneta; għalhekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li kwalunkwe finanzi pubbliċi użati biex jappoġġaw investiment tas-settur privat fin-Nofsinhar ma jittiħdux minn setturi li diġà huma sottofinanzjati (bħal pereżempju fil-każ ta' atturi mhux statali u awtoritajiet lokali), u li tali appoġġ ikun jippermetti effettivament l-iżvilupp tas-settur privat domestiku u impriżi żgħar u medji f'pajjiżi bi dħul baxx;

17. Jaqbel li jinħtieġ approċċ divrenzjat lejn il-grupp divers ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw, u li l-għajnuna finanzjarja tradizzjonali tista' ssir inqas relevanti għal pajjiżi emerġenti; iqis li l-għajnuna għal pajjiżi emerġenti, filwaqt li tippromwovi tkabbir ekonomiku sostenibbli, xorta għandha tiffoka fuq it-tisħiħ tal-politika fiskali tal-pajjiż sieħeb u l-promozzjoni tal-mobilizzazzjoni ta' dħul domestiku li għandu jwassal għat-tnaqqis tal-faqar u tad-dipendenza fuq l-għajnuna;

18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi appoġġ aqwa biex tgħin pajjiżi emerġenti u pajjiżi li qed jiżviluppaw fir-riformi fiskali, bl-iskop li jingħata appoġġ lil sistemi effettivi, effiċjenti, ġusti u sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni biex tintegra b'mod effikaċi l-prinċipji ta' governanza tajba fil-kwistjonijiet fiskali fil-programmazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tad-dokumenti ta' strateġija għall-pajjiżi u r-reġjuni, filwaqt li jittieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jinfurzaw rappurtar pajjiż pajjiż mill-kumpaniji transnazzjonali;

19. Jenfasizza li l-istrument ġejjieni ta' koperazzjoni għall-iżvilupp għandu jkompli jkopri l-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw tar-reġjuni ġeografiċi li japplika għalihom, skont il-lista tal-OECD/DAC ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw;

20. Jitlob li jkun hemm koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri sabiex tinkiseb il-preskrizzjoni tat-Trattat tal-Artikolu 210 TFUE, u jappoġġa l-iżvilupp ta' dokumenti strateġiċi konġunti Ewropej; jemmen li d-dokumenti ta' programmazzjoni kollha għal kull pajjiż u reġjun għandhom jinkludu matriċi ta' donaturi dettaljata u aġġornata, kif ukoll kapitolu speċjali dwar l-effettività tal-għajnuna tal-UE, li jispeċifika azzjonijiet li ttieħdu biex tiżdied il-koordinazzjoni, l-armonizzazzjoni u l-kumplimentarjetà tad-donaturi u biex jittejjeb il-qsim tax-xogħol bejn id-donaturi u partikolarment bejn l-Istati Membri tal-UE;

21. Itenni t-talba tiegħu li l-FEŻ jiddaħħal fil-baġit tal-UE, sabiex ikunu simplifikati l-proċeduri u tiżdied l-effikaċja u l-effiċjenza tal-għajnuna tal-KE; jinsisti li dan m'għandux iwassal għal xi tnaqqis fl-ammonti globali ta' finanzjament fil-livell tal-UE għad-DCI u għall-FEŻ, u lanqas fl-ammont totali ta' finanzjament disponibbli fil-livell tal-UE għal ODA;

22. Jemmen li jeħtieġ jisseddaq l-appoġġ għall-gruppi vulnerabbli (nisa, persuni b'diżabilità, żgħażagħ u nies bla xogħol, nies indiġeni), kif ukoll għall-integrazzjoni tas-sessi u għall-indirizzar ta' 'kwistjonijiet trasversali' oħrajn; jinsisti li l-istrument suċċessur tad-DCI jeħtieġ standards ta' referenza ċari fid-dokumenti ta' programmazzjoni sabiex jiżguraw li l-impatt tal-intervent tal-UE f'dawn l-oqsma jkun jista' jitkejjel;

23. Jenfasizza li l-involviment tal-awtoritajiet lokali fil-politiki għall-iżvilupp huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-MDGs u biex tiġi żgurata governanza tajba; jindika l-fatt, b'mod partikolari, li l-awtoritajiet lokali għandhom rwol kruċjali f'oqsma bħalma huma l-edukazzjoni, il-ġlieda kontra l-ġuħ, is-saħħa, l-ilma, is-sanità, il-koeżjoni soċjali u l-iżvilupp ekonomiku lokali, eċċ.; iqis, għalhekk, li hu essenzjali li jittejjeb ir-rwol tagħhom fl-istrument finanzjarju li jmiss, bi qbil mal-prinċipju tas-sjieda tal-iżvilupp;

24. Jenfasizza l-ħtieġa ta' djalogu regolari u strutturat bejn il-Kummissjoni, is-SEAE, atturi mhux statali (NSAs) u awtoritajiet lokali (LAs) dwar il-programmazzjoni, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tad-dokumenti ta' strateġija; jinsisti għalhekk fuq il-ħtieġa li l-konklużjonijiet tad-Djalogu Strutturat jitqiesu fl-istrumenti finanzjarji tal-ġejjieni;

25. Jenfasizza l-ħtieġa ta' dispożizzjonijiet ta' flessibilità li jippermettu rispons għal bidliet f'termini ta' ħtiġijiet u prijoritajiet min-naħa tal-UE; jissuġġerixxi eżami tal-mudell tal-FEŻ ta' allokazzjonijiet nazzjonali limitati ta' għajnuna mhux programmata bħala mudell possibbli għall-istrument ġejjieni ta' għajnuna għall-iżvilupp; jenfasizza, madankollu, li l-fondi użati b'mod aktar flessibbli jridu jkunu ġenwinament dedikati għal għanijiet ta' żvilupp;

26. Iqis li l-istrument ġejjieni ta' għajnuna għall-iżvilupp għandu jipprovdi bażi għal għajnuna mmirata u aktar flessibbli f'sitwazzjonijiet ta' fraġilità; jemmen li l-istruttura finanzjarja l-ġdida għandha tgħin sabiex tkun żgurata rabta xierqa bejn l-għajnuna ta' emerġenza, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp (LRRD) permezz tal-flessibilità u tal-kumplimentarjetà tal-mekkaniżmi ta' finanzjament;

***Perspettivi għall-ġejjieni: programmi ġeografiċi u tematiċi***

27. Jitlob li benchmark ta' 20 % tal-infiq fl-ambitu ta' programmi ġeografiċi jiġi allokat għal servizzi soċjali bażiċi kif definiti min-Nazzjonijiet Uniti fl-MDGs (indikatur 8.2 għal għan 8: 'L-iżvilupp ta' sħubija globali għall-iżvilupp');

28. Jinsisti fuq kriterji ta' eleġibilità stretti għall-appoġġ baġitarju; jinsisti li l-Kummissjoni m'għandhiex tuża l-appoġġ baġitarju f'pajjiżi fejn ma tistax tkun żgurata t-trasparenza fl-infiq pubbliku, li l-appoġġ baġitarju dejjem għandu jiġi akkumpanjat minn azzjonijiet għall-iżvilupp tal-kontroll parlamentari u kapaċitajiet ta' verifika tal-pajjiż li jirċievi u għal żieda fit-trasparenza u l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni, u li s-soċjetà ċivili għandha tkun involuta fil-monitoraġġ tal-appoġġ baġitarju;

29. Jirrikonoxxi r-rwoli importanti li għandha s-soċjetà ċivili fl-iżvilupp, bħal meta din taġixxi ta' gwardjan fir-rigward tal-gevrn biex tiżgura r-responsabilizzazzjoni, u jitlob li jkun hemm finanzjament adegwat indirizzat għas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;

30. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi analiżi finanzjarja komprensiva li tkopri l-appoġġ baġitarju ġenerali, l-appoġġ skont is-settur, l-appoġġ skont il-progetti u l-appoġġ ta' kwalunkwe tip ieħor mogħti lill-gvern lokali; jenfasizza li dan ir-rendikont ġenerali jagħmel l-appoġġ li jingħata lill-gvernijiet lokali aktar konsistenti u jtejjeb il-governanza fil-pajjiżi sħab;

31. Jinnota li l-programmi tematiċi kollha fl-ambitu tad-DCI taw prova tar-relevanza tagħhom, u jenfasizza li huwa ta' importanza kbira li jinżamm kemm il-programm tematiku kif ukoll dak ġeografiku, iżda jitlob li jsir eżerċizzju ta' ffukar mill-ġdid, fid-dawl ta' sfidi ġodda bħall-kriżi finanzjarja u ekonomika internazzjonali, il-kriżi dinjija tal-ikel, it-tibdil fil-klima u l-ħtiġijiet speċjali ta' stati fraġli u ta' stati fi tranżizzjoni;

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

32. Jindika l-fatt li l-migrazzjoni hija qasam li fih hemm bżonn ċar ta' prijoritizzazzjoni tal-koerenza politika għall-iżvilupp dwar kunsiderazzjonijiet rigward migrazzjoni tal-UE f'terminu qasir ta' żmien, indirizzati l-aktar għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali; jenfasizza li l-fondi għall-iżvilupp għall-migrazzjoni m'għandhomx jintużaw biex tissaħħaħ il-ġestjoni fil-fruntieri u l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni; jinsisti li kwalunkwe programm tematiku ġejjieni dwar il-migrazzjoni jrid ikun allinjat bis-sħiħ mal-objettivi tal-iżvilupp tal-UE u li l-finanzjament ewlieni fl-ambitu ta' dan il-programm irid jissodisfa l-kriterji ta' eleġibilità għall-ODA; jenfasizza b'mod partikulari li proġetti li jirrigwardaw migrazzjoni min-Nofsinhar għan-Nofsinhar għandhom jingħataw prijorità fi ħdan il-programm tematiku;

33. Jenfasizza li programm tematiku ġdid bit-tema 'Ninvestu fin-Nies' jeħtieġ jiffoka fuq – mingħajr ma jillimita ruħu biss għalihom – dawk l-MDGs li l-ilħuq tagħhom għadu 'l bogħod, b'attenzjoni partikolari għal pajjiżi u reġjuni b'indikaturi kritiċi tal-MDGs; jenfasizza li l-edukazzjoni bażika u l-alfabetiżmu huma l-punt tat-tluq għall-proċess tas-sensibilizzazzjoni u għas-sjieda tal-iżvilupp; għalhekk jitlob li l-programm jiffoka fuq l-edukazzjoni bħala għodda għall-emanċipazzjoni u l-parteċipazzjoni;

34. Jemmen li l-istrument ġdid għandu jipprovdi approċċ differenzjat għall-finanzjament ta' organizzazzjonijiet ta' soċjetajiet ċivili u awtoritajiet lokali, u għandu wkoll jevita l-kompetizzjoni mhux meħtieġa bejn iż-żewġ tipi ta' attur; jenfasizza l-bżonn li tiġi indirizzata l-problema ta' sottoskrizzjoni żejda tal-programm attwali; jitlob li r-riżultati tad-Djalogu Strutturat jiġu riflessi bis-sħiħ fil-programm tematiku futur u fil-modalitajiet tal-għajnuna proposti;

35. Jindika l-fatt li waħda mir-raġunijiet għala l-MDGs ma ntlaħqux hija n-nuqqas li jiġu rikonoxxuti l-kontributi tal-ambjent, tar-riżorsi naturali u tal-ekosistemi għall-iżvilupp tal-bniedem u għall-eliminazzjoni tal-faqar; jinnota bi tħassib li, filwaqt li l-ODA Ewropea talloka 3 % biss tal-infiq totali għal kwistjonijiet ambjentali, problema oħra hi li parti mill-finanzjament tal-UE u tal-Istati Membri għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw hija investita fi proġetti li jiffavorixxu t-tibdil fil-klima, pjuttost milli jnaqqsuh; jenfasizza li jeħtieġ titjib fil-koerenza tal-politka għall-iżvilupp fil-qasam tat-tibdil fil-klima, speċjalment fir-rigward tal-finanzjament għall-klima u l-integrazzjoni fil-koperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE tal-preokkupazzjonijiet dwar it-tibdil fil-klima;

36. Jindika l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri kkonkludiet fir-'Rapport Speċjali 6/2006' tagħha li l-UE għamlet biss progress limitat mill-2001 'l hawn rigward l-integrazzjoni tal-ambjent fil-koperazzjoni għall iżvilupp tagħha, għaliex il-Dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiż ma kkunsidrawx biżżejjed il-kwistjonijiet ambjentali; iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-kwistjonijiet ambjentali jiġu integrati u mmoniterjati aħjar fil-politiki esterni u fl-istrumenti finanzjarji kollha, speċjalment vis à vis l-isfidi attwali tat-tibdil fil-klima u tat-telf tal-bijodiversità;

37. Itenni li l-Artikolu 290 TFUE hu applikabbli b'mod sħiħ għad-DCI, u għaldaqstant jenfasizza li l-applikazzjoni tal-proċedura tal-atti delegati hi obbligatorja għal dawk id-deċiżjonijiet li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 290 TFUE, fosthom dawk dwar it-tfassil tal-objettivi ġenerali, il-prijoritajiet, ir-riżultati mistennija u l-allokazzjonijiet finanzjarji;

*

* *

38. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Gvernijiet u l-Parlamenti tal-Istati Membri.

## L-għażliet politiċi għall-progress lejn Liġi Kuntrattwali Ewropea għall-konsumaturi u n-negozji

P7_TA(2011)0262

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta’ Ġunju 2011 dwar l-għażliet politiċi għall-progress lejn Liġi Kuntrattwali Ewropea għall-konsumaturi u n-negozji (2011/2013(INI))**

(2012/C 380 E/09)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Green Paper mill-Kummissjoni tal-1 ta’ Lulju 2010 dwar l-għażliet politiċi għall-progress lejn Liġi Kuntrattwali Ewropea għall-konsumaturi u n-negozji (COM(2010)0348),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 2010/233/UE tal-Kummissjoni tas-26 ta’ April 2010 dwar it-twaqqif ta’ Grupp Espert rigward il-Qafas Komuni ta’ Referenza fil-qasam tal-liġi kuntrattwali Ewropea ([1]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-11 ta’ Lulju 2001 dwar il-Liġi Kuntrattwali Ewropea (COM(2001)0398),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-12 ta’ Frar 2003 bit-titolu 'Liġi Kuntrattwali Ewropea aktar Koerenti – Pjan ta’ Azzjoni' (COM(2003)0068),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-11 ta’ Ottubru 2004 bit-titolu 'Il-Liġi Ewropea dwar il-Kuntratti u r-reviżjoni tal-acquis: prospettivi għall-futur' (COM(2004)0651),

— wara li kkunsidra r-rapport mill-Kummissjoni tat-23 ta’ Settembru 2005 bit-titolu 'L-Ewwel Rapport Annwali ta’ Progress dwar il-Liġi Ewropea tal-Kuntratti u r-Reviżjoni tal-Acquis' (COM(2005)0456) u r-rapport mill-Kummissjoni tal-25 ta’ Lulju 2007 bit-titolu 'It-Tieni Rapport dwar il-Progress tal-Qafas ta’ Referenza Komuni' (COM(2007)0447),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-22 ta’ Ottubru 2009 dwar in-Negozju Transkonfinali san-Negozju Elettroniku tal-Konsum fl-UE (COM(2009)0557),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta’ Settembru 2008 dwar qafas komuni ta’ referenza għal-liġi Ewropea dwar il-kuntratti ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta’ Diċembru 2007 dwar il-Liġi Ewropea dwar il-Kuntratti ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta’ Settembru 2006 dwar il-Liġi Ewropea dwar il-Kuntratti ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta’ Marzu 2006 dwar il-liġi Ewropea dwar il-kuntratti u r-reviżjoni tal-acquis: prospettivi għall-futur ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-26 ta’ Mejju 1989 ([6]), tas-6 ta’ Mejju 1994 ([7]), tal-15 ta’ Novembru 2001 ([8]) u tat-2 ta’ Settembru 2003 ([9]) dwar il-kwistjoni,

([1]) ĠU L 105, 27.4.2010, p. 109.
([2]) ĠU C 295 E, 4.12.2009, p. 31.
([3]) ĠU C 323 E, 18.12.2008, p. 364.
([4]) ĠU C 305 E, 14.12.2006, p. 247.
([5]) ĠU C 292 E, 1.12.2006, p. 109.
([6]) ĠU C 158, 26.6.1989, p. 400.
([7]) ĠU C 205, 25.7.1994, p. 518.
([8]) ĠU C 140 E, 13.6.2002, p. 538.
([9]) ĠU C 76 E, 25.3.2004, p. 95.

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0164/2011),

A. billi l-inizjattiva dwar il-liġi kuntrattwali Ewropea, li għandha l-għan li tindirizza l-problemi tas-Suq Uniku maħluqa, fost l-oħrajn, minn entitajiet diverġenti tal-liġi kuntrattwali, ilha tiġi diskussa s-snin,

B. billi, b'segwitu tal-kriżi finanzjarja globali, jidher aktar importanti minn qatt qabel li jiġi previst reġim koerenti ta' Liġi Kuntrattwali Ewropea sabiex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tas-suq intern u b'hekk jgħin ħalli jintlaħqu l-għanijiet tal-Ewropa 2020,

C. billi s-Suq Uniku għadu frammentat, minħabba f'ħafna fatturi, inkluż in-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti fil-qasam tas-Suq Uniku,

D. billi jinħtieġu aktar studji biex wieħed jifhem aktar għaliex is-suq intern għadu frammentat u x'inhu l-aħjar mod li bih dawn il-problemi jistgħu jiġu ttrattati, fosthom kif tista' tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti,

E. billi fil-Green Paper imsemmija hawn fuq il-Kummissjoni tindika sensiela ta' alternattivi rigward strument dwar il-Liġi Kuntrattwali Ewropea li jistgħu jgħinu fl-iżvilupp ta' imprenditorija fit-tisħiħ tal-fiduċja pubblika fis-Suq Uniku,

F. billi l-Grupp ta' Esperti mwaqqaf biex jgħin lill-Kummissjoni fit-tħejjija ta' proposta għal Qafas Komuni ta' Riferiment (QKR) beda l-ħidma tiegħu, flimkien ma' laqgħa ta' diskussjoni mal-partijiet interessati,

G. billi d-diverġenza tad-dritt kuntrattwali f'livell nazzjonali ma tikkostitwixxix l-uniku ostakolu għall-SMEs u l-konsumaturi f'dak li għandu x'jaqsam mal-attivitajiet transkonfinali minħabba li jħabbtu wiċċhom ma' problemi oħrajn inkluż il-barrieri lingwistiċi, is-sistemi differenti ta' tassazzjoni, il-kwistjoni tal-affidabilità tan-negozjanti online, l-aċċess limitat għall-broadband, il-litteriżmu diġitali, il-problemi ta' sigurtà, il-kompożizzjoni demografika tal-popolazzjoni tal-Istati Membri individwali, il-problemi dwar il-privatezza, ir-rispons għall-ilmenti, u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, eċċ.,

H. billi, skont studju tal-Kummissjoni mwettaq fl-2008, tliet kwarti tal-bejjiegħa bl-imnut jbigħu biss fis-suq nazzjonali, u l-bejgħ transkonfinali sikwit isir biss fi ftit Stati Membri ([1]),

I. billi huwa neċessarju li jkun hemm distinzjoni bejn it-tranżazzjonijiet transkonfinali konvenzjonali u l-kummerċ elettroniku, fejn jeżistu problemi speċifiċi u l-kostijiet tat-tranżazzjoni huma differenti; billi huwa wkoll neċessarju, għall-finijiet ta' valutazzjonijiet futuri tal-impatt, li jiġu definiti b'reqqa u bi preċiżjoni kif inhuma komposti l-kostijiet tat-tranżazzjoni,

J. billi huwa ċar li l-applikazzjoni ta' liġi barranija (dwar il-konsumatur) għat-tranżazzjonijiet transkonfinali skont ir-Regolament Ruma I ([2]) ġiet meqjusa li tinvolvi spejjeż ta' tranżazzjoni kunsiderevoli għan-negozji, b'mod partikulari għall-SMEs, li, fir-Renju Unit biss, ġew stmati li jlaħħqu l-Eur 15 000 għal kull negozju u għal kull Stat Membru ([3]),

([1]) Ewrobarometru 224, 2008, p. 4.
([2]) ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6.
([3]) UK Federation of Small Businesses, Dokument ta' pożizzjoni dwar Ruma I (2007).

K. billi tinħtieġ aktar informazzjoni dwar il-kostijiet tat-tranżazzjoni li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 6(2) u tal-Artikolu 4(1), punt (a) tar-Regolament Ruma I, filwaqt li jitqies li r-Ruma I ilu jiġu applikat biss minn Diċembru 2009,

L. billi dawn l-ispejjeż ta' tranżazzjoni huma pperċepiti bħala ostakoli kunsiderevoli għall-kummerċ transkonfinali, kif ġie kkonfermat minn 50 % tal-bejjiegħa bl-imnut Ewropej, intervistati fl-2011, li diġà jwettqu kummerċ transkonfinali, li stqarru li l-armonizzazzjoni tal-liġijiet applikabbli fit-tranżazzjonijiet transkonfinali madwar l-UE żżid il-livell ta' bejgħ transkonfinali tagħhom, filwaqt li 41 % qalu li l-bejgħ tagħhom ma jiżdidx; billi, mill-banda l-oħra, fost il-bejjiegħa li ma jbigħux transkonfinalment, 60 % qalu li l-livell tagħhom ta' bejgħ transkonfinali ma jiżdidx b'riżultat ta' ambjent regolatorju aktar armonizzat, filwaqt li 25 % stqarru li dan jiżdied ([1]),

M. billi wħud mill-ostakoli l-aktar evidenti li l-konsumaturi u l-SMEs iħabbtu wiċċhom magħhom fir-rigward tas-Suq Uniku huma l-kumplessità tar-relazzjonijiet kuntrattwali, termini u kundizzjonijiet inġusti tal-kuntratti, informazzjoni inadegwata u insuffiċjenti u proċeduri ineffiċjenti u li jieħdu ħafna ħin,

N. billi huwa ta' importanza fuq kull ħaġa oħra li kull inizjattiva min-naħa tal-UE jkollha tirrispondi għall-ħtiġijiet u t-tħassib reali kemm tan-negozjanti kif ukoll tal-konsumaturi; billi dan it-tħassib jestendi wkoll għall-problemi legali/lingwistiċi (dispożizzjonijiet ta' termini u kundizzjonijiet standard għan-negozji ż-żgħar fl-ilsna kollha tal-UE) u d-diffikultajiet fl-eżekuzzjoni tal-kuntratti bejn il-fruntieri (dispożizzjonijiet ta' miżuri awtonomi tal-UE fil-qasam tad-Dritt proċedurali),

O. billi, skont studju tal-Kummissjoni, ġie stmat li s-suq onlajn għadu frammentat: skont studju li sar, 61 % minn 10 964 ordni transkonfinali ta' prova li saru fallew u li jidher li x-xiri transkonfinali jżid il-probabilità li l-konsumaturi jsibu offerti li jkunu irħas ([2]) u li jsibu prodotti li ma jkunux disponibbli onlajn fuq livell nazzjonali ([3]), filwaqt li ċ-ċifra ta' 61 % tidher ferm għolja u titlob li jsiru aktar studji, verifiki u valutazzjonijiet,

P. billi l-armonizzazzjoni gradwali ma teghlibx b'mod effettiv l-ostakoli fis-suq intern li jirriżultaw minn drittijiet kuntrattwali nazzjonali diverġenti, kull miżura f'dan il-qasam għandha tkun ibbażata fuq evidenza ċara li tali inizjattiva tagħmel differenza vera li ma tkunx tista' tinkiseb b'miżuri oħra anqas intrużivi,

Q. billi Liġi Kuntrattwali Ewropea komuni tkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi u, b'mod partikolari, tikkontribwixxi għal aktar kummerċ transkonfinali li jkun faċilment aċċessibbli fis-suq intern,

R. billi n-negozjati dwar id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumaturi ([4]) wrew kemm hu diffiċli biex tiġi armonizzata l-liġi tal-konsumatur applikata għall-kuntratti mingħajr ma jkun imminat l-impenn komuni għal livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi fl-Ewropa u x'limiti dan kollu jimponi fuq il-proċess,

S. billi kwalunkwe passi meħuda fil-qasam tal-Liġi Kuntrattwali Ewropea għandhom iqisu r-regoli nazzjonali obbligatorji, u għandhom ikunu konsistenti mad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur li hija mistennija, li se jkollha impatt sinifikanti fuq il-kontenut u l-livell tal-armonizzazzjoni ta' strument futur possibbli fil-qasam tad-Dritt Kuntrattwali Ewropew; billi jkun neċessarju li jkun hemm monitoraġġ kostanti u bir-reqqa tal-implimentazzjoni tiegħu fix-xhur li jiġu wara ħalli jkun hemm definizzjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-istrument fakultattiv (OI),

([1]) Flash Eurobarometer 300, 2011 http://ec.europa.eu/consumers/strategy/docs/retailers_eurobarometer_2011_en.pdf
([2]) COM(2009)0557, p.3.
([3]) Ibid, p. 5.
([4]) COM(2008)0614.

**L-Erbgħa 8 ta’ Ġunju 2011**

T. billi kwalunkwe prodott aħħari fil-qasam tal-Liġi Kuntrattwali Ewropea jrid ikun realistiku, fattibbli, proporzjonat u meqjus sew, qabel ma jiġi modifikat, jekk ikun meħtieġ, u adottat formalment mill-koleġiżlaturi Ewropej,

1. Jappoġġja azzjoni biex jiġi indirizzat l-għadd ta’ ostakoli differenti li jiffaċċjaw dawk li jixtiequ jidħlu fi transazzjonijiet transkonfinali fis-Suq Intern u jqis li, flimkien ma’ miżuri oħra, il-proġett tal-Liġi Kuntrattwali Ewropea jista’ jkun utli biex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tas-suq intern, li jinvolvi benefiċċji sostanzjali kemm mil-lat ekonomiku kif ukoll mil-lat ta’ impjiegi;

2. Jilqa’ d-dibattitu apert dwar il-Green Paper u jħeġġeġ lis-servizzi responsabbli tal-Kummissjoni jagħmlu analiżi komprensiva tar-riżultati ta’ din il-konsultazzjoni;

3. Jenfasizza l-importanza ekonomika tal-SMEs u tan-negozji tal-manifattura tal-artiġjanat fl-ekonomija Ewropea; jinsisti, għalhekk, fuq il-ħtieġa li jkun żgurat li l-prinċipju 'l-ewwel aħseb fiż-żgħir' promoss mill-’Att dwar in-Negozji ż-Żgħar’ jiġi implimentat sew u jitqies bħala prijorità fid-dibattitu dwar inizjattivi tal-UE marbuta mal-liġi kuntrattwali;

***In-natura ġuridika tal-istrument tal-Liġi Kuntrattwali Ewropea***

4. Jilqa’ l-pubblikazzjoni riċenti tar-riżultati tal-istudju tal-fattibilità li sar mill-Grupp ta’ Esperti dwar il-liġi kuntrattwali Ewropea u l-impenn tal-Kummissjoni li tkompli għaddejja bil-konsultazzjoni dwar il-kamp ta’ applikazzjoni u l-kontenut tal-istrument fakultattiv u f’dan is-sens iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli għaddejja b’diskussjoni ġenwinament aperta u trasparenti mal-partijiet kollha interessati bħala parti mill-proċess tagħha tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar kif għandu jintuża l-istudju tal-fattibilità;

5. Jirrikonoxxi l-ħtieġa għal aktar progress fil-qasam tal-liġi kuntrattwali u huwa favur, fost għażliet oħrajn, l-alternattiva 4 li jitwaqqaf strument fakultattiv permezz ta’ regolament; wara stima tal-impatt u kjarifika tal-bażi ġuridika; jemmen li dan l-istrument fakultattiv jista’ jkun ikkomplementat permezz ta’ ‘kaxxa tal-għodda’ li tista’ tiġi approvata permezz ta’ ftehim interistituzzjonali; jitlob li jinħolqu “mudelli Ewropej ta’ kuntratti standard”, tradotti fl-ilsna kollha tal-UE, marbutin ma’ sistema alternattiva għar-riżoluzzjoni tat-tilwim li ssir online, li jista’ jkollhom il-vantaġġ li jkunu soluzzjoni kosteffikaċi u aktar sempliċi, sew għall-partijiet kontraenti kif ukoll għall-Kummissjoni;

6. Jemmen li huwa biss bl-użu tal-forma ġuridika ta’ Regolament li jistgħu jingħataw iċ-ċarezza u ċ-ċertezza ġuridika neċessarji;

7. Jisħaq li Regolament li jwaqqaf strument fakultattiv tad-Dritt Kuntrattwali Ewropew jista’ jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern minħabba fl-effett dirett, bil-benefiċċji għan-negozji (tnaqqis fil-kostijiet b’riżultat tat-tneħħija tal-ħtieġa ta’ regoli dwar il-kunflitt bejn id-Drittijiet), għall-konsumaturi (ċertezza ġuridika, fiduċja, livell għoli ta’ ħarsien għall-konsumatur), u għas-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri (ma jkunx hemm aktar il-ħtieġa li jiġu eżaminati d-Drittijiet barranin);

8. Jilqa’ l-fatt li l-alternattiva magħżula tqis kif xieraq il-prinċipju tas-sussidjarjetà u hija bla ħsara għall-poteri leġiżlattivi tal-Istati Membri fil-qasam tad-Dritt Kuntrattwali u Ċivili;

9. Jemmen li ‘kaxxa tal-għodda’ tista’ possibbilment titqiegħed fil-prattika fuq diversi stadji, b’bidu bħala għodda tal-Kummissjoni, filwaqt li, ladarba jkun hemm ftehim bejn l-istituzzjonijiet, hija tiġi kkonvertita f’għodda għal-leġiżlatur tal-Unjoni; jirrimarka li din il-‘kaxxa tal-għodda’ tkun tipprovdi l-isfond u l-pedament ġuridiku meħtieġa li bihom ikunu jistgħu joperaw l-istrument fakultattiv u t-termini u l-kundizzjonijiet standard, u li hi għandha tkun ibbażata fuq evalwazzjoni tar-regoli nazzjonali obbligatorji dwar il-protezzjoni tal-konsumatur fi ħdan l-acquis eżistenti dwar il-liġi tal-konsumatur, iżda wkoll ’il barra minnu;

10. Huwa tal-fehma li jekk l-istrument fakultattiv ikun ikkumplimentat b"kaxxa tal-għodda', ikun hemm informazzjoni aktar ċara disponibbli dwar dak l-istrument tal-UE, billi tingħata għajnuna lill-partijiet ikkonċernati ħalli jifhmu aħjar drittijiethom u jagħmlu għażliet infurmati meta jidħlu f'kuntratti fuq il-bażi ta' dik is-sistema, u li l-qafas legali jkun jinftiehem aktar u ma jkunx oneruż wisq;

11. Jemmen li l-partijiet kollha, kemm jekk fi tranżazzjonijiet B2B jew B2C, għandhom ikunu liberi jagħżlu jew ma jagħżlux l-istrument fakultattiv bħala alternattiva għad-dritt nazzjonali jew internazzjonali (opt-in) u għalhekk jitlob lill-Kummissjoni tikkjarifika r-relazzjoni li biħsiebha li jkun hemm bejn l-istrument fakultattiv u r-Regolament Ruma I u l-konvenzjonijiet internazzjonali, inkluża l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kuntratti għall-Bejgħ Internazzjonali ta' Prodotti (CISG); iqis, madankollu, li jinħtieġ li titteħed aktar azzjoni biex jiġi żgurat li l-istrument fakultattiv joffri protezzjoni lill-konsumaturi u lin-negozji żgħar minħabba l-pożizzjoni tagħhom bħala s-sħab kummerċjali f'pożizzjoni aktar dgħajfa, u li jiġi evitat li jkun hemm konfużjoni meta wieħed jagħżel il-liġi applikabbli; għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni tikkumplimenta l-istrument fakultattiv b'tagħrif addizzjonali li jispjega f'lingwaġġ ċar, preċiż u li jinftiehem x'inhuma d-drittijiet tal-konsumaturi u li dawn ma jkunux kompromessi, ħalli l-konsumaturi jkabbru l-fiduċja tagħhom fl-istrument fakultattiv u jkunu f'qagħda li jagħmlu għażla infurmata dwar jekk ikunux iridu jikkonkludu kuntratt fuq din il-bażi alternattiva;

12. Iqis li l-istrument jiġġenera valur miżjud Ewropew, b'mod partikulari billi jiżgura li jkun hemm ċertezza ġuridika permezz tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, u jipprovdi, fl-istess ħin, il-potenzjal li jingħelbu l-ostakoli kemm ġuridiċi kif ukoll lingwistiċi, peress li l-istrument ikun naturalment disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE; jisħaq li, biex jinħoloq fehim aħjar tal-mod li bih jiffunzjonaw l-istituzzjonijiet Ewropej, iċ-ċittadini Ewropej għandu jkollhom l-opportunità li jkollhom kull tip ta' tagħrif marbut mal-istrument fakultattiv tradott b'għodod ta' traduzzjoni online aċċessibbli u li jintużaw faċilment, ħalli jkunu jistgħu jaqraw it-tagħrif meħtieġ f'ilsienhom stess;

13. Jara vantaġġ prattiku possibbli fin-natura flessibbli u volontarja ta' strument opt-in; madankollu jistieden lill-Kummissjoni tikkjarifika l-iżvantaġġi ta' dan l-istrument kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozji u tikkjarifika aħjar liema parti kontraenti jkollha l-għażla bejn l-istrument fakultattiv u d-dritt "normalment" applikabbli u kif il-Kummissjoni biħsiebha tnaqqas l-kostijiet tat-tranżazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi fi kwalunkwe proposta għal strument fakultattiv mekkaniżmu għall-monitoraġġ u reviżjoni regolari, bl-involviment mill-qrib tal-partijiet kollha kkonċernati ħalli tiżgura li l-istrument fakultattiv jimxi mal-acquis eżistenti fir-rigward tal-liġi kuntrattwali, partikularment ir-Ruma I, mal-ħtiġiet tas-suq u mal-iżviluppi ġuridiċi u ekonomiċi;

***L-ambitu tal-applikazzjoni tal-istrument***

14. Jemmen li għandhom jiġu koperti kemm il-kuntratti bejn in-negozji kif ukoll il-kuntratti bejn l-impriżi u l-konsumaturi; jenfasizza li l-istrument irid joffri livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, sabiex il-konsumaturi jiġu kkumpensati għall-protezzjoni li s-soltu jgawdu skont il-liġi nazzjonali tagħhom; juri x-xewqa li jkun hemm aktar spjega dwar kif dan jista' jintlaħaq; jemmen għalhekk li l-livell ta' ħarsien tal-konsumatur għandu jkun ogħla mill-protezzjoni minima mogħtija mill-Acquis tal-Konsumatur u jkopri regoli nazzjonali obbligatorji, minħabba li jridu jinstabu soluzzjonijiet sodisfaċenti għall-problemi tad-dritt internazzjonali privat; iqis li dan il-livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur huwa wkoll fl-interessi tan-negozji billi jkunu huma li jaħsdu l-frott tal-istrument fakultattiv jekk il-konsumaturi tal-Istati Membri kollha jkollhom fiduċja li l-għażla tal-istrument fakultattiv ma ċċaħħadhomx mill-ħarsien;

15. Jindika li, sabiex igawdi mill-leġittimità u l-appoġġ politiċi, il-benefiċċji ta' Dritt Kuntrattwali Ewropew għandhom ikunu kkomunikati b'mod pożittiv liċ-ċittadini;

16. Jinnota li d-dispożizzjonijiet tal-liġi kuntrattwali li jirregolaw il-kuntratti B2B u B2C, rispettivament, għandhom ikunu mfassla, b'rispett għat-tradizzjonijiet komuni tas-sistemi ġuridiċi nazzjonali u b'attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-parti kontraenti d-dgħajfa, jiġifieri l-konsumatur;

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

17. Jirrimarka li xi elementi essenzjali tal-liġi tal-konsumaturi applikati għall-kuntratti diġà huma inkorporati f'diversi ġabriet ta' regoli Ewropej u li xi partijiet importanti tal-acquis tal-konsumatur x'aktarx li jiġu kkonsolidati fid-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur (CRD); jinnota li d-Direttiva msemmija hawn fuq tipprovdi regolamentazzjoni unika li l-konsumaturi u n-negozji jistgħu jidentifikaw faċilment; għalhekk, jisħaq fuq l-importanza li wieħed jistenna l-eżitu tan-negozjati dwar is-CRD qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni;

18. Barra minn hekk jemmen, meta jitqiesu n-natura speċjali tal-kuntratti differenti, speċjalment il-kuntratti B2C u B2B, il-prinċipji ewlenin nazzjonali u internazzjonali tal-liġi kuntrattwali, u l-prinċipju fundamentali ta' livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur, li l-prattiki settorjali eżistenti u l-prinċipju tal-libertà kuntrattwali għandhom jitħarsu fir-rigward tal-kuntratti B2B;

19. Hu tal-fehma li Liġi Kuntrattwali Ewropea komuni fakultattiva tista' ttejjeb l-effiċjenza tas-suq intern mingħajr ma taffettwa s-sistemi nazzjonali tal-liġi kuntrattwali fl-Istati Membri;

20. Jemmen li l-istrument fakultattiv għandu jkun disponibbli fuq bażi "opt-in" f'sitwazzjonijiet transkonfinali fl-ewwel istanza u li jinħtieġ jingħataw garanziji li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprevjenu kull użu ħażin tal-istrument fakultattiv f'sitwazzjonijiet transkonfinali mhux ġenwini; iqis ukoll li l-effetti ta' opt-in nazzjonali fuq l-korpi nazzjonali tal-liġi kuntrattwali jisthoqqilhom analiżi speċifika;

21. Jirrikonoxxi li l-kummerċ elettroniku jew il-kuntratti ta' bejgħ mill-bogħod jirrappreżentaw sehem importanti tat-tranżazzjonijiet transkonfinali; jemmen li, filwaqt li l-istrument fakultattiv m'għandux ikun limitat għal dawn it-tipi ta' tranżazzjonijiet, jista' jkun utli li jiġu introdotti limiti oħrajn meta l-istrument ikun qed jiġi applikat fl-ewwel istanza, u sakemm tinkiseb biżżejjed esperjenza tal-applikazzjoni tiegħu;

22. Jenfasizza l-importanza speċjali li jiġi ffaċilitat il-kummerċ elettroniku fi ħdan l-UE, meta jitqies li dan is-settur għadu sottożviluppat, u jeħtieġ li jiġi vvalutat jekk sistemi kuntrattwali nazzjonali differenti jistgħux jirrappreżentaw ostakolu għall-iżvilupp ta' dak is-settur, li sew in-negozji kif ukoll il-konsumaturi bir-raġun iqisuh bħala mutur potenzjali ta' tkabbir għall-ġejjieni;

23. Jemmen li l-kamp ta' applikazzjoni ta' 'kaxxa tal-għodda' jista' jkun wiesa' mhux ħażin, filwaqt li kwalunkwe strument fakultattiv għandu jkun limitat għall-kwistjonijiet fundamentali tal-liġi kuntrattwali; jemmen li 'kaxxa tal-għodda' għandha tibqa' koerenti mal-istrument fakultattiv u jkun fiha, fost l-"għodda" tagħha, kunċetti meħuda mill-medda kollha ta' tradizzjonijiet ġuridiċi, inklużi regoli derivati, inter alia, mill-Abbozz tal-Qafas Komuni ta' Riferenza (DCFR) ([1]) akkademiku u l-'Principes contractuels communs' u 'Terminologie contractuelle commune' ([2]); u li r-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar id-dritt kuntrattwali tal-konsumatur għandhom ikunu msejsa fuq livell ġenwinament għoli ta' ħarsien;

24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Grupp tal-Esperti jikkjarifikaw x'għandu jitqies bħala "kwestjonijiet essenzjali tad-dritt kuntrattwali";

25. Jara l-benefiċċji fi strument fakultattiv li jkollu dispożizzjonijiet speċifiċi għall-aktar tipi frekwenti ta' kuntratti, l-aktar għall-bejgħ ta' prodotti u għall-għoti ta' servizzi; itenni t-talba preċedenti tiegħu sabiex il-kuntratti ta' assigurazzjoni jiddaħħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-istrument fakultattiv, minħabba li jemmen li dan l-istrument ikun ta' siwi partikulari għall-kuntratti ta' assigurazzjoni ta' skala żgħira; jenfasizza li, fil-qasam tal-liġi kuntrattwali tal-assigurazzjoni, diġà saret ħidma preliminari bil-Prinċipji tal-Liġi Kuntrattwali Ewropea tal-Assigurazzjoni (PEICL), li għandhom jiġu integrati f'korp ta' liġi kuntrattwali Ewropea u għandhom jiġu riveduti u mtejba aktar; madankollu jappella għal attenzjoni fir-rigward tal-inklużjoni ta' servizzi finanzjarji minn kwalunkwe strument tal-liġi kuntrattwali propost f'dan l-istadju u jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi grupp iddedikat ta' esperti minn fost is-servizzi għal kwalunkwe ħidma futura ta' tħejjija

([1]) Von Bar, Clive, Schulte-Nölke et al. (ed.), Principles, Definitions and Model Rules of European Private Law – Draft Common Frame of Reference (DCFR), 2008.

([2]) B. Fauvarque-Cosson, D. Mazeaud (dir.), collection 'Droit privé comparé et européen', Volumi 6 u 7, 2008.

dwar is-servizzi finanzjarji biex jiġi żgurat li kwalunkwe strument futur ikun iqis il-karatteristiċi speċifiċi possibbli tas-settur tas-servizzi finanzjarji u kwalunkwe inizjattiva relatata mmexxija minn partijiet oħra tal-Kummissjoni, u jinvolvi lill-Parlament Ewropew fi stadju bikri;

26. Jirrimarka li tqajmu xi kwistjonijiet speċifiċi li għalihom strument fakultattiv jista' jkun ta' benefiċċju, bħad-drittijiet diġitali u l-proprjetà benefiċjarja; iqis li, mill-banda l-oħra, jista' jkun hemm il-ħtieġa li jiġu esklużi ċerti tipi ta' kuntratti kumplessi tad-dritt pubbliku; jitlob li Grupp ta' Esperti jeżamina l-possibilità tal-inklużjoni tal-kuntratti fil-qasam tal-jeddijiet tal-awturi bl-iskop li titjieb il-qagħda tal-awturi li ħafna drabi jkunu l-parti l-aktar dgħajfa f'relazzjoni kuntrattwali;

27. Jemmen li l-istrument fakultattiv għandu jkun koerenti mal-acquis eżistenti fid-Dritt kuntrattwali;

28. Ifakkar li għad fadal ħafna mistoqsijiet li jridu jingħataw tweġiba u ħafna problemi li jridu jiġu solvuti rigward Liġi Kuntrattwali Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni tqis il-każistika, il-konvenzjonijiet internazzjonali dwar il-bejgħ tal-prodotti, bħall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Kuntratti għall-Bejgħ Internazzjonali ta' Prodotti (CISG), kif ukoll l-impatt tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur; jenfasizza l-importanza tal-armonizzazzjoni tal-liġi kuntrattwali fl-UE filwaqt li jitqiesu r-regolamenti nazzjonali rilevanti li jipprovdu livell għoli ta' ħarsien f'kuntratti B2C;

## *L-applikazzjoni fil-prattika ta' strument tal-Liġi Kuntrattwali Ewropea*

29. Iqis li l-konsumaturi u l-SMEs għandhom jingħataw benefiċċji reali mill-istrument fakultattiv, u li l-istrument għandu jitfassal b'manjiera li tkun sempliċi, ċara u ekwilibrata, biex b'hekk tkun faċli li tintuża u attraenti għall-partijiet kollha;

30. Jemmen li, filwaqt li strument fakultattiv ikollu l-effett li jipprovdi korp ġuridiku uniku, xorta tibqa' l-ħtieġa li jiġu stabbiliti termini u kundizzjonijiet standard tal-kummerċ li jistgħu jiġu prodotti b'mod sempliċi u komprensibbli, li jkunu disponibbli immedjatament għan-negozji u, b'mod partikulari, għall-SMEs, u b'xi forma ta' ċertifikazzjoni li tiżgura l-fiduċja tal-konsumaturi; jinnota li t-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratti standard imsejsin fuq strument fakultattiv joffru aktar ċertezza ġuridika minn termini standard għall-UE kollha msejsin fuq drittijiet nazzjonali, li jkabbru l-possibilità ta' interpretazzjonijiet nazzjonali differenti;

31. Ifakkar li għad hemm il-prijorità li tibqa' ssir ħidma dwar modi alternattivi ta' soluzzjoni tat-tilwim transkonfinali (ADR), li hu rapidu u kost-effettiv b'mod partikulari għall-SMEs u għall-konsumaturi, iżda jenfasizza li, jekk il-partijiet jużaw korp wieħed tad-dritt ipprovdut mill-istrument fakultattiv, is-soluzzjoni alternattiva tat-tilwimiet tiġi ffaċilitata aktar; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra sinerġiji meta tiġi biex tressaq proposta; jinnota li l-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riżoluzzjoni Online tat-Tilwim tal-UNCITRAL wera interess ukoll fl-istrument fakultattiv bħala mezz għalbiex tiġi ffaċilitata r-Riżoluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim ([1]) u għalhekk jirrakkomanda li l-Kummissjoni ssegwi l-iżviluppi fil-kopri internazzjonali l-oħrajn;

32. Jissuġġerrixxi li t-titjib tal-funzjonament u l-effettività tas-sistemi transkonfinali ta' rimedju jista' jiġi ffaċilitat billi jkun hemm rabta diretta bejn l-istrument fakultattiv u l-Proċedura Ewropea tal-Ordni ta' Ħlas u l-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar; huwa tal-fehma li għandha tinħoloq ittra elettronika qabel l-azzjoni ħalli tassisti lill-kumpaniji fil-ħarsien ta' jeddijiethom, b'mod partikolari fil-qasam tal-proprjetà intellettwali u l-proċedura Ewropea għat-talbiet iż-żgħar;

([1]) Ir-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma III tal-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt Internazzjonali tal-Kummerċ (ir-Riżoluzzjoni Online tat-Tilwim) dwar il-ħidma fit-tnejn u għoxrin sessjoni (Vjenna, 13-17 ta' Diċembru 2010), p. 8, 10.

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

33. Huwa mħasseb li l-konsumaturi rarament iħossu li għandhom għażla fir-rigward tat-termini tal-kuntratti u li jsibu ma' wiċċhom sitwazzjoni ta' "jekk hekk jew xejn"; jemmen b'saħħa li jekk l-istrument fakultattiv ikun ikkumplimentat minn "kaxxa tal-għodod" u minn ġabra ta' termini u kundizzjonijiet standard, tradotti fil-lingwi kollha, dan iservi ta' kuraġġ sabiex jidħlu atturi ġodda fis-swieq madwar l-Unjoni Ewropea, u b'hekk tissaħħaħ il-kompetizzjoni u titwessa' l-għażla ġenerali disponibbli għall-konsumaturi;

34. Jenfasizza li għalkemm is-suq intern innifsu huwa l-prova aħħarija ta' kwalunkwe strument finali, irid ikun stabbilit minn qabel li l-inizjattiva tirrappreżenta valur miżjud għall-konsumaturi u ma tikkomplikax it-tranżazzjonijiet transkonfinali, kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozji; jenfasizza l-ħtieġa li jitwaqqfu regoli dwar l-għoti, lill-partijiet kollha li jistgħu jkunu interessati u kkonċernati (inklużi l-qrati nazzjonali), ta' informazzjoni adegwata dwar l-eżistenza u l-funzjonament tal-istrument;

35. Jinnota li, f'dak li għandu x'jaqsam mal-objettiv tad-Dritt Kuntrattwali Ewropew, l-importanza ta' ġurisdizzjoni Ewropea funzjonanti f'materji ċivili ma għandhiex tiġi injorata;

36. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, b'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, twettaq testijiet u kontrolli ta' kwalità biex taċċerta ruħha li l-istrumenti proposti tal-Liġi Kuntrattwali Ewropea jkunu faċli biex jintużaw u jintegraw għalkollox il-preokkupazzjonijiet taċ-ċittadini, filwaqt li jipprovdu valur miżjud għaċ-ċittadini u n-negozji, isaħħu s-Suq Uniku u jiffaċilitaw il-kummerċ transkonfinali;

### *Il-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati, u l-valutazzjoni tal-impatt*

37. Jenfasizza l-importanza vitali li jkun hemm il-parteċipazzjoni ta' partijiet interessati minn madwar l-Unjoni u minn setturi differenti tal-attività, inklużi professjonisti legali u jfakkar lill-Kummissjoni tagħmel konsultazzjoni wiesgħa u trasparenti mal-partijiet interessati kollha qabel ma tieħu deċiżjoni msejsa fuq ir-riżultati tal-Grupp tal-Esperti;

38. Japprezza l-fatt li l-gruppi ta' esperti u tal-partijiet interessati t-tnejn ġejjin minn sfond ġeografiku u settorjali varjat; jemmen li l-kontribut tal-partijiet interessati se jsir dejjem aktar importanti ladarba tispiċċa l-fażi ta' konsultazzjoni u ladarba titnieda din il-proċedura leġiżlattiva, li trid tkun inklużiva u trasparenti kemm jista' jkun;

39. Ifakkar, f'konformità mal-prinċipji tar-Regolamentazzjoni Aħjar, il-ħtieġa ta' valutazzjoni komprensiva u wiesgħa tal-impatt, li tanalizza alternattivi differenti ta' politiki, fosthom dik li ma tittiħidx azzjoni mill-Unjoni, u li tiffoka fuq iż-żewġ kwistjonijiet prattiċi, bħall-konsegwenzi potenzjali għall-SMEs u għall-konsumaturi, l-effetti li jista' jkun hemm fuq il-kompetizzjoni ingusta fis-Suq Intern u li jiġi indikat speċifikament l-impatt ta' dawn is-soluzzjonijiet kemm fuq l-acquis Komunitarju kif ukoll fuq is-sistemi ġuridiċi nazzjonali;

40. Iqis, sa dak iż-żmien li titlesta għalkollox tali valutazzjoni tal-impatt, li, filwaqt li l-armonizzazzjoni fuq livell tal-UE tal-prattiki tal-liġi kuntrattwali tista' tkun mezz effiċjenti ta' kif jiġu żgurati l-konverġenza u sitwazzjoni ta' kundizzjonijiet indaqs għal kulħadd, madankollu, minħabba l-isfidi tal-armonizzazzjoni tas-sistemi ġuridiċi mhux biss tal-Istati Membri imma wkoll ta' reġjuni b'kompetenzi leġiżlattivi dwar din il-kwestjoni, strument fakultattiv jista' jkun aktar fattibbli sakemm jiġi żgurat li dan jimplika valur miżjud kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozji;

41. Jinsisti li l-Parlament għandu jkun ikkonsultat bis-sħiħ u jkun involut fil-qafas tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja f'dak li għandu x'jaqsam ma' kull strument fakultattiv futur li għandu jiġi ppreżentat mill-Kummissjoni Ewropea u li kwalunkwe strument fakultattiv propost ikun soġġett għall-iskrutinju u l-emendar skont dik il-proċedura;

*

* *

42. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

# Kooperazzjoni Ewropea fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali biex tiġi appoġġjata l-istrateġija Ewropa 2020

P7_TA(2011)0263

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Kooperazzjoni Ewropea fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali biex tiġi appoġġjata l-istrateġija Ewropa 2020 (2010/2234(INI))**

(2012/C 380 E/10)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Kommunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2008 bit-titolu: "Aġenda Soċjali Mġedda": Opportunitajiet, aċċess u solidarjetà fl-Ewropa tas-seklu 21" (COM(2008)0412),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Ġunju 2010 bit-titolu: "Impetu ġdid għall-Kooperazzjoni Ewropea fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali biex tiġi appoġġjata l-istrateġija Ewropa 2020" (COM(2010)0296),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Novembru 2009 bit-titolu "Kompetenzi ewlenin għal dinja li qed tinbidel" (COM(2009)0640),

— wara li kkunsidra t-tmien ħiliet ewlenin spjegati bħala "Qafas Ewropew ta' Referenza" fir-Rakkomandazzjoni 2006/962/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja ([1]),

— wara li kkunsidra l-proposta għal rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' April 2008 dwar il-ħolqien ta' sistema Ewropea ta' kredits għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ECVET) (COM(2008)0180),

— wara li kkunsidra l-programm ta' ħidma ta' 10 snin "Edukazzjoni u Taħriġ 2010" u r-rapporti interim konġunti sussegwenti dwar il-progress lejn l-implimentazzjoni tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' April 2009 bit-titolu: "Strateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ – Investiment u Responsabbilizzazzjoni", (COM(2009)0200),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju 2010 bit-titolu: "Strateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ – Investiment u Responsabbilizzazzjoni" ([2]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2009 dwar qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (2010-2018),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2010 dwar il-promozzjoni tal-aċċess taż-żgħażagħ għas-suq tax-xogħol, it-tisħiħ tal-istejtus ta' min jitħarreġ, tal-internship u tal-apprendistat ([3]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu: "Żgħażagħ mobbli - Inizjattiva biex jinħareġ il-potenzjal taż-żgħażagħ biex jinkiseb it-tkabbir bil-għaqal, sostenibbli u inklużiv fl-Unjoni Ewropea" (COM(2010)0477),

([1]) ĠU L 394, 30.12.2006, p. 10.
([2]) ĠU C 161 E, 31.5.2011, p. 21.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2010)0262.

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ("ET 2020"),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2009 dwar il-valutazzjoni tal-qafas attwali għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ u dwar il-perspettivi futuri għall-qafas imġedded (09169/2009),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Awwissu 2010 bit-titolu: "Aġenda Diġitali għall-Ewropa" (COM(2010)0245),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2007 dwar ħiliet ġodda għal impjiegi ġodda ([1]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2010 dwar kompetenzi ewlenin għal dinja li qed tinbidel: L-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ 2010 ([2]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar it-tagħlim tul il-ħajja għat-tagħrif, il-kreattività u l-innovazzjoni — l-implimentazzjoni tal-"Programm ta' ħidma dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2010" ([3]),

— wara li kkunsidra l-istudju Cedefop ta' Marzu 2009 dwar il-professjonalizzazzjoni tal-gwida għall-karrieri. Ħiliet tal-professjonist u rotot għall-kwalifiki fl-Ewropa,

— wara li kkunsidra r-riċerka tas-Cedefop dwar ħiliet għall-futur tal-Ewropa: Antiċipazzjoni tal-ħtiġijiet ta' ħiliet okkupazzjonali,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bit-titolu: "Europa 2020. Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2010 dwar kompetenzi li jappoġġaw it-tagħlim tul il-ħajja u l-inizjattiva "ħiliet ġodda għal impjiegi ġodda",

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma mill-persunal tal-Kummissjoni tal-31 ta' Ottubru 2006 intitolat:"Sistema Ewropea ta' Kredits għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ECVET). Sistema għat-trasferiment, l-akkumulazzjoni u l-għarfien tar-riżultati tat-tagħlim fl-Ewropa"; (SEC(2006)1431),

— wara li kkunsidra r-riżultat tad-diskussjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2008 dwar il-konklużjonijiet tal-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-prijoritajiet futuri għal kooperazzjoni Ewropea msaħħa fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (16459/2008),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Sistema Ewropea ta' Krediti għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ECVET) ([4]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Qafas ta' Referenza Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali ([5]),

([1]) ĠU C 290, 4.12.2007, p. 1.
([2]) ĠU C 161 E, 31.5.2011, p. 8.
([3]) ĠU C 45 E, 23.2.2010, p. 33.
([4]) ĠU C 155, 8.7.2009, p. 11.
([5]) ĠU C 155, 8.7.2009, p. 1.

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja ([1]),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2008 dwar il-mobilità taż-żgħażagħ ([2]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Frar 2007 intitolata "Qafas koerenti ta' indikaturi u punti ta' referenza biex bihom jiġi monitorjat il-progress lejn l-għanijiet ta' Liżbona fl-edukazzjoni u t-taħriġ" (COM(2007)0061),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Settembru 2006 bit-titolu:"L-effiċjenza u l-ekwità fis-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ Ewropej" (COM(2006)0481),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Riċerka "Guiding at-risk youth through learning to work" (Cedefop, il-Lussemburg 2010),

— wara li kkunsidra n-nota ta' tagħrif "Jobs in Europe to become more knowledge- and skills-intensive" (Cedefop, Frar 2010),

— wara li kkunsidra n-nota ta' tagħrif intitolata 'Skill mismatch in Europe' (Cedefop, Ġunju 2010),

— wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni intitolata "Working and ageing" (Cedefop, il-Lussemburgu, 2010),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 165 u 166 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonċernaw l-edukazzjoni ġenerali u vokazzjonali, iż-żgħażagħ u l-isport,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur kif ukoll tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7- 0082/2011),

A. billi r-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ issa hija 21 %, li huwa d-doppju tar-rata ġenerali tal-qgħad fil-livell tal-UE u hija waħda mill-isfidi l-aktar urġenti fl-Ewropa, u għalhekk hija wieħed mill-għanijiet li qed jiġu segwiti biex l-ammont ta' studenti li jħallu l-iskola qabel iż-żmien jonqos b'10 %; billi għan ieħor huwa li tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol b'70 % sal-2020; u billi l-edukazzjoni u t-taħriġ huma fatturi ewlenin għas-suċċess fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-abilità li wieħed jieħu deċiżjonijit għall-ħajja, f'sitwazzjoni fejn aktar minn 5,5 miljun żagħżugħ Ewropew huma mingħajr xogħol, huma fir-riskju tal-esklużjoni soċjali u jiffaċċjaw il-faqar u n-nuqqas ta' opportunità wara li jħallu l-iskola, u bosta żgħażagħ huma mġiegħla jaċċettaw impjiegi prekarji, b'salarji baxxi u kopertura mnaqqsa tas-sigurtà soċjali, ħaġa li teffettwalhom saħħithom u s-sikurezza tagħhom fil-post tax-xogħol,

B. billi, filwaqt li 58,9 % tal-kwalifiki universitarji konferiti fl-Unjoni Ewropea jingħataw lin-nisa, il-figura korrispondenti fil-livell ta' PhD hija biss 43 % u terġa' hija aktar baxxa f'livell ta' professur sħiħ, u billi 15 % biss ta' professuri ta' Grad A huma nisa,

C. billi l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu: "Impetu ġdid għall-Kooperazzjoni Ewropea fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali biex tiġi appoġġjata l-istrateġija Ewropa 2020" (COM(2010)0296) naqset milli tqis id-dimensjoni tas-sessi,

([1]) ĠU C 111, 6.5.2008, p. 1.
([2]) ĠU C 320, 16.12.2008, p. 6.

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

D. billi t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għax-xogħol u minn impjieg għal ieħor hija sfida strutturali għall-ħaddiema madwar l-UE kollha; billi, għalhekk, is-sigurtà tat-tranżizzjoni hija element essenzjali biex timmotiva lill-ħaddiema għal taħriġ barra l-post tax-xogħol; billi l-apprendistati ta' kwalità għandhom impatt pożittiv mhux ħażin fuq l-aċċess taż-żgħażagħ għal impjieg,

E. billi l-qgħad kmieni fil-ħajja għandu effetti ħżiena fit-tul, inkluż riskju ogħla ta' qgħad fil-futur u dħul anqas matul il-ħajja,

F. billi d-demografija u ħajja itwal huma tali li l-ħajja tax-xogħol, konsegwentement, se tkun itwal u aktar varja, u billi inter alia t-tagħlim tul il-ħajja, l-edukazzjoni, l-ekonomija diġitali ġdida, l-adattament għal teknoloġiji ġodda u l-implimentazzjoni tal-għanijiet tal-UE 2020 huma modi biex jiġu żgurati xogħol u livell ta' ħajja aħjar,

G. billi l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali mfassla għall-bżonnijiet individwali tal-apprendisti huma ta' valur deċiżiv, u jżidu l-possibilità għall-individwi li jiffaċċjaw il-pressjoni tal-kompetizzjoni, u jgħollu l-livell tal-ħajja, u jgħinu biex tinkiseb il-koeżjoni soċjoekonomika u integrazzjoni aħjar, b'mod partikolari ta' gruppi speċifiċi bħall-migranti, il-persuni b'diżabilità, jew l-istudenti li jħallu l-iskola kmieni, u n-nisa vulnerabbli,

H. billi n-negozji żgħar ħolqu storikament aktar minn 50 % tal-impjiegi ġodda fl-Ewropa – impjiegi li huma awtosuffiċjenti u li għandhom effett multiplikatur,

I. billi r-rwol tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni għandu jkun primarjament biex jgħinu l-ħolqien ta' ambjent fejn l-intrapriżi jistgħu jagħmlu suċċess, jiżviluppaw u jikbru, u biex jikbru dawn jeħtieġu piż ta' taxxa mnaqqsa u prevedibbiltà sabiex ikunu jistgħu jippjanaw u jagħmlu investimenti,

J. billi, minħabba d-differenzi kbar fil-livelli ta' parteċipazzjoni tal-istudenti fit-taħriġ vokazzjonali fl-Istati Membri, l-iskambji tal-aħjar prattiki huma importanti sabiex jiżdied in-numru u titjieb il-kwalità tal-istudenti li jagħżlu taħriġ tekniku fl-Istati Membri li jmorru ħażin fejn għandhom x'jaqsmu n-numri u l-kwalità tal-istudenti,

1. Jirrikonoxxi l-importanza li l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jiġu modernizzati, minħabba li l-kapital uman huwa kruċjali għas-suċċess tal-Ewropa;

2. Jirrikonoxxi l-importanza kemm tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, kemm inizjali u kontinwi u jsostni li s-suċċess tagħhom jiddependi mill-parteċipazzjoni u l-kooperazzjoni tal-atturi kollha involuti fit-tfassil, l-organizzazzjoni u l-finanzjament tal-istrateġiji għal dan il-fini; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu mill-esperjenzi pożittivi bis-sistema doppja fi ħdan l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ETV) f'pajjiżi eżemplari, fejn is-sistema wasslet għall-integrazzjoni fuq terminu ta' żmien itwal tal-ħaddiema żgħażagħ fis-suq tax-xogħol u għal rati ogħla ta' impjieg għall-ħaddiema żgħażagħ, kif ukoll għal livelli ogħla ta' kompetenza li mbagħad iżidu l-prospetti tal-impjiegi f'età akbar;

3. Ifakkar li l-programmi tal-ETV għandhom ikunu estiżi biex jikkonformaw mal-prinċipji tat-tagħlim tul il-ħajja, it-taħriġ tal-bidu u dak kontinwu;

4. Jenfasizza l-importanza li jiġu inkoraġġiti korsijiet regolari għal taħriġ ulterjuri bħala parti mit-tagħlim tul il-ħajja;

5. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkonkludu l-edukazzjoni bażika b'valutazzjoni tax-"xeħta għal karrieri";

6. Iwissi li żgħażagħ Ewropej jistgħu jsiru ġenerazzjoni mitlufa fin-nuqqas ta' appoġġ prattiku biex isibu xogħol u jkomplu bl-istudji tagħhom, fi żmien meta l-faqar li dejjem sejjer għall-agħar qed iwassal għal żieda fl-assenteiżmu mill-iskola;

7. Jilqa' l-miżuri tal-Kummissjoni mmirati sabiex jitneħħew l-ostakli, ikun hemm aktar trasparenza u s-sistemi edukattivi jkunu jistgħu jiġu mqabbla u ċ-ċertifikati tagħhom rikonoxxuti aħjar,

8. Jitlob lill-Istati Membri jiżguraw li t-taħriġ vokazzjonali u t-tagħlim tul il-ħajja jkunu orjentati aktar mill-qrib lejn il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u jippermettu d-dħul u l-mobilità fi ħdanu; jenfasizza, barra minn hekk, il-bżonn ta' interazzjoni aħjar u akbar bejn id-dinja tal-edukazzjoni, ix-xogħol, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali bħala rabta kruċjali bejn id-dinja tal-edukazzjoni u dik tax-xogħol; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri biex irawmu l-ħtieġa kontinwa tal-individwi għall-kwalifiki, l-iżvilupp u t-tagħlim tul il-ħajja;

9. Jirrimarka li l-konnessjoni bejn l-edukazzjoni u t-taħriġ, partikolarment il-passaġġ mill-edukazzjoni vokazzjonali għall-edukazzjoni ogħla, titlob li l-opportunitajiet għal konnessjonijiet bejn it-taħriġ vokazzjonali u l-edukazzjoni universitarja jikbru, b'enfasi speċjali fuq l-integrazzjoni tagħhom fil-mekkaniżmi għall-għoti ta' informazzjoni dwar il-karrieri, għas-servizzi ta' gwida u ta' pariri; fl-istess ħin huwa tal-opinjoni li l-alternanza bejn it-taħriġ u x-xogħol tiżgura li dawk li jirċievu t-taħriġ vokazzjonali jakkwistaw il-ħiliet mitluba mis-suq tax-xogħol;

10. Jenfasizza l-importanza, fil-livell lokali u reġjonali, ta' trawwim ta' sinerġiji effettivi u forom affidabbli ta' kooperazzjoni bejn l-iskejjel, l-aġenziji tat-taħriġ, iċ-ċentri u l-kumpaniji tar-riċerka, sabiex tingħeleb in-natura ta' sistemi tal-edukazzjoni li jħarsu 'l ġewwa u n-nuqqas ta' armonija bejn l-għarfien u l-ħiliet u l-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol, u sabiex tikber il-possibilità li ż-żgħażagħ, b'mod partikolari n-nisa, isiru aktar impjegabbli, b'referenza speċifika għal kwalifiki tal-edukazzjoni vokazzjonali ulterjuri;

11. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jirrendu l-ġestjoni tal-FSE aktar flessibbli meta wieħed iqis in-natura tas-suq tax-xogħol li qed tinbidel;

12. Jilqa' l-enfasi akbar fuq approċċ għat-tagħlim orjentat lejn il-ksib ta' riżultati u l-fatt li l-ħiliet miksuba b'mod informali jew mhux formali għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod aktar wiesa';

13. Jenfasizza l-importanza ta' taħriġ inizjali għall-għalliema, billi l-kwalità tal-għalliema u l-edukaturi hija riflessa fil-kwalità tal-programmi tat-tagħlim u l-edukazzjoni inġenerali;

14. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex ikomplu jtejbu r-rikonoxximent tat-tagħlim informali u dak mhux formali; jinnota l-aħjar prattiki f'dan il-qasam, speċjalment bil-finanzjament tal-FSE, li jagħti prova li r-rikonoxximent tal-ħiliet, kulfejn dawn jiġu mgħallma, iwasslu għal aktar suċċess fl-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol;

***Edukazzjoni vokazzjonali***

15. Jitlob lill-Istati Membri joffru standard tal-edukazzjoni vokazzjonali ta' kwalità għolja, orjentat lejn it-tagħlim professjonali fil-prattika u l-ħtiġijiet individwali tal-persuni kkonċernati; jemmen, fl-istess ħin, li l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali ta' kwalità għolja huma fundamentali biex jippermettu lill-Ewropa tistabbilixxi lilha nnifisha bħala soċjetà ta' għarfien u tikkompeti b'mod effettiv fl-ekonomija globalizzata;

16. Jinnota li hemm ukoll suq intern fit-taħriġ professjonali, u jistieden lill-Istati Membri biex jistabilixxu aktar ċentri ta' pariri dwar l-opportunitajiet ta' taħriġ u l-mobilità professjonali f'pajjiżhom stess u fi Stati Membri oħra;

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

17. Hu tal-fehma li, sabiex titwettaq bis-sħiħ l-inizjattiva prinċipali tal-UE 2020 'Aġenda għall-Ħiliet Ġodda u l-Impjiegi', l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jidħlu għal inizjattiva aktar pragmatika, komprensiva u mifruxa li tkun appoġġjata mill-Istati Membri kollha, li għandhom jiffukaw biex jgħaqqdu l-oqsma tal-edukazzjoni vokazzjonali, il-kwalifiki professjonali, it-tagħlim tul il-ħajja u l-apprendistat mas-suq tax-xogħol, sabiex jiżguraw li kull Stat Membru jħoss l-għanijiet stipulati fil-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020) bħala tiegħu;

18. Jistieden lill-Istati Membri biex jassiguraw li l-edukazzjonu u t-taħriġ vokazzjonali jkunu mmirati aktar mill-qrib lejn il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol;

19. Jitlob biex it-taħriġ permezz ta' apprendistati jingħata prijorità fuq kull tip ieħor ta' taħriġ, p.e. t-traineeships; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex ma jippjanaw l-ebda kors universitarju ta' natura vokazzjonali li ma jkunx akkumpanjat b'kuntratt ta' apprendistat;

20. Jistieden lill-Istati Membri biex jiftħu rotot għal studenti b'anqas kapaċità biex jerġgħu lura għall-edukazzjoni ġenerali kemm fil-livell sekondarju kif ukoll dak terzjarju;

21. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, bil-parteċipazzjoni attiva tas-sħab soċjali, biex jgħinu jimmodernizzaw il-programmi vokazzjonali u n-know-how ipprovdut, billi jfasslu b'mod konġunt il-mudelli vokazzjonali li jkunu jifformaw il-bażi għall-kurrikuli edukattivi u li jkunu jiġġeddu kull sentejn jew tlieta skont l-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi f'kull qasam;

22. Jenfasizza l-bżonn ta' kompatibilità u sinerġija akbar bejn is-sistemi edukattivi tal-Istati Membri differenti, b'iffukar fuq it-tagħlim tal-lingwi u kurrikuli adattati għall-għanijiet tal-Unjoni tal-Innovazzjoni; jenfasizza l-bżonn li jitneħħew l-ostakli legali u amministrattivi kollha għall-iżvilupp ta' qafas Ewropew li jiżgura medda wiesgħa ta' apprendistati ta' kwalità għolja fl-UE;

23. Jitlob għal bilanċ akbar fl-għażliet tal-karriera tas-subien u l-bniet, sabiex tiġi evitata s-segregazzjoni tas-swieq tax-xogħol skont is-sess u sabiex wieħed jipprepara aħjar biex jintlaħqu l-miri futuri ta' ammont akbar ta' impjiegi u aktar ibbilanċjat madwar l-UE, billi jiġu introdotti inizjattivi li jgħinu lin-nisa jagħżlu karrieri li tradizzjonalment kienu dominati mill-irġiel u viċe versa; jistieden għallhekk lill-Istati Membri joffru standard għoli fil-kwalità ta' parir b'relazzjoni mal-għażla tal-karriera u biex iġibu bilanċ akbar fl-għażla tal-karriera tas-subien u l-bniet, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-isterjotipi li għadhom jeżistu u li jinfluwenzaw l-għażla tagħhom ta' orjentament tal-impjieg;

24. Jinnota li taħriġ vokazzjonali ta' standard għoli huwa bbażat fuq edukazzjoni ġenerali soda li tkun newtrali fir-rigward tal-ġeneru, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li l-materjali użati għat-tagħlim ma jkunx fihom mudelli ta' karrieri li huma speċifiċi għal xi ġeneru partikolari ħalli jiġi żgurat li l-interessi tas-subien u tal-bniet fil-possibilitajiet kollha ta' karriera jitqajmu sa mill-bidu nett;

25. Jirrikonoxxi r-rwol sinifikanti li għandhom l-isterjotipi tal-ġeneru fil-prattiki tal-edukazzjoni, u jenfasizza, għalhekk, l-importanza li jiġu stabbiliti strateġiji mfassla b'mod li jwasslu sabiex tiġi stabbilita edukazzjoni newtrali fir-rigward tal-ġeneru, li tgħin biex iġġib, pereżempju, aċċess ugwali għan-nisa u l-irġiel għall-ETV u għall-impjiegi;

26. Jistieden lill-Istati Membri u lis-sħab soċjali jipprovdu għall-iffaċilitar tal-kombinazzjoni tal-ETV, it-tagħlim u l-ħajja tal-familja, f'dawk li huma indukrar disponibbli tat-tfal u ħinijiet prattiċi ta' lezzjonijiet kompatibbli mal-ħinijiet tal-iskola tat-tfal;

27. Jitlob għall-introduzzjoni ta’ djalogu formali bejn l-atturi, speċjalment l-istituzzjonijiet edukattivi, dawk li jħaddmu, l-impjegati u l-unjins, sabiex ikunu ggarantiti l-kwalità u l-orjentament lejn is-suq tax-xogħol fil-kuntest tat-taħriġ vokazzjonali;

28. Jitlob li jingħata appoġġ lir-rabtiet transkonfinali u lill-pjattaformi ta’ komunikazzjoni bejn l-istituzzjonijiet edukattivi u min jimpjega sabiex ikun hemm skambju tal-aħjar prattiki;

29. Jistieden lill-atturi kollha fis-suq tax-xogħol, inklużi dawk mis-setturi professjonali, minn negozju, mill-għaqdiet tal-ħaddiema, mill-ministeri u mis-servizzi ċivili, biex jidħlu fi djalogu soċjali strutturat dwar il-mod kif tista’ tiġi ggarantita aħjar l-integrazzjoni professjonali taż-żgħażagħ u jkun promoss it-tagħlim tul il-ħajja u t-taħriġ formali/informali;

30. Jilqa’ l-għan tal-Istrateġija UE 2020, fejn is-sistemi tal-edukazzjoni vokazzjonali għandhom jiġu msaħħin, u jistieden lill-Istati Membri biex jorjentaw dawk is-sistemi lejn parteċipazzjoni, umanizzazzjoni tax-xogħol u kwalifiki b’bażi wiesgħa;

31. Jirrakkomanda li l-kreattività, l-innovazzjoni u l-intraprenditorjat jingħataw spinta fil-livelli kollha tal-edukazzjoni inkluż it-taħriġ vokazzjonali, u jiġu rikonoxxuti l-ħiliet akkwistati permezz ta’ kwalunkwe forma ta’ tagħlim, inkluż dak mhux formali u informali; jirrakkomanda wkoll li jiġu inkuraġġiti proġetti li jsostnu t-tixrid tal-għarfien u l-ħiliet minn ġenerazzjoni għal oħra;

32. Isostni li edukazzjoni għall-intraprenditorjat għandha tifforma parti importanti mill-ETV, bil-għan li ssir aktar attraenti għall-istudenti kollha u jitħeġġeġ l-intraprenditorjat skont id-dispożizzjonijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020;

33. Ifakkar l-għanijiet stabbiliti fl-Istrateġija tal-Ewropa 2020 aktar kmieni din is-sena, li jenfasizzaw il-ħtieġa ta’ forza tax-xogħol Ewropea edukata u bi kwalifiki għolja u sabiex jinkiseb tkabbir b’saħħtu u sostenibbli u jintlaħqu l-għanijiet tal-impjiegi stabbiliti fl-Istrateġija; jenfasizza r-rwol importanti li għandhom l-ETV bi prezzijiet xierqa u aċċessibbli fil-proċess ta’ edukazzjoni u titjib fil-hiliet tal-forza tax-xogħol Ewropea;

34. Jenfasizza l-importanza tat-tisħiħ tal-proċedura biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet fil-livel lokali, nazzjonali u Ewropej sabiex jinkiseb l-eqreb tqabbil possibbli bejn il-ħiliet offruti u l-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol;

35. Jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw il-ħajja tax-xogħol tal-ġejjieni itwal u inqas stabbli permezz tal-għoti ta’ ħiliet li jkunu adattati għad-dinja tax-xogħol;

36. Jenfasizza l-ħtieġa li l-ETV jipprovdu ħaddiema bil-ħiliet meħtieġa biex dawn isibu impjiegi ġodda u sostenibbli li se jinħolqu fl-ekonomija sostenibbli tal-ġejjieni;

37. Jistieden lill-Istati Membri jimmonitorjaw l-azzjoni biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni mill-iskola għall-ħajja tax-xogħol billi jiġu żviluppati programmi integrati ta’ gwida u konsulenza għall-karrieri;

38. Jinnota li s-sistema dupliċi (edukazzjoni prattika u skolastika) qed tagħti prova ta’ suċċess f’ċerti Stati Membri grazzi għall-kooperazzjoni tal-kumpaniji u l-interazzjoni tal-inizjattivi fil-provvediment ta’ taħriġ li għandu x’jaqsam ma’ karrieri;

39. Jistieden lill-intrapriżi biex jagħmlu użu akbar mill-iskemi konġunti ta’ taħriġ sabiex il-miri speċifiċi ta’ taħriġ li qed jintalbu mis-suq tax-xogħol ikunu jistgħu jintlaħqu;

40. Jistieden lill-Istati Membri, minħabba l-orjentazzjoni lejn ekonomija sostenibbli u tkabbir sostenibbli, biex isaħħu l-istituzzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali ladarba dan għandu l-potenzjal li jsir mezz biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi soċjali tar-ristrutturar korporattiv għall-ħaddiema, billi tiżdied l-impjegabilità tagħhom;

41. Jenfasizza l-importanza ta' mudelli ekonomiċi soċjali u inklużivi għal din il-kultura ġdida ta' intrapriża, u jindika li huwa kruċjali li l-istituzzjonijiet li jipprovdu l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, inkluża l-edukazzjoni ogħla, għandhom iħejju lill-istudenti tagħhom b'għarfien dettaljat dwar il-forom kollha tal-intraprenditorjat, inkluż fl-ekonomija soċjali u dik inklużiva, u dwar il-prinċipji ta' ġestjoni responsabbli u etika;

42. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi stabbilit inventarju ta' dawk l-oqsma li fihom l-Unjoni Ewropea għandha jew jista' jkollha vantaġġ komparattiv fid-dinja kollha, u li għalih jistgħu jiġu żviluppati strateġiji għal taħriġ ulterjuri;

### *Taħriġ Vokazzjonali*

43. Jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw il-ħtieġa dejjem tiżdied għat-taħriġ vokazzjonali ulterjuri u biex jappoġġjaw lill-ħaddiema meta jippjanaw it-taħriġ ulterjuri adattat għalihom permezz ta' ċentri ta' konsulenza; jitlob lil dawk li jimpjegaw il-ħaddiema biex jagħtu lill-ħaddiema kollha l-possibilità ta' taħriġ ulterjuri;

44. Jirrakkomanda li jiġu provduti inċentivi lil dawk li jħaddmu biex jinkoraġġixxu lill-ħaddiema tagħhom jieħdu sehem fi programmi ta' taħriġ;

45. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżviluppaw inċentivi għal min iħaddem biex tiġi ffaċilitata l-provvista ta' taħriġ li huwa effettiv mil-lat tal-ispejjeż u flessibbli f'mikroimpriżi u impriżi żgħar, adattat għall-bżonnijiet tan-nisa; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri kollha jagħmlu sforzi determinati biex jiġġieldu kontra l-inugwaljanzi fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa, bil-ħsieb li sal-2020 tiġi eliminata d-differenzjali li hemm bħalissa ta' 18 % bbażata fuq il-ġeneru;

46. Jistieden lill-Istati Membri biex jippromwovu, bil-għajnuna tal-Kummissjoni, permezz ta' programmi universitarji relevanti, mudelli għall-immaniġġjar u sfruttar tar-riżorsi umani bbażati fuq ir-rikonoxximent tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, fi ħdan il-qafas tat-tagħlim tul il-ħajja, bħala valur miżjud u vantaġġ kompetittiv għal intrapriżi;

47. Jirrakkomanda li l-awtonomija taċ-ċentri tal-ETV tkun promossa fl-oqsma tal-attivitajiet ta' ppjanar, iffinanzjar, immaniġġjar u valutazzjoni u li forom aktar dinamiċi ta' kooperazzjoni jkunu introdotti bejn iċ-ċentri tal-ETV u l-intrapriżi;

48. Ifakkar li l-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ huwa essenzjali għal ġejjieni aħjar għall-Ewropej; huwa tal-opinjoni li l-kompetenzi ewlenin u l-ħiliet ġodda, b'mod partikolari dawk meħtieġa għal xogħlijiet f'setturi ta' tkabbir strateġiku, jipprovdu lin-nies b'opportunitajiet ġodda u, barra minn hekk, iqiegħdu l-bażi għal żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli fuq perjodu ta' żmien twil; iqis li huwa importanti, f'dan ir-rigward, li l-Istati Membri u l-atturi kollha involuti jiżguraw li l-ħaddiema jakkwistaw il-kompetenzi bażiċi li għandhom bżonn;

49. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strumenti bħall-iskemi ta' valutazzjoni tat-tagħlim tul il-ħajja, biex tinkoraġġixxi u tappoġġja lill-ħaddiema biex sistematikament isegwu tagħlim/edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali tul il-ħajja fuq inizjattiva tagħhom, filwaqt li jagħtu attenzjoni speċjali lil dawk li jeħtieġu jikonċiljaw il-ħajja tal-familja ma' dik tax-xogħol, u biex jirrevedu regolarment liema kwalifiki huma meħtieġa għas-suċċess fis-suq tax-xogħol, biex jittejbu l-ħiliet tagħhom u tiġi pprovduta mobilità fl-impjiegi;

50. Jistieden lill-Istati Membri, bil-ħsieb li l-ħajja tal-familja u l-karrieri jiġu armonizzati bejniethom u n-nisa fiż-żoni rurali jiġu megħjuna, joffru tagħlim ulterjuri fit-teknoloġija tal-kompjuters ħalli l-impjegati femminili jingħataw il-possibilità li jaħdmu mid-dar ukoll;

51. Iħeġġeġ lill-gvernijiet biex jippromwovu ETV flessibbli, immirati lejn il-ħtiġijiet speċifiċi tal-organizzazzjonijiet u l-intrapriżi, li jippermettu li t-taħriġ kollu li jkun twettaq ikun ta' benefiċċju, il-konċiljazzjoni ta' dak it-taħriġ mal-ħajja privata u mal-attivitajiet professjonali l-oħra, u l-inkoraġġiment tal-mobilità Ewropea, b'enfasi partikolari fuq l-iffaċilitar tal-aċċess għall-ETV għal organizzazzjonijiet fir-riskju ta' marġinalizzazzjoni, sabiex jittawwal it-taħriġ tagħhom;

52. Jindika li t-tagħlim tul il-ħajja se jkun kruċjali biex jiġi evitat il-qgħad u jiġu kkunsidrati kif jixraq il-bijografiji tal-impjiegi differenti; iqis, fid-dawl ta' dan il-għan, li l-ħaddiema jridu jsiru aktar konxji tal-ħtieġa għal taħriġ ulterjuri kontinwu;

53. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq studju dwar il-konsegwenzi tal-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għall-produttività tal-ħaddiema u għall-kompetittività tal-intrapriżi u l-kwalità tax-xogħol;

54. Jinnota l-importanza ta' formazzjoni professjonali għall-persuni fi stadji differenti tal-ħajja, li tkun faċilment aċċessibbli, flessibbli u individwali, u b'hekk tiġi ffaċilitata u mtejba l-parteċipazzjoni professjonali fis-suq tax-xogħol; iqis li t-taħriġ vokazzjonali u edukattiv għandu jkun aċċessibbli, disponibbli u bi prezzijiet raġonevoli fl-stadji kollha tal-ħajja tal-bniedem, independentement mill-istatus tagħhom fis-suq tax-xogħol jew id-dħul tagħhom, u bil-ħsieb mhux biss tal-promozzjoni tat-tagħlim tul il-ħajja, iżda wkoll tal-kontribut għall-evoluzzjoni ta' professjonijiet eżistenti u l-ħolqien ta' oħrajn ġodda, ibbażati fuq il-ħtiġijiet attwali tas-soċjetà; iqis, barra minn hekk, li dan għandu jitqies bħala strument importanti biex titwal il-ħajja tax-xogħol tal-individwi;

55. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw aċċess ta' kwalità għolja, mifrux sew, flessibbli u bi prezz xieraq għan-nisa għal edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, flimkien ma' gwida speċifika u għoti ta' pariri dwar il-karriera dwar il-kwalifiki f'kull tip ta' professjoni, li huma rilevanti għal nisa minn ambjenti diversi, bil-ħsieb li jiġu integrati b'mod effikaċi f'impjiegi ta' kwalità tajba b'pagi diċenti, li jipprovdu soluzzjoni għall-bżonnijiet ta' taħriġ multidimensjonali tagħhom, bħalma huma:

— edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali maħsub għal ħtiġiet speċifiċi ħalli jkun sostnut l-iżvilupp tal-karrieri,

— rotot aċċessibbli mit-tagħlim informali għat-tagħlim formali,

— sensibilità għal stili differenti ta' tagħlim;

— aċċess għal mudelli ta' rwoli u għal konsulenti esperti u ta' fiducja (mentors);

— żvilupp ta' programmi adattati għal arranġamenti ta' xogħol flessibbli u kuntratti ta' xogħol part-time;

— għażliet adattati ta' tagħlim bl-internet;

56. Jinnota li r-rati dejjem jogħlew tal-popolazzjoni li qed tixjieħ fl-Ewropa qed iżidu l-importanza tat-tagħlim tul il-ħajja u l-programmi edukattivi u qed jagħmluha neċessarja li jiġi pprovdut appoġġ;

57. Jenfasizza l-ħtieġa li tingħata spinta lill-isforzi, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll fil-livell nazzjonali, biex tiżdied il-parteċipazzjoni tal-SMEs fit-taħriġ professjonali u fit-tagħlim tul il-ħajja u biex tiżdied il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema b'ħiliet baxxi, li l-parteċipazzjoni reġistrata tagħhom hija partikolarment baxxa;

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

58. Jenfasizza li, bħala parti mill-isforzi biex jinkiseb l-objettiv tal-flessibilità b'sigurtà, huwa urġentement meħtieġ li b'mod effettiv tiżdied il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema involuti fil-forom flessibbli tal-impjieg fit-taħriġ vokazzjonali; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri biex jieħdu l-inizjattivi relevanti;

59. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu aktar qawwi minn programmi tat-tagħlim fuq l-internet, biex b'dan il-mod jikkontribwixxu għall-konċiljazzjoni tal-ħajja tal-familja u tax-xogħol fil-familji;

60. Jenfasizza r-rwol tal-gvernijiet lokali, l-intraprendituri, is-sħubiji u l-istituzzjonijiet edukattivi fil-formazzjoni tat-taħriġ vokazzjonali skont il-ħtiġijiet attwali tas-suq tax-xogħol;

61. Huwa tal-opinjoni li l-awtoritajiet reġjonali u lokali għandhom rwol essenzjali fil-kooperazzjoni maċ-ċentri tal-ETV u d-dinja tan-negozju u biex jgħinu lill-fornituri tal-ETV biex jiżviluppaw ambjent amikevoli li jgħin id-dħul b'suċċess tal-istudenti tal-ETV fis-suq tax-xogħol;

62. Jitlob li l-kuntratti ta' apprendistat, filwaqt li jiġi protett l-apprentist u jiġu pprovduti ċerta flessibilità u miżuri flessibbli għall-applikazzjoni tagħhom, jippermettu t-terminazzjoni tal-kuntratt jekk il-persuna kkonċernata tagħti prova li mhix adattata għall-impjieg tagħha jew tkun ħatja ta' mġiba ħażina serja;

63. Jistieden lill-Istati Membri, b'konformità mal-objettivi u l-inizjattivi ewlenin tal-Ewropa 2020, biex itejbu r-rabtiet bejn it-taħriġ vokazzjonali u l-bżonnijiet fis-suq tax-xogħol, pereżempju billi jtejbu s-servizzi ta' gwida fil-qasam akkademiku u f'dak tal-karrieri u jinkoraġġixxu perjodi ta' taħriġ u kuntratti ta' apprendistat għan-nisa, u biex joħolqu opportunitajiet ġodda għal taħriġ, inkluż fl-oqsma xjentifiċi, matematiċi u teknoloġiċi, sabiex tiżdied il-kapaċità tan-nisa li jsibu xogħol f'oqsma tekniċi u xjentifiċi u f'impjiegi mhux tradizzjonali u fis-setturi tal-ekonomija b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, biex jinħolqu impjiegi b'salarji deċenti;

64. Jemmen li l-programmi Ewropej eżistenti ta' taħriġ vokazzjonali huma effettivi u għandhom jingħataw aktar appoġġ fil-futur;

***Kwalità u effiċjenza fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali***

65. Jitlob lill-Istati Membri joħolqu possibilitajiet aħjar ta' taħriġ għall-edukaturi u biex jibnu l-bażi għal sħubija fit-tagħlim li sservi ta' inċentiv, partikolarment fil-livelli reġjonali u lokali, bil-ħsieb li jiġu assigurati s-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, kif ukoll it-trasferiment effiċjenti u b'suċċess tal-għerf;

66. Jenfasizza li forza tax-xogħol edukata u bi kwalifiki għolja hija waħda mill-istimoli tal-innovazzjoni u tirrappreżenta vantaġġ kompetittiv sinifikanti għall-Unjoni; jenfasizza li edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali ta' kwalità għolja jikkontribwixxu fundamentalment għall-iżvilupp sostenibbli u għall-ħolqien ta' suq uniku li jiffunzjona, u għandhom jiġu adattati b'mod kostanti għall-bżonnijiet u l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol Ewropew permezz ta' djalogu intensiv fost il-partijiet interessati kollha;

67. Jirrimarka li fl-ekonomija diġitali ġdida, il-kreattività u t-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICTs) qed jibnu kultura ta' negozju ġdida li tista' tiffaċilita l-kooperazzjoni u l-iskambji ta' prattika tajba fost l-Istati Membri bil-għan li titjieb il-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV) u li għalhekk wasal iż-żmien li l-ETV jitqiegħdu fiċ-ċentru tal-aġenda, speċjalment bil-għan li jiġu ffaċċjati l-isfidi ppreżentati mill-istrateġija 2020, bħalma hija l-mira ewlenija tal-UE ta' 40 % ta' nies bejn it-30 u l-34 sena li jtemmu l-edukazzjoni terzjarja jew ekwivalenti;

68. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu u jimplimentaw sistemi tal-assigurazzjoni ta' kwalità fil-livell nazzjonali u jiżviluppaw qafas ta' kompetenza għall-għalliema u l-edukaturi;

69. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni rigward il-bidliet mistennija fis-swieq tax-xogħol fi ħdan l-UE, u lill-Istati Membri biex jinkorporaw din l-informazzjoni fl-istrateġiji u l-programmi edukattivi tagħhom;

70. Jistieden lill-Istati Membri jinkoraġġixxu sinerġiji fil-livell lokali bejn is-sħab soċjali, l-assoċjazzjonijiet professjonali lokali, l-universitajiet u l-bordijiet maniġerjali tal-iskejjel u unitajiet edukattivi sabiex, permezz ta' studji xjentifiċi u konsultazzjonijiet sistematiċi, ifasslu pjan fuq perjodu medju għall-bżonnijiet tal-ħiliet futuri u biex jiġi kkalkulat l-għadd ta' studenti f'kull qasam, li jkabbar l-effettività tat-taħriġ vokazzjonali biex issir tranżizzjoni diretta u sostenibbli għas-suq tax-xogħol;

71. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżviluppa u taġġorna b'mod regolari grafika li tagħti stampa reġjun b'reġjun tal-kwalifiki u d-domanda tat-taħriġ;

72. Jinnota li l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali huma ffokati fuq kompetenzi, li l-promozzjoni tagħhom għandha titrawwem sa mill-bidu nett tal-edukazzjoni tat-tfal; iqis li dan il-proċess irid ikompli flimkien mat-tagħlim tal-prattika vokazzjonali;

73. Jitlob l-appoġġ fil-livell nazzjonali u Ewropew bil-ħolqien ta' bażi komuni ta' azzjoni rigward l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali bil-ħsieb li jinkisbu l-miri tal-effiċjenza, il-mobilità tax-xogħol u l-ħolqien tal-impjiegi fi ħdan l-Unjoni Ewropea;

74. Jitlob lill-Istati Membri biex jinvolvu b'mod attiv l-ogħla istituzzjonijiet privati, kif ukoll istituzzjonijiet pubbliċi bħall-universitajiet, fl-aġġornament u l-espansjoni tal-iżvilupp ta' ħiliet vokazzjonali, b'mod partikolari fix-xogħol relatat mal-matematika, l-informatika, ix-xjenzi u t-teknoloġija;

75. Jitlob għal inizjattiva speċifika tal-UE biex il-bniet jinġibdu lejn il-professjonijiet "MINT" (matematika, informatika, xjenzi naturali u teknoloġija) u biex jigu miġġielda l-isterjotipi li għadhom jiddominaw dawn il-professjonijiet; jisħaq fuq il-fatt li l-mezzi tax-xandir u l-edukazzjoni għandhom rwol essenzjali fit-taqbida kontra dawn l-isterjotipi;

76. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu t-traspożizzjoni sħiħa, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-UE li hija l-bażi tas-suq uniku, billi jappoġġjaw il-programmi ta' taħriġ li għandhom l-għan li jiżguraw li dawk interessati jiksbu għarfien adegwat tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ u tad-drittijiet u r-responsabilitajiet korrispondenti tagħhom;

77. Jitlob lill-Istati Membri biex jappoġġjaw attivitajiet innovattivi u programmi dottorali u postdottorali li jsostnu l-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli;

***Possibilitajiet għal gruppi speċjalizzati ta' persuni***

78. Jitlob lill-Istati Membri biex fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, jikkunsidraw in-neċessitajiet individwali ta' persuni bi kwalifiki baxxi, tal-istudenti bi sfond ta' immigrazzjoni, ta' nies li jappartjenu lil minoranza etnika, tan-nisa vulnerabbli, ta' nies qiegħda, tal-persuni b'diżabilità u tal-ommijiet li jrabbu waħedhom; jirrakkomanda li tingħata attenzjoni partikolari lill-minoranza tar-Roma, ladarba l-attendenza fl-iskola u l-integrazzjoni fuq ix-xogħol huma elementi ewlenin biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni soċjali tar-Roma;

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

79. Jistieden lill-Istati Membri joħolqu possibilitajiet ta' tranżizzjoni għaż-żagħżagħ mingħajr kwalifiki jew bi kwalifiki ta' livell baxx, sabiex jassistuhom fid-dħul tagħhom fid-dinja tax-xogħol, u fejn għandu jkun possibbli wkoll li jkomplu jippromwovu u jirrikonoxxu kwalifiki parzjali; jitlob, meta wieħed iqis in-natura esplożiva tal-problema, li jkun hemm strateġija komprensiva biex jiġi kkumbattut il-qgħad fost iż-żgħażagħ u n-nisa, u biex l-Istati Membri jingħataw għajnuna fil-bini ta' netwerks fil-post li joħolqu rabta bejn l-iskejjel, l-impriżi, l-għajnuna soċjali u ż-żgħażagħ;

80. Jinnota l-ostakli għall-integrazzjoni li ċittadini ta' pajjiżi terzi jiffaċċjaw meta l-kwalifiki tagħhom ma jiġux rikonoxxuti; jitlob lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-impatt tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi;

81. Jitlob lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, jadottaw inizjattivi biex jgħinu b'mod effettiv lill-ħaddiema anzjani fit-tagħlim tul il-ħajja u fit-taħriġ vokazzjonali;

82. Jara l-opportunità tal-mobilità bħala parti importanti tal-ETV, u konsegwentement jirrakkomanda l-aġġornament tal-programm Leonardo da Vinci;

## *Flessibilità u mobilità*

83. Jilqa' l-idea li l-mobilità transkonfinali titqies komponent alternattiv tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-iżvilupp tal-potenzjal tas-suq tax-xogħol transkonfinali għal dawk involuti; dan qed isir bil-Programm Leonardo da Vinci; iħeġġeġ bil-qawwa lill-dawk interessati jżidu s-sensibilizzazzjoni dwar il-Programm Leonardo da Vinci u programmi relevanti oħra; jitlob, għalhekk, għal promozzjoni akbar tal-mobilità, sabiex ikun aktar faċli għaż-żgħażagħ biex jakkwistaw l-esperjenza barra l-pajjiż;

84. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Parlament Ewropew jappoġġjaw u jwessgħu l-programmi Ewropej għall-mobilità tal-istudenti, b'mod partikolari l-Programm Leonardo da Vinci, bil-għan li jippromwovu mobilità akbar għall-apprendisti fis-suq uniku;

85. Jemmen li l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għandhom joħolqu l-kondizzjonijiet għall-mobilità tax-xogħol, kemm matul l-istudji tal-bidu kif ukoll fil-qafas tal-proċess tat-tagħlim matul il-ħajja;

86. Jemmen li l-mobilità transkonfinali fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali hija importanti daqs il-mobilità fil-qasam tal-edukazzjoni ġenerali, u jemmen li għandu jsir aktar sforz fl-iżvilupp ta' tali mobilità;

87. Huwa tal-opinjoni li koperazzjoni aħjar bejn is-sistemi edukattivi differenti tal-Istati Membri – li twitti dawn id-differenzi u tiżgura r-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati u d-diplomi fost l-Istati Membri – għandha tkun enfasizzata sabiex tiżdied il-kollaborazzjoni transkonfinali u tiġi megħjuna l-mobilità;

88. Jistieden lill-Istati Membri jirrikonoxxu t-tagħlim li ma jsirx b'mod formali u t-tagħlim informali u jinkoraġġixxu l-iskambju tal-esperjenza tax-xogħol sabiex jiksbu l-massimu mill-mobilità tax-xogħol u l-iskambju tal-għarfien, sabiex jitħalla marġini akbar għar-rotot individwali tat-tagħlim;

89. Jinnota li huwa ta' importanza prinċipali li tkun faċilitata l-mobilità tax-xogħol fis-suq intern; jilqa' u jappoġġja bis-sħiħ l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tevalwa mill-ġdid is-sistema attwali għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali; jemmen li valutazzjoni serja tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali fil-forma attwali tagħha għandha tkun inkluża fl-eżerċizzju ta' rieżami tad-Direttiva mill-Kummissjoni; hu tal-fehma li r-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali fl-Istati Membri għandu jibqa' ta' prijorità ewlenija għall-Kummissjoni;

90. Jissuġġerixxi li t-twaqqif ta' strateġija ġdida għat-tagħlim tal-lingwi biex jittejjeb it-tagħrif ġenerali f'oqsma ta' ħiliet speċifiċi se jiffaċilita l-mobilità tal-għalliema u tal-istudenti; barra minn hekk, jinnota li l-garanzija ta' tranżizzjoni bla xkiel minn edukazzjoni vokazzjonali għal edukazzjoni ogħla tgħin biex il-korsijiet tat-taħriġ vokazzjonali jsiru aktar attraenti;

91. Jistieden lill-Istati Membri, bil-għajnuna tal-Kummissjoni, u b'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, biex jintroduċu sistemi għaċ-ċertifikazzjoni tal-kwalifiki vokazzjonali fi ħdan il-qafas tat-tagħlim tul il-ħajja u t-taħriġ professjonali;

92. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li l-offerta tal-possibilitajiet ta' taħriġ tkun ifformulata skont moduli; jitlob, madankollu, biex in-natura integrali ta' kwalifika vokazzjonali wiesgħa tkun preservata bħala prijorità assoluta u li l-moduli singoli jiġu ddefiniti b'mod ċar biex wieħed jieħu ħsieb li dawn ikunu jistgħu jitqabblu;

93. Jenfasizza r-rwol li għandhom l-għalliema u dawk li jħarrġu lill-oħrajn fit-trawwim tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-ETV u jitlob għall-iżvilupp ta' programmi ta' mobilità bħalma huma l-Programm Leonardo da Vinċi u l-proġett għall-apprendisti, b'azzjonijiet speċifiċi li jindirizzaw lin-nisa, bil-għan li tiġi ffaċilitata l-akkwiżizzjoni tul il-ħajja kollha tal-ħiliet relevanti bil-ħsieb li jiġu integrati jew integrati mill-ġdid fis-suq tax-xogħol;

94. Huwa konvint li s-sħubiji indikati fl-Istrateġija Ewropa 2020 fost l-atturi fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jikkostitwixxu rekwiżit għall-effiċjenza u l-importanza tas-suq tax-xogħol, u li dawn għandhom jingħataw sura ta' kunsilli għall-ħiliet fit-tul immirati lejn is-suq tax-xogħol;

95. Jistieden lill-Istati Membri biex fil-kuntest tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, jagħmlu enfasi fuq l-akkwiżizzjoni tal-ħiliet fil-lingwi barranin filwaqt li jiffokaw fuq l-intrapriżi żgħar u medji, u b'hekk jinħolqu l-kundizzjonijiet biex tiżdied il-kompetittività tagħhom bħala parti mis-suq uniku;

96. Jenfasizza kemm huma ta' importanza maġġuri l-kisba u t-titjib tal-profiċjenza f'diversi lingwi bħala mezz li bih jissaħħu l-fiduċja li wieħed ikollu fih innifsu, l-adattabilità u l-ħiliet interkulturali;

97. Jenfasizza li l-opportunità li ż-żgħażagħ iqattgħu perjodu ta' edukazzjoni jew taħriġ barra l-pajjiż hu essenzjali għall-akkwist ta' ħiliet ġodda, inkluż ħiliet lingwistiċi, u b'hekk jiżdiedu l-opportunitajiet tagħhom għal integrazzjoni fis-suq tax-xogħol; jilqa' għalhekk, l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiżviluppa l-karta 'Żgħażagħ Mobbli' li se tgħin liż-żgħażagħ kollha biex imorru jistudjaw fi Stat Membru ieħor, kif ukoll il-ħolqien ta' self għall-mobilità tal-istudenti Ewropej sabiex aktar Ewropej żgħażagħ, b'mod partikolari dawk l-aktar żvantaġġati, ikollhom l-opportunità li jesperjenzaw perjodu ta' studju, taħriġ jew xogħol f'pajjiż ieħor;

***Il-kooperazzjoni Ewropea u internazzjonali fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali***

98. Jilqa' l-għodda ta' referenza komuni tal-Proċess ta' Kopenħagen (Europass, il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki, is-Sistema Ewropea ta' Kreditu għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali u l-Qafas Ewropew ta' Referenza tal-Assikurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali), u jsostni li permezz ta' rieda determinata dawn l-għodod għandhom jitpoġġew fil-prattika u jiġu żviluppati ulterjorment;

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

99. Jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina l-interazzjoni – u tistabbilixxi sinerġiji aktar mill-qrib – bejn id-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali, il-Proċess ta' Bologna dwar l-edukazzjoni ogħla u l-Proċess ta' Kopenħagen dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, b'użu mtejjeb tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki, is-Sistema Ewropea ta' Kredits għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ECVET) u l-Ewropass; isostni li l-Istati Membri għandhom iżommu l-kompetenza fl-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi tagħhom skont il-kundizzjonijiet kulturali u tas-soċjetà partikolari tagħhom;

100. Jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tappoġġja u timplimenta b'mod konsistenti ċ-ċertifikazzjoni tal-kwalità li tagħti spinta fundamentali lill-proċessi tal-innovazzjoni f'termini ta' azzjoni, effiċjenza u effettività, bħalma huma dawk rakkomandati fin-Netwerk Ewropew tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-ETV (EQAVET), kif ukoll l-istrumenti żviluppati permezz tal-proċess ta' Kopenħagen, bħall-Ewropass u l-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (EQF); jistieden lill-Istati Membri jissimplifikaw il-proċeduri għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali barranin sabiex jassiguraw li l-ħiliet fl-impjiegi jistgħu jintwerew mhux biss bis-saħħa ta' kwalifiki formali, iżda wkoll permezz ta' perjodi ta' prova, eżamijiet tat-teorija u tal-prattika, u valutazzjonijiet ta' esperti;

101. Huwa tal-opinjoni li l-isfidi ppreżentati mill-proċess ta' Kopenħagen u l-Istrateġija UE 2020 jitolbu għall-għoti ta' riżorsi finanzjarji adegwati, fost l-oħrajn permezz tal-Fondi Strutturali, b'mod partikolari l-FSE, u għal involviment aktar sħiħ fil-promozzjoni ta' ETV bi kwalità għolja permezz ta' azzjoni konkreta u l-inklużjoni ta' mudelli u metodi ġodda ta' taħriġ, bħal li tingħata viżibilità lill-istejjer ta' suċċess tal-istudenti fis-suq tax-xogħol, li jiġi rreklamat il-prestiġju marbut mal-ETV f'kumpaniji kbar u li jiġu pprovduti informazzjoni u linji gwida aktar kompleti dwar kwistjonijiet tal-ETV qabel it-tlestija tal-iskola obbligatorja; jinnota li t-tħeġġiġ tal-iskambji ta' esperjenzi rigward programmi ta' appoġġ u perjodi li jkunu tqattgħu barra mill-pajjiż, bħalma huma l-parteċipazzjoni fil-Programm Leonardo da Vinci, ikunu ta' valur kbir;

102. Jistieden lill-Istati Membri jissimplifikaw il-proċeduri għar-rikonoxximent tad-diplomi barranin li jingħataw wara l-konklużjoni tat-tagħlim vokazzjonali, li jagħtu l-possibilità ta' prova għall-kapaċitajiet professjonali mhux biss permezz taċ-ċertifikati formali, iżda wkoll permezz ta' provi fuq ix-xogħol, eżamijiet prattiċi u fit-teorija, kif ukoll valutazzjoni minn esperti;

103. Jitlob għall-promozzjoni ta' kooperazzjoni transnazzjonali, kemm fost l-Istati Membri tal-UE kif ukoll fost pajjiżi terzi, sabiex jiġu stabbiliti programmi għall-iskambju tal-aħjar prattiki fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali;

104. Jistieden lill-Kummissjoni timplimenta s-sistema ta' valutazzjoni tal-effikaċja tat-taħriġ sabiex tinkiseb u tinżamm rata għolja tal-impjiegi;

105. Jistieden lill-Kummissjoni u liċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) jinkludu d-dimensjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fis-segwitu għall-Communiqué ta' Bruges dwar it-titjib tal-Kooperazzjoni Ewropea fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali għall-perjodu 2011-2010 speċjalment f'dak li hu aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja kollha ħalli n-nisa u l-irġiel ikollhom opportunitajiet li jitgħallmu fi kwalunkwe stadju tal-ħajja u billi r-rotot li jwasslu għall-edukazzjoni u t-taħriġ isiru aktar miftuħa u flessibbli;

***Finanzjament***

106. Jistieden lill-Kummissjoni biex tadatta l-Fond Soċjali Ewropew, il-programm kollu għat-tagħlim tul il-ħajja kif ukoll Erasmus għall-Imprendituri Żgħażagħ b'mod li jkun possibbli li jiġu allokati fondi għal proġetti dwar edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali kif ukoll dwar il-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ u dwar it-taħriġ ulterjuri ta' persuni anzjani fl-UE kollha kemm hi, u biex l-aċċess għal dawn il-fondi jiġi ssimplifikat; jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja programmi Komunitarji biex jgħinu ż-żgħażagħ jakkwistaw l-għarfien, il-ħiliet u l-esperjenzi li huma jeħtieġu sabiex isibu l-ewwel impjieg tagħhom;

107. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiżguraw l-aħjar użu tal-Fondi Strutturali, inkluż il-Fond Soċjali Ewropew, għall-programmi speċifiċi li jippromwovu tagħlim tul il-ħajja u jimmiraw li jheġġu aktar nisa jipparteċipaw fis-sistema ETV u jżidu r-rata tal-parteċipazzjoni tagħhom fiha, mhux l-anqas permezz ta' miżuri ffinanzjati kif jixraq, imfassla speċifikament biex dan il-għan jintlaħaq; jitlob li jiġu żviluppati azzjonijiet speċifiċi fil-proġett pilota Erasmus għall-Imprendituri Żgħażagħ sabiex tiġi inkuraġġita l-intraprenditorija fost in-nisa;

108. Itenni l-kritika tiegħu għat-tnaqqis li għamel il-Kunsill tal-Ministri fil-baġit 2011 rigward il-finanzjament għall-programmi ewlenin tal-UE fil-qasam tal-edukazzjoni (il-Programm tat-"Tagħlim tul il-Ħajja" u l-programm Nies – tnaqqis ta' EUR 25 miljun u EUR 100 miljun rispettivament); l-Istrateġija ambizzjuża Ewropa 2020 hija għaldaqstant lura sewwa mir-realtà bil-limitazzjonijiet baġitarji;

109. Jistieden lill-Istati Membri biex jikkunsidraw bħala opzjoni waħda skema ta' vouchers biex tiġi żgurata għall-persuni bi dħul baxx il-possibilità li jipparteċipaw fit-taħriġ; jekk ikun meħtieġ, jistieden lill-Istati Membri biex japplikaw għall-finanzjament għal tali skemi ta' vouchers għat-taħriġ taħt il-FSE;

*

* *

110. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-Riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

## Il-PDG u lil hinn - Inkejlu l-progress f'dinja li dejjem tinbidel

P7_TA(2011)0264

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar il-PDG u lil hinn minnu – Inkejlu l-progress f'dinja li dejjem tinbidel (2010/2088(INI))**

(2012/C 380 E/11)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Awwissu 2009 dwar il-PDG u lil hinn - Inkejlu l-progress f'dinja li dejjem tinbidel (COM(2009)0433),

— wara li kkunsidra l-"Konferenza lil hinn mill-PDG" organizzata mill-Parlament, il-Kummissjoni, il-Klabb ta' Ruma, il-WWF u l-OECD f'Novembru 2007 fi Brussell,

— wara li kkunsidra r-rapport mill-Kummissjoni dwar il-Kejl tar-Rendiment Ekonomiku u l-Progress Soċjali (ir-Rapport Stiglitz), ippreżentat fl-14 ta' Settembru 2009,

— wara li kkunsidra l-inizjattiva globali dwar l-Ekonomija tal-Ekosistemi u l-Bijodiversità (TEEB) approvata mill-mexxejja tal-G8+5 f'Ġunju 2007 u r-riżultati tagħha ppubblikati fl-2009 u l-2010,

— wara li kkunsidra r-Rapport Stern dwar l-Ekonomija tat-Tibdil fil-Klima fit-30 ta' Ottubru 2006,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Istanbul iffirmata waqt it-tieni Forum Dinji tal-OECD dwar l-Istatistika, l-Għarfien u l-Politika tat-30 ta' Ġunju 2007,

— wara li kkunsidra l-konklużjoniet tal-Kunsill Ewropew tal-10 u l-11 ta' Diċembru 2009, il-25 u s-26 ta' Marzu 2010 u s-17 ta' Ġunju 2010,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Novembru 2009 (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) dwar l-Istatistika,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2009 (Ambjent) dwar Ekonomija Ekoeffiċjenti fil-kuntest tal-Aġenda ta' Lisbona wara l-2010 u l-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-UE,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar il-Kontijiet Ekonomiċi Ambjentali Ewropej (COM(2010)0132),

— wara li kkunsidra l-linji gwida integrati tal-UE 2020 għall-politiki Ewropej dwar l-ekonomija u l-impjiegi, proposti mill-Kummissjoni Ewropea fis-27 ta' April 2010,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjonijiet dwar il-Governanza Ewropea: Leġiżlar aħjar (COM(2002)0275), reviżjoni strateġika ta' Regolamentazzjoni Aħjar fl-Unjoni Ewropea (COM(2006)0689), it-tieni reviżjoni strateġika ta' Regolamentazzjoni Aħjar fl-Unjoni Ewropea (COM(2008)0032) u t-tielet reviżjoni strateġika ta' Regolamentazzjoni Aħjar fl-Unjoni Ewropea (COM(2009)0015),

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Konsum u l-Produzzjoni Sostenibbli (COM(2008)0397),

— wara li kkunsidra l-istrumenti eżistenti tal-istatistika, bħall-EU-SILC, l-Istħarriġ tal-Forza tax-Xogħol (LFS), il-Eurobarometers, l-Istħarriġ dwar il-Valuri Ewropej u l-Istħarriġ Soċjali Ewropew (ESS),

— wara li kkunsidra l-Istħarriġ dwar il-Kwalità tal-Ħajja fl-Ewropa (EQLS), ikkoordinat mill-Eurofound, li jipprovdi stampa komprensiva tal-kwalità tal-ħajja u l-kundizzjonijiet tal-għejxien fil-Pajjiżi Ewropej (li jkopri l-Istati Membri kollha tal-UE u l-pajjiżi kandidati) b'aktar minn 120 indikatur li jipprovdu data komparattiva tal-pajjiżi ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-10 ta' Marzu ([2]) u s-16 ta' Ġunju 2010 ([3]) dwar l-Istrateġija UE 2020, ir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2009 ([4]) dwar is-Samit tal-G-20 f'Pittsburgh tal-24 u l-25 ta' Settembru 2009, ir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2006 ([5]) dwar l-istrateġija riveduta għall-iżvilupp sostenibbli u r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' April 2008 ([6]) dwar il-Green Paper dwar strumenti bbażati fuq is-suq għall-ambjent u għanijiet ta' politika relatati,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0175/2011),

A. billi l-ħtieġa li jittejbu d-data u l-indikaturi li jikkompletaw il-PDG għall-iżvilupp ġenerali tas-soċjetà kulma jmur illum hi rikonoxxuta mill-istituzzjonijiet internazzjonali kollha,

([1]) L-EQLS ikopri l-oqsma ċentrali li ġejjin marbutin mal-kunċett tal-kwalità tal-ħajja: riżorsi ekonomiċi, privazzjoni; saħħa u aċċess għall-kura tas-saħħa; impjiegi u kwalità tax-xogħol; bilanċ bejn xogħol u ħajja; relazzjonijiet familjari u appoġġ; inklużjoni/esklużjoni soċjali (ħajja komunitarja u parteċipazzjoni soċjali); edukazzjoni u taħriġ; kwalità tal-akkomodazzjoni u ambjent lokali; kapital soċjali u kwalità tas-soċjetà; kwalità tas-servizzi pubbliċi; benessri soġġettiv (inklużi kuntentezza, sodisfazzjon fil-ħajja, ottimiżmu dwar il-ġejjieni).
([2]) ĠU C 349 E, 22.12.2010, p. 30.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2010)0223.
([4]) ĠU C 230 E, 26.8.2010, p. 1.
([5]) ĠU C 300 E, 9.12.2006, p. 487.
([6]) ĠU C 259 E, 29.10.2009, p. 86.

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

1. Jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-PDG u lil hinn – Inkejlu l-progress f'dinja li dejjem tinbidel" bħala għodda kumplimentari possibbli biex tgħin it-titjib tal-analiżi u tad-dibattiti politiċi;

2. Jenfasizza li l-PDG huwa indikatur tal-attività tas-suq ekonomiku li sar standard ta' referenza użat minn dawk li jfasslu l-politika madwar id-dinja; jissotolinja li PDG huwa kejl tal-produzzjoni u ma jkejjilx is-sostenibilità ambjentali, l-effiċjenza tar-riżorsi, l-inklużjoni soċjali u l-progress soċjali b'mod ġenerali; jenfasizza, barra minn hekk, li jista' jwassal għal konklużjonijiet żbaljati fis-sens li miżuri ta' rimedju wara li jseħħu ċerti inċidenti bħal diżastri naturali jiġu trattati bħala benefiċċju minflok spiża;

3. Jinnota li, apparti l-kejl tal-iżvilupp ekonomiku u l-produttività, hemm indikaturi oħra li jinfluwenzaw u jispjegaw l-istandards tal-għajxien u li sa issa għadhom ma ġewx kwantifikati għalkemm jeżistu indikaturi relevanti;

4. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati indikaturi addizzjonali għall-kejl tal-progress ekonomiku u soċjali fuq terminu ta' żmien medju u twil; jitlob l-iżvilupp ta' indikaturi ċari u miżurabbli li jikkunsidraw it-tibdil fil-klima, il-bijodiversità, l-effiċjenza tar-riżorsi u l-inklużjoni soċjali; jitlob, barra minn hekk, l-iżvilupp ta' indikaturi li jiffukaw iktar mill-qrib fuq il-prospettivi tal-livell domestiku, li jirriflettu d-dħul, il-konsum u l-ġid;

5. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tippreżenta indiċi għall-pressjoni ambjentali, li għandha tiġi sottomessa flimkien mal-PDG, li inizjalment ikun jinkludi l-aspetti li ġejjin tal-politika ambjentali: "it-tibdil fil-klima u l-użu tal-enerġija", "in-natura u l-bijodiversità", "it-tniġġis tal-arja u l-impatti tas-saħħa", "l-użu tal-ilma u t-tniġġis", "il-ġenerazzjoni tal-iskart u l-użu tar-riżorsi";

6. Jistenna li l-ispostament tal-attenzjoni lejn indikaturi usa' u aktar sostenibbli jwassal ukoll għall-għoti ta' aktar attenzjoni sistematika għal fatturi soċjali u ambjentali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, inklużi t-tibdil fil-klima, il-bijodiversità, is-saħħa, l-edukazzjoni u l-governanza, u b'hekk il-politiki ta' żvilupp ikunu jistgħu jilħqu l-popolazzjonijiet l-aktar fil-bżonn u żvantaġġati; jenfasizza li tali indikaturi għandhom ikunu kompatibbli u konsistenti ma' inizjattivi globali eżistenti, bħall-Indiċi ta' Żvilupp Uman tan-NU;

7. Jenfasizza l-ħtieġa ta' kejl tal-kwalità tal-ħajja fis-soċjetajiet; iqis li l-ilħiq u s-sostenn tal-kwalità tal-ħajja jinvolvu fatturi importanti u kunsenswali bħas-saħħa, l-edukazzjoni, il-kultura, l-impjieg, l-akkomodazzjoni, il-kundizzjonijiet ambjentali eċċ.; huwa tal-fehma li l-indikaturi li jkejlu tali fatturi għandhom jingħataw rwol akbar; jissuġġerixxi li jinbena fuq l-indikaturi EQLS, li jkopru l-oqsma ċentrali tal-kwalità tal-ħajja, bl-iżvilupp ulterjuri ta' mezzi ta' kejl sew kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi;

8. Jinnota l-miżuri u l-għodda adottati fil-livell Ewropew biex jitkejlu u jiġu analizzati l-impatti possibbli ta' inizjattivi leġiżlattivi fuq il-progress, bħall-valutazzjonijiet tal-impatt, inklużi l-benefiċċji tal-ispiża, l-effikaċja tal-ispiża u l-analiżijiet ta' diversi kriterji, il-valutazzjonijiet tar-riskji, il-ġbir tad-data, l-istatistiċi, il-kontijiet ekonomiċi ambjentali, l-analiżi politika f'diversi livelli politiċi, rapporti dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-infurzar u rieżamijiet imwettqa f'diversi oqsma tal-leġiżlazzjoni tal-UE; jappoġġa bis-sħiħ it-twaqqif ta' qafas legali solidu għall-Kontijiet Ekonomiċi Ambjentali Ewropej bħala pass pożittiv fil-proċess 'Il-PDG u lil hinn';

9. Jinnota r-rikonoxximent internazzjonali dejjem jikber tal-limiti għall-PDG bħala indikatur tal-progress soċjali, ir-riżorsi naturali u s-servizzi tal-ekosistema, trasformazzjonijiet maġġuri bħal dawk li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima u l-iżvilupp sostenibbli; jagħraf il-progress li sar f'fora differenti, bħall-Programm tal-Iżvilupp tan-NU, il-Bank Dinji u l-OECD, u mill-Kummissjoni fost l-oħrajn, dwar l-iżvilupp ta' indikaturi li jkejlu u janalizzaw il-progress;

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

10. Jenfasizza l-importanza li jsir qbil dwar approċċ sistemiku għall-ħolqien ta' 'Sistema lil hinn mill-PDG' li tkun koerenti sabiex tagħti kontribut għal analiżi politika u dibattiti mtejba;

11. Jenfasizza li l-isfida hija li jiġi żviluppat sett ċar u komprensibbli ta' indikaturi li fl-istess ħin tkun teoretikament konsistenti, politikament relevanti u li tista' titkejjel b'mod empiriku u li tiżgura li l-pajjiżi u r-reġjuni jkunu komparabbli; jenfasizza l-ħtieġa li dan ix-xogħol isir b'kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet u ma' organizzazzjonijiet relevanti oħra;

12. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żviluppata statistika affidabbli, armonizzata u f'waqtha u li jinkisbu sensiela ta' data u indikaturi li jkopru perjodu twil li jistgħu jintużaw għall-proġezzjoni tal-iżviluppi futuri u għat-tfassil tal-politiki; jirrakkomanda li diversi bażijiet tad-data miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi għandhom jintużaw aħjar u jinġemgħu flimkien u li f'kull Stat Membru għandhom jintużaw metodoloġiji, standards komuni, definizzjonijiet, klassifikazzjonijiet u regoli tal-kontabilità simili biex jiggarantixxu l-kwalità u l-komparabbiltà tad-data; jitlob li l-ġbir u l-ipproċessar tad-data jsir skont prinċipji ta' indipendenza professjonali, imparzjalità, oġġettività, kunfidenzjalità statistika u effikaċja tal-infiq, madankollu bl-attenzjoni dovuta għal kwistjonijiet tal-protezzjoni tad-data personali; Huwa tal-fehma li l-Eurostat għandu jiżvolġi rwol maġġuri f'dan il-proċess;

13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## Programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita

P7_TA(2011)0265

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar l-analiżi f'nofs il-perjodu tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita: valutazzjoni tal-implimentazzjoni, sfidi futuri u prospettivi ta' finanzjament (2009/2226(INI))**

(2012/C 380 E/12)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2007 [1] dwar l-iffinanzjar tal-programm Ewropew ta' radjunavigazzjoni bis-satellita (Galileo) fi ħdan il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 u l-programm ta' qafas finanzjarju pluriennali 2007-2013,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo) [2],

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 912/2010 tat-22 ta' Settembru 2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS [3],

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, "Pjan ta' Azzjoni dwar l-Applikazzjonijiet tas-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS)" (COM(2010)0308),

— wara li kkunsidra r-"Rapport tas-Suq GNSS" tal-Aġenzija Ewropea GNSS (Ottubru 2010),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE" (COM(2010)0700),

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissjoni, "Eżami ta' nofs it-terminu tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita" (COM(2011)0005),

(1) ĠU C 146E, 12.6.2008, p. 226.
(2) ĠU L 196, 24.7.2008, p. 1.
(3) ĠU L 276, 20.10.2010, p. 11.

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Baġits (A7-0165/2011),

A. billi l-Parlament Ewropew b'mod konsistenti ta l-appoġġ sħiħ tiegħu lis-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) Ewropea, implimentata permezz tal-programmi Galileo u EGNOS, intiża sabiex ittejjeb il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej, tiżgura l-awtonomija u l-indipendenza tal-Ewropa, u tikseb parti sinifikanti tas-suq dinji tat-teknoloġija avvanzata li jiddependi fuq in-navigazzjoni bis-satellita,

B. billi l-UE hija attwalment dipendenti fuq is-Sistema ta' Pożizzjonament Globali (GPS) tal-Istati Uniti tal-Amerika, peress li attivitajiet li jirrappreżentaw madwar 7 % tal-PDG huma dipendenti fuqha,

C. billi Galileo huwa mistenni li joffri vantaġġi meta mqabbel mal-GPS, bħat-titjib fil-preċiżjoni, l-integrità globali, l-awtentikazzjoni u l-garanzija ta' servizz, kif ukoll li jagħti l-Unjoni awtonomija strateġika,

D. billi s-suq dinji tal-GNSS qed jikber b'mod esponenzjali, u huwa stmat li jilħaq madwar EUR 150 biljun fl-2020, li anqas minn 20 % minnu huwa ġġenerat fl-UE,

E. billi l-EGNOS diġà beda jintuża fuq bażi ta' kuljum minn 80 000 bidwi Ewropew u reċentement ġie ċċertifikat għall-avjazzjoni ċivili u huwa mistenni li ċ-ċertifikazzjoni għat-trasport marittimu tingħata fil-futur qrib,

F. billi l-Galileo qed jimmira li jsir il-GNSS bl-aktar teknoloġija avvanzata fid-dinja, kapaċi li jiffissa l-istandard globali għall-futur, li jinvolvi konċentrazzjoni qawwija tax-xjenza, tekonoloġiji avvanzati u riżorsi umani kkwalifikati u jikkontribwixxi għall-innovazzjoni u l-kompetittività tal-industrija tal-UE,

G. billi l-EGNOS u l-Galileo se jiġġeneraw EUR 60 biljun ta' benefiċċji indiretti lill-ekonomija u s-soċjetà tal-UE, fil-forma ta' titjib fis-sikurezza tat-toroq u tal-avjazzjoni, tnaqqis fil-konsum tat-tniġġis u l-pestiċidi, impjiegi ġodda u sikurezza pubblika, li jiġġeneraw valur sinifikanti għall-flus minfuqa meta mqabbla ma' investimenti komparabbli oħra,

H. billi bl-istabbiliment ta' erba' sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita dinjija u tnejn reġjonali minn atturi internazzjonali differenti, il-ħeffa fit-tqiegħed għad-dispożizzjoni tas-servizzi hija element essenzjali għall-Galileo sabiex din is-sistema Ewropea ssir, kemm jista' jkun malajr, sistema ta' referenza GNSS alternattiva u ewlenija ta' preferenza,

I. billi n-nuqqas ta' suċċess tas-sħubija pubblika-privata inizjali għall-finanzjament tal-programmi GNSS wassal, fl-2007, għad-deċiżjoni li l-implimentazzjoni tagħhom issir permezz ta' finanzjament meħud esklużivament mill-baġit tal-Unjoni (EUR 3,4 biljun għall-fażijiet ta' definizzjoni, ta' validazzjoni u ta' użu sal-2013), u konsegwentement huwa għalkollox il-proprjetà tal-Unjoni Ewropea, u dan irendi l-Galileo u l-EGNOS l-ewwel proġetti ewlenija tal-UE ta' dan it-tip,

J. billi l-Galileo huwa sistema ċivili taħt kontroll ċivili, u s-servizzi tiegħu kollha għandhom ikunu konformi mal-liġi internazzjonali tal-ispazju, it-Trattati tal-UE, u l-prinċipji mniżżla fil-Karta tan-NU u fit-Trattati;

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

K. billi ż-żieda fl-ispejjeż tal-programm, minħabba, fost oħrajn, l-ineżattezza tal-previżjonijiet tan-nefqa u tal-istrateġiji ta' ġestjoni tan-nefqa, tfisser li l-baġit attwali jista' jiffinanzja biss l-użu tal-Kapaċità Operattiva Inizjali (Initial Operating Capacity, IOC), li tinkludi 18-il satellita,

L. billi, qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar impenn finanzjarju addizzjonali mill-baġit tal-UE fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, jeħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta valutazzjoni ċara tal-għażliet tekniċi u l-ispejjeż u l-benefiċċji relatati kollha possibbli,

***Reviżjoni ta' nofs it-terminu: valutazzjoni tal-implimentazzjoni***

1. Jilqa' r-Rapport tal-Kummissjoni, li jiddeskrivi s-sitwazzjoni attwali u l-isfidi futuri ta' din l-inizjattiva ewlenija importanti;

2. Jiddispjaċih, mandankollu, bid-dewmien fil-pubblikazzjoni tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu, li għal żmien twil wisq ħoloq inċertezza fir-rigward tal-progress ġenerali tal-proġett u s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu, u dan huwa ta' detriment għall-adozzjoni mis-suq tal-applikazzjonijiet GNSS u għas-sostenn pubbliku;

3. Għal aktar trasparenza, jistieden lill-Kummissjoni taġġorna l-Qafas Strateġiku GNSS (C(2008)8378) fid-dawl tas-sitwazzjoni kurrenti, inklużi l-azzjonijiet prinċipali, l-istima tal-baġit u l-iskeda neċessarji biex jintlaħqu l-objettivi;

4. Jistieden lill-Kummissjoni, sabiex jiġu eliminati l-ispejjeż żejda fil-ġejjieni, timplimenta politiki ta' trażżin strett tal-ispejjeż u ta' mitigazzjoni tar-riskji, biex l-ispejjeż tal-illanċjar tas-satelliti jinżammu taħt kontroll; jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tanalizza r-riżultati miksuba sal-lum u tikkunsidra l-użu ta' esperti indipendenti, inklużi rappreżentanti tal-industrija, sabiex ittejjeb b'mod sinifikanti l-effiċjenza tal-ġestjoni tal-proġetti;

5. Jistieden lill-Kummissjoni timplimenta miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji rrakkomandati bħall-approċċ ta' żewġ sorsi, fil-ksib tal-pakketti kollha ta' ħidma kritiċi, sabiex ikun jista' jinżamm il-kalendarju ambizzjuż, fid-dawl tal-livell ta' kompetizzjoni effettiva fis-swieq rilevanti, kif ukoll ir-rieda politika li tinżamm il-kapaċità tal-illanċjar fl-Ewropa fil-ġejjieni, kif riflessa fost oħrajn fis-Seba' Riżoluzzjoni tal-Ispazju tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2010;

***Is-sitwazzjoni finanzjarja***

6. Jemmen li l-IOC, li tista' tipprovdi servizzi inizjali bbażati fuq 18-il satellita, għandha titlesta sa mhux aktar tard mill-2014 sabiex jiġi żgurat li l-Galileo tabilħaqq isir it-tieni kostellazzjoni ta' referenza għall-produtturi tar-riċevituri; f'dan ir-rigward, iħeġġeġ lill-Kummissjoni tillanċja fl-inqas żmien possibbli l-erba' satelliti tal-validazzjoni fl-orbita (IOV), tfassal pjan ta' rotta għall-illanċjar tal-14-il satellita li jifdal, u tikkonkludi l-pakketti ta' ħidma finali;

7. Huwa konvint li l-iskop ta' Kapaċità Operattiva Sħiħa (Full Operating Capacity, FOC), ibbażata fuq kostellazzjoni ta' 27 satellita flimkien ma' numru adegwat ta' satelliti sper u infrastruttura tajba huwa prerekwiżit sabiex jinkiseb il-valur miżjud tal-Galileo f'termini ta' awtentikazzjoni, preċiżjoni kbira u servizz mhux interrott u għalhekk sabiex jittieħdu l-benefiċċji ekonomiċi u soċjali; jemmen li jeħtieġ appoġġ ċar u mhux ambigwu mill-Istituzzjonijiet Ewropej kollha għall-ilħiq tal-FOC sabiex l-utenti u l-investituri jkunu konvinti mill-impenn fit-tul tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tagħti sinjal pożittiv lis-suq f'dan ir-rigward;

8. Jiddeplora l-fatt li ma saritx proposta biex jiġi pprovdut finanzjament addizzjonali għal dan il-programm permezz tal-aġġustament mill-ġdid tal-qafas finanzjarju pluriennali, li wassal għal aktar dewmien, spejjeż addizzjonali u possibbilment it-telf ta' opportunità; jemmen, f'dan id-dawl, li l-FOC għandha tintlaħaq l-aktar tard sal-2018, u dan skont il-Kummissjoni huwa stmat li jeħtieġ finanzjament addizzjonali ta' EUR 1,9 biljun u finanzjament annwali għall-ispejjeż operattivi ta' madwar EUR 800 biljun mill-2014 'il quddiem; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra b'mod attiv xi ffrankar jista' jsir fir-rigward tal-effiċjenza finanzjarja u timplimenta struttura ta' finanzjament xierqa (fid-dawl, fost oħrajn, tad-dħul mis-Servizz Kummerċjali ta' Galileo) sabiex tillimita l-finanzjament addizzjonali neċessarju;

9. Jenfasizza l-fatt li l-finanzjament attwali tal-UE għar-riċerka u l-iżvilupp tal-GNSS huwa limitat għal EUR 15 miljun fis-sena; iwissi li tista' ssir ħsara lil programmi oħra ta' riċerka u żvilupp jekk il-finanzjament addizzjonali għal dawn l-attivitajiet jitneħħa mill-programm qafas attwali (FP7); Huwa tal-opinjoni li fil-ġejjieni għandu jiġi pprovdut aktar finanzjament taħt l-FP8 u permezz ta' miżuri oħra ħalli jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' prodotti u servizzi bbażati fuq il-GNSS;

10. Jenfasizza l-bżonn li jiżdied il-finanzjament ħalli jissaħħaħ l-iżvilupp tal-applikazzjonijiet u s-servizzi GNSS, li huwa essenzjali biex ikun żgurat li l-investiment fl-infrastruttura li l-Galileo jirrappreżenta jiġi sfruttat bis-sħiħ u li s-sistema Galileo tiġi żviluppata bil-kapaċità sħiħa tagħha;

***L-għarfien tal-pubbliku***

11. Huwa konvint sew li finanzjament addizzjonali għall-GNSS jista' jkun żgurat biss jekk l-għarfien tal-benefiċċji għall-ekonomija u għas-soċjetà tal-UE li jirriżultaw mill-GNSS jikber b'mod konsiderevoli fost dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-pubbliku ġenerali; ifaħħar l-istabbiliment ta' inizjattivi konkreti, bħall-kompetizzjoni għall-ideat Galileo Masters organizzat kull sena, li għalih applikaw 350 parteċipant minn 44 pajjiż fl-2010, il-kompetizzjoni tat-tfal Galileo u l-premju ta' innovazzjoni GNSS;

12. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u l-Awtorità tal-GNSS tal-UE (GSA) jagħmlu sforz wisq akbar biex ikabbru l-għarfien tal-GNSS fost l-utenti u l-investituri potenzjali, jippromwovu l-użu ta' servizzi bbażati fuq il-GNSS, kif ukoll jidentifikaw u jikkonċentraw id-domanda għal dawn is-servizzi fl-Ewropa; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-Galileo huwa fl-interess pubbliku fil-livell tal-UE u għalhekk jikkostitwixxi raġuni ġustifikata għal finanzjament mill-fondi pubbliċi;

13. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-GSA javviċinaw awtoritajiet nazzjonali u SMEs fis-settur spazjali, bħala utenti potenzjali ta' applikazzjonijiet tal-GNSS, permezz ta' sejħiet għall-offerti, kampanji ta' informazzjoni u mekkaniżmi tat-trasferiment tat-teknoloġiji biex iwettqu dan, filwaqt li fl-istess ħin isir enfasi fuq l-importanza li jinżamm il-bilanċ reġjonali Ewropew;

***Id-dimensjoni internazzjonali***

14. Jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi b'mod attiv ir-reġjuni tad-dinja li fihom l-adozzjoni tat-tekonoloġija u l-applikazzjonijiet Ewropej GNSS jistgħu jgħinu l-iżvilupp tas-suq, bħall-Amerika Latina, ix-Xlokk tal-Asja jew l-Afrika;

15. Jappoġġja lill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha biex tiżgura l-kompatibbiltà u l-interoperabbiltà tal-Galileo ma' sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita oħra u biex taħdem favur standardizzazzjoni fuq livell dinji; f'dan ir-rigward, iħeġġeġ lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jużaw kull mezz disponibbli sabiex isolvu l-kwistjonijiet attwali ta' kompatibbiltà maċ-Ċina;

*L-isfidi tal-futur: finanzjament u governanza*

16. Jenfasizza l-importanza strateġika tal-politika spazjali u l-programm GNSS fl-isforz li nistabbilixxu politika industrijali Ewropea reali bbażta fuq proġetti konkreti ta' benefiċċju tanġibbli għall-pubbliku u għan-negozji; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tirrikonoxxi r-rwol importanti li n-navigazzjoni bis-satellita jista' jkollha u biex tintegraha fl-iżvilupp tal-politiki Komunitarji rilevanti l-oħra;

17. Jirrimarka li stabbiltà fit-tul hija importanti sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun id-dewmien addizzjonali, it-tibdiliet tad-disinn li jqumu ħafna flus u d-destabilizzazzjoni tal-bażi tal-utenti; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tippreżenta bla dewmien proposti leġiżlattivi dwar il-livell futur tas-servizzi, il-finanzjament u l-governanza tal-programmi GNSS; jemmen, barra minn hekk, li huwa vitali li tiġi żgurata ż-żamma ta' know-how rilevanti u ta' kompetenza akkwiżita sabiex il-programmi jkunu ġestiti b'mod tajjeb;

18. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fil-valutazzjoni tal-impatt li għandha ssir fil-qafas tal-proposta leġiżlattiva li jmiss, tinkludi informazzjoni ċara u komprensiva dwar:

— l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi (eżattezza, kopertura ġeografika, integrità, eċċ.) tas-servizzi (Servizzi Miftuħa, Salvagwardja tal-Ħajja, Servizzi Kummerċjali, Servizzi Pubbliċi Regolati) li jistgħu jipprovdu l-konfigurazzjonijiet differenti tas-satellita Galileo (inklużi l-IOC u l-FOC, użati flimkien ma' sistemi GNSS oħra jew waħedhom);

— ir-rwol tas-servizzi EGNOS fir-rigward tal-konfigurazzjonijiet differenti possibbli ta' Galileo u jekk l-EGNOS għandhiex tinżamm f'kostellazzjoni FOC jew le;

— l-ispejjeż tal-konfigurazzjonijiet possibbli tal-Galileo u l-EGNOS fir-rigward mhux biss tal-investimenti fl-infrastruttura iżda anku l-ispejjeż tal-ġestjoni u tal-kontinġenza (inklużi l-IOC, l-FOC jew għażliet oħra possibbli);

19. Iqis li l-Galileo u l-EGNOS, bħala programmi Ewropej proprjetà tal-UE li jindirizzaw interess pubbliku fil-livell tal-UE, għandhom ikunu fil-biċċa l-kbira ffinanzjati mill-baġit tal-UE; jemmen li – flimkien mal-kontribuzzjoni mill-baġit tal-UE – għandhom jiġu investigati s-sorsi kollha possibbli ta' finanzjament, inklużi forom innovattivi ta' finanzjament; jenfasizza li ad hoc, soluzzjonijiet baġitarji ta' emerġenza bħal dawk li saru fil-passat probabbilment jipperikolaw is-suċċess u l-valur miżjud ta' proġetti strateġiċi u fuq skala kbira tal-UE bħal dawn u jipperikolaw il-momentum politiku madwarhom; jemmen, għalhekk, li trid tinsab soluzzjoni għall-finanzjamenti soda, globali u fit-tul; jissuġġerixxi li ammont annwali deċiż min qabel għandu jiġi pprovdut mill-baġit tal-UE (għall-finanzjament tal-infrastruttura tal-Galileo li fadal kif ukoll l-ispejjeż operattivi); jindika li ċ-ċifri stmati inklużi fir-reviżjoni ta' nofs it-terminu għall-perjodu wara l-2013 huma indikattivi, u jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta analiżi dettaljata tal-bżonnijiet finanzjarji stmati sas-Sajf 2011, ħalli tiżdied ir-responsabilità politika, il-prevedibbiltà u t-trasparenza tal-proġett;

20. Jemmen li l-ispejjeż addizzjonali mhux mistennija għandhom ikunu ffinanzjati mill-baġit Komunitarju mingħajr ma jiġu pperikolati l-programmi eżistenti l-oħra; jistieden, f'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tivvaluta l-possibbiltà li tistabbilixxi "fond ta' riżerva Galileo", li jista' jintuża f'każ li jinħolqu spejjeż mhux mistennija;

21. Jemmen li l-istruttura tal-governanza u l-ġestjoni fit-tul tal-GNSS għandha tindirizza l-qsim ta' xogħol u responsabbiltajiet bejn il-Kummissjoni, il-GSA u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA), kif ukoll kwistjonijiet rilevanti oħra, bħall-qsim tal-ispejjeż b'mod xieraq, il-mekkaniżmu tal-qsim tad-dħul, is-sistema ta' responsabbiltà, il-politika ta' prezzijiet u l-involviment u l-kontribuzzjoni tas-settur privat fil-programmi tal-GNSS; jistieden, f'dan il-kuntest, lill-Kummisjjoni tipproċedi malajr bir-riflessjoni attwali dwar skemi futuri ta' governanza għall-operat tas-sistema, tassumi r-responsabbiltà għall-operazzjonijiet fit-tul u għall-adattament tal-infrastrutura, biex tiżgura l-provvediment ta' dejta u servizzi kontinwi lill-utenti, u biex timmassimizza l-opportunitajiet għall-iżvilupp ta' servizzi kummerċjali;

22. Jisħaq fuq l-importanza li kull struttura ta' governanza u ġestjoni tal-GNSS fit-tul tkun għalkollox trasparenti, finanzjarjament soda u obbligata li tagħti rendikont kif ukoll immaniġġjata bl-aktar mod responsabbli possibbli; jinnota, f'dan ir-rigward, li l-koordinament mal-Kunsill u l-Parlament Ewropew għandu jseħħ fuq bażi regolari u jinkludi aġġornamenti dettaljati;

23. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmi xierqa biex tiżgura li servizzi u applikazzjonijiet ibbażati fuq il-GNSS, kemm jekk irregolati privatament kif ukoll jekk pubblikament, jikkonformaw mad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini bħall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta;

*

* *

24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-ESA.

## Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inklużiva

P7_TA(2011)0266

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inklużiva (2010/2211(INI))**

(2012/C 380 E/13)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda ([1]),

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 312 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Marzu 2007 dwar il-futur tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea ([2]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej ([3]) u r-regoli implimentattivi tagħha,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE (COM(2010)0700),

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tas-16 ta' Ġunju 2010 li twaqqaf kumitat speċjali dwar l-isfidi politiċi u r-riżorsi baġitarji għal Unjoni Ewropea sostenibbli wara l-2013 ([4]),

— wara li kkunsidra l-kontributi min-Nationalrat Awstrijakk, mill-Kamra Ċeka, mill-Folkentinget Daniż, mir-Riigikogu Estonjan, mid-Deutscher Bundestag, mid-Deutscher Bundesrat, mill-Oireachtas Irlandiż, mis-Seimas Litwan, mis-Saeima Latvjan, mill-Assembleia da República Portugiża, mit-Tweede Kamer tal-Pajjiżi l-Baxxi u mir-Riksdagen Svediż,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 184 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU C 27 E, 31.1.2008, p. 214.
([3]) ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2010)0225.

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat speċjali dwar l-isfidi tal-politika u r-riżorsi baġitarji għal Unjoni Ewropea sostenibbli wara l-2013 u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0193/2011),

A. billi l-Parlament iddeċieda li jwaqqaf kumitat speċjali bil-mandat li ġej:

(a) li jiddefinixxi l-prijoritajiet politiċi tal-Parlament għall-MFF ta' wara l-2013, kemm f'termini leġiżlattivi kif ukoll dawk baġitarji,

(b) li jagħmel stima tar-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex l-Unjoni tilħaq l-objettivi tagħha u twettaq il-politiki tagħha għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar 2014,

(c) li jiddefinixxi l-perjodu tal-MFF li jmiss,

(d) li jipproponi, skont dawk il-prijoritajiet u l-objettivi, struttura għall-MFF futur, li tindika l-oqsma ta' attività ewlenin tal-Unjoni,

(e) li jippreżenta linji gwida dwar allokazzjoni indikattiva tar-riżorsi bejn u fi ħdan l-intestaturi differenti tan-nefqa tal-MFF f'konformità mal-prijoritajiet u l-istruttura proposta,

(f) li jispeċifika r-rabta bejn riforma tas-sistema ta' finanzjament tal-baġit tal-UE u reviżjoni tan-nefqa biex jipprovdi lill-Kumitat għall-Baġits bażi tajba għan-negozjati dwar l-MFF il-ġdid,

B. billi l-kumitat speċjali għandu jippreżenta r-rapport finali tiegħu qabel ma l-Kummissjoni tippreżenta l-proposti tagħha għall-MFF li jmiss,

C. billi skont l-Artikolu 311 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Unjoni għandha tipprovdi għaliha nnifisha l-mezzi meħtieġa sabiex tikseb l-għanijiet tagħha u twettaq b'suċċess il-politika tagħha u għandha tiġi ffinanzjata kompletament minn riżorsi proprji,

D. billi skont l-Artikoli 312(5) u 324 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew għandu jkun involut kif xieraq fil-proċess ta' negozjati tal-MFF li jmiss,

E. billi d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona jsaħħaħ il-politiki tal-Unjoni u joħloq oqsma ġodda ta' kompetenza li għandhom jiġu riflessi fl-MFF li jmiss,

F. billi l-isfidi li qed jaffaċċjaw l-Unjoni u ċ-ċittadini, bħall-kriżi ekonomika globali, it-tkabbir rapidu tal-ekonomiji emerġenti, it-tranżizzjoni għal soċjetà sostenibbli u b'ekonomija li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti, l-indirizzar tat-tibdil fil-klima, l-isfidi demografiċi, inklużi l-interazzjoni tal-immigranti u l-protezzjoni tal-persuni li jfittxu asil, il-bidla fid-distribuzzjoni globali tal-produzzjoni u tal-iffrankar favur l-ekonomiji emerġenti, il-ġlieda kontra l-faqar, kif ukoll it-theddid tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, tat-terroriżmu u tal-kriminalità organizzata, jirrikjedu reazzjoni b'saħħitha mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha,

G. billi l-Unjoni Ewropea għandha aktar piż fil-livell internazzjonali mill-piż tal-Istati Membri individwali flimkien,

H. billi l-mira ewlenija tal-politika ta' koeżjoni tal-UE għandha tibqa' t-tnaqqis tad-disparitajiet soċjali, ekonomiċi u territorjali li għadhom jeżistu fl-Unjoni, u billi politika ta' koeżjoni viżibbli u ta' suċċess għandha minnha nnifisha Valur Miżjud Ewropew u għandhom jibbenefikaw minnha l-Istati Membri kollha tal-UE,

I. billi ċ-ċittadini tal-UE saru jistennew aktar mill-Unjoni u saru wkoll aktar kritiċi fir-rigward tal-prestazzjoni tagħha; u billi s-sjieda pubblika tal-Unjoni se terġa' tinkiseb biss meta ċ-ċittadini tagħha jkunu fiduċjużi li l-valuri u l-interessi tagħhom ikunu moqdija aħjar mill-Unjoni,

J. billi l-istrateġija Ewropa 2020 għandha tgħin lill-Ewropa tirkupra mill-kriżi u toħroġ minnha aktar b'saħħitha, permezz tal-ħolqien tal-impjiegi u ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv; billi din l-istrateġija hija bbażata fuq ħames miri emblematiċi tal-Unjoni dwar il-promozzjoni tal-impjiegi, it-titjib fil-kundizzjonijiet għall-innovazzjoni, għar-riċerka u għall-iżvilupp, l-issodisfar tal-objettivi tat-tibdil fil-klima u tal-enerġija, it-titjib fil-livelli tal-edukazzjoni u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, b'mod partikolari permezz tat-tnaqqis tal-faqar,

K. billi l-baġit tal-Unjoni huwa aġent b'saħħtu għar-riforma; u billi l-impatt tiegħu jista' jitkabbar jekk jimmobilizza sorsi addizzjonali ta' finanzjament privat u pubbliku biex jappoġġa l-investiment, biex b'hekk ikun qed jaġixxi ta' katalist fl-effett multiplikatur tal-infiq tal-Unjoni; billi l-prinċipju hekk imsejjaħ "juste retour" m'għandu l-ebda motivazzjoni ekonomika, peress li ma jqisx kif xieraq il-Valur Miżjud Ewropew, l-effetti residwi, u l-ħtieġa ta' solidarjetà bejn il-pajjiżi tal-UE,

L. billi, skont l-Artikolu 3 TUE, l-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa għandu jkun mibni fuq tkabbir ekonomiku bbilanċjat u stabbiltà tal-prezzijiet, ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna, intiża li twassal għal livell massimu ta' impjieg u progress soċjali, u livell għoli ta' protezzjoni u ta' titjib tal-kwalità tal-ambjent,

M. billi l-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja soda huwa wieħed mill-prinċipji bażiċi għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni; u billi ħafna Stati Membri qed jagħmlu aġġustamenti fiskali diffiċli għall-baġits nazzjonali tagħhom; u billi l-ġestjoni finanzjarja soda - l-effiċjenza, l-effikaċja, l-ekonomija - saru dejjem aktar importanti fl-infiq pubbliku, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak tal-Istati Membri,

N. billi d-dispożizzjonijiet marbuta mal-aġġustament perjodiku tal-programmi tal-infiq għal bidliet fil-ħtiġijiet u fiċ-ċirkostanzi ma kinux biżżejjed; u billi n-natura kumplessa tar-regolamenti u tar-regoli kienet waħda mir-raġunijiet għal sistemi ta' ġestjoni u kontroll li ma kellhomx prestazzjoni tajba;

O. billi l-ewwel erba' snin tal-MFF attwali 2007-2013 urew b'mod ċar il-limiti tal-kapaċità tal-qafas finanzjarju li jakkomoda żviluppi u prijoritajiet ġodda mingħajr ma jipperikola oħrajn li diġà jeżistu; u billi l-MFF atwali ma kienx kapaċi jirreaġixxi malajr għal impenji ġodda bħall-Galileo, l-ITER, il-Faċilità tal-Ikel jew il-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku,

P. billi l-introduzzjoni tar-riżorsa tal-IGN fl-1988 fis-sistema ta' ffinanzjar tal-UE kienet intiża li tikkumplimenta temporanjament tnaqqis fir-riżorsi proprji, iżda ġiet estiża u rinforzata tul is-snin u llum hija l-komponent ewlieni tar-riżorsi baġitarji tal-UE; billi din il-predominanza enfasizzat ix-xejriet tal-Istati Membri li jikkalkulaw il-bilanċ nett tagħhom, li l-konsegwenza tagħha hija serje ta' rifużjonijiet, korrezzjonijiet, eżenzjonijiet u kumpensi li jagħmlu s-sistema attwali tar-riżorsi proprji kumplessa u

opaka wisq, filwaqt li m'għandhiex rabtiet suffiċjenti ma' politiki eżistenti tal-Unjoni u hija nieqsa mill-ekwità u għalhekk ma tistax tiżgura finanzjar trasparenti u effiċjenti tal-politiki tal-Unjoni fl-interess Ewropew, u finalment din assolutament ma tistax tinftiehem miċ-ċittadini Ewropej,

Q. billi, fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Marzu 2011 dwar finanzjament innovattiv fuq livell globali ([1]) u Ewropew, il-Parlament Ewropew approva l-introduzzjoni ta' taxxa globali fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji TTF, li "tista' tgħin biex jiġu indirizzati l-mudelli ta' kummerċ li qed jiżdiedu u li huma ta' dannu kbir fis-swieq finanzjarji, bħalma huma t-tranżazzjonijiet b'xejriet lejn profitti b'terminu ta' żmien qasir u t-tranżazzjonijiet awtomatizzati tat-tip HFT, u biex titrażżan l-ispekulazzjoni",

## *Parti I: Sfidi ewlenin*

1. Jemmen li l-isfidi tal-ġejjieni - sew jekk id-demografija, it-tibdil fil-klima jew il-provvista tal-enerġija - huma oqsma fejn l-Unjoni Ewropea, li hija ħafna iktar mis-somma tal-Istati Membri tagħha, tista' turi l-valur miżjud tagħha;

2. Jinnota li l-kriżi attwali u r-restrizzjonijiet kbar fl-infiq pubbliku għamluha aktar diffiċli għall-Istati Membri biex jimxu 'l quddiem aktar f'termini ta' tkabbir, kompetittività akbar, l-ilħuq tal-konverġenza ekonomika u soċjali u biex jipparteċipaw b'mod sħiħ fis-suq intern; jemmen b'mod qawwi li s-soluzzjoni għall-kriżi hija aktar Ewropa u mhux anqas;

3. Jikkunsidra li l-kunċett ta' "Riżorsi sostenibbli għall-Unjoni Ewropea" ifisser l-ewwel u qabel kollox it-tfassil mill-ġdid tas-"sistema tar-riżorsi" tal-Baġit tal-UE sabiex il-kontribuzzjonijiet nazzjonali attwali jiġu sostitwiti b'riżorsi ġenwinament Ewropej;

4. Jikkunsidra li l-avvenimenti riċenti wrew li ż-żona tal-Euro għandha bżonn governanza ekonomika aktar kuraġġuża u li pilastru monetarju mingħajr pilastru soċjali u ekonomiku huwa destinat li jfalli; jikkunsidra li huwa essenzjali li l-Unjoni ssaħħaħ is-sistema tagħha tal-governanza ekonomika biex tiżgura l-implimentazzjoni tal-Istrateġija UE2020 (tirkupra u tissalvagwardja r-rati tat-tkabbir ekonomiku fuq perjodu twil ta' żmien), tipprevjeni ripetizzjoni tal-kriżi attwali u tissalvagwardja l-proġett Ewropew;

### *Il-bini ta' soċjetà bbażata fuq l-għarfien*

5. Jirrimarka li l-kriżi enfasizzat l-isfidi strutturali li l-parti l-kbira tal-ekonomiji tal-Istati Membri jridu jaffaċċjaw: produttività subottimali, livelli għolja ta' dejn pubbliku, żbilanċi fiskali kbar, qgħad strutturali, ostakoli persistenti fis-suq intern, mobilità baxxa tal-ħaddiema u kunċetti antikwati għall-ħiliet, li jikkontribwixxu għal tkabbir fqir; jenfasizza l-ħtieġa ta' investimenti f'oqsma ewlenin bħall-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, sabiex jintgħelbu dawn l-isfidi strutturali, u jenfasizza l-importanza li titreġġa' lura x-xejra ta' investimenti pubbliċi li kulma jmur qed jonqsu;

6. Ifakkar li skont ix-xejriet attwali tal-investiment, l-Asja tista' sal-2025 tkun minn ta' quddiem fl-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi; ifakkar madankollu li dawn il-bidliet mhux biss jirrappreżentaw sfidi tassew kbar imma wkoll opportunitajiet, bħal tkabbir qawwi fil-potenzjal tal-esportazzjoni għall-UE; huwa mħasseb li fl-edukazzjoni akkademika u vokazzjonali fil-livell terzjarju, l-Unjoni waqgħet lura peress li madwar 30 università Ewropea biss jikklassifikaw fost l-aħjar 100 università fid-dinja; jenfasizza li l-Ewropa qed taqa' lura wkoll fit-tellieqa tal-ħiliet u jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li sal-2020, 16-il miljun impjieg iehor se jirrikjedu kwalifiki għolja filwaqt li d-domanda għal ħiliet mingħajr kwalifiki se tonqos bi 12-il miljun impjieg;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2011)0080.

*Il-ġlieda kontra l-qgħad*

7. Jikkunsidra li waħda mill-isfidi l-kbar li jiffaċċjaw l-Unjoni Ewropea hija dik li żżomm il-kompetittività tagħha, iżżid it-tkabbir, tiġġieled il-livell għoli tal-qgħad, tiffoka fuq swieq tax-xogħol li jiffunzjonaw sew u fuq kundizzjonijiet soċjali biex titjieb il-prestazzjoni fl-impjiegi, tippromwovi x-xogħol diċenti, tiggarantixxi d-drittijiet tal-ħaddiema fl-Ewropa kollha kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol u t-tnaqqis tal-faqar;

*L-isfida tad-demografija*

8. Jinsisti li l-Unjoni għandha tindirizza l-isfida demografika tagħha; jinnota li t-taħlita ta’ popolazzjoni iżgħar li taħdem u sehem ikbar ta’ persuni li jirtiraw se tqiegħed piżijiet addizzjonali fuq is-sistemi soċjali tagħha u fuq il-kompetittività ekonomika tagħha;

*L-isfidi klimatiċi u tar-riżorsi*

9. Huwa mħasseb dwar il-fatt li l-espansjoni tal-popolazzjoni dinjija minn 6 għal 9 biljuni se tintensifika l-kompetizzjoni globali għar-riżorsi naturali u tagħmel pressjoni addizzjonali fuq l-ambjent globali u lokali; jinnota li d-domanda għall-ikel x’aktarx li se tikber b’70 % sal-2050 u li l-użu u l-ġestjoni ineffiċjenti u mhux sostenibbli tal-materja prima u tal-prodotti bażiċi jesponu liċ-ċittadini għal kompetizzjoni ta’ ħsara bejn l-ikel, il-preservazzjoni tan-natura u l-produzzjoni tal-enerġija, kif ukoll għal xokkijiet fil-prezzijiet li jiswew ħafna; jista’ jkollha wkoll konsegwenzi serji għall-industrija fir-rigward tal-opportunitajiet tan-negozju, inklużi restrizzjonijiet tal-aċċess għall-materja prima, filwaqt li thedded is-sigurtà ekonomika u tikkontribwixxi għat-tibdil fil-klima; għalhekk jenfasizza l-ħtieġa li l-UE tieħu azzjoni immedjatament u tmexxi l-proċess lejn ekonomija bbażata fuq użu sostenibbli tar-riżorsi;

10. Jiġbed l-attenzjoni għall-konsum li kulma jmur qed jikber tal-enerġija u għall-fatt li d-dipendenza fuq l-importazzjoni tal-enerġija mistennija tiżdied, b’mod li l-Unjoni se timporta, sal-2050, kważi żewġ terzi tal-ħtiġijiet tagħha jekk il-politiki attwali tal-enerġija ma jiġux modifikati b’mod adegwat u jekk l-UE u l-Istati Membri ma jżidux l-isforzi biex jiżviluppaw is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli tagħhom stess u jirrealizzaw il-potenzjal tal-effiċjenza tal-enerġija tagħhom, billi jqisu bis-sħiħ l-impenji tal-UE dwar l-enerġija u l-klima kif ukoll l-aspetti tas-sikurezza; iwissi li l-volatilità tal-prezzijiet u l-inċertezzi fil-provvisti se jmorru għall-agħar ukoll minħabba l-volatilità politika f’pajjiżi li għandhom ħafna enerġija; jitlob għalhekk li r-rotot tal-provvista u s-sħab kummerċjali jiġu ddiversifikati;

11. Jappoġġja l-idea li l-finanzjament kollu tal-UE meħud flimkien għandu jwassal għal titjib fl-istat ġenerali tal-ambjent Ewropew, tnaqqis tal-emissjonijiet ta’ gassijiet b’effett ta’ serra li għall-inqas jikkorrispondi għall-għanijiet fil-leġiżlazzjoni attwali tal-UE; jipproponi għalhekk li l-effetti pożittivi u negattivi tal-infiq tal-fondi tal-UE fuq il-klima u fuq l-ambjent għandhom jiġu analizzati f’livelli aggregati;

*Is-sigurtà interna u esterna u l-libertajiet personali*

12. Huwa tal-fehma li l-globalizzazzjoni żiedet is-sens ta’ vulnerabilità billi ġabet fix-xejn id-demarkazzjoni bejn il-forom interni u esterni tal-libertà, tal-ġustizzja u tas-sigurtà; huwa konvint li sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tas-sigurtà tas-seklu 21 filwaqt li jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet fundamentali u l-libertajiet personali jeħtieġ għalhekk li jkun hemm reazzjonijiet globali u antiċipatorji, li jistgħu jiġu pprovduti biss minn attur tad-daqs tal-Unjoni; huwa konvint li d-dimensjoni esterna tas-sigurtà tal-UE hija marbuta mill-qrib mad-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba tal-pajjiżi terzi, u li l-UE għandha responsabilità speċjali li tikkontribwixxi għal dan;

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

*L-Ewropa fid-dinja: issir parteċipant assertiv*

13. Huwa konvint li l-Unjoni, bħala qawwa politika, ekonomika u kummerċjali ewlenija, għandha tissodisfa r-rwol sħiħ tagħha fix-xena internazzjonali; ifakkar li t-Trattat ta' Lisbona jipprovdi għodod ġodda biex l-interessi u l-valuri Ewropej jiġu pprojettati aħjar madwar id-dinja; jenfasizza li l-Unjoni se żżid il-valur fix-xena globali u tinfluwenza d-deċiżjonijiet politiċi globali fil-każ biss li taġixxi b'mod kollettiv; jinsisti li rappreżentazzjoni esterna aktar b'saħħitha se jeħtieġ li tmur id f'id ma' koordinament intern aktar b'saħħtu;

*Il-garanzija ta' governanza tajba*

14. Huwa konvint li t-tisħiħ tas-sens tas-sjieda pubblika tal-Unjoni għandu jsir forza li tixpruna l-azzjoni kollettiva; jemmen li l-garanzija ta' "governanza tajba" hija l-aktar mezz b'saħħtu bil-bosta li għandha l-Unjoni biex tiżgura l-impenn u l-involviment kontinwu taċ-ċittadini tagħha;

***Parti II: L-ottimizzazzjoni tar-riżultati: ir-rwol tal-baġit tal-UE***

*Il-valur miżjud Ewropew u l-prezz tan-nuqqas ta' preżenza tal-Ewropa*

15. Jenfasizza li l-għan ewlieni tal-infiq baġitarju tal-UE huwa l-ħolqien ta' valur miżjud Ewropew (VME) billi jinġabru r-riżorsi, billi jagħmilha ta' katalist u billi joffri ekonomiji tal-kobor, effetti transkonfinali u residwi, biex b'hekk jikkontribwixxi għall-ilħuq ta' miri politiċi komuni miftiehma b'mod aktar effikaċi jew aktar malajr u jnaqqas l-infiq nazzjonali; ifakkar li, bi prinċipju, għandu jiġi evitat kwalunkwe infiq doppju u fondi allokati sovraposti f'diversi linji tal-baġit u li l-infiq tal-UE għandu dejjem jimmira li joħloq aktar valur mill-infiq individwali aggregat tal-Istati Membri; jikkunsidra li l-qafas finanzjarju multiannwali, użat tajjeb, jikkostitwixxi strument importanti ħafna għall-ippjanar fuq perjodi twal ta' żmien tal-proġett Ewropew billi jqis il-perspettiva Ewropea u l-valur miżjud tal-Unjoni;

16. Jiġbed l-attenzjoni lejn l-oqsma li ġejjin bħala kandidati potenzjali għal sinerġija ikbar u ekonomiji tal-kobor: is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, l-għajnuna umanitarja u b'mod iktar speċifiku l-kapaċità ta' reazzjoni rapida tal-UE, il-ġbir flimkien tar-riżorsi tad-difiża, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, il-proġetti l-kbar tal-infrastruttura (partikolarment fil-qasam tal-enerġija u t-trasport) u s-sorveljanza tas-suq finanzjarju;

17. Iqis li, flimkien mal-kontroll tas-sussidjarjetà permezz tal-parlamenti nazzjonali minqux fit-Trattat ta' Lisbona, għandha ssir valutazzjoni tal-VME għal kull proposta leġiżlattiva b'rilevanza baġitarja bħala kwistjoni tal-aħjar prattika; jinsisti, madankollu, fuq il-fatt li l-valutazzjoni tal-VME tirrikjedi aktar minn "approċċ statistiku", u li valutazzjoni politika teħtieġ teżamina jekk l-azzjoni ppjanata hux se tikkontribwixxi b'mod effiċjenti u effikaċi għal objettivi komuni tal-UE u jekk hux se toħloq beni pubbliċi tal-UE; jinnota li l-elementi ewlenin u l-iktar importanti tal-VME, bħall-paċi, l-istabilità, il-libertà, il-moviment liberu tal-persuni, tal-merkanzija, tas-servizzi u tal-kapital, ma jistgħux jiġu vvalutati f'termini numeriċi;

18. Jenfasizza l-ħtieġa li tingħata prova tal-konsistenza tal-infiq kollu tal-UE mal-obbligi tat-Trattat, mal-acquis communautaire jew mal-għanijiet ewlenin tal-politika tal-UE; jenfasizza li l-VME jista' jiġi ġġenerat mhux biss bl-infiq, iżda wkoll b'leġiżlazzjoni Ewropea u permezz tal-koordinament tal-politiki nazzjonali u tal-UE fl-oqsma ekonomiċi, fiskali, baġitarji u soċjali; huwa konvint li l-Valur Miżjud Ewropew tal-infiq skont l-MFF futur għandu jitjieb; jenfasizza li l-finanzjament tal-UE għandu, kull meta jkun possibbli, jikkontribwixxi għal iktar minn għan wieħed tal-politika tal-UE fl-istess ħin (pereżempju l-koeżjoni territorjali, l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-ħarsien tal-bijodiversità);

19. Huwa tal-opinjoni qawwija li l-investimenti fil-livell tal-UE jistgħu jwasslu għal iffrankar li b'mod sinifikattiv ikun ogħla, notevolment fl-oqsma fejn l-UE mingħajr dubju għandha aktar valur miżjud mill-baġits nazzjonali; jemmen bis-sħiħ li l-prinċipju tal-VME għandu jkun il-bażi tan-negozjati kollha tal-ġejjieni dwar il-baġit tal-UE; jilqa', għalhekk, l-impenn tal-Kummissjoni li tniedi analiżi komprensiva tal-"prezz tan-nuqqas ta' preżenza tal-Ewropa" għall-Istati Membri u għal-baġits nazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tippubblika dan ir-rapport fiż-żmien opportun biex il-Parlament ikun jista' jqisu matul il-proċess tan-negozjati għall-MFF li jmiss;

20. Jitlob koordinament imtejjeb bejn il-baġit tal-UE u l-baġits nazzjonali tal-Istati Membri fl-iffinanzjar tal-prijoritajiet politiċi komuni; itenni l-ħtieġa li l-infiq tal-fondi pubbliċi jiġi kkoordinat mill-ippjanar sal-implimentazzjoni sabiex jiġu żgurati l-komplementarjetà, effiċjenza u viżibilità aħjar kif ukoll simplifikazzjoni aħjar tal-baġit tal-UE; jemmen li l-mekkaniżmu ta' koordinament il-ġdid tal-politika ekonomika u baġitarja (is-"semestru Ewropew") għandu jkollu rwol importanti fl-allinjament tal-miri tal-politika madwar l-Ewropa u mal-miri tal-UE u b'hekk jgħin fil-kisba tas-sinerġiji baġitarji mixtieqa bejn il-baġit tal-UE u dawk nazzjonali;

*Baġit effiċjenti*

21. Iqis li, filwaqt li l-prinċipju tal-VME għandu jintuża biex jiggwida d-deċiżjonijiet futuri li jiddeterminaw il-prijoritajiet fl-infiq, l-użu effiċjenti u effikaċi tal-approprjazzjonijiet għandu jwassal għall-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet differenti;

22. Jenfasizza li sabiex jinkisbu riżultati ottimali għal tkabbir u żvilupp sostenibbli fil-post, għal solidarjetà u koeżjoni, għandha tingħata prijorità lit-titjib tas-sinerġiji bejn il-fondi kollha tal-baġit tal-UE li għandhom impatt fuq l-iżvilupp ekonomiku u lil approċċ integrat bejn setturi differenti, lill-iżvilupp ta' politiki orjentati lejn ir-riżultati u, fejn ikun xieraq, lill-użu ta' kundizzjonalitajiet, lill-prinċipji "tagħmilx ħsara" u "min iniġġes iħallas", fatturi ta' suċċess u indikaturi tal-prestazzjoni u tal-eżitu;

*L-użu tal-baġit bħala lieva għall-investiment*

23. Ifakkar li l-baġit tal-UE huwa primarjament baġit ta' investiment, li jista' jiġġenera iktar investiment minn sorsi pubbliċi jew privati; iqis li se jkun kruċjali li jiġi attratt kapital addizzjonali biex jintlaħqu l-ammonti sinifikanti ta' investiment meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi politiċi ta' Ewropa 2020; jenfasizza, b'mod partikolari, il-ħtieġa li jiġi mmassimizzat l-impatt tal-finanzjament tal-UE billi jiġu mmobilizzati, miġbura u sfruttati r-riżorsi finanzjarji pubbliċi u privati għall-infrastrutturi u għal proġetti kbar ta' interess Ewropew, mingħajr ma jkun hemm distorsjonijiet tal-kompetizzjoni;

24. Jieħu nota tal-iżvilupp mid-disgħinijiet 'l hawn ta' sħubijiet pubbliċi-privati istituzzjonalizzati (PPPs) fl-Unjoni, inter alia fis-settur tat-trasport, fil-qasam tal-bini u t-tagħmir pubbliku, u l-ambjent, bħala forom ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi u s-settur privat u strument addizzjonali ta' forniment għall-infrastruttura u servizzi pubbliċi strateġiċi; huwa madankollu mħasseb dwar xi problemi sottostanti li għandhom il-PPPs u jinsisti li t-tfassil ta' PPPs futuri għandu jqis il-lezzjonijiet misluta u jsewwi n-nuqqasijiet tal-passat;

25. Jieħu nota tal-esperjenza preċedenti ġeneralment pożittiva tal-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi - inkluż it-taħlit ta' għotjiet u self u l-mekkaniżmi għall-qsim tar-riskji, bħall-Istrument ta' Garanzija għas-Self għal proġetti tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (LGTT), il-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (RSFF) u l-istrumenti tal-politika ta' koeżjoni (JEREMIE, JESSICA, JASPERS u JASMINE) - biex jiġi indirizzat objettiv speċifiku tal-politika; iqis li l-Unjoni għandha tieħu azzjoni notevolment biex issaħħaħ l-użu tal-fondi tal-UE bħala katalist biex tiġbed finanzjament addizzjonali mill-BEI, mill-BERŻ, minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra u mis-settur privat;

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

26. Jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tipproponi miżuri biex testendi s-sistema tal-finanzjament innovattiv, wara l-eżami dettaljat tagħha u wara valutazzjoni preċiża tal-ħtiġijiet ta' investiment pubbliku u privat kif ukoll metodoloġija għall-koordinament tal-finanzjament minn sorsi differenti; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-qafas legali nazzjonali tagħhom jippermetti l-implimentazzjoni ta' dawn is-sistemi; jitlob, għalhekk, li jissaħħaħ b'mod sostanzjali l-qafas regolatorju, baġitarju u operazzjonali ta' dawn il-mekkaniżmi, biex tiġi żgurata l-effikaċja tagħhom f'termini ta' multiplikazzjoni tal-investiment, sostenibilità, l-użu xieraq tar-riżorsi tal-UE u biex jiġu garantiti monitoraġġ, rappurtar u responsabilità adegwati; jinsisti barra minn hekk fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li r-riskji sottostanti jiġu kkwantifikati u kkunsidrati kif jixraq;

27. Jinnota d-diffikultajiet storiċi biex jinstabu investituri privati għall-proġetti kbar tal-UE; jirrikonoxxi li l-kriżi finanzjarja wasslet lill-investituri privati biex saħansitra joqogħdu aktar lura qabel ma jiffinanzjaw proġetti tal-UE u żvelat il-ħtieġa li terġa' tiġi ggwadanjata biżżejjed fiduċja biex proġetti ta' investiment kbar jiġbdu l-appoġġ li jeħtieġu; jenfasizza li l-appoġġ tal-baġit tal-UE se jkun meħtieġ, fit-terminu l-qasir kif ukoll f'dak twil, biex jattira u jimmobilizza l-fondi privati favur proġetti ta' interess Ewropew, speċjalment għal dawk il-proġetti b'valur miżjud Ewropew li jkunu ekonomikament vijabbli imma li ma jkunux ikkunsidrati bħala kummerċjalment vijabbli;

28. Jilqa', għalhekk, l-Inizjattiva tal-Bonds Ewropa 2020 għall-Proġetti, bħala mekkaniżmu għall-kondiviżjoni tar-riskji mal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) li jipprovdu appoġġ limitat mill-baġit tal-UE, li għandhom jimmultiplikaw il-fondi tal-UE u jiġbdu aktar interess minn investituri privati biex jipparteċipaw fi proġetti prijoritajiet tal-UE bi qbil mal-objettivi ta' Ewropa 2020; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta kompluta dwar il-bonds tal-UE għall-proġetti, billi tibni fuq l-esperjenza eżistenti bi strumenti konġunti UE-BEI, u tinkludi kriterji ċari u trasparenti għall-eliġibilità u għall-għażla tal-proġetti; ifakkar li l-proġetti ta' interess għall-UE li jiġġeneraw ftit dħul se jkomplu jirrikjedu finanzjament permezz ta' għotjiet; huwa mħasseb li d-daqs limitat tal-baġit tal-UE jista' eventwalment jimponi limitazzjonijiet biex jingħata ingranaġġ addizzjonali għal inizjattivi ġodda;

29. Itenni l-ħtieġa li tiġi żgurata l-akbar trasparenza, responsabilizzazzjoni u skrutinju demokratiku għall-istrumenti u l-mekkaniżmi finanzjarji innovattivi li jinvolvu l-baġit tal-UE; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tipproponi qafas ta' implimentazzjoni u ta' eleġibilità ta' proġetti - li jiġi deċiż permezz ta' proċedura leġiżlattiva ordinarja - li jiżgura fluss kontinwu ta' informazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-awtorità baġitarja fir-rigward tal-użu ta' dawn l-istrumenti fl-Unjoni kollha, li b'hekk jippermetti li l-Parlament jivverifika li l-prijoritajiet politiċi tiegħu jintlaħqu, kif ukoll kontroll isħaħ fuq dawn l-istrumenti mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri;

*L-iżgurar ta' ġestjoni finanzjarja soda*

30. Iqis li t-titjib tal-implimentazzjoni u tal-kwalità tal-infiq għandhom ikunu prinċipji gwida biex jintlaħaq użu ottimali tal-baġit tal-UE u biex jitfasslu u jiġu ġestiti l-programmi u l-attivitajiet wara l-2013;

31. Jenfasizza, barra minn hekk, li t-tfassil tal-programmi tal-infiq għandu jagħti l-akbar attenzjoni lill-prinċipji taċ-ċarezza tal-objettivi, tal-konformità sħiħa mal-acquis Komunitarju u tal-komplementarjetà tal-istrumenti u tal-azzjonijiet, tal-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tar-regoli dwar l-eliġibilità u l-implimentazzjoni, tat-trasparenza u ta' responsabilità sħiħa u miftehma; jenfasizza l-importanza tal-ibbaġitjar bejn is-sessi bħala għodda ta' governanza tajba għat-titjib tal-effiċjenza u l-ekwità;

32. Jenfasizza, b'mod partikolari, li s-simplifikazzjoni tar-regoli u tal-proċeduri għandha tkun prijorità orizzontali ewlenija u huwa konvint li r-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju għandu jkollha rwol kruċjali f'dan ir-rigward;

33. Jenfasizza li t-titjib tal-ġestjoni finanzjarja fl-Unjoni għandu jiġi appoġġat permezz ta' sorveljanza mill-qrib tal-progress fil-Kummissjoni u fl-Istati Membri; jinsisti li l-Istati Membri għandhom jieħdu r-responsabilità għall-ġestjoni tal-fondi tal-UE u joħorġu dikjarazzjoni nazzjonali ta' kull sena dwar l-użu tal-fondi tal-UE f'livell politiku xieraq;

34. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi indirizzata t-tendenza ta' livell dejjem jikber ta' impenji mhux minfuqa (RAL); ifakkar li, skont il-Kummissjoni, il-livell ta' RAL sal-aħħar tal-2013 se jkun jammonta għal EUR 217 biljun; jinnota li ċertu livell ta' RAL ma jistax jiġi evitat meta jiġu implimentati l-programmi multiannwali, imma jenfasizza madankollu li l-eżistenza ta' impenji mhux minfuqa, skont id-definizzjoni jitolbu li għandhom isiru ħlasijiet korrispondenti; għalhekk ma jaqbilx mal-approċċ tal-Kunsill li jiddeċiedi dwar il-livell tal-ħlasijiet a priori, mingħajr ma jqis valutazzjoni preċiża tal-ħtiġijiet attwali; għalhekk se jagħmel ħiltu kollha matul il-proċedura kollha tal-baġit annwali fl-MFF li jmiss biex inaqqas id-diskrepanza bejn l-impenji u l-approprjazzjonijiet tal-ħlas permezz ta' żieda xierqa fil-livell tal-ħlasijiet;

35. Jemmen b'mod qawwi li hija meħtieġa valutazzjoni tal-punti ta' saħħa u ta' dgħufija tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll ta' kull Stat Membru f'oqsma politiċi individwali biex tittejjeb il-kwalità tal-ġestjoni u tal-kontroll tal-fondi tal-UE mill-Istati Membri; jemmen ukoll li ġestjoni aħjar, anqas burokrazija u aktar trasparenza, kif ukoll kontrolli aħjar, u mhux aktar kontrolli, huma meħtieġa biex jiżdiedu l-effiċjenza u l-effikaċja tal-fondi tal-UE, anke fir-rigward tar-rata tal-assorbiment tagħhom; iqis f'dan ir-rigward li għandu jinstab bilanċ bejn il-livell tal-kontroll u l-kost tiegħu;.

36. Jenfasizza l-importanza taċ-ċertezza legali u tal-kontinwità baġitarja għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-politiki u l-programmi multiannwali; jemmen, għalhekk, li r-regoli m'għandhomx jinbidlu matul il-perjodi tal-ipprogrammar mingħajr ġustifikazzjoni opportuna u valutazzjoni xierqa tal-impatt, għaliex dan jista' jirriżulta fi spejjeż tat-tranżizzjoni ogħla, implimentazzjoni aktar bil-mod u riskju iżjed ta' żball;

37. Jenfasizza li l-kapaċità istituzzjonali hija wieħed mill-elementi ewlenin għal żvilupp, implimentazzjoni u sorveljanza ta' suċċess tal-politiki tal-Unjoni; iqis, għalhekk, li t-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali u amministrattiva fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali jistgħu jkunu l-pedament ta' aġġustamenti strutturali u jikkontribwixxu għall-assorbiment mingħajr xkiel u b'suċċess tar-riżorsi tal-UE;

***Parti III: Il-prijoritajiet politiċi***

38. Ifakkar li d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona jsaħħaħ il-politiki tal-Unjoni u jagħti lill-Unjoni prerogattivi ġodda sinifikanti, l-iktar fl-oqsma tal-azzjoni esterna, tal-isport, tal-ispazju, tat-tibdil fil-klima, tal-enerġija, tat-turiżmu u tal-protezzjoni ċivili; jenfasizza li dan jirrikjedi riżorsi finanzjarji sinifikanti; ifakkar f'dan il-kuntest l-Artikolu 311 TFUE li jitlob li l-Unjoni tipprovdi lilha nnifisha bil-mezzi meħtieġa biex tilħaq l-objettivi tagħha u twettaq il-politiki tagħha;

*Baġit li jappoġġa l-objettivi ta' Ewropa 2020*

39. Jemmen li l-istrateġija Ewropa 2020 għandha tkun ir-riferiment politiku ewlieni għall-MFF li jmiss; jisħaq, fl-istess ħin, li l-Ewropa 2020 mhijiex strateġija li tinkludi kollox u li tkopri l-oqsma kollha tal-politika tal-Unjoni; jenfasizza li politiki oħra bbażati fuq it-Trattat li għandhom objettivi differenti ukoll se jeħtieġu li jkunu riflessi kif xieraq fl-MFF li jmiss;

40. Huwa tal-fehma li l-Istrateġija Ewropa 2020 għandha tgħin lill-UE tirkupra mill-kriżi u toħroġ aktar b'saħħitha billi ttejjeb il-kundizzjonijiet għal - u l-infiq pubbliku fuq - l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp, tilħaq l-għanijiet tal-UE dwar it-tibdil fil-klima u l-enerġija, ittejjeb il-livelli tal-edukazzjoni u tippromwovi l-inklużjoni soċjali, b'mod partikolari permezz tat-tnaqqis tal-faqar; jinnota li Ewropa 2020 hija intiża li tindirizza mhux biss it-tkabbir ekonomiku u l-istabilità finanzjarja fuq żmien qasir, imma t-trasformazzjoni strutturali fuq żmien itwal għal passaġġ ta' tkabbir aktar sostenibbli u b'karbonju baxx u bi ftit emissjonijiet tal-karbonju bbażat fuq l-użu aktar effikaċi tar-riżorsi;

41. Iqis li l-kontenut attwali tal-istrateġija Ewropa 2020, bħall-miri ewlenin, il-proposti emblematiċi, l-imblokki u l-indikaturi għadhom ta' natura ġenerali ħafna u jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti aktar dettaljati; iqis, barra minn hekk, li t-tnedija mill-ġdid tas-suq uniku hija element essenzjali tal-istrateġija Ewropa 2020 li jżid is-sinerġiji bejn id-diversi inizjattivi emblematiċi tagħha; jenfasizza li kull objettiv tal-istrateġija jista' jintlaħaq biss permezz ta' impenji konkreti mill-Istati Membri fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom, politiki b'mekkaniżmi li huwa ppruvat li jagħtu r-riżultati, u proposti leġiżlattivi konkreti u konsistenti;

42. Jenfasizza, barra minn hekk, li l-istrateġija Ewropa 2020 tista' biss tkun kredibbli jekk tkun żgurata l-konsistenza bejn l-objettivi tagħha u l-fondi allokati għalihom f'livell nazzjonali u f'livell ta' UE; huwa tal-fehma li l-MFF li jmiss għandu jirrifletti l-ambizzjonijiet tal-istrateġija Ewropa 2020 u huwa ddeterminat li jaħdem mal-Kummissjoni u l-Istati Membri jipproduċu qafas kredibbli ta' finanzjament li jiżgura, b'mod partikolari, finanzjament adegwat għall-inizjattivi emblematiċi u l-objettivi primarji tagħha; jisħaq, f'dan ir-rigward, li l-kompiti, ir-riżorsi u r-responsabilitajiet iridu jkunu definiti b'mod ċar u orkestrati sew bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali; jistieden lill-Kummissjoni tiċċara d-dimensjoni baġitarja tal-inizjattivi emblematiċi peress li dawn il-pjanijiet ta' azzjoni prijoritarji jaffettwaw il-politiki kollha ffinanzjati mill-baġit tal-UE;

43. Iwissi li l-iżvilupp ta' strateġija Ewropa 2020 fuq għaxar snin jirrikjedi flessibilità baġitarja suffiċjenti biex jiġi żgurat li l-mezzi baġitarji jkunu jistgħu jiġu allinjati kif suppost maċ-ċirkostanzi u l-prijoritajiet skont kif jevolvu;

*Baġit li jappoġġa l-governanza ekonomika*

44. Jenfasizza l-fatt li fil-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja attwali, sa EUR 60 biljun f'garanziji għas-self iridu jiġu koperti bil-marġni bejn ir-riżorsi proprji u l-infiq annwali bbaġitjat; jindika l-obbligi addizzjonali maqbula fil-kuntest tal-għajnuna finanzjarja għal perjodu medju ta' żmien lil Stati li mhumiex membri taż-żona tal-euro, li jridu jiġu koperti bl-istess marġni;

45. Jitlob li s-simestru Ewropew jipprevedi koordinament u sinerġiji baġitarji aħjar bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, biex b'hekk jiżdied il-VME; jitlob li s-simestru Ewropew iżid ukoll il-koordinament ekonomiku fost l-Istati Membri b'konformità mal-prinċipju tal-metodu tal-Komunità u li jipprovdi governanza ekonomika mtejba liż-żona tal-euro u lill-Istati Membri li jixtiequ jissieħbu biex b'hekk tonqos il-ħtieġa li jsir użu mill-Mekkaniżmu ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja; jemmen li s-simestru Ewropew għandu jiffoka fuq it-titjib tas-sinerġiji bejn l-investimenti pubbliċi Ewropej u nazzjonali;

46. Jinnota li l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilità (MES) wara l-2013 ġie organizzat b'mod purament intergovernattiv; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar dan l-iżvilupp u jenfasizza n-nuqqas ta' kontroll u responsabilità demokratiċi kif ukoll l-infurzar tal-approċċ intergovernattiv; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi kkunsidrat il-metodu Komunitarju għall-MES; ifakkar li l-baġit tal-UE jipprovdi garanziji għal self għall-Istati Membri mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja, kif ukoll il-faċilità tal-għajnuna ta' nofs it-terminu għall-bilanċ tal-pagamenti tal-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-Euro;

47. Ifakkar li l-munita Ewropea nħolqot mingħajr konverġenza ekonomika reali bejn l-istati li xtaqu jintroduċuha, u fin-nuqqas ta' baġit tal-Unjoni kbir biżżejjed biex jakkomoda munita tiegħu nnifsu; iqis li dan il-baġit ikun jeħtieġ li partijiet sinifikanti mill-infiq attwali tal-Istati Membri jiġi sostitwit bl-infiq tal-Unjoni mir-riżorsi fiskali tagħha stess sabiex jitqies kif dovut il-metodu Komunitarju u jipprovdi liż-żona tal-Euro u lill-UE bl-istabilità fiskali meħtieġa sabiex tingħeleb il-kriżi tad-dejn; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tivvaluta l-impatt li jista' jkun hemm minn sistema tal-Eurobonds fuq il-Baġit tal-UE;

*Għarfien għat-tkabbir*

Ir-riċerka u l-innovazzjoni

48. Jinnota l-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-aċċelerazzjoni tat-tranżizzjoni lejn ekonomija li tkun minn ta' quddiem fid-dinja, ibbażata fuq l-għarfien u sostenibbli; jemmen għalhekk li l-MFF li jmiss għandu jkun fih ammont ikbar ta' riżorsi baġitarji f'oqsma li jistimulawi t-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività, bħala huma r-riċerka u l-innovazzjoni skont prinċipji Ewropej ta' valur miżjud u eċċellenza;

49. Huwa konvivnt bis-sħiħ tal-valur miżjud tal-ġbir flimkien tal-infiq nazzjonali għar-riċerka u innovazzjoni fil-baġit tal-UE sabiex ikun jista' jilħaq il-massa kritika u l-ekonomiji tal-kobor meħtieġ, jitjieb l-impatt u jitnaqqas l-irduppjar u ħela ta' fondi skarsi;

50. Jemmen li huwa meħtieġ sforz pubbliku u privat miftiehem, inkluż kemm fil-livelli Ewropej u nazzjonali biex tintlaħaq il-mira ta' Ewropa 2020 ta' 3 % tal-prodott gross domestiku (PGD) f'nefqa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp, biex jinkiseb il-ħolqien taż-Żona Ewropea ta' Riċerka u għal "Unjoni tal-Innovazzjoni"; jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej u lill-Istati Membri biex jaqblu mingħajr dewmien ulterjuri dwar pjan direzzjonali speċifiku dwar kif se jintlaħaq dan l-objettiv, u jindika l-impenn ekonomiku kbir li dan se jġib miegħu u, li jammonta għal 130 biljun euro fis-sena, kemm għall-baġit tal-UE kif ukoll għal dak nazzjonali, u d-doppju għas-settur privat;

51. Jemmen li fondi pubbliċi għar-riċerka u l-iżvilupp jeħtieġ jiżdiedu sostanzjalment għaliex l-investiment pubbliku bosta drabi jservi ta' inċentiv għall- investiment privat li jirriżulta; jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħaħ, jiġi stimulat u jiġi żgurat il-finanzjament tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fl-Unjoni permezz ta' żieda sinifikanti fin-nefqa rilevanti mill-2013 'il quddiem, b'mod partikolari għat-Tmien Programm Qafas għar-Riċerka; jenfasizza f'dan ir-rigward ir-rwol katalitiku li kellha l-politika għall-koeżjoni fil-perjodu attwali ta' programmazzjoni għaż-żieda tal-investiment fl-iżvilupp u r-riċerka, u jheġġeġ li din ix-xejra titkompla u tissaħħaħ fil-perjodu li jmiss.

52. Jenfasizza li ż-żieda fil-fondi trid isseħħ flimkien ma' simplifikazzjoni radikali tal-proċeduri ta' finanzjament; huwa mħasseb b'mod partikolari dwar l-assorbiment baxx ta' fondi tal-UE mill-komunita xjentifika Ewropea u jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli l-isforzi tagħha biex tirrikonċilja d-domandi biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u biex jiġi ssimplifikat l-aċċess għal flussi ta' finanzjament għar-riċerkaturi u l-SMEs u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, filwaqt li jinżamm kontroll baġitarju suffiċjenti; jenfasizza l-ħtieġa li l-SMEs jiġu eżentati minn ċerti rekwiżiti amministrattivi billi titnaqqas il-burokrazija u titheġġeġ l-innovazzjoni permezz ta' aċċess aktar faċli għall-finanzi;

53. Jitlob rabta isħaħ bejn ir-riċerka bażika u l-innovazzjoni industrijali u bejn l-innovazzjoni u l-proċess tal-manifattura; ifakkar b'mod partikolari li waħda mid-diffikultajiet ewlenin fir-riċerka u l-iżvilupp Ewropej huwa l-fatt li mhumiex jiotwasslu riżultati b'mod effikaċi għas-suq; jenfasizza, f'dan ir-rigward u jenfasizza l-importanza li jinħolqu inċentivi biex prodotti tar-riċerka u l-iżvilupp jiġu kummerċjalizzati, b'mod partikolari permezz ta' aċċess aktar faċli għall-finanzjament; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza ta' fondi differenti li jiffunzjonaw tajjeb flimkien sabiex jintlaħaq dan u jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel aġġustamenti neċessarji sabiex il-fondi rilevanti jkunu jistgħu jikkompletaw lil xulxin;

54. Ifakkar li biex jintlaħqu l-miri tal-UE dwar il-klima u l-enerġija, l-isforzi għar-riċerka u l-iżvilupp l-UE għandhom jitkabbru b'mod sinifikattiv l-aktar fuq ir-riċerka ambjentali, l-effiċjenza enerġetika u t-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli; iqis, barra minn hekk, li l-istatus ta' pożizzjoni quddiemija tal-Ewropa fuq it-teknoloġiji l-ħodor tista' tinżamm biss jekk tkun mirfuda minn sforzi xierqa ta' riċerka;

55. Jemmen li mhumiex biss is-sussidji li l-kumpaniji Ewropej innovattivi jeħtieġu, iżda wkoll leġiżlazzjoni aħjar, rabtiet aħjar mal-bażi ta' riċerka u aċċess aħjar u aktar divers għall-iffinanzjar u l-finanzjament, li jvarjaw minn għotjiet, għal self u finanzjament ta' ekwità; jitlob għalhekk lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex joħolqu fil-livell nazzjonali u f'dak Ewropew il-kundizzjonijiet it-tajba li jagħtu lok biex is-settur privat iżid is-sehem tiegħu fl-investimenti għar-riċerka u l-iżvilupp; jenfasizza l-bżonn li jissaħħu l-partnerships pubbliċi u privati, inkluż permezz tat-tneħħija tal-burokrazija u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri eżistenti; jenfasizza, f'dan ir-rigward, ir-rwol importanti li għandu jkollhom il-BEI u l-FEI u jqis, b'mod partikolari, li l-istrumenti permanenti għall-kondiviżjoni tar-riskji offruti mill-BEI permezz tal-RSFF għandhom jitkabbru, b'mod partikolari f'appoġġ lil SMEs;

56. Jenfasizza li l-innovazzjoni hija waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020; jirrikonoxxi r-rwol potenzjali tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija bħala xprun tat-tkabbir sostenibbli u tal-kompetittività tal-UE, permezz tal-istimolu ta' innovazzjoni fost l-aktar avvanzata fid-dinja, u jitlob li l-Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzjoni jitwessgħu u jiġu ffinanzjati kif jixraq; jenfasizza l-importanza tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka biex jipprovdi l-għarfien l-aktar avvanzat għal innovaturi futuri u li jingħata appoġġ għal ideat ta' riċerka b'riskju għoli; jappoġġja barra minn hekk il-ħtieġa ta' tfassil ta' strateġiji finanzjarji fit-tul sabiex jinkiseb finanzjament għall-proġetti fuq skala kbira tar-riċerka u l-iżvilupp;

L-industrija u l-SMEs

57. Jenfasizza li l-bażi industrijali kompetittiva, innovattiva u diversifikata hija importanti biex jintlaħaq l-objettiv li tinħoloq ekonomija Ewropea kompetittiva, sostenibbli u inklużiva; ifakkar li l-SMEs huma xpruni ewlenin tat-tkabbir ekonomiku, tal-kompetittività, tal-innovazzjoni u tal-impjiegi, u jirrikonoxxi r-rwol importanti tagħhom biex jiġi żgurat l-irkupru u tingħata spinta lill-ekonomija tal-UE sostenibbli; jilqa', għalhekk, l-enfasi li tpoġġiet mill-istrateġija Ewropa 2020 fuq l-innovazzjoni u l-politika industrijali, l-iktar permezz tal-inizjattivi ewlenin "Unjoni ta' Innovazzjoni" u "Politika industrijali integrata għall-era tal-globalizzazzjoni", u jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-azzjonijiet li huma rilevanti għall-SMEs f'inizjattivi ewlenin oħra;

58. Jitlob li l-SMEs u l-intraprendisti jitqiegħdu fil-qalba tal-istrateġija Ewropa 2020; jitlob, għalhekk, appoġġ imsaħħaħ fl-MFF li jmiss għall-programmi u l-istrumenti kollha immirati għat-trawwim tal-SMEs, b'mod partikolari l-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) l-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar, kif ukoll l-użu tal-Fondi Strutturali; jipproponi ggruppar aħjar tal-istrumenti u l-fondi Komunitarji għall-SMEs fil-baġit tal-UE; jenfasizza, barra minn hekk, il-ħtieġa ta' aċċessibilità akbar għall-istrumenti ta' finanzjament u tal-adattament tagħhom għall-ħtiġijiet tal-SMEs, inter alia permezz ta' enfasi isħaħ fuq il-mikrofinanza u l-istrumenti finanzjarji "mezzanine", tal-estensjoni u l-espansjoni tal-istrumenti ta' garanzija tas-CIP u tal-RSFF fil-Programm ta' Qafas għar-Riċerka;

L-aġenda diġitali

59. Jemmen li l-UE għandu jkollha rwol ta' tmexxija fil-ħolqien u fit-tkabbir tar-rwol tal-ICT u ta' standards miftuħa għall-innovazzjoni; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żviluppata ċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-kontenut u tal-għarfien, l-hekk imsejħa "ħames libertà"; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat it-twettiq rapidu tal-Aġenda Diġitali tal-Unjoni u li jitkomplu l-isforzi favur l-ilħuq sal-2020 tal-miri li jinkiseb aċċess għaċ-ċittadini kollha tal-UE għall-internet ta' spid għoli, ukoll fir-reġjuni l-anqas żviluppati;

L-ajru u l-ispazju

60. Jemmen li attivitajiet dwar l-ispazju jservu ta' bażi għall-attività tal-innovazzjoni u l-industrija, impjiegi ta' ħiliet kbar u jtejbu l-benessri u s-sigurtà taċ-ċittadini; huwa tal-fehma li l-iżvilupp tal-politika spazjali tal-UE li għadha kif ġiet stabbilita, tkun teħtieġ loġikament li jkollha finanzjament adegwat; jenfasizza l-importanza strateġika ta' proġetti kbar f'dan il-qasam: is-sistemi Globali Ewropej ta' Navigazzjoni bis-Satellita (Galileo u s-Servizz Ewropew ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja), il-programm ta' Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES), u s-sistema Ewropea tal-Ġenerazzjoni Ġdida għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (SESAR) li se jwasslu għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew; jinsisti li, meta jitqiesu l-perjodi twal ta' eżekuzzjoni involuti u l-livelli ta' investiment kapitali diġà impenjati għal dawn il-proġetti, huma meħtieġa impenji finanzjarji suffiċjenti u konsistenti tul il-perjodi tal-programmazzjoni finanzjarja;

Il-ħiliet it-tajba għall-forza tax-xogħol tal-ġejjieni

61. Jenfasizza li n-nuqqas ta' invesiment xieraq fl-edukazzjoni u tagħlim għal tul il-ħajja fuq perjodu qasir ta' żmien jista' jikkomplika l-kriżi u jtawwalha, minħabba li ċ-ċittadini ma jkollhomx il-ħiliet rikjesti għall-impjiegi fl-ekonomija tal-għarfien il-ġdida; jenfasizza għalhekk, bħala kwistjoni urġenti, il-bżonn li l-UE tappoġġja investimenti pubbliċi f'dawn l-oqsma; ifakkar li r-rata ta' studenti li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien u l-aċċess ristrett għall-edukazzjoni għolja u fil-livell universitarju huma fatturi bażiċi tal-iġġenerar ta' rata ta' qgħad għolja fuq perjodu ta' żmien twil u jikkostitwixxu frustrazzjoni għat-tama tal-koeżjoni soċjali; jemmen f'dan il-kuntest fil-ħtieġa urġenti li tissaħħaħ ir-rabta bejn l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp u l-impjiegi;

62. Jindika l-importanza li jiġu ffinanzjati b'mod adegwat il-programmi tal-edukazzjoni, skemi tal-mobilità għaż-żgħażagħ, programmi ta' taħriġ u tagħlim tul il-ħajja, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, u anke miżuri li jkollhom l-għan li jadattaw is-suq tax-xogħol peress li dan jagħti kontribut importanti fil-ġlieda kontra tluq prematur mill-iskejjel, il-qgħad u favur l-ilħuq tal-miriet ewlenin ta' Ewropa 2020; jemmen li t-tranżizzjoni lejn soċjetà sostenibbli fis-snin li ġejjin timplika li għandha tingħata konsiderazzjoni għall-importanza tal-promozzjoni ta' impjiegi ambjentali filwaqt li jkun meħtieġ taħriġ ġdid f'din id-direzzjoni;

63. Huwa tal-fehma li l-inizjattiva emlematika dwar ħiliet u impjiegi ġodda għandha tippermetti ffukar usa' fuq il-gruppi u n-nies l-aktar vulnerabbli li jiffaċċjaw diffikultajiet ta' aċċess għas-suq tax-xogħol, bħar-Roma; jenfasizza r-rwol fundamentali tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) biex jintlaħqu l-objettivi soċjali u tal-impjiegi tal-istrateġija Ewropa 2020; hu tal-fehma li għaldaqstant li l-FSE għandu jiġi ttrattat bħala prijorità politika u ffinanzjat kif xieraq; jinkoraġġixxi applikazzjoni aktar strateġika tal-FSE għat-titjib tal-ugwaljanza bejn is-sessi, l-aċċess għas-suq tax-xogħol u l-integrazzjoni mill-ġdid, u li jiġġieldu kontra l-qgħad, il-faqar u l-esklużjoni soċjali u l-forom kollha ta' diskriminazzjoni

*Koeżjoni għat-tkabbir u l-impjiegi*

64. Jenfasizza l-VME tal-politika ta' koeżjoni, peress li din il-politika hija mekkaniżmu stabbilit sew biex jintlaħqu t-tkabbir u l-impjiegi, strument importanti bħall-konverġenza, l-iżvilupp sostenibbli u s-solidarjetà u waħda mill-aktar politiki sinifikanti, viżibbli u li kellhom suċċess tal-Unjoni għal deċennji sħaħ; jirrimarka, madankollu, li politika ta' koeżjoni moderna għandha twettaq numru ta' riformi strutturali, partikolarment fil-qasam tas-semplifikazzjoni, tirreaġixxi għall-isfidi l-kbar li qed taffaċċja l-Unjoni u tippromwovi sinerġiji ma' politiki u strumenti oħra fil-post; huwa konvint li l-politika ta' koeżjoni tal-UE għandha tibqa' politika f'livell Ewropew li tagħti l-aċċess għal riżorsi, esperjenzi u assistenza lir-reġjuni kollha tal-Unjoni Ewropea;

65. Ifakkar li l-politika ta' koeżjoni għandha importanza ikbar wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona u bl-ankraġġ tal-koeżjoni territorjali fit-Trattat; huwa tal-fehma, f'dan ir-rigward, li għandha tissaħħaħ kull forma ta' kooperazzjoni territorjali (transkonfinali, transnazzjonali u interreġjonali); jenfasizza li jeħtieġ jiġu affrontati wkoll il-kooperazzjoni u l-istrateġiji makroreġjonali;

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

66. Jenfasizza r-rwol predominanti tal-politika ta' koeżjoni għall-ilħuq tal-objettivi ta' Ewropa 2020 u huwa tal-fehma li politika ta' koeżjoni soda u awtonoma hija prerekwiżit għall-implimentazzjoni b'suċċess ta' din l-istrateġija; jenfasizza li, minħabba n-natura orizzontali tagħha, il-politika ta' koeżjoni tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tliet prijoritajiet li huma tal-istrateġija Ewropa 2020, jiġifieri t-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inkluživ, u li dan għandu jkun rifless fl-istruttura tal-MFF li ġej bir-riġett ta' kull frammentazzjoni ta' din il-politika fit-titoli u sottotitoli varji; ifakkar, madankollu, li l-politika ta' koeżjoni tal-UE għandha l-missjoni u l-objettivi ddelineati fl-Artikolu 174 tat-TFUE li jmorru lil hinn mill-Istrateġija Ewropa 2020; jenfasizza li dawn għandhom jiġu ppreservati fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, speċjalment minħabba l-ħtieġa persistenti ta' konverġenza ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni;

67. Jenfasizza li politika ta' koeżjoni msaħħa u li tirnexxi teħtieġ finanzjament adegwat, u li l-ammonti allokati għaliha fil-perjodu ta' programmazzjoni finanzjarja attwali għandhom jinżammu tal-anqas fl-istess livell fil-perjodu li jmiss bil-għan li jiġu intensifikati l-isforzi biex jitnaqqsu d-disparitajiet bejn ir-reġjuni tal-UE; itenni, f'dan il-kuntest, it-talba qawwija tiegħu li jiġi żgurat li, fl-MFF li jmiss, ir-riżorsi tal-fondi ta' koeżjoni li ma jkunux intefqu jew li jkunu ġew diżimpenjati jibqgħu fil-baġit tal-UE u ma jiġux irritornati lill-Istati Membri; ifakkar il-pożizzjoni tiegħu li skont din il-PDG per capita għandu jibqa' l-kriterju ewlieni biex tiġi stabbilita l-eleġibilità għall-għajnuna tal-politika reġjonali;

68. Iqis li l-Istati Membri u r-reġjuni għandhom jikkonċentraw ir-riżorsi nazzjonali u tal-UE fuq numru żgħir ta' prijoritajiet u ta' proġetti li huma ta' interess Ewropew ġenwin, bħar-R&Ż u l-innovazzjoni, relatati mal-isfidi speċifiċi li jridu jħabbtu wiċċhom magħhom; jitlob, f'dan il-kuntest, li l-Kummissjoni tfassal proposti konkreti biex tiżgura konċentrazzjoni tematika aktar b'saħħitha tal-finanzjament ta' koeżjoni fuq il-prijoritajiet ta' Ewropa 2020 u jqis li għandha tibda titħaddem sistema orjentata aktar lejn ir-riżultati mill-"allokazzjoni" attwali, filwaqt li tiggarantixxi fl-istess ħin li jitqiesu l-esiġenzi u l-prijoritajiet speċifiċi ta' kull reġjun; jilqa', f'dan ir-rigward, l-intenzjoni tal-Kummissjoni li taqbel ma' kull Stat Membru u r-reġjuni tiegħu jew direttament mar-reġjuni - fil-kuntest tal-kuntratti ta' sħubija għall-iżvilupp u għall-investiment u l-programmi operazzjonali - dwar termini u kundizzjonalitajiet speċifiċi għall-ilħuq ta' miri stabbiliti;

69. Jemmen fil-qawwa fl-importanza ta' approċċ politiku integrat u jqis li l-investimenti kollha speċifiċi għal kull settur fl-MFF li jmiss għandhom ikunu kkoordinati mal-investimenti mwettqa fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni; jenfasizza, għalhekk, il-bżonn li jitjieb il-koordinament, jitnaqqsu sovrappożizzjonijiet superfluwi u jinħolqu sinerġiji akbar bejn il-FEŻR, il-FSE, il-fond ta' koeżjoni, il-FAEŻR u l-Fond Ewropew għas-Sajd (FES); jenfasizza l-bżonn ukoll li tiġi evitata d-duplikazzjoni u jitjieb il-koordinament bejn il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni u l-FSE; jemmen, għalhekk, li l-ħolqien ta' qafas strateġiku komuni li jistabbilixxi prijoritajiet komuni ta' investiment għal dawn il-fondi kollha huwa pass importanti f'din id-direzzjoni; iqis, barra minn hekk, li jkun meħtieġ koordinament fil-livelli kollha tat-tfassil tal-politiki, mill-ippjanar strateġiku sal-implimentazzjoni; huwa konvint li l-FSE għandu jibqa' komponent integrali tal-politika ta' koeżjoni f'kull fażi tal-programmazzjoni, implimentazzjoni u ġestjoni tiegħu;

70. Jemmen li l-inħawi urbani – bħala postijiet b'konċentrazzjoni għolja ta' sfidi (il-qgħad, l-esklużjoni soċjali, il-migrazzjoni) – jista' jkollhom rwol importanti fl-iżvilupp reġjonali u jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati d-disparitajiet ekonomiċi u soċjali fil-post; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li jkun hemm approċċ aktar viżibbli u aktar iffukat għad-dimensjoni urbana tal-politika ta' koeżjoni, filwaqt li fl-istess ħin jiġu żgurati kundizzjonijiet bilanċjati għall-iżvilupp sinerġiku ta' nħawi urbani, suburbani u rurali;

71. Jirrikonoxxi li skont it-Trattat ta' Lisbona għandha tingħata attenzjoni partikolari liż-żoni rurali, liż-żoni affettwati mit-tranżizzjoni industrijali, u lir-reġjuni bi żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti, bħar-reġjuni mbiegħda tat-Tramuntana b'densità demografika baxxa ħafna, il-gżejjer, ir-reġjuni

transkonfinali u muntanjużi, kif ukoll ir-reġjuni l-aktar imbiegħda; jemmen li r-riżorsi u l-kapaċitajiet li jinsabu f'dawn ir-reġjuni jistgħu jiżvolġu rwol sinifikanti fil-kompetittività futura tal-Unjoni Ewropea; jenfasizza, għaldaqstant, li dawn iż-żoni li qed jiffaċċjaw sfidi għandhom jiġu rikonoxxuti wkoll fl-MFF futur; iqis li għar-reġjuni bi żvantaġġi permanenti huwa neċessarju li tiġi elaborata strateġija speċjali, kif previst mir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Settembru 2010;

72. Ifakkar li waħda mill-kritiki ewlenin diretti lejn il-politika ta' koeżjoni tirrigwarda l-kumplessità tar-regoli tagħha; jinsisti fuq l-importanza tal-cross-financing u tas-semplifikazzjoni tar-regoli u l-proċeduri ta' din il-politika, fuq it-tnaqqis tal-kumplessità u tal-piżijiet amministrattivi u fuq allokazzjoni iktar trasparenti u effikaċi tar-riżorsi lill-bliet, lill-muniċipalitajiet u lir-reġjuni; jisħaq li s-sistemi ta' verifika u kontroll għandhom jottemperaw mal-ogħla standards, ħalli l-abbużi jinqabdu u jkunu ssanzjonati mill-ewwel; jenfasizza li l-frekwenza tal-kontrolli għandha tikkorrispondi mar-riskju tal-irregolaritajiet, bi qbil mal-prinċipju tal-proporzjonalità;

73. Jappella għal titjib fis-sistemi ta' sorveljanza u valutazzjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tagħhom; jenfasizza li l-prinċipju tas-sħubija jista' jiżvolġi rwol kruċjali f'dan it-titjib u għandu jiġi adattat fil-kuntest tas-semplifikazzjoni; jemmen li l-elaborazzjoni ta' indikaturi tal-eżitu konkreti u li jistgħu jitkejlu għandha titqies bħala prerekwiżit għat-tkejjil tal-progress reali li jkun sar b'rabta mal-miri maqbula; jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni għal valutazzjoni ex-ante, kontinwa u tal-impatt għal kull programm operazzjonali; ifakkar li prinċipji tal-politika ta' koeżjoni oħrajn, bħar-regola ta' kofinanzjament, il-governanza f'diversi livell, l-approċċ minn isfel għal fuq, l-integrazzjoni tal-kwistjonijiet tal-ġeneru u l-addizzjonalità, urew l-importanza tagħhom u għandhom jinżammu fl-MFF li jmiss;

74. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi kategorija intermedjarja għat-tul tal-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss għar-reġjuni li l-PGD tagħhom per capita huwa bejn 75 % u 90 % tal-PGD tal-UE, sabiex jingħataw stejtus aktar ċar u aktar sigurtà fir-rigward tal-iżvilupp tagħhom; jitlob lill-Kummissjoni tagħti aktar informazzjoni dwar il-konsegwenzi baġitarji ta' tali għażla; jitlob li l-Kummissjoni tfassal ukoll proposti konkreti biex issaħħaħ l-ekwità bejn dawk ir-reġjuni u reġjuni oħra fl-istess livell ta' żvilupp; jenfasizza li dawn il-miżuri tranżizzjonali għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss għar-reġjuni ħerġin mill-objettiv tal-konverġenza u għar-reġjuni bi PGD per capita ta' bejn 75 % u 90 % tal-medja tal-UE ma għandhomx jiġu stabbiliti spejjeż tar-reġjuni tal-konverġenza attwali (Objettiv 1) u tar-reġjuni tal-kompetittività attwali (Objettiv 2) jew tal-objettiv tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Objettiv 3);

75. Iwissi sabiex il-fondi ta' koeżjoni ma jiġux suġġetti għal sanzjonijiet fil-qafas tal-kundizzjonalità makroekonomika marbuta mal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir peress li dan imur kontra l-objettivi li l-politika ta' koeżjoni hija maħsuba li tipprova tilħaq; partikolarment it-tnaqqis tad-disparitajiet reġjonali; jisħaq għaldaqstant fuq il-bżonn ta' sorveljanza msaħħa biex tiggarantixxi li l-finanzjamenti strutturali jintużaw skont id-dritt tal-UE u l-objettivi mixtieqa;

76. huwa partikolarment imħasseb dwar il-bidu kajman tal-programmi operazzjonali fil-bidu ta' kull perjodu ta' programmazzjoni minħabba, fost raġunijiet oħrajn, fażi sovraposta mat-tlestija ta' dawk preċedenti; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li din il-problema jeħtieġ li tiġi ttrattat fil-ħin billi jiġu indirizzati l-fatturi li jikkontribwixxu għal dewmien bħal dan; jindika, għal dan il-għan, il-bżonn li tiġi garantita ċerta kontinwità bejn il-perjodi ta' programmazzjoni għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħolqien ta' sistemi u awtoritajiet ta' ġestjoni u kontroll nazzjonali;

77. Jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jużaw kemm jistgħu l-istrumenti finanzjarji innovattivi, inter alia, għall-fondi revolving għall-miżuri ta' effiċjenza enerġetika; jitlob li dawk l-istrumenti finanzjarji jkunu ssemplifikati imma wkoll soġġetti għal skrutinju demokratiku akbar;

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

*Il-ġestjoni tar-riżorsi naturali u l-iżvilupp sostenibbli*

Il-politika agrikola komuni

78. Jafferma li l-politika agrikola komuni (PAK) għandha tkun orjentata wkoll biex tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-miri tal-istrateġija Ewropa 2020 u li ż-żewġ pilastri tal-PAK għandhom jagħtu kontribut validu u distint għaliha, b'mod komplementari; jenfasizza li l-PAK hija ankrata b'mod sod fit-Trattat ta' Lisbona, li jiddefinixxi l-objettivi u l-kompiti tagħha;

79. Jenfasizza li filwaqt li r-rwol primarju tal-PAK attwali u dik riformata huwa li tiggarantixxi s-sikurezza tal-ikel tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-provvistà globali tal-ikel fi żminijiet ta' żieda fil-prezzijiet, hija qiegħda fl-istess ħin tipprovdi varjetà ta' beni pubbliċi lil hinn mis-swieq agrikoli, bħall-garanzija tas-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni billi l-art agrikola fl-Ewropa kollha tinżamm fi produzzjoni, it-tiswir tad-diversità tal-pajsaġġi, it-tisħiħ tal-bijodiversità u tal-benessri tal-annimali, it-tnaqqis fil-bidla fil-klima, il-konservazzjoni tal-ħamrija u ilma, il-ġlieda kontra d-depopulazzjoni rurali, il-faqar u s-segregazzjoni, il-forniment ta' impjiegi u servizzi ta' interess ġenerali f'żoni rurali, il-kontribuzzjoni għal produzzjoni aktar sostenibbli ta' ikel u appoġġ għal sorsi ta' enerġija li tiġġedded;

80. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti għal PAK riformata, li jimmiraw għal allokazzjoni u użu effikaċi u effiċjenti tal-baġit tal-PAK, inter alia permezz ta' distribuzzjoni ekwa tal-ħlasijiet diretti bejn l-Istati Membri, r-reġjuni u l-bdiewa, billi tissaħħaħ il-kundizzjonalità fir-rigward tal-forniment tal-beni pubbliċi mistennija mis-soċjetà u permezz ta' ħlasijiet aktar immirati biex jiġi assigurat l-akbar ritorn għall-fondi pubbliċi; jenfasizza l-bżonn li tinżamm is-sistema ta' żewġ pilastri tal-PAK għas-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni tal-mekkaniżmi;

81. Jappoġġja l-awtonomija tal-ikel tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw; ifakar fl-impenn li ħadu l-membri tad-WTO fil-Konferenza Ministerjali ta' Hong Kong fl-2005 sabiex tinkiseb l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' susssidji għall-esportazzjoni; iqis li l-PAK il-ġdida għandha tkun konformi mal-kunċett tal-UE ta' koerenza politika għall-iżvilupp; jenfasizza li l-Unjoni m'għandhiex tibqa' tuża sussidji tal-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli u għandha tkompli tikkoordina l-isforzi mal-produtturi agrikoli dinjija ewlenin sabiex jitneħħew is-sussidji li jikkawżaw tagħwiġ tal-kummerċ;

82. Jinsisti li, meta titqies il-firxa wiesgħa ta' kompiti u objettivi li l-PAK hija mitluba li tirreaġixxi għalihom, l-ammonti allokati lill-PAK fil-baġit għas-sena 2013 għandhom għallinqas jinżammu matul il-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss;

83. Jitlob li jkun hemm koordinament akbar tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), u fondi oħra ta' koeżjoni u strutturali biex jissaħħaħ l-approċċ territorjali; jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta proposti speċifiċi dwar kif jistgħu jintlaħqu sinerġiji aħjar fir-rigward tal-finanzjament għal attivitajiet li mhumiex relatati mal-agrikoltura fil-FAEŻR u fi strumenti rilevanti oħrajn; jistenna li l-ispejjeż marbuta mad-diversifikazzjoni ekonomika fir-reġjuni fejn l-agrikoltura qed tonqos se jiżdiedu matul il-perjodu tal-MFF li jmiss;

Sajd

84. Jenfasizza li r-riżorsi tas-sajd huma beni pubbliċi vitali għas-sigurtà tal-ikel fil-livell globali; jindika l-fatt li s-settur tas-sajd u l-akkwakultura u l-attivitajiet relatati ta' spiss huma s-sors ewlieni ta' għajxien u ta' impjiegi sostenibbli f'reġjuni kostali, reġjuni gżejjer u reġjuni remoti; iqis li, biex tilħaq l-għanijiet tagħha fuq perjodu ta' żmien medju u perjodu ta' żmien twil (settur tas-sajd stabbli, sostenibbli u vijabbli), l-irkupru tal-istokkijiet tal-ħut u l-indirizzar tal-aspetti soċjali marbuta mat-tnaqqis tal-isforz tas-sajd, il-Politika Komuni

tas-Sajd (PKS) riformata se tirrikjedi riżorsi finanzjarji adegwati wara l-2013; jirrikonoxxi li hemm bżonn aktar koordinament mal-politika ta' koeżjoni; jenfasizza li l-Fond Ewropew għas-Sajd għandu jintuża biex jappoġġja prattiki tas-sajd sostenibbli, skont il-prinċipju ta' rendiment massimu sostenibbli, kif ukoll biex jippreserva l-ekosistemi marini filwaqt li jagħti attenzjoni speċjali lis-settur tas-sajd fuq skala żgħira;

L-ambjent, it-tibdil fil-klima u l-effiċjenza tar-riżorsi

85. Jenfasizza li l-Unjoni għandha tmexxi t-trasformazzjoni lejn ekonomija sostenibbli u tippromwovi tranżizzjoni għal soċjetà sostenibblui bi ftit emissjonijiet tal-karbonju b'industrija Ewropea kompetittiva u bi prezzijiet tal-enerġija affordabbli biex jiġi żgurat li l-ambjent li wieħed jgħix fih ikun nadif u ma jagħmilx ħsara lis-saħħa; jenfasizza li dan għandu jintlaħaq, inter alia, permezz ta' konsum inqas ta' enerġija fis-setturi kollha, li jirrikjedi bħala prerekwiżit suq intern u infrastruttura li jaħdmu sew, id-deċentralizzazzjoni tal-provvista tal-enerġija, żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u protezzjoni aħjar tal-bijodiversità, u l-iżgurar tar-reżiljenza tal-ekosistema;

86. Jissottolinja li kien hemm implimentazzjoni b'suċċess ta' LIFE+ u li ġie ppruvata l-importanza tal-istess fis-salvagwardja tal-bijodiversità u l-ħarsien tal-ambjent; jisħaq dwar il-ħtieġa ta' programmi kontinwati mogħnijin kif jixraq għan-natura u l-bijodiversità ħalli jintlaħqu l-objettivi ambjentali tal-UE, l-aktar għal-LIFE+ u n-NATURA 2000;

87. Jenfasizza l-ħtieġa ta' approċċ orizzontali, li jiġbor miżuri biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima u jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra – b'mod partikolari miżuri għall-iffrankar tal-enerġija – fl-oqsma politiċi rilevanti kollha, inklużi l-politiki esterni; huwa konvint li inċentivi pożizzjonati sew bħall-kundizzjonalità tal-infiq tal-UE u l-leġiżlazzjoni huma l-elementi ewlenin biex jintlaħqu l-miri ta' Ewropa 2020 f'dan il-qasam; iqis, konsegwentement, li l-azzjonijiet tal-klima għandhom jiġu ssimplifikati fit-taqsimiet kollha rilevanti tal-infiq, inkluż dak estern, u li għandhom jiġu introdotti strumenti ta' ħarsien tal-klima għall-infiq kollu tal-UE; iqis li proporzjon ikbar mid-dħul tal-iskema Ewropeja ta' skambju ta' emissjonijiet għandu jkun investitit fil-mitigazzjoni u fl-innovazzjoni relatati mal-klima;

88. Huwa tal-fehma li l-indirizzar tal-isfida tas-sostenibilità, permezz tal-introduzzjoni ta' kriterji ambjentali u ż-żieda fl-effiċjenza tar-riżorsi u tal-enerġija biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima huwa wieħed mill-objettivi fil-qalba tal-istrateġija Ewropa 2020;

89. Jappoġġa, għalhekk, is-suġġeriment espress fir-Rieżami Baġitarju tal-Kummissjoni li jiġi inkluż obbligu li jiġi identifikat b'mod trasparenti fejn il-programmi settorjali jippromwovew l-objettivi 20/20/20 tal-klima u tal-enerġija speċifikati fl-istrateġija Ewropa 2020 u fejn ikkontribwew biex jintlaħqu l-miri tal-inizjattiva emblematika "Ewropa li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti";

90. Jenfasizza r-responsabbiltà globali tal-UE li tindirizza l-bidla fil-klima; ifakkar li l-wegħdiet li saru bil-ftehimiet ta' Kopenħagen u Kankun biex jgħinu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima jew biex jadattaw għall-effetti tiegħu għandhom ikunu "ġodda u addizzjonali" għall-għajnuna għall-iżvilupp eżistenti, filwaqt li jinżamm livell ta' koerenza adegwat bejn iż-żewġ politiki; jissuġġerixxi li jinħoloq programm ġdid għal dan l-iskop; itenni l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-ħtieġa li fil-baġit tal-UE jinżamm il-finanzjament tal-politiki Ewropej kollha; jitlob li l-wegħdiet internazzjonali tal-UE rigward il-bidla fil-klima jiġu integrati fil-baġit sabiex jinkiseb l-effett massimu tal-influwenza tar-riżorsi tal-komunità;

Enerġija

91. Huwa konvint li s-sehem tal-enerġija fl-MFF li jmiss għandu jiżdied; jemmen li teknoloġiji tal-enerġija ġodda u rinnovabbli, l-effiċjenza tal-enerġija u l-politiki tal-iffrankar tal-enerġija għandhom ikunu prijoritajiet ewlenin u jitlob li jkun hemm żieda korrispondenti tal-finanzjament tal-UE f'dawn l-oqsma; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa punti ta' riferiment konkreti u tiżgura li l-miri maqbula jintlaħqu u li jkunu jistgħu jiġu ssorveljati b'mod effiċjenti fil-qafas tas-simestru Ewropew tal-koordinament tal-politika u permezz ta' pjanijiet speċifiċi bħalma huma l-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika;

92. Jenfasizza l-ħtieġa li jiżdiedu l-finanzi fir-riċerka, fl-iżvilupp u fid-dimostrazzjoni tat-teknoloġija fil-qasam tal-enerġija, sabiex tiġi żviluppata enerġija sostenibbli disponibbli għal kulħadd; jitlob li jkun hemm implimentazzjoni sħiħa tal-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija (Pjan SET), li diġà ġie adottat, matul l-MFF li jmiss;

*Ewropa konnessa*

93. Minħabba l-ħtiġijiet enormi ta' finanzjament fl-oqsma tat-trasport u tal-infrastruttura enerġetika, u minħabba l- esternalitajiet pożittivi ta' dawn il-proġetti, jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żviluppat qafas regolatorju li jista' jservi ta' inċentiv għall-promozzjoni ta' investimenti pubbliċi u privati fuq medda twila ta' żmien f'dawn l-oqsma; jitlob li jiġu żviluppati strumenti finanzjarji innovattivi b'kooperazzjoni ma' investituri fuq medda twila ta' żmien;

Netwerks tal-enerġija Trans-Ewropej

94. Jirrimarka l-ħtieġa li l-effiċjenza tal-enerġija u l-enerġija rinnovabbli jingħataw prijorità fid-deċiżjonijiet dwar il-finanzjament tal-infrastruttura tal-enerġija; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li tiġi mmodernizzata u mtejba l-infrastruttura enerġetika Ewropea, li jiġu żviluppati grilji intelliġenti u li jinbnew interkonnessjonijiet li huma meħtieġa biex jinkiseb suq tal-enerġija intern, il-ħtieġa ta' sorsi u rotot diversifikati ma' pajjiżi terzi li jsaħħu s-sigurtà tal-provvista, iż-żieda tas-sehem tal-enerġija li tiġġedded u li jintlaħqu l-miri tal-enerġija u tal-klima; jieħu nota tal-estimi li skonthom huma meħtieġa investimenti sostanzjali ta' madwar EUR 1 000 biljun sal-2020 f'dan il-qasam; b'mod partikolari sabiex tkun żgurata l-kapaċità ta' trażmissjoni, inklużi kapaċità ta' produzzjoni u investiment ġodda fi grilji tal-elettriku; jinnota li skont il-prezzijiet attwali dinjin tal-enerġija, l-investiment sostanzjali meħtieġ jista' joriġina primarjament mis-settur privat; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu mmassimizzati l-impatt tal-finanzjament Ewropew u l-opportunità offruta mill-fondi strutturali u minn strumenti finanzjarji innovattivi għall-finanzjament ta' proġetti prijoritarji nazzjonali u transkonfinali ewlenin tal-infrastruttura enerġetika Ewropea; jenfasizza l-ħtieġa ta' allokazzjoni sostanzjali mill-baġit tal-Unjoni Ewropea għal strumenti finanzjarji innovattivi f'dan il-qasam;

It-trasport u n-netwerks trans-Ewropej tat-trasport

95. Jenfasizza li l-investimenti f'infrastruttura effikaċi tat-trasport transkonfinali għandhom rwol ewlieni biex l-Ewropa tkun tista' tiddefendi l-kompetittività tagħha u twitti t-triq għal tkabbir ekonomiku fit-tul wara żmien il-kriżi; jemmen li n-netwerks Trans-Ewropej tat-trasport (TEN-T) huma vitali sabiex jiggarantixxu l-funzjonament xieraq tas-suq intern u jipprovdu VME importanti peress li jikkontribwixxu għal titjib tal-aċċessibilità u l-interoperabilità bejn il-partijiet differenti tal-UE billi jiggarantixxu rabtiet transkonfinali u jeliminaw il-konġestjoni, itejbu l-użu tal-ġestjoni tat-traffiku u s-sistemi tal-informazzjoni u jassiguraw l-infrastruttura transkonfinali, li l-Istati Membri weħidhom kieku ma jinvestux fiha; iqis li t-TEN-T għandhom jipprovdu netwerk Ewropew ewlieni ġenwin aktar milli l-ġabra tal-proġetti nazzjonali u li l-finanzjament ta' proġetti ewlenin għandu jiġi evalwat u rieżaminat fid-dawl tal-progress fil-post u l-VME; jemmen b'fehma soda li t-TEN-T għandhom għalhekk ikunu prijorità ewlenija fl-MFF li jmiss;

96. Iqis li l-kundizzjonalità għandha tissaħħaħ bl-introduzzjoni tal-prinċipju "użah jew titilfu" (diżimpenn); meta fondi allokati ma jkunux intużaw, ir-riżorsi mhux minfuqa jew diżimpenjati tal-fondi maħsuba għat-trasport għandhom jibqgħu fil-baġit tal-UE u ma jintraddux lura lill-Istati Membri;

97. Ifakkar li se jkun meħtieġ investiment globali ta' EUR 500 biljun fil-perjodu 2007-2020 għat-TEN-T; iqis, għaldaqstant, li żieda fil-fondi tat-TEN-T hija neċessarja fl-MFF li jmiss, flimkien ma' aktar koordinament bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri, kif ukoll il-fondi disponibbli għat-TEN-T u l-finanzjament għall-proġetti tat-trasport, fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni u tal-kooperazzjoni territorjali; jenfasizza r-rwol li strumenti ta' finanzjament innovattivi, inklużi l-PPPs u l-bonds għall-proġetti, jistgħu jiżvolġu anki fil-finanzjament ta' dawk il-proġetti; iqis li l-infiq użat mill-fond ta' koeżjoni għandu jkollu bħala kundizzjoni r-rispett tal-prinċipji ġenerali tal-politika Ewropea tat-trasport; iqis li l-finanzjament tat-TEN-T għandu jintegra b'mod attiv l-objettivi tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, kif ukoll l-obbligi fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli biex jintlaħqu l-objettivi tal-istrateġija Ewropa 2020; u għandu kemm jista' jkun jagħti prijorità lit-trasportazzjoni b'emissjonijiet tal-karbonju baxxi;

98. Jistieden lill-Kummissjoni tqis, b'mod partikolari, il-ħtieġa li l-flussi tal-merkanzija u tal-passiġġieri jiġu orjentati mill-ġdid lejn flussi sostenibbli u effiċjenti tat-trasport filwaqt li tiġi pprovduta komodalità effiċjenti; iqis li r-reviżjoni imminenti tal-linji gwida tat-TEN-T jeħtieġ li ssib soluzzjonijiet għall-interoperabilità bejn is-sistemi ferrovjarji nazzjonali u transkonfinali u tintroduċi kundizzjonalità fuq l-infiq tal-UE biex tintlaħaq politika Ferrovjarja Ewropea Unika ġenwina, u tiggarantixxi użu akbar tal-ilmijiet navigabbli interni u tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra;

It-turiżmu

99. Ifakkar li t-turiżmu huwa kompetenza ġdida tal-UE li ġiet stabbilita mit-Trattat ta' Lisbona u li għalhekk għandha tkun riflessa wkoll fl-MFF li jmiss; jenfasizza l-kontribut importanti tat-turiżmu għall-ekonomija Ewropea u huwa tal-fehma li l-istrateġija Ewropea għat-turiżmu għandha timmira biex iżżid il-kompetittività ta' dan is-settur u għandha tiġi appoġġjata minn fondi adegwati waqt il-perjodu li jmiss;

Il-Politika Marittima

100. Jirrikonoxxi li fil-futur, l-ibħra u l-oċeani se jkollhom rwol dejjem aktar importanti għat-tkabbir ekonomiku globali; iqis li l-Politika Marittima Integrata għandha tkun immexxija u orjentata lejn l-għelib tal-isfidi li qed jiffaċċjaw iż-żoni kostali u marittimi, b'appoġġ tal-hekk imsejjaħ tkabbir "blu" u lejn ekonomija marittima sostenibbli li tkun konformi mal-Istrateġija UE-2020; jitlob li l-UE żżid l-isforzi tagħha biex tappoġġja politika marittima ambizzjuża tal-UE li tippermetti lill-Ewropa takkwista l-pożizzjoni internazzjonali tagħha f'dan is-settur strateġiku; jinsisti li għandhom isiru disponibbli l-mezzi baġitarji adegwati għall-ġid ta' din il-politika;

*Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja*

Il-promozzjoni tal-kultura u tad-diversità Ewropea

101. Jenfasizza li l-promozzjoni taċ-ċittadinanza Ewropea għandha impatt dirett fuq il-ħajja ta' kuljum tal-Ewropej u li tikkontribwixxi għal fehim aħjar tal-opportunitajiet ipprovduti mill-politiki tal-Unjoni, kif ukoll id-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fit-Trattati; huwa konvint mill-bżonn li jiġi garantit finanzjament adegwat fil-qasam taċ-ċittadinanza;

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

102. Jirrimarka li l-politiki relatati maż-żgħażagħ u mal-kultura huma essenzjali u fost l-ewwel prijoritajiet rikonoxxuti għall-valur miżjud tagħha u li kapaċi jaslu saċ-ċittadini; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-importanza dejjem tikber tal-industriji kulturali u kreattivi għall-ekonomija Ewropea u l-effetti mifruxa tagħhom fuq setturi ekonomiċi oħrajn; jenfasizza b'mod qawwi li l-potenzjal sħiħ ta' dawn il-politiki jista' jintlaħaq biss jekk jingħataw livelli adegwati ta' finanzjament u jitlob li l-potenzjal tagħhom jiġi totalment sfruttat fl-ambitu tal-iżvilupp rurali u tal-politika ta' koeżjoni;

103. Ifakkar l-importanza li għandu l-isport għas-saħħa, l-iżvilupp ekonomiku u l-impjiegi, it-turiżmu u l-inklużjoni soċjali, u l-fatt li Artikolu 165 tat-TFUE jagħti lill-UE kompetenzi ġodda f'dan il-qasam, jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar 'L-Iżvilupp tad-Dimensjoni Ewropea fl-Isport'(COM(2011)0012) bħala l-ewwel pass fil-valutazzjoni tal-valur miżjud tal-isport, u partikolarment fl-eżerċizzji ta' kuljum, u fil-konċentrazzjoni fuq id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u organizzativi tal-isport;

Politika dwar iż-żgħażagħ

104. Jenfasizza li ż-żgħażagħ għandhom ikunu prijorità kbira għall-Unjoni u li d-dimensjoni taż-żgħażagħ għandha tkun viżibbli u infurzata fil-politiki u l-programmi tal-UE; iqis li ż-żgħażagħ għandhom jitqiesu bħala tema trasversali tal-UE, biex jiġu żviluppati sinerġiji bejn ambiti politiċi differenti marbuta maż-żgħażagħ, mal-edukazzjoni u mal-mobilità; jilqa' l-inizjattiva emblematika "Żgħażagħ Mobbli" bħala bażi fundamentali tal-Istrateġija Ewropa 2020; jenfasizza partikolarment li l-programmi relatati mal-qasam taż-żgħażagħ bħall-programm għat-tagħlim tul il-ħajja u l-programm 'Żgħażagħ Attivi', li jqumu ftit flus għall-benefiċjarju u b'hekk għandhom effiċjenza għolja, għandhom jinżammu bħala programmi separati fl-MFF li jmiss u li jisthoqqilhom investimenti ħafna iktar qawwijin;

Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja

105. Jenfasizza li l-ħolqien ta' kultura soda tad-drittijiet fundamentali u tal-ugwaljanza stabbiliti fit-Trattat ta' Lisbona għandha tibqa' prijorità għall-Ewropa; jenfasizza li t-tali valuri għandhom ikunu integrati fil-baġit filwaqt li fl-istess ħin jiġi garantit finanzjament adegwat immirat;

106. Jinnota li t-tkabbir ekonomiku, kulturali u soċjali tal-Unjoni jista' jirnexxi biss f'ambjent stabbli, legali u sikur, li jirrispetta u jinforza d-drittijiet fundamentali u li jissalvagwardja l-libertajiet ċivili; iqis għalhekk li politiki effiċjenti tal-intern u tal-ġustizzja huma prerekwiżit għall-irkupru ekonomiku u element essenzjali f'kuntest politiku u strateġiku usa'; jenfasizza l-importanza tal-integrazzjoni tal-prijoritajiet tal-UE fil-qasam tal-intern fid-dimensjoni esterna tal-Unjoni, inkluża l-Politika Ewropea tal-Viċinat, b'mod partikolari fid-dawl tal-impatt li l-flussi migratorji dejjem ikbar se jkollhom fuq l-iżvilupp tal-politiki tal-UE fil-konfront ta' pajjiżi terzi; jenfasizza l-ħtieġa ta' finanzjament xieraq tal-politiki fil-qasam tal-immigrazzjoni, l-asil u s-sigurtà filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni wkoll il-prijoritajiet tal-UE waqt li dawn ikunu qed jiġu implimentati;

107. Jenfasizza l-ħtieġa ta' approċċ integrat għal kwistjonijiet urġenti tal-immigrazzjoni u l-asil kif ukoll għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, b'finanzjament u għodod ta' appoġġ suffiċjenti biex jiġu ttrattati sitwazzjonijiet ta' emerġenza u li jkunu disponibbli fi spirtu ta' rispett għad-drittijiet tal-bniedem u ta' solidarjetà fost l-Istati Membri kollha, hekk li jkunu rispettati r-responsabbiltajiet nazzjonali u b'definizzjoni ċara tal-kompetenzi;; jinnota, f'dan ir-rigward, li l-isfidi akbar tal-FRONTEX, l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil u l-Fondi għas-Solidarjetà u l-Ġestjoni tal-Flussi ta'Migrazzjoni jeħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni;

108. Jinnota li s-sehem tal-finanzjament għaż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fil-baġit tal-Unjoni huwa relattivament żgħir u jenfasizza li fl-MFF futura dawn il-politiki għandu jingħatalhom finanzjament xieraq u oġġettivament iġġustifikat biex l-Unjoni tkun tista' twettaq l-attivitajiet tagħha, speċjalment dawk relatati ma' kompiti ġodda, kif identifikati fil-Programm ta' Stokkolma u fit-Trattat ta' Lisbona;

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

109. Jenfasizza l-bżonn li jiġu żviluppati sinerġiji aħjar bejn fondi u programmi differenti u jindika l-fatt li s-simplifikazzjoni tal-ġestjoni tal-fondi u l-possibilità ta' finanzjament transkonfinali jippermettu l-allokazzjoni ta' aktar fondi għal objettivi komuni; jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tnaqqas in-numru totali ta' strumenti baġitarji fil-Politika tal-Intern għal struttura b'żewġ pilastri u taħt tmexxija maqsuma fejn ikun possibbli; jemmen li dan l-approċċ għandu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal aktar simplifikazzjoni, razzjonalizzazzjoni, konsolidazzjoni u trasparenza tal-fondi u l-programmi attwali; jenfasizza madankollu l-bżonn li jkun żgurat li l-objettivi differenti tal-politiki tal-intern ma' jitħawdux;

*Ewropa Globali*

110. Itenni t-tħassib serju tiegħu dwar is-sottofinanzjament kroniku u l-problemi ta' flessibilità partikolarment akuti fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet esterni tal-Unjoni, minħabba n-natura mhux prevedibbli tal-avvenimenti, u kriżijiet u emerġenzi internazzjonali rikorrenti; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li jingħalaq id-distakk bejn l-ambizzjonijiet u r-riżorsi tagħha fil-politika barranija, billi jiġu żgurati riżorsi finanzjarji adegwati u mekkaniżmi ta' flessibilità effiċjenti biex l-Unjoni tkun tista' tirreaġixxi għall-isfidi globali u għal avvenimenti mhux previsti; itenni t-talba tiegħu li l-implikazzjonijiet baġitarji li jirriżultaw minn impenji u kompiti ġodda li tassumi l-Unjoni għandhom ikunu addizzjonali għall-ammonti pprogrammati, biex jiġi evitat li jiġu pperikolati l-prijoritajiet eżistenti;

111. Jindika d-diskrepanza bejn il-livell tal-għajnuna finanzjarja globali tal-Unjoni u l-influwenza ta' spiss limitata tagħha fin-negozjati relatati u jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħaħ ir-rwol politiku tal-Unjoni u l-influwenza tagħha f'istituzzjonijiet u f'fora internazzjonali; jemmen li l-UE għandha tiżgura rwol politiku li huwa proporzjonali għall-appoġġ finanzjarju li tipprovdi;

Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE)

112. Jinnota li s-SEAE jinsab fil-fażi ta' "żvilupp" tiegħu; jenfasizza li skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-26 ta' Lulju 2010, "l-istabbiliment tas-SEAE għandu jkun iggwidat mill-prinċipju tal-kost-effiċjenza li jimmira lejn in-newtralità baġitarja" ([1]); jisħaq dwar il-ħtieġa li jkun hemm servizz ġdid b'fondi biżżejjed li jippermettu lill-UE tilħaq l-objettivi tagħha u tiżvolġi r-rwol bħala attur globali; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li s-servizz il-ġdid jisfrutta għalkollox il-gwadanji ta' effiċjenza li jirriżultw mill-ġbir tar-riżorsi fil-livell tal-Unjoni kif ukoll is-sinerġiji mal-Istati Membri, billi jiġu evitati d-duplikazzjonijiet, sovrimpożizzjonijiet eżistenti jew potenzjali, inkonsistenzi u inkoerenzi li jwasslu għall-qtugħ u t-tifdil fil-baġits nazzjonali kollha, b'hekk jiġi dimostrat il-valur miżjud reali tad-diplomazija tal-Unjoni;

*It-taffija tal-faqar*

113. Ifakkar li l-iskadenza tal-2015 biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju (MDG), u l-mira kolletta ta' 0.7 % tal-introjtu gross nazzjonali (IGN) f' Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA), huma inklużi fil-perjodu tal-MFF li jmiss; jenfasizza, għalhekk, li huwa meħtieġ livell globali xieraq ta' għajnuna u finanzjament għall-iżvilupp biex l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha tilħaq l-impenji internazzjonali tagħha fil-qasam tal-iżvilupp, inklużi l-impenji finanzjarji stabbiliti fil-Qbil ta' Kopenħagen, kif ukoll fil-Ftehim ta' Kankun; barra minn hekk, jenfasizza li wegħdiet ta' nfiq futuri maħsuba biex jgħinu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima jew biex jadattaw għall-effetti tiegħu għandhom ikunu addizzjonali, filwaqt li tinżamm koerenza adegwat bejn iż-żewġ politiki; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni immedjata biex jilħqu l-miri tal-ODA u biex iwettqu l-wegħdiet tagħhom għall-iżvilupp;

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30).

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

114. Jenfasizza l-ħtieġa li jinstab bilanċ bejn l-appoġġ baġitarju dirett fuq naħa u l-finanzjament ta' proġetti sostenibbli fuq in-naħa l-oħra; jisħaq fuq il-punt li l-għajnuna għall-iżvilupp għandha tintuża b'mod inklusiv hekk li tilħaq lill-gruppi l-aktar marġinati u l-aktar esklużi;

115. Jitlob għal darba oħra li l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) jiġi baġitizzat, billi dan iżid il-konsistenza u t -trasparenza; jinsisti madanakollu li l-inkorporazzjoni tal-FEŻ fil-baġit tal-UE għandha twassal għal żieda ġenerali fil-baġit tal-UE bl-ammont allokat fil-bidu għall-finanzjament tal-FEŻ;

116. Jemmen li l-Kummissjoni Ewropea/is-SEAE għandhom sistematikament jivvalutaw l-impatt tal-assistenza tal-UE, ħalli jibdew proċess sabiex itejbu l-effikaċja tal-għajnuna għall-iżvilupp li ġejja mill-UE kif ukoll biex itejbu s-sinerġiji bejn l-għajnuna għall-iżvilupp nazzjonali u dik tal-UE, f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi;

117. Iqis li huwa importanti li l-għajnuna għall-iżvilupp li qed tingħata mill-UE tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi riċevituri; jenfasizza hemm bżonn isiru valutazzjonijiet u li jiġu stabbiliti kriterji biex jiġi rrispettat dan l-objettiv;

118. Jinnota li l-ogħla perċentwali tal-ifqar nies fid-dinja jgħixu f'pajjizi b'ekonomija emerġenti; madankollu, jinsisti li sabiex dawn il-gvernijiet jiġu mmotivati jinvolvu ruħhom aktar fit-tnaqqis tal-faqar fil-konfini tal-pajjiżi tagħhom, għandhom jiġu introdotti b'mod gradwali skemi alternattivi għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp ma' dawn il-pajjiżi, bħall-kofinanzjament;

L-ipprojettar tal-valuri u tal-interessi tal-UE fil-livell globali

119. Jenfasizza li l-politika barranija tal-UE għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji u l-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni, jiġifieri d-demokrazija, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, id-diversità, il-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt; itenni l-ħtieġa li l-Unjoni tiġi mgħammra b'mezzi aktar adegwati u mmirati biex tippromwovi dawn il-valuri madwar id-dinja u biex tkabbar l-isfera tal-paċi u l-istabilità fil-viċinat tagħha; jenfasizza l-kontribut partikolari magħmul permezz tal-EIDHR;

120. Iqis li l-UE għandha responsabilità speċjali fi ħdan il-komunità internazzjonali għall-promozzjoni tas-sigurtà, id-demokrazija, u l-prosperità fil-pajjiżi ġirien tal-Ewropa fejn l-iżvilupp ekonomiku u l-progress tal-istabilità huma fl-interess dirett tal-UE; għalhekk iqis li l-bini ta' relazzjonijiet mill-qrib u effikaċi mal-pajjiżi ġirien għandu jibqa' prijorità fl-aġenda esterna tal-Unjoni; jenfasizza li huma meħtieġa impenji finanzjarji akbar biex l-Unjoni tilqa' l-isfidi l-kbar - l-appoġġ għat-tranżizzjoni demokratika u l-konsolidament demokratiku, il-governanza tajba, id-drittijiet tal-bniedem - u l-istennijiet kbar li jirriżultaw minn din ir-responsabilità morali; jemmen fl-istess ħin li l-użu iżjed immirat tal-fondi hu importanti mill-inqas daqs il-livelli tal-finanzjament; jitlob għalhekk li tissaħħaħ il-kundizzjonalità tal-programmi ta' għajnuna tal-UE bl-iskop li jittejbu l-iżvilupp demokratiku u l-ġestjoni baġitarja soda, it-tnaqqis tal-korruzzjoni u l-kapaċità tal-użu tal-appoġġ mill-UE b'mod trasparenti, effettiv u responsabbli;

121. Jinnota li l-UE qed toqrob lejn tkabbir ġdid, b'mod partikolari fid-direzzjoni tal-Balkani tal-Punent; jitlob biex l-MFF li jmiss iqis l-ispejjeż tat-tkabbir futur, l-aktar permezz ta' finanzjament adegwat għall-Istrument ta' Qabel l-Adeżjoni; iqis li l-istrument IPA għandu jagħti prijorità biex jappoġġja t-titjib meħtieġ biex il-pajjiżi kandidati jikkonformaw mal-acquis communautaire u jiffaċilita l-użu tal-fondi tal-UE b'mod partikolari għas-soċjetà ċivili, l-imsieħba soċjali, il-minoritajiet, l-NGOs, il-wirt kulturali, kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali;

122. Jenfasizza li l-Unjoni teħtieġ li tadatta malajr il-politika tagħha fir-rigward tal-pajjiżi emerġenti u tiżviluppa sħubijiet strateġiċi ġodda magħhom; jitlob lill-Kummissjoni sabiex f'dan ir-rigward tipproponi strument ta' politika mmirat fuq l-attivitajiet li mhumiex relatati mal-ODA iżda li jaqgħu taħt żoni ta' interess reċiproku;

123. Huwa tal-fehma li, meta wieħed iqis l-isfidi globali li qegħdin jikbru, kif ukoll ir-reponsabilitajiet globali tal-Unjoni, speċjalment fid-dawl tal-iżviluppi politiċi attwali fid-dinja Għarbija, ristrutturar tal-istrumenti finanzjarji esterni tal-UE se jkun indispensabbli; iħeġġeġ għaldaqstant reviżjoni sħiħa u applikazzjoni iżjed strateġika tal-istrumenti esterni tagħha, kif ukoll l-iżvilupp ta' forom ġodda ta' kooperazzjoni u mekkaniżmi tat-twettiq mal-pajjiżi msieħba biex jittejbu l-impatt u l-viżibilità tal-azzjoni esterna tal-UE kif ukoll biex jintlaħaq l-objettiv globali ta' iżjed konsistenza u koerenza tal-azzjoni esterna tal-UE; jenfasizza li l-MFF li jmiss għandu jappoġġja l-koerenza politika, jiġifieri billi jiġi żgurat li l-politiki u l-infiq tal-UE dwar l-agrikoltura, is-sajd, il-kummerċ u l-enerġija ma jkunux direttament f'konflitt mal-objettivi tal-politika għall-iżvilupp;

Ir-reazzjoni għal sitwazzjonijiet ta' kriżi

124. Itenni li l-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kriżijiet huma prijoritajiet ewlenin tal-UE; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li jiġu żgurati strumenti effikaċi u ffinanzjati adegwatament f'dan ir-rigward; huwa tal-fehma li l-Istrument attwali għall-Istabilità għadu mezz importanti għal reazzjoni immedjata tal-Unjoni għal sitwazzjonijiet ta' kriżi, iżda għandha ssir aktar enfasi fuq azzjonijiet preventivi fuq perjodi itwal ta' żmien, inklużi l-konsolidazzjoni tal-paċi u l-prevenzjoni tal-kunflitti jiġifieri permezz ta' programmi ġeografiċi li jirreaġixxu aktar;

125. Jemmen li l-għajnuna umanitarja għandha rwol ewlieni fir-relazzjonijiet esterni tal-UE; jinnota li d-diżastri naturali għandhom ħabta jsiru iżjed frekwenti kif ukoll iżjed devastanti fil-konsegwenzi tagħhom, filwaqt li l-konflitti aktarx li jfaqqgħu iżjed spiss minħabba l-ġlieda għar-riżorsi bħall-enerġija, l-ilma u l-materja prima; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żgurati allokazzjonijiet baġitarji xierqa għall-Istrument għall-Għajnuna Umanitarja u r-Riżerva għal Għajnuna ta' Emerġenza, ħalli jkunu evitati t-talbiet ad hoc ta' kull sena mill-Kummissjoni Ewropea għal finanzjament extra; dan il-baġit għandu jibqa' indipendenti biex jiggarantixxi n-newtralità tal-għajnuna umanitarja - mingħajr kunsiderazzjonijiet jew interessi oħrajn (pereżempju ġeopolitiċi);

*L-amministrazzjoni*

126. Jemmen li amministrazzjonijiet pubbliċi ta' kwalità għolja, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali, huma element essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet strateġiċi stabbiliti fl-istrateġija Ewropa 2020; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta analiżi ċara tal-infiq amministrattiv wara l-2013, filwaqt li tqis kif jixraq l-isforzi ta' konsolidament tal-finanzi pubbliċi, il-kompiti u l-kompetenzi l-ġodda mogħtija lill-Unjoni bit-Trattat ta' Lisbona u l-gwadanji ta' effiċjenza li se jirriżultaw minn użu ottimali tar-riżorsi umani b'mod partikolari permezz tar-ridistribuzzjoni u teknoloġiji ġodda;

127. Jirrimarka li tali analiżi għandha tinvestiga l-ambitu għal sinerġiji u, notevolment, iffrankar, inter alia permezz ta' ristrutturar, iżjed kooperazzjoni interistituzzjonali, rieżami tal-metodi ta' ħidma u l-postijiet tax-xogħol ta' kull istituzzjoni jew korp, separazzjoni aħjar tal-kompiti tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji, l-impatt finanzjarju fuq perjodu ta' żmien medju u twil tal-politika tal-bini, tas-sistemi tal-pensjonijiet u ta' oqsma oħra ta' dispożizzjonijiet statutorji tal-persunal li jaħdem fl-istituzzjonijiet tal-UE; jemmen li din l-analiżi tista' turi li hemm possibilità ta' tnaqqis tal-baġit amministrattiv globali tal-UE mingħajr ma jiġu kompromessi l-kwalità għolja, il-prestazzjoni u l-ġibda tal-amministrazzjoni pubblika tal-EU;

128. Jirrimarka li jista' jsir tfaddil sinifikanti jekk il-Parlament Ewropew ikollu sede unika;

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

***Parti IV: L-organizzazzjoni u l-istruttura tal-qafas finanzjarju***

*Struttura biex jiġu riflessi l-prijoritajiet*

129. Iqis li l-istruttura tal-MFF li jmiss għandha tiffaċilita kemm il-kontinwità tal-ippjanar, kif ukoll il-flessibilità fi ħdan u bejn l-intestaturi, u tevita n-nuqqasijiet tal-MFF attwali, b'mod partikolari rigward nuqqasijiet fis-sottointestatura 1a "Kompetittivtià għat-Tkabbir u l-Impjiegi", is-sottointestatura 3b "Ċittadinanza" u l-intestartura 4 "Relazzjonijiet Esterni"; iqis li l-istruttura tal-IMF għandha żżid il-viżibilità tal-prijoritajiet politiċi u baġitarji tal-UE għaċ-ċittadini Ewropej; jinsisti, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa li jiġu evitati bidliet radikali mhux iġġustifikati u li tiġi kkonsolidata u mtejba l-istruttura attwali;

130. Itenni li l-istrateġija Ewropa 2020 għandha tkun ir-riferiment politiku ewlieni għall-MFF li jmiss; iqis, konsegwenza ta' dan, li l-istruttura għandha tirrifletti u tagħti viżibilità politika lid-dimensjonijiet ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inkluživ ta' Ewropa 2020; jipproponi għalhekk struttra ġdida li biha l-politiki interni kollha jinġabru taħt l-intestatura 'Ewropa 2020';

131. Jipproponi li taħt l-intestatura Ewropa 2020 jiġu stabbiliti erba' sottointestaturi li jinvolvu politiki konnessi li għandhom jiffavorixxu wkoll koordinament aħjar u sinerġiji implimentattivi fosthom; jipproponi għalhekk sottointestatura li jkun fiha l-politiki relatati mal-għarfien; it-tieni sottointestatura ddedikata għall-politika ta' koeżjoni li tkun tirrifletti n-natura orizzontali tagħha u l-kontribut tagħha għall-objettivi ta' Ewropa 2020, kif ukoll il-politika soċjali; it-tielet sottointestatura li tkun tinkludi l-politiki dwar is-sostenibilità u dawk relatati mal-effiċjenza tar-riżorsi; u r-raba' sottointestatura dwar iċ-ċittadinanza, li tkun tikkombina s-sottointestaturi 3a (ċittadinanza) u 3b (libertà, sigurtà u ġustizzja) tal-MFF attwali f'sottointestatura waħda minħabba d-diffikultajiet esperjenzati fil-passat li jirriżultaw meta numru ta' programmi żgħar jinġiebu flimkien taħt sottointestatura żgħira;

132. Jemmen li l-MFF li jmiss għandu jippermetti delimitazzjoni ta' proġetti fuq skala kbira li huma ta' importanza strateġika għall-Unjoni fi ħdan l-intestatura "Ewropa 2020"; jemmen li l-baġit tal-UE għandu jagħmel kontribuzzjoni annwali fuq perjodu twil ta' żmien għal dawn il-proġetti, biex jiżgura l-kontinwità fl-ippjanar tagħhom u l-istabilità tal-organizzazzjoni; iqis li fil-każ li jkunu meħtieġa riżorsi addizzjonali għal dawn il-proġetti fuq skala kbira, dawn m'għandhomx jinstabu askapitu ta' proġetti iżgħar li rnexxew u li huma ffinanzjati mill-baġit tal-UE;

133. Iqis li, meta titqies in-natura integrata tal-istrateġija Ewropa 2020, u biex jiġi żgurat li l-mezzi baġitarji jkunu allinjati kif jixraq mal-iżvilupp progressiv tal-istrateġija, huwa essenzjali li jiġi żgurat grad ogħla ta' flessibilità fost il-erba' sottointestaturi ta' Ewropa 2020;

134. Ifakkar fid-diffikultajiet li jirriżultaw meta numru ta' programmi pjuttost żgħar jinġabru flimkien f'sottointestatura żgħira; jipproponi, għalhekk, li s-sottointestaturi 3a (ċittadinanza) u 3b (politiki tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja) tal-MFF 2007-2013 jinġabru f'sottointestatura waħda;

135. Jitlob li tinżamm intestatura għall-politiki esterni;

136. Jitlob li tinżamm intestatura għall-amministrazzjoni;

137. Jitlob li jinħoloq "marġni globali tal-MFF" li jaqdi l-intestaturi kollha 'l isfel mil-limitu massimu globali tal-MFF u 'l fuq mill-marġni disponibbli separati ta' kull intestatura li għandu jiġi mmobilizzat fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali; jemmen li marġni bħal dan għandu jirċievi wkoll il-marġni li ma jkunux intnefqu kif ukoll l-approprjazzjonijiet diżimpenjati u mhux minfuqa (impenji u ħlasijiet) tas-sena baġitarja preċedenti;

138. Iqis barra minn hekk li biex jitjiebu t-trasparenza u l-viżibilità, għandu jintuża "marġni ta' riżerva" addizzjonali taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji u 'l fuq mil-limitu massimu tal-MFF biex jinkludi r-riskji ta' inadempjenzi marbuta mal-garanziji fuq self tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja u mal-Faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja fuq perjodu ta' żmien medju lill-bilanċ ta' pagamenti tal-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-Euro, kif ukoll intervent possibbli tal-baġit tal-UE fil-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà wara l-2013;

139. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi f'anness mal-baġit tal-UE l-infiq kollu li jsir rigward l-UE – wara proċedura intergovernattiva – lil hinn mill-baġit tal-UE; jemmen li din l-informazzjoni pprovduta fuq bażi annwali tipprovdi l-istampa sħiħa tal-investimenti kollha li l-Istati Membri jaqblu li jwettqu fil-livell tal-UE;

140. Jissuġġerixxi li l-baġit tal-UE għandu jidentifika b'mod ċar – possibilment permezz ta' anness – l-investimenti kollha li qegħdin isiru f'kull qasam ta' politika tal-UE, li joriġinaw ukoll minn partijiet differenti tal-baġit tal-UE; jemmen, fl-istess ħin, li l-Kummissjoni għandha tipprovdi wkoll stima tal-ħtiġijiet tal-investiment li huma previsti għat-tul kollu tal-perjodu ta' programmazzjoni;

141. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tinkludi informazzjoni dettaljata dwar in-naħa tad-dħul tal-baġit tal-UE fl-Abbozz tal-Baġit tagħha, kif trażmess lill-awtorità baġitarja tal-UE; jieħu nota li preżentazzjoni konġunta tan-naħa tad-dħul u tan-nefqa tal-baġit fil-fatt hija prattika standard għall-baġits nazzjonali kollha; jemmen b'mod qawwi li b'dan il-mod jinżamm dibattitu permanenti fuq is-sistema ta' finanzjament tal-Unjoni, filwaqt li jirrikonoxxi li l-awtorità baġitarja fil-preżent m'għandha l-ebda kompetenza li tipproponi bidliet f'din il-parti tal-baġit;

142. Jipproponi, għalhekk, l-istruttura li ġejja għall-MFF li jmiss:

***1. EWROPA 2020***

***1A. GĦARFIEN GĦAT-TKABBIR***

*TINKLUDI L-POLITIKI TAR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI, TAL-EDUKAZZJONI U TAT-TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U TAS-SUQ INTERN.*

***1B. KOEŻJONI GĦAT-TKABBIR U L-IMPJIEGI***

*TINKLUDI L-KOEŻJONI (EKONOMIKA, SOĊJALI U TERRITORJALI) U L-POLITIKI SOĊJALI.*

***1C. IL-ĠESTJONI TAR-RIŻORSI NATURALI U L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI***

*TINKLUDI L-POLITIKI TAL-AGRIKOLTURA, TAL-IŻVILUPP RURALI, TAS-SAJD, TAL-AMBJENT, TAT-TIBDIL FIL-KLIMA, TAL-ENERĠIJA U TAT-TRASPORT.*

***1D. ĊITTADINANZA, LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA***

*TINKLUDI L-POLITIKA KULTURALI, TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, TAL-KOMUNIKAZZJONI U TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM U TAL-LIBERTÀ, TAS-SIGURTÀ U TAL-ĠUSTIZZJA.*

***2. EWROPA GLOBALI***

*TINKLUDI L-POLITIKI TAL-AZZJONI ESTERNA, TAL-VIĊINAT U TAL-IŻVILUPP.*

***3. L-AMMINISTRAZZJONI***

*ANNESS*

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

*Ir-reazzjoni għal ċirkostanzi li qed jinbidlu: il-flessibilità*

143. Itenni l-pożizzjoni tiegħu inkluża fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 2009 dwar ir-Reviżjoni ta' nofs iż-żmien tal-Qafas Finanzjarju 2007-2013 ([1]), li hija neċessità assoluta li jkun hemm aktar flessibilità ġewwa u fost l-intestaturi għall-kapaċitajiet ta' funzjonament tal-Unjoni mhux biss biex wieħed jaffaċċja l-isfidi l-ġodda iżda wkoll biex jiġi ffaċilitat il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-istituzzjonijiet;

Rieżami ta' Nofs it-Terminu

144. Jenfasizza l-ħtieġa, f'każ li l-perjodu tal-MFF ikun itwal minn 5 snin, ta' Rieżami obbligatorju ta' Nofs it-Terminu li jippermetti li jkun hemm analiżi kwantitattiva kif ukoll kwalitattiva u bilanċ tal-funzjonament tal-MFF; jenfasizza li, fil-futur, ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu għandha ssir obbligu li jorbot legalment imnaqqax fir-Regolament tal-MFF, bi proċedura speċifika li tinkludi kalendarju vinkolanti, li jiżgura l-involviment sħiħ tal-Parlament fir-rwol tiegħu ta' awtorità leġiżlattiva u baġitarja; jenfasizza li, jekk ir-rieżami jistabbilixxi n-nuqqas ta' adegwatezza tal-limiti massimi għall-bqija tal-perjodu, għandha tiġi garantita possibilità reali li jiġu riveduti;

Ir-reviżjoni tal-limiti massimi

145. Jinsisti li l-grad ta' flessibilità li huwa fil-fatt ipprovdut mill-mekkaniżmu ta' reviżjoni jiddependi fuq il-proċedura biex jiġi eżerċitat, u qed jiffaċċja rifjut ġenerali mill-Kunsill li jużah; iqis li huwa essenzjali - jekk l-aġġustament tal-limiti massimi tal-infiq għandu jibqa' għażla realistika - li l-mekkaniżmi futuri għar-reviżjoni jipprevedu proċedura simplifikata għal bidliet taħt limitu minimu maqbul; jitlob, barra minn hekk, li tinżamm il-possibilità li jiżdied il-limitu massimu globali tal-MFF;

L-iżgurar ta' marġni suffiċjenti u flessibilità taħt il-limiti massimi

146. Jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati riżervi suffiċjenti għal kull intestatura; jinnota b'interess il-proposta tal-Kummissjoni li jiġi stabbilit perċentwali fiss għall-marġni; iqis, madankollu, li din l-għażla tista' biss tipprovdi flessibilità aħjar jekk il-limiti massimi futuri jkunu stabbiliti f'livell għoli biżżejjed, b'mod li tippermetti li jkun hemm spazju addizzjonali bħal dan għall-immanuvrar;

147. Jirrimarka li l-flessibilità taħt il-limiti massimi għandha tissaħħaħ bil-modi kollha possibbli u jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni mressqa fir-Rieżami Baġitarju;

148. Iqis bħala importanti li tinżamm il-possibilità li tiġi antiċipata (frontload) jew posposta (backload) in-nefqa fil-qafas ta' allokazzjoni multiannwali ta' intestatura, biex tkun permessa azzjoni antiċiklika u risposta sinifikanti għall-kriżijiet il-kbar; iqis, f'dan ir-rigward, li s-sistema attwali ta' flessibilità għall-atti leġiżlattivi ħadmet tajjeb biżżejjed fl-MFF attwali; jappella, għaldaqstant, biex fl-MFF li jmiss jinżamm il-limitu minimu ta' flessibilità ta' 5 % iktar jew inqas mill-ammonti stabbiliti b'kodeċiżjoni;

149. Huwa konvint li l-marġni mhux użati u l-approprjazzjonijiet diżimpenjati jew mhux użati (kemm impenji kif ukoll il-ħlasijiet) ta' baġit ta' sena għandhom ikunu riportati għas-sena suċċessiva u jiffurmaw marġni kumplessiv fl-MFF li jiġi assenjat lid-diversi intestaturi skont il-ħtiġijiet stmati tagħhom; jemmen, għaldaqstant, li l-flus allokati għall-baġit tal-UE għandhom jintefqu biss f'dan il-kuntest u ma jiġux irritornati lill-Istati Membri, kif qed isir bħalissa;

150. Jemmen ukoll li t-tali proposti għandhom ikunu integrati minn flessibilità ta' riallokazzjoni bejn l-intestaturi f'sena partikolari u minn aktar flessibilità bejn is-sottointestaturi;

([1]) ĠU C 117 E, 6.5.2010, p. 95.

151. Itenni li l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għandu jitfassal b'mod li jippermetti l-użu effikaċi ta' dawn l-istrumenti;

Il-mekkaniżmi ta' flessibilità

152. Iqis li huwa kruċjali li jinżammu strumenti speċjali (l-Istrument ta' Flessibilità, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, ir-Riżerva għal Għajnuna ta' Emerġenza), li jistgħu jiġu mmobilizzati fuq bażi ad hoc, billi jiġi ssimplifikat aktar l-użu tagħhom u jingħatawlhom pakketti suffiċjenti, kif ukoll billi possibilment jinħolqu strumenti ġodda fil-ġejjieni; jenfasizza li l-mobilizzazzjoni ta' sorsi addizzjonali ta' finanzjament bħal dawn għandha tikkonforma mal-metodu Komunitarju;

153. Iqis li l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) kellu suċċess billi pprovda s-solidarjetà u l-appoġġ tal-UE lil ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba l-effetti negattivi tal-globalizzazzjoni u l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali u għandu, għaldaqstant, jinżamm taħt l-MFF il-ġdid; iqis, madankollu, li l-proċeduri għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-FEG jieħdu ħafna ħin u huma kkumplikati; jitlob lill-Kummissjoni tipproponi modi kif dawn il-proċeduri jistgħu jiġu ssemplifikati u mqassra fil-futur;

154. Jemmen li l-Istrument ta' Flessibilità, li kien l-aktar mekkaniżmu ta' flessibilità li ġie implimentat għalkollox, kien essenzjali fl-għoti ta' flessibilità addizzjonali; jipproponi li jiżdied b'mod sinifikanti l-ammont inizjali tal-Istrument ta' Flessibilità, b'żieda annwali sussegwenti tul il-perjodu tal-MFF, u li tinżamm il-possibilità li jiġi ttrasferit 'il quddiem sas-sena n+2 il-porzjon tal-ammont annwali li ma jkunx intuża;

155. Jinnota li f'dawn l-aħħar snin il-fondi disponibbli biex jiġu indirizzati diżastri naturali u umanitarji urġenti ma kinux biżżejjed; jitlob, għalhekk, li jkun hemm żieda sostanzjali fil-pakkett tar-Riżerva għal Għajnuna ta' Emerġenza kif ukoll il-possibilità ta' mobilizzazzjoni multiannwali tal-istrument;

*Il-perjodu tal-MFF*

156. Jenfasizza li l-għażla tal-perjodu ta' validità tal-MFF il-ġdid għandha ssib bilanċ tajjeb bejn l-istabilità għaċ-ċikli ta' programmazzjoni u l-implimentazzjoni ta' politiki individwali, u l-perjodu taċ-ċikli politiċi tal-istituzzjonijiet – b'mod partikolari dawk fil-Kummissjoni Ewropea u fil-Parlament Ewropew; ifakkar li perjodu itwal jirrikjedi iżjed flessibilità;

157. Jemmen li ċiklu ta' 5 snin jikkonforma għalkollox mar-rieda espressa tal-Parlament li l-perjodu tal-MFF jiġi allinjat, kemm jista' jkun, mal-perjodu taċ-ċikli politiċi tal-istituzzjonijiet, għal raġunijiet ta' rendikont u responsabilità demokratika; huwa mħasseb, madankollu, li ċiklu ta' 5 snin jaf ikun qasir wisq f'dan l-istadju għal politiki li jeħtieġu programmazzjoni fuq perjodu itwal ta' żmien (jiġifieri l-koeżjoni, l-agrikoltura, it-TENs) u ma jikkonformax għalkollox mar-rekwiżiti tal-programmazzjoni u taċ-ċiklu tal-ħajja tal-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki;

158. Jinnota li l-MFF għal għaxar snin, kif propost mill-Kummissjoni fir-Rieżami Baġitarju, jista' jipprovdi stabilità u prevedibilità sostanzjali għall-perjodu ta' programmazzjoni finanzjarja, iżda peress li l-limiti massimi globali u l-istrumenti legali ewlenin ikunu fissi għal għaxar snin, dan iżid ir-riġidità tal-MFF u jagħmilha estremament diffiċli li jsiru aġġustamenti għal sitwazzjonijiet ġodda; iqis, madankollu, li ċiklu ta' 5+5 snin jista' jiġi previst biss jekk jintlaħaq ftehim mal-Kunsill dwar livell massimu ta' flessibilità, li jkun jinkludi rieżami obbligatorju ta' nofs it-terminu, u dan il-ftehim jiġi inkorporat fir-regolament tal-MFF;

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

159. Huwa tal-fehma li għall-MFF li jmiss, ċiklu ta' 7 snin, stabbilit sal-2020, għandu jkun is-soluzzjoni tranżitorja preferuta peress li jista' jipprovdi aktar stabilità billi jiżgura l-kontinwità tal-programmi għal perjodu itwal, u jagħmel konnessjoni ċara wkoll mal-istrateġija Ewropa 2020; jenfasizza, madankollu, li l-għażliet kollha għall-perjodu tal-MFF li jmiss huma suġġetti għal finanzjament suffiċjenti u flessibilità adegwata u li tkun mogħnija b'biżżejjed riżorsi kemm fil-qafas kif ukoll barra minnu biex jiġu evitati l-problemi li qamu matul il-perjodu 2007-2013;

160. Jemmen li deċiżjoni dwar MFF ġdid għal 7 snin m'għandux jeskludi l-possibilità li jintgħażel perjodu ta' 5 snin jew ta' 5+5 snin mill-2021; itenni l-konvinzjoni tiegħu li sinkronizzazzjoni tal-programmazzjoni finanzjarja mal-mandat tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni żżid ir-responsabilità demokratika, ir-rendikont u l-leġittimità;

***Parti V: It-tqabbil tal-ambizzjonijiet mar-riżorsi: ir-rabta bejn l-infiq u r-riforma tal-finanzjament tal-UE***

*Riżorsi baġitarji suffiċjenti*

161. Huwa konxju għalkollox li ħafna Stati Membri qegħdin jagħmlu aġġustamenti fiskali diffiċli lill-baġits nazzjonali tagħhom u jtenni li l-ksib ta' valur miżjud Ewropew u l-garanzija ta' ġestjoni finanzjarja tajba (effiċjenza, effikaċja, ekonomija) għandhom ikunu, issa iktar minn qatt qabel, prinċipji gwida għall-baġit tal-UE;

162. Jenfasizza li, indipendentement mit-tfaddil li sar, il-baġit tal-UE, fil-livell globali attwali ta' 1 % tal-introjtu nazzjonali gross (ING), mhuwiex kapaċi jimla d-distakk li ġej mill-ħtiġijiet ta' finanzjament supplementari marbuta mat-Trattat kif ukoll mal-prijoritajiet u mal-impenji politiċi eżistenti, ngħidu aħna:

— il-ksib tal-objettivi primarji tal-istrateġija Ewropa 2020 fl-oqsma tal-impjiegi, R&Ż, klima u enerġija, edukazzjoni u tnaqqis tal-faqar;

— iż-żieda fin-nefqa għar-riċerka u l-innovazzjoni minn 1.9 % attwali tal-PDG għal 3 % tal-PDG, li jammontaw għal madwar EUR 130 biljun ta' nfiq pubbliku u privat fis-sena;

— l-investimenti meħtieġa fl-infrastrutturi;

— il-finanzjament komplut u essenzjali, ikkalkolat b'mod trasparenti, ta' proġetti kbar adottati mill-Kunsill, bħall-ITER u Galileo kif ukoll il-Politika Spazjali Ewropea;

— l-approprjazzjonijiet addizzjonali li għadhom mhumiex kwantifikabbli meħtieġa fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, inklużi s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u l-Politika Ewropea tal-Viċinat;

— il-ħtiġijiet ta' finanzjament addizzjonali relatati mat-tkabbir futur tal-UE;

— il-finanzjament tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja attwali u tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà wara l-2013, bil-għan li liż-żona tal-euro u lill-UE tingħatalhom stabblità fiskali meħtieġa biex jegħlbu l-kriżi tad-dejn;

— l-isforz finanzjarju b'rabta mal-ilħiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDG) għall-infiq ta' 0.7 % tal-ING fuq l-għajnuna għall-iżvilupp, jiġifieri madwar EUR 35 biljun fis-sena iżjed meta mqabbel mal-infiq attwali ta' 0.4 % tal-ING;

— l-impenji li jirriżultaw mill-ftehimiet ta' Kopenħagen u Cancún biex jgħinu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw jiġġieldu kontra t-tibdil fil-klima u jadattaw ruħhom għall-effetti tiegħu li għandhom ikunu ġodda u jiżdiedu mal-impenji li saru fil-qafas tal-MDG u jammontaw għal 100 biljun dollaru fis-sena sal-2020, li minnhom madwar terz għandu jitħallas mill-UE;

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

163. Għalhekk huwa tal-opinjoni soda li l-iffriżar tal-MFF li jmiss fil-livell tal-2013, kif mitlub minn xi Stati Membri, mhuwiex alternattiva vijabbli; jirrimarka li anke b'żieda ta' 5 % fil-livell tar-riżorsi għall-MFF li jmiss meta mqabbel mal-livell tal-2013 (1), tkun tista' ssir biss kontribuzzjoni limitata għall-ilħuq tal-objettivi u l-impenji miftehma tal-Unjoni u għall-prinċipju tas-solidarjetà tal-Unjoni; għalhekk huwa konvint li hija meħtieġa żieda ta' mill-inqas 5 % għall-MFF li jmiss; jistieden lill-Kunsill, f'każ li ma jikkondividix dan l-approċċ, biex jidentifika b'mod ċar liema mill-prijoritajiet jew proġetti politiċi tiegħu jistgħu jitneħħew kompletament, minkejja l-valur miżjud Ewropew tagħhom;

164. Itenni li mingħajr riżorsi addizzjonali suffiċjenti fl-MFF ta' wara l-2013, l-Unjoni mhux se tkun tista' tilħaq il-prijoritajiet politiċi eżistenti, l-iktar dawk marbuta mal-istrateġija Ewropa 2020 u l-kompiti l-ġodda mogħtija mit-Trattat ta' Lisbona, biex ma ngħidu xejn dwar ir-reazzjoni għal avvenimenti mhux previsti;

165. Jinnota li l-limitu massimu tar-riżorsi proprji ilu ma jinbidel mill-1993; jemmen li l-limitu massimu tar-riżorsi proprji jista' jeħtieġ xi aġġustament progressiv hekk kif l-Istati Membri jagħtu aktar kompetenzi lill-Unjoni u jistabbilixxu aktar objettivi għaliha; iqis li filwaqt li l-limitu massimu attwali tar-riżorsi proprji stabbilit b'mod unanimu mill-Kunsill (2) jipprovdi biżżejjed flessibilità baġitarja biex jintlaqgħu l-aktar sfidi urġenti tal-Unjoni, xorta ma jkunx biżżejjed sabiex il-Baġit tal-UE jsir għodda reali għal governanza ekonomika Ewropea jew biex jikkontribwixxi b'mod kbir għall-istrateġija Ewropa 2020 fil-livell tal-UE;

Sistema ta' finanzjament aktar trasparenti, sempliċi u ekwa

166. Ifakkar li skont it-Trattat ta' Lisbona "salv kull dħul ieħor, l-estimi għandhom ikunu ffinanzjati kompletament minn riżorsi proprji"; jenfasizza li l-mod kif evolviet is-sistema tar-riżorsi proprji, li gradwalment issostitwixxiet ir-riżorsi proprji ġenwini bl-hekk imsejħa "kontributi nazzjonali", iqiegħed enfasi sproporzjonata fuq il-bilanċi netti bejn l-Istati Membri biex b'hekk jikkontradixxi l-prinċipju tas-solidarjetà tal-UE, ixejjen l-interess komuni Ewropew u jinjora b'mod ġenerali l-valur miżjud Ewropew; jinnota li fil-prattika, din is-sitwazzjoni tfisser li d-daqs tal-baġit huwa affettwat miċ-ċirkostanzi finanzjarji tal-Istati Membri individwali, kif ukoll l-attitudni tagħhom lejn l-UE; jitlob b'mod qawwi, għalhekk, għal riforma fil-fond tar-riżorsi tal-UE biex il-finanzjament tal-UE jiġi riallinjat mal-ispirtu u r-rekwiżiti tat-Trattat;

167. Iqis li l-għan ewlieni tar-riforma huwa li tinkiseb sistema ta' finanzjament aktar awtonoma, ekwa, trasparenti, sempliċi u ekwitabbli, li tkun tista' tinftiehem aħjar miċ-ċittadini, u tiċċara aktar il-kontribuzzjoni tagħhom għall-baġit tal-UE; jitlob, f'dan il-kuntest, li jintemmu r-ribassi, l-eċċezzjonijiet u l-mekkaniżmi ta' korrezzjoni eżistenti; huwa konvint li l-introduzzjoni ta' riżorsa jew riżorsi proprji ġenwini għall-Unjoni, biex tiġi sostitwita s-sistema bbażata fuq l-IGN, hija indispensabbli jekk l-Unjoni għandux qatt ikollha l-baġit li teħtieġ biex tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-istabilità finanzjarja u l-irkupru ekonomiku; ifakkar li kwalunkwe bidla fir-riżorsi proprji għandha tiġi implimentata b'konformità mas-sovranità fiskali tal-Istati Membri; jinsisti, f'dan il-kuntest, li l-Unjoni għandha tkun tista' tiġbor direttament ir-riżorsi proprji tagħha, indipendenti mill-baġits nazzjonali;

(1) Livell tal-2013: 1.06 % tal-IGN; Livell tal-2013 + 5 %: 1.11 % tal-IGN; kemm f'approprjazzjonijiet għall-impenji kif ukoll fi prezzijiet kostanti tal-2013. Dawn iċ-ċifri huma bbażati fuq MFF ta' 7 snin bl-użu tal-estimi u l-previżjonijiet li ġejjin mill-Kummissjoni:
— l-previżjoni ta' Mejju 2011 tal-IGN tal-2012 minn DĠ BUDG: EUR 13 130 916,3 miljun (prezzijiet tal-2012);
— L-estimi ta' Jannar 2011 tad-DĠ ECFIN tat-tkabbir nominali ta' 1.4 % fl-IGN għall-2011-2013 u 1.5 % għall-2014-2020.
NB: Iċ-ċifri huma suġġetti għal bidliet bi qbil mal-varjazzjonijiet tal-estimi u l-previżjonijiet tal-Kummissjoni kif ukoll bis-sena ta' referenza u t-tip ta' prezzijiet użati (attwali jew kostanti).

(2) 1.23 % tal-IGN totali tal-Istati Membri f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet u 1.29 % f'approprjazzjonijiet għall-impenji

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

168. Jenfasizza li r-ristrutturar tas-sistema tar-riżorsi proprji ma tikkonċernax id-daqs tal-baġit tal-UE iżda s-sejba ta' taħlita aktar effikaċi ta' riżorsi biex jiġu ffinanzjati l-politiki u l-objettivi maqbula tal-UE; jirrimarka li l-introduzzjoni ta' sistema ġdida ma żżidx il-piż globali tat-taxxa għaċ-ċittadini, iżda minflok tnaqqas il-piż fuq it-teżori nazzjonali;

169. Jenfasizza li l-Parlament Ewropew huwa l-uniku parlament li huwa involut fuq in-naħa tan-nefqiet iżda mhux fuq in-naħa tad-dħul; għaldaqstant jenfasizza l-ħtieġa kruċjali ta' riforma demokratika tar-riżorsi tal-UE;

170. Jieħu nota tar-riżorsi proprji potenzjali proposti mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha dwar ir-Rieżami Baġitarju (tassazzjoni tas-settur finanzjarju, irkantar taħt is-Sistema tal-Kummerċ tal-Emissjonijiet tal-Gassijiet b'effett serra, miżata tal-UE li tirrigwarda t-trasport bl-ajru, VAT, taxxa tal-enerġija, taxxa fuq id-dħul tal-kumpaniji); jistenna l-konklużjonijiet tal-analiżi tal-impatt ta' dawn l-għażliet, inkluż studju ta' fattibilità dwar id-diversi għażliet għal Taxxa tal-UE fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji, li għandha teżamina wkoll il-mekkaniżmi rilevanti tal-ġbir, fid-dawl tal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni ta' proposta leġiżlattiva sal-1 ta' Lulju 2011;

171. Iqis li TTF tista' tikkostitwixxi kontribuzzjoni sostanzjali, mis-settur finanzjarju, għall-ispiża ekonomika u soċjali tal-kriżi, u għas-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi; huwa tal-fehma li TTF tista' wkoll tikkontribwixxi parzjalment għall-iffinanzjar tal-baġit tal-UE kif ukoll biex jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet tad-DNG tal-Istati Membri u li l-Unjoni għandha taġixxi wkoll bħala xempju fir-rigward taċ-ċaqliq ta' fondi lejn rifuġji fiskali;

***Parti VI: Lejn proċess ta' negozjar interistituzzjonali mingħajr xkiel u effiċjenti***

172. Ifakkar li, skont it-Trattat ta' Lisbona, l-approvazzjoni tal-Parlament, mogħtija b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu, hija obbligatorja għall-adozzjoni tal-MFF mill-Kunsill, li jaġixxi unanimament;

173. Jenfasizza r-rekwiżiti ta' maġġoranza stretti kemm għall-Parlament kif ukoll għall-Kunsill u jindika l-importanza li tiġi sfruttata kemm jista' jkun id-dispożizzjoni tat-Trattat fl-Artikolu 312(5) tat-TFUE, li tirrikjedi lill-Parlament, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, tul il-proċedura li twassal għall-adozzjoni tal-MFF, li jieħdu kwalunkwe miżuri meħtieġa għal dan il-għan; jinnota li dan jimponi b'mod espliċitu fuq l-istituzzjonijiet id-dmir li jwettqu negozjati biex jaslu għal ftehim dwar test li l-Parlament ikun jista' jagħti l-approvazzjoni tiegħu għalih; jirrimarka barra minn hekk li jekk l-ebda MFF ma jkun ġie adottat sal-aħħar tal-2013, il-livelli massimi u dispożizzjonijiet oħra korrispondenti għas-sena 2013 għandhom jiġu estiżi sa dak iż-żmien li fih jiġi adottat MFF ġdid;

174. Jilqa' l-impenn tal-Presidenzi tal-Kunsill ([1]) li jiżguraw djalogu miftuħ u kostruttiv u kollaborazzjoni mal-Parlament waqt il-proċedura kollha għall-adozzjoni tal-MFF futur fi u jafferma mill-ġdid ix-xewqa tiegħu li jaħdem mill-qrib mal-Kunsill u l-Kummissjoni skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona matul il-proċess tan-negozjati;

175. Iħeġġeġ konsegwentament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jikkonformaw mat-Trattat u jagħmlu kull sforz neċessarju biex jilħqu ftehim malajr mal-Parlament dwar metodu ta' ħidma prattiku għall-proċess ta' negozjati tal-MFF; itenni r-rabta bejn riforma tad-dħul u riforma tal-infiq u jitlob, għalhekk, impenn sod mill-Kunsill li jiddiskuti l-proposti dwar ir-riżorsi proprji l-ġodda fil-kuntest tan-negozjati tal-MFF;

([1]) Ittra tal-Prim Ministru Yves Leterme lill-President Buzek, 8 ta' Diċembru 2010.

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

176. Jitlob li jinbeda dibattitu pubbliku estensiv fil-livell tal-UE dwar l-iskop, l-ambitu u d-direzzjoni tal-MFF tal-Unjoni u r-riforma tas-sistema ta' dħul tagħha; jipproponi, b'mod partikolari, li titlaqqa' konferenza tat-tip ta' Konvenzjoni dwar il-finanzjament futur tal-Unjoni, li għandha tinkludi Membri tal-Parlament Ewropew kif ukoll tal-parlamenti nazzjonali;

*

* *

177. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-istituzzjonijiet u l-entitajiet l-oħra kkonċernati, kif ukoll lill-gvernijiet u l-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri;

Il-Ħamis 9 ta' Ġunju 2011

## Is-Sudan u s-Sudan t'Isfel

P7_TA(2011)0267

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2011 dwar is-Sudan u s-Sudan t'Isfel: is-sitwazzjoni wara r-referendum 2011**

(2012/C 380 E/14)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-Sudan,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Komprensiv ta' Paċi (CPA) iffirmat fid-9 ta' Jannar 2005,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 1978 (2011) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Unjoni Afrikana tal-31 ta' Jannar 2011,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-31 ta' Jannar 2011 dwar is-Sudan, kif ukoll id-Deċiżjoni 2011/315/UE ([1]) tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2011,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Presidenzjali tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tat-3 ta' Ġunju 2011,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-7 ta' Frar 2011 tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Catherine Ashton, f'isem l-Unjoni Ewropea, dwar ir-riżultati finali tar-referendum rigward l-awtodeterminazzjoni tas-Sudan t'Isfel, kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-Barunissa Ashton tal-24 ta' Mejju 2011 dwar is-sitwazzjoni fis-Sudan,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-konsultazzjonijiet appoġġjati min-NU dwar il-proċess ta' paċi fid-Darfur, li saru f'Doha, il-Qatar (mis-27 sal-31 ta' Mejju 2011),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni finali tal-missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' osservazzjoni tar-referendum, ippreżentata fit-2 ta' Ġunju 2011,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi r-Referendum dwar is-Sudan t'Isfel sar bejn id-9 u l-15 ta' Jannar 2011, u l-maġġoranza l-kbira kienet favur it-twaqqif ta' stat indipendenti tas-Sudan t'Isfel,

B. billi s-Sudan t'Isfel huwa mistenni jiddikjara formalment l-indipendenza tiegħu fid-9 ta' Lulju 2011, data li tikkoinċidi mal-iskadenza tas-CPA,

C. billi, minkejja r-riżervi ta' riżorsi naturali tas-Sudan t'Isfel bħaż-żejt, ir-ram u l-ħadid kif ukoll il-foresti u l-art għammiela, il-maġġoranza l-kbira tal-popolazzjoni tiegħu tgħix fil-faqar, b'waħda mill-ogħla rati ta' mortalità tat-trabi u bl-iżjed indikaturi baxxi tal-edukazzjoni fid-dinja, u billi dan kollu jikkontribwixxi għal sfidi soċjoekonomiċi, umanitarji u ta' sigurtà,

D. billi xi aspetti tas-CPA ma ġewx implimentati fil-ħin jew għadhom ma ġewx implimentati, u jinħtieġu sforzi konsiderevoli biex jintlaħaq qbil dwar negozjati ta' wara r-referendum dwar kwistjonijiet bħall-qsim tad-dħul miż-żejt, id-demarkazzjoni tal-fruntieri, iċ-ċittadinanza u d-diviżjoni tad-djun u l-assi,

([1]) ĠU L 142, 28.5.2011, p. 61.

E. billi r-referendum biex jiġi stabbilit jekk Abyei hix se tkun parti mis-Sudan ta' Fuq jew t'Isfel, li kellu jikkoinċidi mar-referendum dwar is-Sudan t'Isfel, għadu ma sarx, u dan wassal biex il-vjolenza fiż-żona intensifikat b'mod gravi,

F. billi l-istatus taż-żoni ta' kunflitt għadu ma ġiex solvut, u billi s-sitwazzjoni f'Abyei sejra għall-agħar, u dan qed iwassal għall-mewt ta' mijiet ta' nies u għall-esodu ta' eluf ta' persuni, filwaqt li l-poplu huwa vulnerabbli għal insigurtà alimentari, mard u nuqqas ta' aċċess għal servizzi bażiċi bħall-kura tas-saħħa u ilma tajjeb għax-xorb,

G. billi s-sitwazzjoni fid-Darfur għadha sors kbir ta' preokkupazzjoni, u billi reċentement, il-Missjoni tan-NU fid-Darfur irrappurtat bombardamenti mill-Gvern, kif ukoll li bosta ħaddiema umanitarji inħatfu bħala ostaġġi fir-reġjun; billi l-missjoni ġġarrab regolarment fastidju, ħtif u theddidiet għas-sigurtà ġenerali,

1. Jilqa' l-imġiba paċifika u kredibbli kemm tas-Sudan kif ukoll tas-Sudan t'Isfel fir-Referendum 2011 dwar is-Sudan t'Isfel, l-isforzi tal-partijiet kontraenti kollha għas-CPA u l-impenn l wrew lejh; iqis dan bħala pass kruċjali fl-implimentazzjoni tas-CPA u bħala sinjal pożittiv għall-koeżistenza paċifika taż-żewġ pajjiżi;

2. Itenni r-rispett sħiħ tiegħu għar-riżultat tar-referendum bħala l-espressjoni tar-rieda demokratika tal-poplu tas-Sudan t'Isfel; jistieden kemm lis-Sudan ta' Fuq kif ukoll lis-Sudan t'Isfel biex jippromwovu l-governanza demokratika u l-istabbiliment ta' paċi, sigurtà u prosperità fuq medda twila ta' żmien għaż-żewġ pajjiżi, b'rispett għad-drittijiet umani, soċjali u ekonomiċi;

3. Jistieden lill-awtoritajiet tas-Sudan t'Isfel jippromwovu l-iżvilupp tas-Sudan t'Isfel bħala stat modern, pluralistiku u demokratiku bbażat fuq l-istat tad-dritt u li jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-drittijiet tan-nisa u t-tfal, u l-preminenza tad-dritt taċ-ċittadini li jagħżlu l-gvern tagħhom permezz ta' elezzjonijiet regolari u ħielsa, filwaqt li l-protezzjoni tal-libertà ta' moviment, il-libertà ta' assoċjazzjoni u l-libertà li dak li jkun jesprimi l-fehmiet politiċi tiegħu jkunu inkorporati kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll fid-dritt;

4. Jikkundanna bil-qawwa l-attakk intenzjonat li sar fuq il-Missjoni tan-NU fis-Sudan (UNMIS) fl-10 ta' Mejju 2011 fl-inħawi ta' Abyei u jiddenunzja l-militarizzazzjoni ta' dik iż-żona kemm mis-Sudan ta' Fuq kif ukoll mis-Sudan t'Isfel; iħeġġeġ liż-żewġ partijiet kontraenti għas-CPA biex ikomplu jiżguraw is-sigurtà u s-sikurezza tal-popli kollha fis-Sudan, b'mod partikolari fl-istat ta' Abyei, bla ma jbiddlu l-kompożizzjoni demografika tar-reġjun; jitlob lill-forzi armati kemm tas-Sudan kif ukoll tas-Sudan t'Isfel biex jirtiraw minn Abyei, u liż-żewġ naħat biex juru trażżin billi jipparteċipaw fi djalogu kostruttiv immedjat għal soluzzjoni paċifika dwar l-istatus ta' Abyei fil-qafas tas-CPA;

5. Jenfasizza l-appoġġ tiegħu għall-isforzi tal-Grupp ta' Implimentazzjoni ta' Livell Għoli għas-Sudan tal-Unjoni Afrikana, taħt it-tmexxija ta' Thabo Mbeki, biex jiffaċilita n-negozjati bejn il-partijiet kontraenti għas-CPA, u l-isforzi tar-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għas-Sudan, Haile Menkerios, għal medjazzjoni bejn iż-żewġ naħat fir-reġjun ta' Abyei; jafferma mill-ġdid li l-UE trid tkun lesta tipprovdi kwalunkwe assistenza ulterjuri li hi meħtieġa;

6. Iħeġġeġ lill-partijiet kontraenti kollha għas-CPA biex jibdew djalogu kontinwu u kostruttiv biex jindirizzaw il-kwistjonijiet ta' wara r-referendum fosthom il-fruntieri komuni, l-arranġamenti għaċ-ċittadinanza kemm għaċ-ċittadini tan-naħa ta' fuq kif ukoll għal dawk tan-naħa t'isfel, il-kondiviżjoni tad-dħul miż-żejt u l-użu tal-pipelines, u l-organizzazzjoni ta' konsultazzjonijiet popolari fin-Nil il-Blu u fil-Kordofan tan-Nofsinhar;

7. Jenfasizza l-importanza tal-iżgurar ta' ġestjoni effikaċi u sikura ta' dawk li jerġgħu lura fis-Sudan t'Isfel, f'dak li għandu x'jaqsam mat-tranżitu, il-kapaċità teknika (nuqqas ta' urbanisti u ġeometri), l-infrastruttura, l-allokazzjoni tal-art u l-aċċess għas-servizzi bażiċi;

8. Jilqa' d-dikjarazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2011 li EUR 200 miljun se jiġu allokati għas-Sudan t'Isfel minbarra l-EUR 150 miljun allokati s-sena l-oħra biex jgħinu l-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli fis-Sudan kollu; jinnota li l-għajnuna għall-iżvilupp tal-UE diġà lesta biex tgħin liż-żewġ naħat; jisħaq li l-flus ġodda għandhom jintużaw biex jappoġġjaw servizzi bażiċi, primarjament l-edukazzjoni u s-saħħa, l-agrikoltura, is-sigurtà tal-ikel u l-bini tal-kapaċità istituzzjonali; jitlob li s-Sudan t'Isfel jaderixxi b'urġenza għall-Ftehim ta' Cotonou u li l-UE tieħu l-passi kollha meħtieġa biex tiżgura li l-finanzjament mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp isir disponibbli malajr kemm jista' jkun;

9. Jenfasizza li l-UE jrid ikollha rwol prinċipali fil-Konferenza tad-Donaturi tas-Sudan t'Isfel aktar tard fl-2011 u trid tinkuraġġixxi b'mod attiv lil donaturi oħrajn biex jagħmlu l-istess; jistieden lill-kredituri internazzjonali jtaffu d-dejn internazzjonali tas-Sudan u tas-Sudan t'Isfel;

10. Jistieden lill-Gvern tas-Sudan t'Isfel biex idaħħal politiki dwar l-investiment barrani fl-interess tal-popolazzjoni, biex l-investiment barrani fir-riżorsi naturali jkun ta' benefiċċju għall-iżvilupp tal-ekonomija domestika sabiex jiġi miġġieled il-faqar; jenfasizza li l-UE trid tagħmel ħilitha biex tiżgura li l-entitajiet multinazzjonali u l-intrapriżi barranin li joperaw fir-reġjun ikunu rregolati biżżejjed u jiddikjaraw b'mod trasparenti l-attivitajiet u d-dħul tagħhom;

11. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex jestendi l-mandat tal-UNMIS u biex jibgħat forzi addizzjonali għaż-żamma tal-paċi fis-Sudan; iqis li preżenza kontinwa tan-NU hija siewja ferm għall-iżvilupp paċifiku ta' żewġ stati vijabbli; jistieden kemm lis-Sudan kif ukoll lis-Sudan t'Isfel biex jilqgħu l-preżenza tan-NU u jiżguraw is-sikurezza tagħha;

12. Jisħaq fuq l-importanza li l-UE tibqa' tagħti l-għajnuna umanitarja tagħha lis-Sudan u lis-Sudan t'Isfel wara d-9 ta' Lulju 2011; jinkuraġġixxi preżenza u kapaċità umanitarji sostanzjali fir-reġjun b'mezzi adegwati biex tkun żgurata s-sikurezza tal-organizzazzjonijiet umanitarji;

13. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-konsultazzjonijiet appoġġjati min-NU dwar il-proċess ta' paċi fid-Darfur; jistieden lill-partijiet kollha jirrispettaw il-ftehimiet ta' waqfien mill-ġlied u ta' twaqqif tal-kunflitti li diġà ġew iffirmati; jinnota l-importanza ta' trasparenza sħiħa matul in-negozjati dwar il-kwistjonijiet tad-Darfur u ta' Abyei, kif ukoll tad-djalogu ġenerali bejn is-Sudan ta' Fuq u s-Sudan t'Isfel; jitlob li jkun hemm rappreżentanza tal-partijiet kollha involuti fit-tilwima, kif ukoll tas-soċjetà ċivili u tal-mexxejja politiċi fil-livelli lokali, nazzjonali u internazzjonali;

14. Iħeġġeġ lill-Gvern tas-Sudan t'Isfel jadotta approċċ trasparenti, responsabbli u inklużiv għal governanza tul il-proċess kostituzzjonali ta' reviżjoni; jenfasizza li huwa importanti li l-partiti politiċi kollha jaħdmu flimkien biex jirrappreżentaw b'mod sħiħ il-poplu kollu tal-pajjiż u jgħinu fil-bini ta' istituzzjonijiet politiċi stabbli u demokratiċi;

15. Jistieden liż-żewġ naħat biex, sa ma jasal jum l-indipendenza fid-9 ta' Lulju 2011, jippreżentaw pjanijiet konkreti dwar it-twaqqif u/jew ir-riforma tal-istituzzjonijiet tagħhom sabiex iż-żewġ Stati jkunu vijabbli minn din id-data; jitlob lid-delegazzjonijiet fis-Sudan u fis-Sudan t'Isfel biex jiċċirkolaw u jimplimentaw proattivament ir-rakkomandazzjonijiet tal-missjonijiet riċenti tal-UE ta' osservazzjoni tar-referendum u l-elezzjoni;

16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għas-Sudan t'Isfel, lill-Gvern tas-Sudan, lill-Gvern tas-Sudan t'Isfel, lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Afrikana u lill-President tal-Grupp ta' Livell Għoli għas-Sudan tal-Unjoni Afrikana, lill-Assemblea Parlamentari AKP-UE u lill-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-UE.

## Samit UE-Russja

P7_TA(2011)0268

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2011 dwar is-Samit bejn l-UE u r-Russja**

(2012/C 380 E/15)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) eżistenti bejn, fuq naħa, il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, u fuq l-oħra, il-Federazzjoni Russa [1], u n-negozjati li nbdew fl-2008 dwar ftehim ġdid bejn l-UE u r-Russja, kif ukoll is-'Sħubija għall-Modernizzazzjoni' li nbdiet fl-2010,

— wara li kkunsidra l-objettiv kondiviż mill-UE u r-Russja, stabbilit fid-dikjarazzjoni konġunta maħruġa fil-31 ta' Mejju 2003 wara l-11-il Samit bejn l-UE u r-Russja f'San Pietruburgu, dwar il-ħolqien ta' spazju ekonomiku komuni, spazju komuni ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, spazju komuni ta' kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà esterna u spazju komuni ta' riċerka u edukazzjoni, inklużi l-aspetti kulturali ('l-erba' spazji komuni'),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Russja u dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja, partikolarment ir-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Frar 2011 [2] dwar l-istat tad-dritt, tas-17 ta' Ġunju 2010 [3] dwar is-Samit bejn l-UE u r-Russja, tat-12 ta' Novembru 2009 [4] qabel is-Samit bejn l-UE u r-Russja fi Stokkolma fit-18 ta' Novembru 2009, ir-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Settembru 2009 dwar il-qtil ta' attivisti tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja [5] u r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Settembru 2009 dwar aspetti esterni tas-sigurtà tal-enerġija [6],

— wara li kkunsidra l-konsultazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-aħħar laqgħa li saret f'dan il-kuntest fl-4 ta' Mejju 2011,

— wara li kkunsidra l-ftehimiet iffirmati u d-dikjarazzjonijiet konġunti maħruġa waqt is-Samit bejn l-UE u r-Russja f'Rostov-on-Don mill-31 ta' Mejju sal-1 ta' Ġunju 2010,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli tal-UE Catherine Ashton, tal-24 ta' Mejju 2011, dwar il-każ ta' Mikhail Khodorkovsky u Platon Lebedev,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tat-18 ta' Mejju 2011 mill-kopresidenti tal-Kumitat għall-Kooperazzjoni Parlamentari UE-Russja f'Sochi,

— wara li kkunsidra l-aġenda tas-Samit bejn l-UE u r-Russja f'Nizhny Novgorod fid-9 u l-10 ta' Ġunju 2011,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

[1] ĠU L 327, 28.11.1997, p. 1.
[2] Testi adottati, P7_TA(2011)0066.
[3] Testi adottati, P7_TA(2009)0234.
[4] ĠU L 271 E, 7.10.2010, p. 2.
[5] ĠU C 224 E, 19.8.2010, p. 27.
[6] ĠU C 224 E, 19.8.2010, p. 23.

A. billi ir-Russja, li hi membru permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, taqsam ir-responsabilità mal-UE għaż-żamma tal-istabilità dinjija, u billi l-kooperazzjoni msaħħa u r-relazzjonijiet ta' ġirien tajba bejn l-UE u r-Russja huma ta' importanza ewlenija għall-istabilità, is-sigurtà u l-prosperità tal-Ewropa u lil hinn minnha; billi huwa importanti li l-UE titkellem b'vuċi waħda u turi solidarjetà fir-relazzjonijiet tagħha mal-Federazzjoni Russa, u tibbaża dawk ir-relazzjonijiet fuq interessi reċiproċi u valuri komuni,

B. billi l-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-UE u l-Federazzjoni Russa jibqa' ta' importanza kbira għal aktar żvilupp u intensifikazzjoni tal-koperazzjoni bejn iż-żewġ sħab,

C. billi l-UE u r-Russja huma reċiprokament interdipendenti kemm ekonomikament u kemm politikament; billi l-Unjoni Ewropea tkompli timpenja ruħha biex tapprofondixxi u tiżviluppa ulterjorment ir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja, imsejsa fuq impenn profond favur prinċipji demokratiċi,

D. billi għad hemm tħassib rigward ir-rispett u l-protezzjoni tar-Russja għad-drittijiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, l-indipendenza tal-ġudikatura, il-kontroll politiku tal-midja, il-miżuri ripressivi li ttieħdu kontra l-ġurnalisti u r-rappreżentanti tal-oppożizzjoni u dwar kemm kienu ġusti l-elezzjonijiet; billi l-Federazzjoni Russa hija membru sħiħ tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-Organizzazzjoni għas-Sigurta u l-Koperazzjoni fl-Ewropa, u għalhekk intrabtet mal-prinċipji tad-demokrazija u tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem,

E. billi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkundannat lill-Federazzjoni Russa għal vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem f'ħafna każijiet u sentenzi; billi l-implimentazzjoni tas-sentenza għadha insuffiċjenti,

F. billi ħafna sfidi fuq livell internazzjonali, partikolarment rigward il-Lvant Nofsani, il-Libja, l-Iran, it-terroriżmu, is-sigurtà tal-enerġija, it-tibdil fil-klima u l-kriżijiet finanzjarji mhux se jingħelbu mingħajr relazzjonijiet responsabbli u ta' kooperazzjoni mar-Russja,

G. billi relazzjonijiet tajba bejn il-ġirien, il-paċi u l-istabilità fil-pajjiżi ġirien komuni huma fl-interess kemm tar-Russja kif ukoll tal-UE; billi kważi tliet snin wara l-kunflitt mal-Ġeorġja, ir-Russja għadha mhux qed tirrispetta l-ftehimiet tat-12 ta' Awwissu u tat-8 ta' Settembru 2008 fuq l-irtirar tat-truppi lejn il-pożizzjonijiet ta' qabel il-kunflitt mill-provinċji okkupati Ġeorġjani fin-Nofsinhar ta' Ossetia u f'Abkhazia u ma tiggarantix aċċess għall-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea (EUMM) f'dawn it-territorji,

1. Jerġa' jafferma t-twemmin tiegħu li r-Russja għadha wieħed mis-sħab l-iktar importanti tal-Unjoni Ewropea fil-bini ta' kooperazzjoni strateġika, peress li t-tnejn mhux biss għandhom interessi ekonomiċi u kummerċjali komuni, iżda għandhom ukoll l-objettiv li jikkooperaw flimkien mill-qrib fl-Ewropa kif ukoll fil-viċinat komuni;

2. Jinnota li s-Samit ta' Nizhny Novgorod iffoka fuq sfidi komuni li qed jiffaċċaw kemm ir-Russja kif ukoll-UE (bħall-kriżi ekonomika, is-Sħubija għall-Modernizzazzjoni, l-adeżjoni mad-WTO, l-enerġija u kwistjonijiet li jirrigwardaw is-sigurtà tal-enerġija, l-ivvjaġġar mingħajr viżi bejn l-UE u r-Russja, u kwistjonijiet internazzjonali u reġjonali);

3. Jistieden lill-UE u lir-Russja jieħdu l-opportunità tas-samit li ġej biex jintensifikaw in-negozjati dwar Ftehim ġdid ta' Sħubija u Kooperazzjoni li għandu jiġi konkluż fi żmien xieraq, msejjes fuq l-interdipendenza reċiproka tal-UE u r-Russja, u jenfasizza l-appoġġ qawwi tiegħu għal ftehim komprensiv u legalment vinkolanti li jirrigwarda s-sistema politika, ekonomika u soċjali u għalhekk jinkludi wkoll l-oqsma kollha marbutin mad-demokrazija, l-istat tad-dritt, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, partikolarment id-drittijiet fundamentali, li għandhom ikunu parti integrali mill-ftehim, bil-kundizzjoni li r-Russja tkun lesta tieħu passi biex issaħħaħ l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem;

4. Itenni l-appoġġ tiegħu għas-Sħubija għall-Modernizzazzjoni; jilqa' l-inizjattiva li jinħareġ rapport konġunt tal-progress imma jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jintlaħaq qbil dwar il-passi li jmiss skont ir-riżultati miksuba sa issa fil-kuntest tal-erba' Spazji Komuni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Russja kif ukoll skont il-lakuni li għad fadal; jappoġġja speċjalment il-kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u jenfasizza li l-erba' Spazji Komuni jistrieħu fuq il-prinċipju tar-reċiproċità; jistieden għalhekk lill-partijiet fis-sammit li jmiss bejn l-UE u r-Russja biex jieħdu azzjoni biex jifformulaw objettivi konkreti; jenfasizza l-importanza li jiġu ttratati l-kwistjonijiet ta' funzjonament effettiv u indipendenti tal-ġudikatura u t-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jenfasizza li l-UE hija lesta tikkontribwixxi b'kull mod possibbli għal titjib tal-effikaċja ta' sistema indipendenti ta' stat tad-dritt fir-Russja; jilqa' l-fatt li r-Russja ħabbret li se tiffirma l-Konvenzjoni tal-OKŻE dwar il-Ġlieda kontra t-Tixħim ta' Uffiċjali Pubbliċi Barranin;

5. Jittama li s-Samit jgħin biex isolvi l-aħħar kwistjonijiet relatati mal-adeżjoni tar-Russja mad-WTO, wara l-ftehim bilaterali f'Diċembru 2010 bejn l-UE u r-Russja dwar il-faċilitazzjoni tal-adeżjoni tal-pajjiż mad-WTO; itenni l-appoġġ tiegħu għall-adeżjoni tar-Russja, li se toħloq kundizzjonijiet għal kompetizzjoni ġusta għall-komunitajiet kummerċjali fuq iż-żewġ naħat u se tiffaċilita u tilliberalizza l-kummerċ fl-ekonomija dinjija; jistieden lill-awtoritajiet Russi jadottaw qafas legali stabbli u ġust biex jirregolaw kif jixraq l-attività tan-negozji; jenfasizza li prerekwiżit għall-adeżjoni mad-WTO huwa li r-Russja tissodisfa r-regoli kollha tad-WTO, inkluża r-rinunzja ta' kull miżura protezzjonista, inkluża r-rettifika ta' elementi li jfixklu l-kummerċ, bħalma hija l-għaqda doganali Russja-Kazakistan-Belarus, li wasslet għal tariffi konsolidati ogħla;

6. Jissottolinja li s-sħubija fid-WTO u l-implimentazzjoni tagħha se tgħin lir-Russja tattira aktar investiment barrani u biex tiddiversifika l-ekonomija tagħha permezz ta' qafas regolatorju li se jżid il-kunfidenza tal-investituri; jitlob lill-awtoritajiet Russi biex ma jagħmlux użu ħażin minn raġunijiet sanitarji għal miżuri protezzjonistiċi mhux ġustifikati; jitlob lill-awtoritajiet Russi, abbażi ta' dan, biex jirrevedu l-projbizzjoni attwali fuq l-importazzjonijiet kollha tal-ħaxix tal-UE;

7. Jinnota b'interess id-djalogu li għaddej bħalissa bejn l-UE u r-Russja dwar tħaffif ulterjuri tal-viża; itenni l-impenn favur l-objettiv fit-tul li jkun hemm ivvjaġġar mingħajr viżi bejn l-UE u r-Russja, abbażi ta' approċċ gradwali ffukat fuq is-sustanza u l-progress prattiku; jilqa' l-lista ta' passi komuni (pjan tar-rotta) għall-ivvjaġġar mingħajr viżi bejn ir-Russja u l-UE li tħabbar f'Mejju 2011; jenfasizza li dan id-djalogu għandu jkun f'konformità mal-proċess tat-tħaffif tal-viża li jolqot il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant; ifakkar li kemm l-UE u r-Russja għandhom jimplimentaw bis-sħiħ il-ftehimiet li ġew konklużi; jistieden lir-Rappreżentat Għoli u lill-Kummisjoni biex jikkonvinċu lir-Russja ma tibqax toħroġ passaporti lir-residenti tal-provinċji okkupati tan-Nofsinhar tal-Ossetia u ta' Abkhazia; jenfasizza l-ħtieġa tal-prevenzjoni ta' kull ksur ta' sikurezza fl-Ewropa; jitlob li jkun hemm kooperazzjoni ulterjuri dwar l-immigrazzjoni illegali, kontrolli mtejba fil-punti transkonfinali ta' kontroll u skambju ta' informazzjoni dwar it-terroriżmu u l-kriminalità organizzata;

8. Jenfasizza l-importanza tas-sigurtà tal-enerġija u huwa tal-fehma li l-politika tal-enerġija tar-Russja fir-rigward tal-Istati Membri u l-pajjiżi fil-viċinat komuni tkun test deċiżiv tas-serjetà reali tal-intenzjoni tar-Russja li ssegwi t-triq tal-modernizzazzjoni u tad-demokratizzazzjoni; jissottolinja li l-provvista tar-riżorsi naturali m'għandhiex tintuża bħala għodda politika; jenfasizza li l-prinċipji ta' interdipendenza u trasparenza għandhom ikunu l-bażi ta' din il-kooperazzjoni, flimkien ma' aċċess ugwali għas-swieq, l-infrastruttura u l-investiment; jilqa' l-interess muri wkoll min-naħa tar-Russja għal qafas legalment vinkolanti rigward

l-enerġija; itenni l-interess tal-UE f'soluzzjoni trilaterali UE-Russja-Ukraina dwar il-provvisti tal-gass lejn l-UE fil-ġejjieni; jitlob kooperezzjoni mill-qrib bejn l-UE u r-Russja dwar il-provvista ta' materja prima u metalli rari, speċjalment ta' dawk meqjusa bħala kritiċi, u jitlob f'dal-kuntest għar-rispett tar-regoli internazzjonali, speċjalment ir-regoli tad-WTO;

9. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jiżguraw li l-prinċipji tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija u l-Protokoll ta' Tranżitu anness miegħu jiddaħħlu fi Ftehim ta' Shubija ġdid bejn l-UE u r-Russja u biex jiżguraw provvista affidabbli u sikura tal-enerġija bbażata fuq standards ugwali; jilqa' l-iffirmar fi Frar 2011 ta' Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija aġġornat biex itejjeb aktar il-koordinament f'każ ta' emerġenzi tal-provvista jew tad-domanda; jilqa' l-qbil li jinħoloq Forum Konsultattiv dwar il-Gass li għandu jipprovdi informazzjoni, anke mingħand l-industrija, dwar żviluppi fis-swieq tal-gass tar-Russja u tal-Ewropa.

10. Iħeġġeġ lil-Federazzjoni Russa tintensifika l-kontribut tagħha biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, permezz ta' tnaqqis domestiku fil-gassijiet serra u speċjalment billi ttejjeb l-effiċjenza enerġetika; jitlob kooperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u r-Russja rigward negozjati internazzjonali għal qafas politiku komprensiv għal wara l-2012 fil-qasam klimatiku skont l-UNFCCC u l-Protokoll ta' Kjoto;

11. Jistenna li l-parteċipanti fis-samit bejn l-UE u r-Russja sejrin jaħdmu biex jintlaħaq impenn konġunt mis-sħab tal-UE favur l-ogħla standards ta' sikurezza, testijiet tal-istress ambizzjużi tal-impjanti tal-enerġija nukleari u kooperazzjoni internazzjonali msaħħa, wara l-esperjenza tal-kriżi li għaddejja fl-impjant nukleari ta' Fukushima; iqis li dan jgħodd b'mod speċjali għar-reatturi nukleari tat-tip ta' Chernobyl li għadhom fl-użu;

12. Jissottolinja li s-Samit jasal fi żmien kruċjali fit-tħejjijiet għall-elezzjonijiet tad-Duma Statali u jikkunsidra li huwa importanti li dawn l-elezzjonijiet għandhom ikunu ħielsa u ġusti u msejsa fuq l-implimentazzjoni ta' standards tal-elezzjonijiet ifformati mill-Kunsill tal-Ewropa u l-OSKE; jinnota li xi proċeduri ta' reġistrazzjoni ta' partiti politiċi u listi ta' kandidati rriżultaw li mhumiex ġustifikati u b'hekk huma ostakolu għal elezzjonijiet ħielsa u ġusti; jesprimi n-nuqqas ta' qbil tiegħu ma' kwalunkwe restrizzjoni tal-possibbiltajiet għall-partiti tal-oppożizzjoni li jirreġistraw għall-elezzjonijiet u jistieden lir-Russja tieħu azzjoni biex timplimenta l-istandards tal-elezzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill tal-Ewropa u l-OSKE; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Russi jippermettu li l-OSKE/Kunsill tal-Ewropa jagħmlu osservazzjoni fit-tul tal-elezzjonijiet fl-aktar stadju bikri u jistieden lir-Rappreżentat Għoli/Viċi President tinsisti fuq l-istabbiliment ta' missjoni għal dan il-għan;

13. Jirriafferma l-ħtieġa urġenti li r-Russja timplimenta l-prinċipji fundamentali tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertà tal-midja bħala bażi għall-kooperazzjoni; jistieden lir-Russja tieħu azzjoni konkreta biex ittejjeb ir-rekord tagħha tad-drittijiet tal-bniedem u biex tipproteġi l-ġurnalisti, l-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem, il-minoranzi u r-rappreżentanti tal-oppożizzjoni minn vjolenza u intimidazzjoni;

14. Jilqa' r-rieda tal-kontroparti Russa li tinvolvi ruħha b'mod kostruttiv u miftuħ rigward il-kwistjonijiet ewlenin imqajma mir-rappreżentanti tal-UE fil-laqgħa tal-Konsultazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-4 ta' Mejju 2011; jitlob li dan il-proċess ikun miftuħ għal kontribut effettiv mill-Parlament Ewropew, mid-Duma, kif ukoll għall-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet Russi konċernati inklużi l-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Ministeru tal-Affarijiet Interni, u minn NGOs favur id-drittijiet tal-bniedem, kemm jekk id-djalogu jsir fir-Russja, kif ukoll jekk isir fi Stat Membru tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa li jinżammu kuntatti fil-qrib u programmi ta' appoġġ għall-iżvilupp tas-soċjetà ċivili fir-Russja; jesprimi tħassib serju fuq l-istatus tal-NGOs u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja; jilqa' d-deċiżjoni tal-Ministru tal-Affarijiet Barranin Russa li jaħtar Ambaxxatur għad-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem;

15. Ifakkar lill-Kummissjoni dwar il-proposta, adottata mill-Parlament Ewropew fil-baġit tal-2011, biex jiġi stabbilit djalogu tas-soċjetà ċivili bejn l-UE u r-Russja bi rbit mas-Samits biennali bejn l-UE u r-Russja; jitlob sabiex il-Forum tas-Soċjetà Ċivili UE-Russja jiġi inkluż fil-qafas tas-Sħubija għall-Modernizzazzjoni;

16. Jinnota bi tħassib is-sentenza maqtugħa mill-qorti tal-appell Russa kontra Mikhail Khordorkovsky u sieħbu fin-negozju Platon Lebedev fis-26 ta’ Mejju 2011 bħala kontinwazzjoni ta’ deċiżjonijiet ġudizzjarji politikament motivati; jikkundanna l-interferenza politika fil-proċess; jilqa’ d-deċiżjoni tal-President Medvedev li jeżamina dan il-każ fil-Kunsill Presidenzjali tad-Drittijiet tal-Bniedem; jilqa’ d-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f’dan il-każ li fiha aċċettat l-allegazzjonijiet ta’ Khodorkovsky ta’ detenzjoni illegali; jieħu nota tad-deċiżjoni tal-President Medvedev li jibda’ investigazzjoni dwar l-akkużi kriminali kontra Sergey Magnitsky; iħeġġeġ lill-kumitat investigattiv jippubblika rapport indipendenti u dettaljat mill-aktar fis possibbli; jilqa’ l-kundanni għall-qtil ta’ Anastasiya Baburova u Stanislav Markelov, u jistieden lill-awtoritajiet Russi jkomplu xogħolhom fuq dan il-każ; jieħu nota tal-arrest tal-assassin suspettat ta’ Anna Politkovskaya;

17. Jiddispjaċih ħafna li, kuntrarju għall-obbligi tar-Russja bħala membru tal-Kunsill tal-Ewropa li tiddefendi l-libertà tal-għaqda, ġemgħat paċifċi jibqgħu jiġu pprojbiti u sfrattati b’mod vjolenti, inkluża l-mixja Gay Pride f’Moska għas-sitt sena konsekuttiva, b’mod li jinjora d-deċiżjoni finali ta’ April 2011 tal-Qorti Ewropea tad-Drittijet tal-Bniedem; jistenna li fil-futur, d-delegazzjonijiet tal-UE u tal-korp diplomatiku tal-UE jimplimentaw b’mod attiv il-Kaxxa tal-Għodda għall-Promozzjoni u l-Ħarsien tad-Drittijiet Kollha tal-Bniedem għal Persuni LGBT;

18. Jiġbed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li r-Russja tirriżolvi b’mod urġenti l-kwistjoni tal-istatus legali tan-numru kbir ta’ persuni mhux ċittadini fir-Russja;

19. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-inċidenti fatali f’Nagorno-Karabakh u jilqa’ d-dikjarazzjoni konġunta tas-sħab tal-G8 imxandra fis-26 ta’ Mejju 2011 li tenfasizza qbil li jittieħed pass deċiżiv lejn soluzzjoni paċifika tal-kunflitt f’Nagorno-Karabakh, jitlob lir-Russja biex tgħin issolvi l-kunflitt minflok tforni armi liż-żewġ partijiet tal-konflitt; iħeġġeġ lir-Rappreżentat Għoli/Viċi President tiegħu passi li jipprevjenu eskalazzjoni potenzajli tal-kunflitt u jitlob diżinċentivi fir-rigward ta’ kwalunkwe parti li tikser il-ftehim ta’ Bishkek dwar waqfien mill-ġlied;

20. Jistieden lir-Russja tirrispetta l-ftehimiet li ffirmat u tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stipulati fil-Ftehim tas-Sitt punti għall-Waqfien mill-Ġlied u biex tirtira immedjatament it-truppi tagħha mit-territorji Ġeorġjani tan-Nofsinhar ta’ Ossetia u Abkhazia għall-pożizzjonijiet ta’ qabel il-kunflitt kif ukoll biex tiggarantixxi li l-Missjoni ta’ Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea (EUMM) ikollha aċċess għal dawn it-territorji;

21. Jistieden lir-Russja tieħu pożizzjoni kostruttiva fil-każ ta’ Transnistria u n-negozjati dwar il-kunflitt t’hemmhekk u tesprimi l-fehma tagħha dwar Transnistria bħala test għall-appoġġ reċiproku bejn l-UE u r-Russja fis-soluzzjoni ta’ 'kunflitt ffriżati', jitlob biex jerġgħu jibdew in-negozjati uffiċjali 5+2 bl-intenzjoni li jaslu għal soluzzjoni fil-futur qarib (l-inizjattiva Meseberg);

22. Jiddikjara li r-Russja, li għandha s-setgħa tal-veto fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, għandha tieħu r-responsabbiltà tagħha fil-kriżijiet internazzjonali u għandha tiggarantixxi u tirrispetta bis-sħiħ is-sovrenità tal-pajjiżi ġirien tagħha; f’dan ir-rigward, iħeġġeġ lir-Russja biex ma tkomplix tagħmel pressjoni fuq l-Ukraina biex tissieħeb mal-unjoni doganali Russja-Kazakistan-Bjelorussja;

23. Jitlob li jkun hemm djalogu komprensiv ulterjuri bejn il-Federazzjoni Russa u l-Istati Uniti dwar kwistjonijiet ta' sigurtà, inkluż l-istabbiliment tat-tarka ta' difiża kontra l-missili;

24. Jitlob lir-rappreżentanti tal-UE fis-Samit bejn l-UE u r-Russja biex iqajmu l-kwistjonijiet kollha li saret referenza għalihom f'din ir-riżoluzzjoni;

25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Gvern u l-Parlament tal-Federazzjoni Russa, lill-Kunsill tal-Ewropa u lill-Organizzazzjoni għas-Sigurta u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa.

## Kumpaniji tad-direttorju qarrieqa

P7_TA(2011)0269

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2011 dwar il-kumpaniji ta' direttorju qarrieqa (Petizzjonijiet 0045/2006, 1476/2006, 0079/2003, 0819/2003, 1010/2005, 0052/2007, 0306/2007, 0444/2007, 0562/2007 u oħrajn)**

(2012/C 380 E/16)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-kumpaniji ta' direttorju qarrieqa (Petizzjonijiet 0045/2006, 1476/2006, 0079/2003, 0819/2003, 1010/2005, 0052/2007, 0306/2007, 0444/2007, 0562/2007 u oħrajn) [1],

— wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Parlament irċieva aktar minn 400 petizzjoni dwar it-tixtrid ta' prattiki kummerċjali qarrieqa min-naħa ta' kumpaniji tad-direttorji kummerċjali li jaffettwaw eluf ta' intrapriżi, li l-biċċa l-kbira jkunu żgħar, fl-Unjoni Ewropea, b'impatt finanzjarju sinifikanti; billi l-Parlament għadu jirċievi petizzjoniji u lmenti dwar il-kumpaniji tad-direttorji kummerċjali,

B. billi l-prattiki kummerċjali qarrieqa inkwistjoni tipikament jippruvaw jikkonvinċu lin-negozji, kif ukoll lill-professjonisti u l-entitajiet mingħajr skop ta' lukru, biex jitniżżlu mingħajr ħlas f'direttorji kummerċjali; billi l-firmatarji aktar tard jiskopru li ffirmaw kuntratt bi ħlas,

C. billi l-kumpaniji tad-direttorju kummerċjali spiss ikunu stabbiliti fi Stat Membru differenti minn dak tal-vittmi tagħhom, u għalhekk ikun diffiċli għall-vittma li tfittex protezzjoni u/jew rimedju mingħand l-awtoritajiet nazzjonali,

1. Jesprimi dispjaċir li d-Direttiva 2006/114/KE [2] dwar ir-riklamar qarrieqi u komparattiv li tapplika għal tranżazzjonijiet bejn intrapriża u oħra, tidher li jew mhix suffiċjenti biex tipprovdi rimedju effettiv jew mhux qed tiġi infurzata kif jixraq mill-Istati Membri;

2. Ifakkar li, għalkemm il-Kummissjoni m'għandha l-ebda setgħa li tinforza d-Direttiva direttament kontra individwi jew kumpaniji, hi għandha dmir li tiżgura li d-Direttiva tiġi implimentata b'mod xieraq mill-Istati Membri;

(1) ĠU C 45 E, 23.2.2010, p. 17.
(2) ĠU L 376 tas-27.12.2006, p. 21.

3. Jistieden lill-Kummissjoni tivverifika b'mod proattiv it-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar nazzjonali tad-Direttiva 2006/114/KE min-naħa tal-Istati Membri u tieħu azzjoni korrettiva fejn meħtieġ;

4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tħaffef l-attivitajiet tagħha rigward ir-reviżjoni u t-titjib tad-Direttiva u l-leġiżlazzjoni relevanti oħra sabiex twaqqaf il-prattiki qarrieqa tal-kumpaniji tad-direttorju kummerċjali kemm jista' jkun malajr, partikolarment billi telenka b'mod speċifiku fil-lista s-sewda l-prattiki qarrieqa tad-direttorji kummerċjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni.

## Il-Madagaskar

P7_TA(2011)0270

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2011 dwar is-sitwazzjoni fil-Madagaskar**

(2012/C 380 E/17)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Ftehim ta' Cotonou dwar id-djalogu politiku u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem rispettivament,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Madagascar, partikolarment dik tas-7 ta' Mejju 2009 ([1]) u dik tal-11 ta' Frar 2010 ([2]), u l-missjoni għat-tfittxija tal-fatti tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE fil-Madagaskar tal-10 u l-11 ta' Lulju 2010,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-19 ta' Novembru 2010 mir-Rappreżentant Għoli tal-UE Catherine Ashton,

— wara li kkunsidra l-Komunikat ta' Swaziland tat-30 ta' Marzu 2009 u d-deċiżjoni ta' Livingstone tal-31 ta' Marzu 2011 li, fil-paragrafu 6, tiddikjara li s-soluzzjoni fil-Madagaskar għandha tkun demokratika, b'kunsens, inklużiva u trasparenti,

— wara li kkunsidra l-Ftehimiet ta' Maputo tat-8 u d-9 ta' Awwissu 2009 u l-Att Addizzjonali ta' Addis Ababa tas-6 ta' Novembru 2009, iffirmati mill-erba' mexxejja tal-aggruppamenti politiċi fil-Madagaskar, u billi dawn il-Ftehimiet għandhom valur kostituzzjonali kif espressament mifthieem mill-partijiet ikkonċernati u rikonoxxut mill-komunità internazzjonali,

— wara li kkunsidra s-sospensjoni tal-Madagaskar mill-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika u mill-Unjoni Afrikana (UA),

— wara li kkunsidra s-sanzjonijiet deċiżi mill-Unjoni Afrikana fis-17 ta' Marzu 2010 u kkonfermati fil-31 ta' Jannar 2011 kontra s-Sur Rajoelina u iktar minn mitt alleat tiegħu,

— wara li kkunsidra l-pjan direzzjonali riċenti propost mit-tim ta' medjazzjoni tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika,

— wara li kkunsidra s-Samit Straordinarju tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika fil-Madagaskar tal-20 ta' Mejju 2011,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

([1]) ĠU C 212 E, 5.8.2010, p. 111.
([2]) ĠU C 341 E, 16.12.2010, p. 72.

**Il-Ħamis 9 ta' Ġunju 2011**

A. billi l-instabilità politika persistenti li baqgħet wara l-kolp ta' stat tefgħet lill-Madagaskar f'sitwazzjoni prekarja mill-perspettiva soċjoekonomika, dik umanitarja u dik tad-drittijiet tal-bniedem,

B. wara li kkunsidra l-impenji mogħtija f'Maputo u f'Addis Adaba dwar il-qsim tal-poter ma' movimenti politiċi oħra fil-Madagaskar; billi dawn il-ftehimiet jinkludu wkoll Karta tal-Valuri bbażata fuq l-osservanza tal-prinċipji fundamentali u l-promozzjoni, matul il-perjodu tranżitorju, tan-nonvjolenza, ir-rikonċiljazzjoni u r-rispett mutwu,

C. billi r-reġim preżenti jonqos mir-rispett lejn id-drittijiet kostituzzjonali, demokratiċi u fundamentali mħaddna fil-Ftehim ta' Cotonou u fil-ftehimiet internazzjonali,

D. billi għandha tinbeda inkjesta miftuħa u indipendenti dwar l-imwiet u l-użu eċċessiv tal-forza waqt id-demostrazzjonijiet fl-2009,

E. billi r-reġim illegali attwali għandu monompolju fuq il-poteri eżekuttivi, leġiżlattivi, ġudizzjarji u l-mezzi tax-xandir,

F. billi l-proċess kurrenti ta' negozjati taħt medjazzjoni internazzjonali għandu jkompli b'mod inklużiv,

G. billi fis-17 ta' Novembru 2010 l-awtorità de facto organizzat referendem kostituzzjonali inġust, li ġie bbojkottjat bix-xieraq mill-opppożizzjoni, u injorat b'mod ġenerali mill-komunità internazzjonali li wassal għall-adozzjoni tal-hekk imsejħa Kostituzzjoni ġdida,

H. billi nhar it-Tnejn 6 ta' Lulju 2009 l-Unjoni Ewropea bdiet proċess ta' konsultazzjoni mal-Madagaskar skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou, biex b'hekk fetħet djalogu bil-għan li jinstabu soluzzjonijiet adegwati għall-problemi politiċi tal-pajjiż,

I. billi fis-7 ta' Ġunju 2010 l-Unjoni Ewropea ddeċidiet li tagħlaq il-konsultazzjonijiet mar-Repubblika tal-Madagaskar u adottat miżuri xierqa skont l-Artikolu 69 tal-Ftehim ta' Cotonou, f'dan il-każ is-sospensjoni tal-għajnuna,

J. billi l-attentati evidenti msemmija hawn fuq fuq id-demokrazija wasslu wkoll għas-sospensjoni tal-għajnuna mill-FMI u mill-Bank Dinji, sospensjoni tal-benefiċċji tal-Att Afrikan għat-Tkabbir u l-Opportunità (African Growth and Opportunity Act) u l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet immirati mill-Unjoni Afrikana,

K. billi fis-17 ta' Mejju 2011 il-Kopresidenti tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE talbu li jiġi stabbilit gvern tranżitorju li jkun newtrali, b'kunsens u inklużiv bil-missjoni li jnedi proċess elettorali trasparenti u indipendenti li jwassal lejn elezzjonijiet demokratiċi ssorveljati mill-komunità internazzjonali, bħala l-ewwel pass lejn l-istabbiliment mill-ġdid sostenibbli tal-ordni kostituzzjonali,

L. billi l-popolazzjoni għandha inqas minn USD 1 fil-ġurnata għad-dispożizzjoni tagħha u d-dħul disponibbli għall-unitajiet domestiċi jagħmilha diffiċli li dawn jiksbu affarijiet bażiċi tal-ikel, ilma, servizzi iġeniċi, saħħa u edukazzjoni; billi s-sitwazzjoni ddeterjorat konsiderevolment mill-bidu tal-kriżi politika u minħabba l-għargħar u d-diversi diżastri naturali li laqtu lill-pajjiż f'dawn l-aħħar sentejn,

1. Itenni bil-saħħa l-kundanna qawwija tiegħu għall-proċess li bih is-Sur Rajoelina ħataf il-poter u qed iżomm ir-reġim illegali u illeġittimu tiegħu, u jibqa' mħasseb dwar is-sitwazzjoni kurrenti fil-Madagaskar;

2. Jikkundanna l-ħafna ksur u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem mill-forzi ta' sigurtà kurrenti tal-Madagaskar kontra l-popolazzjoni tagħhom stess u jitlob li jiġu xolti l-milizzji politiċi kollha, favur r-rispett sħiħ tad-drittijiet ċivili, politiċi, soċjali u ekonomiċi taċ-ċittadini kollha u l-istabbiliment mill-ġdid tal-istat tad-dritt fil-Madagaskar; jitlob il-ħelsien immedjat tal-priġunieri politiċi kollha; jitlob l-persuni eżiljati u l-mexxejja politiċi jkollhom ritorn sikur;

3. Jitlob li ssir inkjesta indipendenti ta' dawn l-atti li l-għan tagħha għandu jkun li l-awturi tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem jinġabu quddiem il-ġustizzja;

4. Jesprimi l-allarm profond tiegħu dwar is-serq illegali kontinwu u l-esportazzjoni ta' njam, minerali u annimali selvaġġi prezzjużi mill-ġonna nazzjonali u minn żoni protetti, u dwar it-theddid dejjem jiżdied għall-ġestjoni komunitajra tal-bijodiversità minħabba t-tiġrif tal-ordni, u jappoġġa l-gruppi ta' preservazzjoni u s-soċjetà ċivili fl-isforzi kontinwi tagħhom biex jevitaw it-triq għan-niżla lejn id-deprivazzjoni ambjentali estrema u d-diżastru soċjali;

5. Jiddispjaċih mill-falliment tan-negozjati ta' Gaborone u jitlob strateġija sodisfaċenti ta' ħruġ mis-sitwazzjoni staġnata kurrenti sabiex ikun stabbilit gvern tranżitorju verament newtrali, b'kunsens u inklużiv; jinnota l-kummenti u r-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport għas-Samit Straordinarju tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika; jinkoraġġixxi li s-Samit li jmiss tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika fil-11 ta' Ġunju 2011 jtemm b'mod definittiv l-istaġnar politiku u jimmira biex jaqdi l-interessi tal-poplu tal-Madagaskar; iħeġġeġ lill-partijiet kollha involuti skont it-termini tal-ftehimiet li ġew iffirmati biex jonoraw l-impenji tagħhom;

6. Jenfasizza l-bżonn urġenti li jerġa' jiġi stabbilit l-orndi kostituzzjonali, li hu kundizzjoni għar-ritorn għan-normalità istituzzjonali fil-Madagaskar, u jħeġġeġ pass rapidu lejn elezzjonijiet liberi, miftuħa u trasparenti li jikkonformaw ma' standards demokratiċi taħt is-sorveljanza tal-komunità internazzjonali;

7. Jenfasizza li l-kredibilità, inkluża l-legalità tal-proċess elettorali, timplika li l-movimenti u l-mexxejja politiċi kollha jkunu jistgħu jieħdu sehem f'dawn l-elezzjonijiet b'mod liberu u bla kundizzjonijiet u jkollhom aċċess bla xkiel għall-mezzi tax-xandir;

8. Ma jaċċettax il-fatt li l-awtoritajiet li ħadu l-poter b'mod mhux kostituzzjonali għandhom il-leġittimità li jorganizzaw elezzjonijiet;

9. Ifakkar fid-deċiżjoni mħabbra mis-Sur Rajoelina li ma joħroġx għall-elezzjonijiet presidenzjali futuri;

10. Jenfasizza l-fatt li l-poplu tal-Madagaskar għandu bżonn u huwa kapaċi jagħżel il-futur tiegħu u jeżerċita l-awtodeterminazzjoni bla ebda kundizzjoni;

11. Jenfasizza li l-Unjoni Afrikana, fis-Samit tagħha tal-31 ta' Jannar 2011, ikkonfermat sanzjonijiet individwali u selettivi miftiehma fis-Samit tas-17 ta' Marzu 2010 kontra s-Sur Rajoelina u mitt persuna oħra li jappoġġaw l-Awtorità Għolja tal-Gvern Tranżitorju;

12. Jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Kunsill ta' Sigurtà tal-NU jkomplu jimponu u jestendu s-sanzjonijiet fuq ir-reġim sakemm il-kriżi politika tiġi riżolta skont il-kunsiderazzjonijiet t'hawn fuq u b'mod partikolari biex jestendu għall-pajjiżi membri kollha l-projbizzjonijiet ta' viża stabbiliti mill-Unjoni Afrikana;

13. Jenfasizza li l-gvern tas-Sur Rajoelina mhu rikonoxxut la mill-UE u lanqas minn ebda pajjiż membru tal-Grupp Internazzonali ta' Kuntatt dwar il-Madagaskar;

14. Jappoġġa l-isforzi kurrenti tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika u jistieden lill-Unjoni Afrikana, lill-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika u lill-Grupp Internazzjonali ta' Kuntatt biex iwasslu l-proċess ta' tranżizzjoni għal konklużjoni sodisfaċenti;

15. Jappoġġa bis-sħiħ il-miżuri xierqa tal-UE li ttieħdu fis-7 ta' Ġunju 2010 wara l-konklużjoni tal-proċedura ta' konsultazzjoni skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou;

16. Iheġġeġ lill-komunità internazzjonali u lill-Unjoni Ewropea sabiex iżidu l-għajnuna umanitarja tagħhom lill-poplu tal-Madagaskar; ifakkar li l-istabbiliment mill-ġdid gradwali tal-programmi ta' kooperazzjoni mal-Madagaskar jiddependi mir-rispett sħiħ tal-prinċipji demokratiċi u tal-libertajiet fundamentali kollha;

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi b'din r-riżoluzzjoni lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, lill-Kunsill tal-AKP-UE, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika, lill-President Joaquim Chissano u lill-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana.

## Guantánamo: deċiżjoni imminenti dwar piena tal-mewt

P7_TA(2011)0271

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2011 dwar Guantánamo: deċiżjoni imminenti tal-piena tal-mewt**

(2012/C 380 E/18)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-istrumenti internazzjonali, Ewropej u nazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u dwar il-projbizzjoni tad-detenzjoni arbitrarja, l-għajbien furzat u t-tortura, bħall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR) tas-16 ta' Diċembru 1966 u l-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u Trattament jew Kastigi oħra Krudili, Inumani jew Degradanti tal-10 ta' Diċembru 1984, u l-protokolli relevanti tagħhom,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjonijiet 62/149 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tat-18 ta' Diċembru 2007 fejn intalab moratorju fuq l-użu tal-piena tal-mewt u 63/168 tat-18 ta' Diċembru 2008 b'talba għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 62/149 tal-Assemblea Ġenerali,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-piena tal-mewt, l-aktar dawk tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-Jum Dinji kontra l-piena tal-mewt ([1]) u tal-10 ta' Lulju 2008 dwar il-piena tal-mewt, b'mod partikulari l-każ ta' Troy Davis ([2]), dwar Guantánamo, partikolarment dawk tat-13 ta' Ġunju 2006 dwar il-qagħda tal-priġunieri ta' Guantánamo ([3]) u tal-10 ta' Marzu 2004 dwar id-dritt tal-priġunieri ta' Guantánamo li jkollhom proċess ġust ([4]), kif ukoll dwar l-użu allegat ta' pajjiżi Ewropej mis-CIA għat-trasport u d-detenzjoni illegali ta' priġunieri, partikolarment dik adottata fl-14 ta' Frar 2007 ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Frar 2009 dwar ir-ritorn u r-rilokazzjoni tal-priġunieri tal-faċilità ta' detenzjoni ta' Guantánamo ([6]),

— wara li kkunsidra l-ittra mibgħuta mill-President tiegħu lill-parlamenti nazzjonali dwar is-segwitu mogħti mill-Istati Membri għar-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-14 ta' Frar 2007,

([1]) Testi adottati, P7_TA(2010)0351.
([2]) ĠU C 294E, 3.12.2009, p. 80.
([3]) ĠU C 300E, 9.12.2006, p. 136.
([4]) ĠU C 102 E, 28.4.2004, p. 640.
([5]) ĠU C 287E, 29.11.2007, p. 309.
([6]) ĠU C 67E, 18.3.2010, p. 91.

— wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali tat-28 ta' April 1983 dwar l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt,

— wara li kkunsidra t-Tieni Protokoll Fakultattiv tal-ICCPR, bil-għan li jikseb l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt, tal-15 ta' Diċembru 1989,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Gvern tal-Istati Uniti għandu l-intenzjoni li jitlob il-piena tal-mewt fil-proċess tal-kummissjoni militari li jmiss ta' raġel mill-Arabja Sawdija, Abd al-Rahim Hussayn Muhammed al-Nashiri, li attwalment qed jinżamm fil-faċilità ta' detenzjoni tal-Istati Uniti fi Guantánamo Bay; billi biex isir hekk hemm bżonn tal-approvazzjoni ta' uffiċjal magħruf bħala 'l-awtorità ta' konvokazzjoni', u d-deċiżjoni hija mistennija fi żmien numru ta' ġimgħat,

B. billi al-Rahim al-Nashiri ilu taħt il-kustodja tal-Istati Uniti għal madwar disa' snin, u billi, minkejja li ġie msemmi f'att ta' akkuża ppreżentata lil qorti federali tal-Istati Uniti xhur biss wara l-arrest tiegħu fl-2002, huwa ma ttiħidx minnufih quddiem awtorità ġudizzjarja u ttieħed għall-proċess mingħajr dewmien, kif mitlub mil-liġi internazzjonali, iżda kien minflok miżmum taħt arrest sigriet sakemm ġie ttrasferit fi Guantánamo fl-2006,

C. billi matul kważi erba' snin taħt il-kustodja tas-CIA huwa apparentement inżamm incommunicado, f'reklużjoni, f'postijiet sigrieti u kien allegatament suġġett għal tortura, inkluż 'il-water-boarding',

D. billi fl-20 ta' April 2011 id-Dipartiment tad-Difiża tal-Istati Uniti ħabbar li Abd al-Rahim al-Nashiri kien ġie mixli skont l-Att tal-Kummissjonijiet Militari tal-2009 b'fost l-oħrajn, 'qtil bi vjolazzjoni tal-liġi tal-gwerra', u 'terroriżmu' fuq il-bażi tal-allegat rwol ta' tmexxija tiegħu fl-attakk fuq il-USS Cole fil-Jemen fit-12 ta' Ottubru 2000, fejn 17-il baħri Amerikan inqatel u 40 oħra korrew, u fl-attakk tat-tanker taż-żejt Franċiż MV Limburg fil-Golf ta' Aden fis-6 ta' Ottubru 2002, fejn inqatel membru tal-bdot,

E. billi l-każ ta' Abd al-Rahim al-Nashiri, ċittadin Sawdi, se jkun l-ewwel li se jiġi pproċessat quddiem kummissjoni militari minn mindu l-President Obama amar il-bidu mill-ġdid ta' proċessi simili, billi l-ebda data ma ġiet stabbilita sa issa għall-proċess mill-kummissjoni militari, u billi l-prosekuzzjoni rrakomandat li l-piena tal-mewt tkun għażla fil-proċess, anki jekk din għandha tkun approvata minn qabel 'mill-awtorità ewlenija militari'/ta' konvokazzjoni għall-kummissjonijiet militari, uffiċjal maħtur mis-Segretarju tad-Difiża tal-Istati Uniti,

F. billi l-uffiċjal tal-awtorità ta' konvokazzjoni attwali indika li huwa lest biex jirċievi sottomissjonijiet bil-miktub dwar il-kwistjoni tal-piena tal-mewt sat-30 ta' Ġunju 2011 u li d-deċiżjoni tiegħu jeħodha wara din id-data,

G. billi l-Unjoni Ewropea hija impenjata bil-qawwa fil-ħidma tagħha biex tiżgura l-moratorji fuq l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt minn pajjiżi terzi, l-ewwel nett, u l-abolizzjoni eventwali tal-piena tal-mewt kullimkien, u qed tħabrek biex tikseb l-aċċettazzjoni universali ta' dan il-prinċipju,

H. billi l-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem tirrikonoxxi li xi pajjiżi jżommu l-piena tal-mewt, imma tipprojbixxi l-impożizzjoni u t-twettiq ta' sentenza ta' mewt fuq il-bażi ta' proċess li ma jkunx issodisfa l-ogħla standards tal-ġustizzja,

I. billi hu diġà esprima l-kritika tiegħu u stieden lill-Istati Uniti biex jirrevedu s-sistema tal-kummissjonijiet militari, minħabba li mhux qed jissodisfaw l-istandards internazzjonali rigward proċessi ġusti,

J. billi fl-2007 r-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali stieden lill-Istati Uniti jabolixxu l-kummissjonijiet militari, u billi fl-2009 r-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji ħeġġeġ lill-Istati Uniti biex ma jmexxu l-ebda prosekuzzjoni kapitali quddiem kummissjonijiet militari,

K. billi Abd al-Rahim al-Nashiri allega li għal bosta xhur fl-2002 u fl-2003 huwa nżamm b'mod sigriet f'detenzjoni tas-CIA fil-Polonja u li ġie ttorturat waqt dan il-perjodu, u billi fl-10 ta' Mejju 2011 huwa appella lill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem bl-appoġġ tal-NGOs tad-drittijiet tal-bniedem,

L. billi minkejja l-evidenza ta' vjolazzjonijiet estremament serji tad-drittijiet tal-bniedem u delitti skont il-liġi internazzjonali, bħalma huma t-tortura, il-maltrattament, id-detenzjoni incommunicado u l-għajbien furzat, li seħħew waqt il-ġlieda kontra t-terroriżmu, ftit nies ġew imressqa quddiem il-ġustizzja f'dan ir-rigward, fl-Istati Uniti jew fl-UE,

1. Jinnota r-relazzjoni fil-qrib transatlantika msejsa fuq il-kondiviżjoni ta' nukleu ta' valuri u rispett għal drittijiet bażiċi u universali tal-bniedem li mhumiex negozjabbli, bħalma huma d-dritt għal proċess ġust u l-projbizzjoni ta' detenzjoni arbitrarja; jilqa' l-kooperazzjoni fil-qrib transatlantika fuq medda wiesa' ta' kwistjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;

2. Itenni l-għadab u r-rabja tiegħu lejn l-attakki kollha tal-massa mit-terroristi, u s-solidarjetà tiegħu mal-vittmi ta' attakki simili u s-simpatija tiegħu għall-uġigħ u t-tbatija tal-familji tagħhom, tal-ħbieb u tal-qraba; itenni, madankollu, li l-ġlieda kontra t-terroriżmu ma tistax titwettaq b'detriment tal-valuri kondiviżi, bażiċi u stabbiliti, bħalma huwa r-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem u l-istat ta' dritt;

3. Itenni l-oppożizzjoni twila tiegħu għall-użu tat-tortura u l-maltrattament u għall-piena tal-mewt f'kull każ u taħt kull ċirkostanza, u jenfasizza għal darb'oħra li l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt tikkontribwixxi għat-tisħiħ tad-dinjità tal-bniedem u l-iżvilupp progressiv tad-drittijiet tal-bniedem;

4. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Istati Uniti biex ma jimponux il-piena tal-mewt fuq Abd al-Rahim al-Nashiri, u jistieden lir-Rappreżentant Għoli, Catherine Ashton, il-Presidenza tal-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex iqajmu l-kwistjoni bħala waħda ta' urġenza mal-awtoritajiet tal-Istati Uniti u biex jagħmlu rappreżentazzjonijiet qawwija lill-Istati Uniti fi sforz biex ikun żgurat li Abd al-Rahim al-Nashiri ma jinqatilx;

5. Itenni l-istedina tiegħu lill-awtoritajiet tal-Istati Uniti biex jirrevedu s-sistema tal-kummissjonijiet militari biex ikunu żgurati proċessi ġusti, biex jagħlqu Guantánamo, jipprojbixxu taħt kull ċirkostanza l-użu tat-tortura, il-maltrattament, id-detenzjoni incommunicado, id-detenzjoni indefinita mingħajr proċess u l-għajbien furzat, u jfakkar lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri dwar id-dmir tagħhom biex ma jikkollaborawx, jew ma jgħattux, atti simili pprojbiti mil-liġi internazzjonali, Ewropea u nazzjonali;

6. Josserva b'dispjaċir id-deċiżjoni tal-President tal-Istati Uniti tas-7 ta' Marzu 2011 li jiffirma l-ordni eżekuttiva dwar id-detenzjoni u r-revoka tal-projbizzjoni dwar it-tribunali militari; huwa konvint li l-proċessi kriminali normali taħt il-ġurisdizzjoni ċivili huma l-aqwa mod biex ikun solvut l-istatus tad-detenuti ta' Guantánamo; jinsisti li s-Sur al-Nashiri, u d-detenuti l-oħra kollha taħt il-kustodja tal-Istati Uniti, għandhom ikunu mixlija minnufih u pproċessati skont l-istandards internazzjonali tal-istat ta' dritt jew inkella jinħelsu; jenfasizza, f'dan il-kuntest, li l-istess standards dwar proċessi ġusti għandhom japplikaw għal kulħadd, mingħajr diskriminazzjoni;

7. Jistieden lill-UE u lill-awtoritajiet tal-Istati Membri, kif ukoll lill-awtoritajiet tal-Istati Uniti, biex jiżguraw li inkjesti u investigazzjonijiet sħaħ, ġusti, indipendenti u imparzjali jitwettqu fil-kuntest tal-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u d-delitti skont il-liġi internazzjonali, Ewropea u nazzjonali, u biex jitressqu quddiem il-ġustizzja dawk responsabbli, inkluż il-qafas tal-kunsinni straordinarji tas-CIA u l-programm tal-ħabsijiet sigrieti;

8. Jilqa' l-fatt li numru ta' Stati Membri aċċettaw id-detenuti ta' Guantánamo għal rilokazzjoni, u jistieden aktar Stati Membri jikkooperaw mal-Gvern tal-Istati Uniti għal dan il-għan;

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Awtorità ta' Konvokazzjoni għall-Kummissjonijiet Militari, lis-Segretarju tal-Istat tal-Istati Uniti, lill-President tal-Istati Uniti, lill-Kungress u s-Senat tal-Istati Uniti, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għolja tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri tal-UE, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-President tal-Assemblea Ġenerali tan-NU u lill-gvernijiet tal-istati membri tan-NU.

## L-Ukraina: il-każijiet ta' Yulia Tymoshenko u membri oħra tal-gvern preċedenti

P7_TA(2011)0272

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2011 dwar l-Ukraina: il-każi ta' Yulia Tymoshenko u membri oħra tal-gvern preċedenti**

(2012/C 380 E/19)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Ukraina, b'mod partikolari r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1998 u n-negozjati li għadhom għaddejjin dwar il-ftehim ta' assoċjazzjoni maħsub biex jissostitiwixxi l-FSK,

— wara li kkunsidra l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni UE-Ukraina, li tissostitwixxi l-Pjan ta' Azzjoni u li ġiet approvata mill-Kunsill ta' Kooperazzjoni UE-Ukraina f'Ġunju 2009,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 2010 "Analiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat" (COM(2010)0207) u r-Rapport ta' progress tal-25 ta' Mejju 2011 dwar l-implimentazzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-President tiegħu dwar id-detenzjoni ta' Yulia Tymoshenko fl-24 ta' Mejju 2011,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-26 ta' Mejju 2011 mill-kelliemi tar-Rappreżentant Għoli tal-UE Catherine Ashton dwar il-każ ta' Yulia Tymoshenko,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummmissarju Štefan Füle fl-24 ta' Marzu 2011 wara l-laqgħa tiegħu ma' Yulia Tymoshenko,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' liġi dwar il-prevenzjoni u t-trattament tal-korruzzjoni adottat mill-Verkhovna Rada fis-7 ta' April 2011 u li se jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2011,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

([1]) Testi adottati, P7_TA(2010)0444.

**Il-Ħamis 9 ta' Ġunju 2011**

A. billi l-UE hija favur Ukraina demokratika u stabbli li tirrispetta l-prinċipji tal-ekonomija tas-suq soċjali, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni tal-minoranzi, u li tiggarantixxi d-drittijiet fundamentali; billi l-istabbiltà politika domestika, konċentrazzjoni fuq ir-riforma interna u r-rispett tal-istat tad-dritt, li jinkorpora proċessi legali ġusti, imparzjali u indipendenti, fl-Ukraina huma prerekwiżiti għal żvilupp ulterjuri tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Ukraina; billi l-Viċinat tal-Lvant iħaddan dawn il-prinċipji kollha,

B. billi riforma komprensiva tal-ġudikatura u miżuri li jiżguraw ir-rispett tal-istat tad-dritt fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet kriminali, inkluż il-prinċipju ta' proċedimenti ġudizzjarji ġusti, imparzjali u indipendenti, għadhom ma ġewx implimentati fl-Ukraina,

C. billi l-korruzzjoni u l-abbuż tal-poter għadhom mifruxa fl-Ukraina u jirrikjedu rispons bla ekwivoċi mill-awtoritajiet, inkwantu jressqu 'l dawk responsabbli quddiem il-ġustizzja; billi jeħtieġ li l-prosekuzzjonijiet u l-investigazzjonijiet ikunu imparzjali u indipendenti, u jeħtieġ li ma jintużawx għal finijiet politiċi,

D. billi fl-24 ta' Mejju 2011 l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali fl-Ukraina kkompleta l-investigazzjoni dwar il-każ kontra Yulia Tymoshenko, ex Prim Ministru tal-Ukraina, u ressaq kontrieha akkużi ta' abbuż ta' poter bi rbit mal-konklużjoni ta' kuntratti tal-gass mal-Federazzjoni Russa fl-2009,

E. billi fil-21 ta' Frar 2011 żewġ proċedimenti kriminali kontra Yulia Tymoshenko nġiebu flimkien f'kawża waħda li fiha hija akkużata bi frodi ta' fondi mill-bejgħ ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont il-Protokoll ta' Kjoto u bl-approprjazzjoni bla dritt ta' UAH 67 miljun li kienu allokati mill-baġit statali tal-Ukraina, taħt garanzija tal-gvern lill-Gvern Awstrijak, għax-xiri u l-importazzjoni ta' 1 000 vettura Opel Combo li suppost kellhom jintużaw għal finjijiet medikali f'żoni rurali meta kienet Prim Ministru,

F. billi, mindu ġew varati l-investigazzjonijiet fil-15 ta' Diċembru 2010, Yulia Tymoshenko ġiet interrogata 44 darba, ġiet imposta fuqha projbizzjoni tal-ivvjaġġar, sew intern kif ukoll internazzjonali, għal kważi sitt xhur, inżammet mill-awtoritajiet tal-Ukraina milli tivvjaġġa ġewwa l-Ukraina f'erba' okkażjonijiet, kif ukoll li tivvjaġġa lejn Brussell fi Frar u f'Ġunju, u ġiet imħarrka u interrogata fil-25 ta' Mejju 2011 għal diversi sigħat qabel ma nħelset,

G. billi 12-il persuna li kienu uffiċjali mlaħħqa fil-gvern ta' Tymoshenko jinsabu miżmuma f'detenzji ta' qabel proċess, fosthom Yuri Lutsenko, li kien Ministru tal-Intern u li huwa wieħed mill-mexxejja tal-Partit Popolari ta' Awtodifiża, li ġie akkużat b'abbuż tal-uffiċċju u b'approprjazzjoni bla dritt ta' fondi u arrestat fis-26 ta' Diċembru 2010 talli allegatament ma kkooperax mal-prosekuzzjoni, kif ukoll dak li kien l-Ewwel Viċi Ministru tal-Ġustizzja, Yevhen Korniychuk, li safa arrestat fit-22 ta' Diċembru 2010 b'akkużi li kiser il-liġi bi rbit ma' proċeduri ta' akkwsit pubbliku għal servizzi legali,

H. billi s-Sur Lutsenko ma nħelisx mid-detenzjoni ta' qabel proċess meta l-proċess tiegħu nfetaħ fit-23 ta' Mejju 2011, minkejja l-fatt li d-detenzjoni għall-allegat nuqqas ta' kooperazzjoni fl-investigazzjoni tal-kawża tiegħu hija miżura estremanent sproporzjonata,

I. billi rapport preliminari tal-Kumitat Daniż ta' Ħelsinki għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-proċessi ta' Lutsenko u Korniychuk elenka vjolazzjonijiet enormi tal-konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem,

J. billi proċedimenti kriminali nbdew ukoll kontra dak li kien Ministru tal-Ekonomija, Bohdan Danylyshin, li ħarab mill-Ukraina u ngħata asil politiku fir-Repubblika Ċeka; billi dak li kien Ministru tal-Ambjent, Georgy Filipchuk, u dak li kien Aġent Ministru tad-Difiża, Valery Ivashchenko, ukoll jiffaċċaw akkużi kriminali,

K. billi dak li kien Speaker tal-Parlament tal-Krimea, Anatoliy Grytsenko (Partit tar-Reġjuni), ġie miżmum fl-24 ta' Jannar 2011 u akkużat b'abbuż ta' poter li jinvolvi l-għoti illegali ta' 4 800 ettaru artijiet; billi kawża kriminali oħra nfetħet aktar tard, rigward frodi tal-artijiet bi rbit ma' art ta' żvilupp turistiku f'Yalta,

L. billli l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali fetaħ ukoll investigazzjoni kirminali dwar abbuż ta' poter kontra dak li kien President tal-Ukraina, Leonid Kuchma,

M. billi l-Kostituzzjoni tal-Ukraina tipprovdi dwar responsabbiltà kollettiva għad-deċiżjonijiet li jieħu l-Gvern tal-Ukraina,

N. billi l-UE tkompli tenfasizza l-ħtieġa li jintwera rispett għall-istat tad-dritt, li jinkorpora proċessi legali ġusti, imparzjali u indipendenti, filwaqt li jevita l-periklu li jagħti lok għall-perċezzjoni li miżuri ġudizzjarji jkunu qed jintużaw selettivament; billi l-UE dawn il-prinċipji tqishom speċjalment importanti f'pajjiż li jaspira li jidħol f'relazzjoni kuntrattwali aktar profonda msejsa fuq assoċjazzjoni politika,

1. Jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata l-akbar trasparenza fl-investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u proċessi, u jwissi kontra kwalunkwe użu tal-liġi kriminali bħala għodda għall-ilħiq ta' finijiet politiċi;

2. Huwa mħasseb dwar żieda fil-prosekuzzjoni selettiva ta' figuri mill-oppożizzjoni politika fl-Ukraina kif ukoll dwar il-karattru sproporzjonat tal-miżuri applikati, partikolarment fil-kawżi tas-Sinjura Tymoshenko u s-Sur Lutsenko, li kien ministru tal-Intern, u jinnota li s-Sur Lutsenko ilu miżmum mis-26 ta' Diċembru 2010; jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-Kummissarju tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Ukraina, Nina Karpachova, li talbet lill-Prosekutur Ġenerali tal-Ukraina jikkunsidra l-possibbiltà li japplika miżuri preventivi li ma jinvolvux id-detenzjoni;

3. Ifakkar lill-awtoritajiet tal-Ukraina li l-prinċipju tar-responsabbiltà kollettiva għad-deċiżjonijiet tal-gvern ma tippermettix il-prosekuzzjoni ta' membri individwali tal-gvern fuq deċiżjonijiet li ttieħdu b'mod kolleġġjali;

4. Jenfasizza li l-investigazzjonijiet li għaddejjin fuq mexxejja politiċi prominenti tal-Ukraina m'għandhomx iżommuhom milli jieħdu sehem attiv fil-ħajja politika tal-pajjiż, jiltaqgħu mal-votanti u jivvjaġġaw għal laqgħat internazzjonali; jistieden, għalhekk, lill-awtoritajiet tal-Ukraina jneħħu l-projbizzjoni tal-ivvjaġġar, sew intern kif ukoll internazzjonali, imposta fuq Yulia Tymoshenko u figuri politiċi ewlenin oħra;

5. Jishaq fuq il-fatt li t-tisħiħ tal-istat tad-dritt u ġlieda kredibbli kontra l-korruzzjoni huma essenzjali mhux biss għall-konklużjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-approfondiment tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Ukraina b'mod ġenerali, imma wkoll għall-konsolidament tad-demokrazija fl-Ukraina;

6. Jitlob lill-Kummissjoni tgħin fir-riforma tal-ġudikatura tal-Ukraina billi tagħmel użu aħjar tal-programm tal-UE għall-bini tal-kapaċità u tikkunsidra li jinħoloq Grupp Konsultattiv ta' Livell Għoli tal-UE għall-Ukraina biex jgħin lill-pajjiż fl-isforzi tiegħu ħalli jallinja ruħu mal-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluż f'dak li jirrigwarda l-ġudikatura;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lis-SEAE, lill-Istati Membri, lill-President, il-Gvern u l-Parlament tal-Ukraina u lill-Assemblej Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-OSKE.

**Il-Ħamis 9 ta' Ġunju 2011**

## Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-Isport Ewropew

P7_TA(2011)0273

**Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2011 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-Isport Ewropew**

(2012/C 380 E/20)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra s-seba' inċiż tal-Artikolu 165(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jiddikjara li l-azzjoni tal-Unjoni għandha timmira għall-iżvilupp tad-dimensjoni Ewropea fl-isport, billi ssir promozzjoni sabiex il-kompetizzjonijiet sportivi jkunu ġusti u miftuħin,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi jirrikonoxxi l-impatt soċjali u finanzjarju importanti ħafna tal-isport Ewropew fuq iċ-ċittadini u l-intrapriżi fl-Unjoni,

B. billi skont il-White Paper dwar l-Isport (COM(2007)0391) il-problemi ta' korruzzjoni b'dimensjoni Ewropea għandhom jiġu indirizzati fil-livell Ewropew, u l-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-ħasil tal-flus fl-Istati Membri fir-rigward tas-settur tal-isport,

1. Jistieden lill-Kummissjoni tikkoordina, flimkien mal-Istati Membri, studju fuq skala kbira dwar il-każijiet ta' korruzzjoni fl-isport Ewropew, billi tikkonsulta mal-partijiet interessati;

2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jenfasizzaw speċifikament ir-rabtiet bejn l-attività kriminali organizzata u l-imħatri legali u illegali, l-aġenti sportivi, ir-referees, l-uffiċjali tal-klabbs u l-isportivi nisa u rġiel, li jippruvaw jiffissaw minn qabel ir-riżultati tal-logħbiet tal-isport Ewropej;

3. Jistieden lill-Kummissjoni tirregola l-imħatri fuq l-Internet, fl-interessi tal-integrità u l-iżvilupp sostenibbli tal-isport Ewropew, permezz ta' operaturi awtorizzati, miżuri speċifiċi għall-ġlieda kontra l-iffissar tar-riżultati minn qabel u billi tiżgura ritorn ġust għall-isport tan-nies komuni permezz tar-rikonoxximent tad-dritt tal-imħatri lill-organizzaturi tal-kompetizzjonijiet sportivi;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji ([1]), lill-Kummissjoni u lill-Parlamenti tal-Istati Membri.

([1]) Il-lista ta' firmatarji hija ppubblikata fl-Anness 1 għall-Minuti tad-9 ta' Ġunju 2011 (P7_PV(2011)06-09(ANN1)).

## Ix-xogħol tal-Kumitat għal Persuni Nieqsa f'Ċipru

P7_TA(2011)0274

**Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2011 dwar ix-xogħol tal-Kumitat għal Persuni Nieqsa f'Ċipru**

(2012/C 380 E/21)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi waqt il-ġlied interkomunali 1963-1964, u wara bl-invażjoni Torka ta' Ċipru fl-1974, ġew rapportati nieqsa madwar 2 000 individwu kemm mill-komunitajiet Griegi u dawk Torok,

B. billi l-lokazzjoni u d-destin ta' bosta minn dawn l-individwi għadhom mhumiex magħrufa,

C. billi l-Kumitat għal Persuni Nieqsa f'Ċipru (CMP), li hu sussidjat finanzjarjament min-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumissjoni Ewropea u donaturi oħra, jaħdem biex jistabilixxi x'sar minnhom dawk li ġew irrappurtati nieqsa,

1. Jaċċetta b'mod komplut ix-xogħol tas-CMP u jagħraf ir-rwol tiegħu wara konflitt għall-promozzjoni tal-verità, it-tifkira u r-rikonċiljazzjoni f'Ċipru;

2. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tkompli talloka biżżejjed riżorsi lis-CMP sabiex dan ikun jista' jissodisfa l-mandat importanti tiegħu;

3. Jitlob lill-Gvernijiet tat-Turkija u lil Ċipru biex ikomplu jappoġġaw ix-xogħol tas-CMP, biex jirduppjaw l-isforzi sabiex jagħtu kont dwar dawk l-individwi li għadhom elenkati bħala nieqsa u biex jassiguraw li l-informazzjoni kollha li tista' tiffaċilita l-missjoni tas-CMP tiġi provvduta lilu b'mod ħieles;

4. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji ([1]), lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Kumitat għal Persuni Nieqsa f'Ċipru.

---

([1]) Il-lista ta' firmatarji hija ppubblikata fl-Anness 2 għall-Minuti tad-9 ta' Ġunju 2011 (P7_PV(2011)06-09(ANN2)).

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

RAKKOMANDAZZJONIJIET

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## Is-66 Sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti

P7_TA(2011)0255

**Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2011 lill-Kunsill dwar is-66 Sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (2011/2030(INI))**

(2012/C 380 E/22)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), b'mod partikolari l-Artikolu 34 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-proposta għal rakkomandazzjoni lill-Kunsill minn Alexander Graf Lambsdorff f'isem il-Grupp ALDE dwar il-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea għas-66 Sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (B7-0072/2011),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 2010 lill-Kunsill dwar il-65 Sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti ([1]),

— wara li kkunsidra l-prijoritajiet tal-UE għall-65 Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti adottati mill-Kunsill fil-25 ta' Mejju 2010 ([2]),

— wara li kkunsidra l-65 Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (AĠNU), b'mod partikolari r-riżoluzzjonijiet ta' din l-entità dwar 'Kooperazzjoni internazzjonali dwar l-assistenza umanitarja fil-qasam tad-diżastri naturali, minn serħan għal żvilupp' ([3]), 'Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Iżlamika tal-Iran' ([4]), 'Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea' ([5]), 'Il-promozzjoni ta' ordni internazzjonali demokratiku u ġust' ([6]), 'Il-Promozzjoni tal-paċi bħala rekwiżit vitali għat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha minn kullħadd' ([7]), 'It-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem' ([8]), 'Attivitajiet operattivi għall-iżvilupp tas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti' ([9]), 'Ir-rwol tan-Nazzjonijiet Uniti fil-promozzjoni tal-iżvilupp fil-kuntest tal-globalizzazzjoni u l-interdipendenza' ([10]), 'Lejn Ordni Ekonomika Internazzjonali Ġdida' ([11]), 'Il-koperazzjoni bejn in-Nazzjonijiet Uniti, il-parlamenti nazzjonali u l-Unjoni Interparlamentari' ([12]), 'In-Nazzjonijiet Uniti f'governanza globali' ([13]), 'Lejn dinja mingħajr armi nukleari: it-tħaffif

([1]) ĠU C 4 E, 7.1.2011, p. 49.
([2]) Kunsill tal-Unjoni Ewropea 10170/2010.
([3]) Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti A/RES/65/264
([4]) Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti A/RES/65/226
([5]) Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti A/RES/65/225
([6]) Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti A/RES/65/223
([7]) Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti A/RES/65/222
([8]) Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti A/RES/65/218
([9]) Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti A/RES/65/177
([10]) Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti A/RES/65/168
([11]) Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti A/RES/65/167
([12]) Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti A/RES/65/123
([13]) Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti A/RES/65/94

tal-implimentazzjoni tal-impenji għad-diżarm nukleari' (1), 'Reviżjoni tal-arkitettura għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi tan-Nazzjonijiet Uniti' (2), u 'Iż-Żamma tal-wegħda: magħqudin biex nilħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs) (3),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' riżoluzzjoni tal-14 ta' Settembru 2010 (4) u r-riżoluzzjoni tat-3 ta' Mejju 2011 (5) tal-AĠNU dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-ħidma tan-Nazzjonijiet Uniti,

— wara li kkunsidra l-Konferenza għar-Revizjoni tat-Trattat tan-Nonproliferazzjoni ta' Armi Nukleari (NPT), u r-reviżjonijiet tal-MDGs), il-Kummissjoni għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi (PBC) u l-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem (HRC),

— wara li kkunsidra r-rapport imressaq mill-kofaċilitaturi tar-reviżjoni tal-Kummissjoni għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi bl-isem 'Reviżjoni tal-arkitettura tan-Nazzjonijiet Uniti għall-konsolidazzjoni tal-paċi' (6),

— wara li kkunsidra l-Entità l-ġdida tan-NU dwar il-Ġeneru (Entità tan-Nazzjonijiet Uniti għall-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa - ONU Nisa),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem (UNHRC) dwar 'Il-Promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali permezz ta' fehim aħjar tal-valuri tradizzjonali tar-razza umani' adottata fl-24 ta' Marzu 2011 u l-pożizzjoni negattiva tal-UE dwar dik ir-riżoluzzjoni,

— wara li kkunsidra l-lista preliminari ta' affarijiet li jridu jiġu inklużi fl-aġenda proviżorja tas-66 sessjoni regolari tal-AĠNU (7),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2011 dwar il-prijoritajiet tas-16-il sessjoni tal-UNHRC u r-reviżjoni tal-2011 (8),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2010 dwar il-futur tas-sħubija strateġika bejn l-UE u l-Afrika wara t-tielet Samit bejn l-UE u l-Afrika (9),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 dwar il-konferenza ta' Cancún dwar it-Tibdil fil-Klima (COP16) (10),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 dwar l-10 Anniversarju tar-Riżoluzzjoni 1325 (2000) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà (11),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-kooperazzjoni ċivili-militari u l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ċivili-militari (12),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2005 dwar ir-riforma tan-Nazzjonijiet Uniti (13),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 121(3) u 97 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A7-0189/2011),

(1) Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti A/RES/65/59
(2) Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti A/RES/65/7
(3) Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti A/RES/65/1
(4) Abbozz ta' Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti A/RES/64/L0.67.
(5) Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti **A/RES/65/276**.
(6) Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, A/64/868-S/2010/393, anness.
(7) Id-dokument tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti A/66/50,
(8) Testi adottati, P7_TA(2011)0097.
(9) Testi adottati, P7_TA(2010)0482.
(10) Testi adottati, P7_TA(2010)0442.
(11) Testi adottati, P7_TA(2010)0439.
(12) Testi adottati, P7_TA(2010)0419.
(13) ĠU C 124E, 25.5.2006, p. 549.

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

A. billi qed issir trasformazzjoni kbira tal-ordni internazzjonali, li qed tistimola lill-Unjoni Ewropea biex timpenja ruħha b'mod iktar attiv mal-poteri kurrenti u emerġenti tad-dinja kif ukoll mas-sieħba bilaterali u dawk multilaterali sabiex ikunu promossi soluzzjonijiet effettivi għall-problemi li jaffetwaw kemm liċ-ċittadini Ewropej kif ukoll id-dinja kollha,

B. billi l-UE għandu jkollha sehem proattiv fil-bini ta' Nazzjonijiet Uniti li tista' tikkontribwixxi b'mod attiv għas-soluzzjonijiet globali, għall-paċi u s-sigurtà, għad-demokrazija u għall-ordni internazzjonali bbażat fuq l-istat tad-dritt; billi, skont l-Artikolu 21 tat-TUE, l-UE hi impenjata b'mod formali għal multilateraliżmu effettiv b'NU b'saħħitha fil-qalba tiegħu, li hu essenzjali sabiex jiġu indirizzati l-isfidi globali, bħal ma' huma t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, l-universalità u l-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem, it-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp għal kulħadd, il-konsegwenzi tal-bidla demografika u l-migrazzjoni u l-kriminalità organizzata internazzjonali,

C. billi l-UE qed tħabbat wiċċha ma' bosta sfidi f'dinja li qed tinbidel malajr u li jeżiġu reazzjoni internazzjonali miftiehma; billi f'dan l-isforz l-UE tista' sserraħ fuq multilateraliżmu effettiv, valuri universali tad-drittijiet tal-bniedem, fuq ekonomija dinjija miftuħa bbażata fuq regoli trasprarenti u ekwi maqbula internazzjonalment u fuq il-firxa ta' strumenti unika tagħha,

D. billi strutturi permanenti ġodda għar-rappreżentazzjoni esterna tal-UE nħolqu mit-Trattat ta' Lisbona u, b'riżultat ta' dan ir-rappreżentanti l-ġodda tal-UE huma mistennija jieħdu f'idejhom il-funzjonijiet li qabel kienu jitwettqu mill-Presidenza b'rotazzjoni tal-UE,

E. billi l-Artikolu 34 jobbliga lill-Istati Membri jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom f'organizzazzjonijiet internazzjonali u f'konferenzi internazzjonali, u, barra minn dan, jobbliga lil dawk l-Istati Membri li huma wkoll membri tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (KSNU) biex 'jaħdmu flimkien u jżommu lill-Istati Membri l-oħra u lir-Rappreżentant Għoli infurmati b'kollox' u biex 'jiddefendu l-pożizzjonijiet u l-interessi tal-Unjoni'; billi l-Istati Membri li bħalissa qegħdin fil-KSNU (Franza, ir-Renju Unit, il-Portugall u l-Ġermanja) naqsu milli jaġixxu flimkien u jippreżentaw pożizzjoni unika *vis-à-vis* l-intervent militari fil-Libja, b'mod partikolari fil-kuntest tal-votazzjoni dwar ir-Riżoluzzjoni 1973 tal-KSNU,

F. billi l-Artikolu 47 TUE jagħti personalità legali lill-Unjoni, li timplika li għandha drittijiet u responsabbiltajiet skont il-liġi internazzjonali; billi l-UE taqbel mal-iskopijiet u tirrispetta l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti; billi t-Trattat ta' Lisbona b'mod sħiħ jippermetti lill-Unjoni tieħu rwol internazzjonali korrispondenti mal-istatus ekonomiku prominenti tagħha u l-ambizzjonijiet tagħha, u li twettaq ir-rwol ta' attur globali, kif imsemmi fl-Istrateġija għas-Sigurtà Ewropea 2003, li kapaċi jaqsam ir-responsabbiltà għas-sigurtà dinjija u jieħu t-tmexxija fid-definizzjoni ta' reazzjonijiet miftehma multilateralment u komuni għall-isfidi komuni b'mod aktar unit; billi l-Unjoni trid tidentifika l-interessi u l-objettivi strateġiċi tagħha b'mod ċar jekk trid taġixxi b'mod effettiv,

G. billi s-sħubijiet nazzjonali huma strumentali biex jintlaħqu miri globali identifikati b'mod konġunt; billi l-UE hi l-akbar fornitur ta' għajnuna għall-iżvilupp fid-dinja u sieħba prinċipali tan-NU fl-isforzi tagħha fit-tliet oqsma fundamentali tal-ħidma tagħha, inkluż f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' wara l-kriżi u l-kontribuzzjoni tal-Istati Membri tammonta għal 38 % tal-baġit regolari tan-NU; billi sħubija solida u stabbli bejn l-UE u n-NU hi fundamentali għall-ħidma tan-NU u ċentrali għar-rwol tal-UE bħala attur globali,

H. billi t-twaqqif tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) għandu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-implimentazzjoni ulterjuri tar-Riżoluzzjonijiet 1325 u 1820 tal-KSNU u ta' riżoluzzjonijiet sussegwenti, permezz kemm tal-istruttura interna tiegħu kif ukoll tal-azzjonijiet u l-politiki esterni tiegħu,

I. billi wara r-rakkomandazzjonita l-UNHRC, fl-1 ta' Marzu 2011 l-AĠNU ivvutat favur is-sospensjoni tas-sħubija tal-Libja fil-UNHRC,

J. billi aktar sforzi ddeterminati għall-ġlieda kontra t-terroriżmu fid-dinja żiedu l-bżonn li tiġi indirizzata s-sigurtà filwaqt li d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali jiġu rrispettati b'mod sħiħ,

1. Jindirizza r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin lill-Kunsill:

***L-Unjoni Ewropea fis-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti***

(a) biex jiżviluppa multilateraliżmu effettiv bħala l-ambizzjoni strateġika prinċipali tal-Unjoni u biex il-koerenza u l-visibilità tal-UE bħala attur globali fin-NU jissaħħu, fost l-oħrajn b'koordinazzjoni aħjar tal-konsultazzjonijiet interni tal-UE dwar kwistjonijiet tan-NU u bil-promozzjoni ta' kamp ta' azzjoni akbar fuq firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet; biex jawtorizza lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli (VP/RGħ) jabbozza linji gwida għal konsultazzjonijiet regolari bejn l-ambaxxaturi tal-Istati Membri u l-ambaxxaturi tal-UE, speċjalment bejn dawk li qed jaħdmu fuq livell multilaterali f'postijiet bħal Ġinevra u New York, sabiex l-UE tkun tistà tirrealizza b'suċċess l-aġenda tagħha fin-NU u tissodisfa l-aspettattivi tal-membri tan-NU dwar il-kapaċità tagħha li taġixxi; biex jippromwovi aktar koeżjoni kemm fi ħdan is-sistema tan-NU kif ukoll bejn il-pożizzjonijiet tal-Istati Membri tal-UE u l-kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali, sabiex jisfrutta kemm jista' l-potenzjal offrut mit-Trattat ta' Lisbona għat-tisħiħ tal-impatt tal-UE permezz tal-użu koordinat u strateġiku tal-punti ta' dħul varji u distinti tagħha (UE u Stati Membri); biex isaħħaħ l-kapaċità tagħha li tinnegozja ma' gruppi reġjunali oħrajn fil-mumenti opportuni; li jipprovdi mandat suffiċjenti lir-rappreżentanti tal-UE sabiex jinnegożjaw b'mod effikaċi f'isem l-Istati Membri,

(b) biex jagħmel użu sħiħ tad-dispożizzjonijiet fir-riżoluzzjoni tal-AĠNU **A/RES/65/276** dwar il-parteċipazzjoni tal-UE fil-ħidma tan-NU, li fiha l-arranġamenti meħtieġa biex l-UE tkun tista' tipparteċipa b'mod effikaċi fil-ħidma tal-AĠNU; biex jikkonferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li n-NU hi fil-qalba tal-politika barranija tal-UE u jtenni l-opinjoni li l-parteċipazzjoni effettiva tagħha fil-ħidma tan-NU mhix biss prijorità strateġika tal-UE, iżda konsistenti wkoll mal-ilħuq tal-miri tan-NU u, bħala tali, fl-interess tal-membri kollha tan-NU; biex itejjeb il-koordinazzjoni tal-Istati Membri fil-KSNU u jinkuraġġixxi lill-Istati Membri li huma wkoll membri tal-KSNU, u skont l-Artikolu 34(2) TUE, biex jistiednu lill-VP/RGħ jirrappreżenta lill-UE fil-KSNU kull meta tkun ġiet definita pożizzjoni komuni,

(c) biex jinstabu mezzi ta' prijoritizzazzjoni u ta' trażmissjoni aħjar bejn Brussell u d-Delegazzjoni tal-UE fi New York, inkluża kooperazzjoni msaħħa mal-Kumitat għall-Politika u s-Sigurtà, u sistema ta' appoġġ aktar ċara u strutturata għall-għoti ta' appoġġ mill-istituzzjonijiet tal-UE fi Brussell,

(d) biex jaġixxi flimkien mas-sieħba strateġiċi fl-ambitu tas-sistema tan-NU; barra minn hekk, biex jagħti dimensjoni multilaterali lis-sħubijiet strateġiċi bl-inklużjoni ta' kwistjonijiet globali fl-aġendi tas-samits bilaterali u multilaterali tal-UE,

***L-UE u l-governanza globali***

(e) biex isaħħaħ il-governanza globali u jfittex soluzzjonijiet sostenibbli għall-kwistjoni tar-relazzjoni bejn il-formazzjonijiet G u s-sistema tan-NU, li fuq il-bażi tagħha dibattiti tematiċi u d-dimensjoni ekonomika jistgħu jkunu koperti b'mod utli minn dawk il-gruppi, sakemm in-NU żżomm ir-rwol ċentrali tagħha u tibqa' l-korp leġittimu għal governanza globali; fl-istess ħin, jikkunsidra l-G8 u l-G20 bħala fora importanti għad-definizzjoni tar-risposti globali li għalihom l-UE trid tikkontribwixxi b'mod attiv permezz ta' pożizzjonijiet koordinati; biex jappoġġa l-inizjattiva tal-President tal-AĠNU li jorganizza dibattiti tal-Assemblea Ġenerali mal-Presidenza tal-G20 qabel u wara s-Samits tal-G20,

(f) biex jikkontribwixxi għall-operazzjonalizzazzjoni tal-arkitettura ġdida komposta u unika rigward il-ġeneru li tissostitwixxi l-erba' entitajiet eżistenti rigward il-ġeneru tan-NU fi ħdan il-qafas tal-proċess ta' koerenza fis-sistema kollha (SWC) li għaddej bħalissa; biex jappoġġa bis-sħiħ u jitkellem favur baġit adegwat għall-ONU Nisa sabiex din l-entità tkun tista' twettaq ir-rwol tagħha ta' promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tal-protezzjoni u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, inkluż f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u f'sitwazzjonijiet ta' wara kriżi, b'ħidma f'koordinament mill-qrib ma' partijiet oħra tas-sistema tan-NU, u biex iżomm kuntatti mill-qrib ma' din l-organizzazzjoni, biex japplika l-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sess fl-azzjonijiet kollha ta' tħejjija għall-kriżijiet tal-Istrument għall-Istabilità (IfS),

(g) biex jikkontribwixxi għat-titjib tal-effiċjenza u t-trasparenza tan-NU u t-tisħiħ fil-ġestjoni tar-riżorsi finanzjarji tan-NU,

(h) biex juża l-ewwel test li qatt ġie nnegozjat dwar ir-riforma tal-KSNU bħala opportunità li jkun hemm enfasi b'mod li jinftiehem fuq punti ta' konverġenza u biex jikseb progress tanġibbli fir-rigward tal-kjarifika tal-kompetenzi tal-KSNU li għandhom x'jaqsmu ma' korpi oħrajn tan-NU, iż-żieda ta' membri ġodda sabiex tittejjeb ir-rappreżentanza u l-leġittimità tal-KSNU, u r-reviżjoni ta' metodi ta' ħidma tal-KSNU; biex jenfasizza l-bżonn ta' riforma komprensiva tal-KSNU sabiex tissaħħaħ il-leġittimità, ir-rappreżentanza reġjunali u l-effettività tiegħu; biex jippromwovi proċess ta' riforma li jista' jitnieda b'mod irriversibbli mill-Istati Membri jekk huma jitolbu, b'mod konsistenti mal-għanijiet tat-Trattat ta' Lisbona fir-rigward ta' tisħiħ fil-politika barranija tal-UE u r-rwol tal-UE fil-paċi globali, is-sigurtà u r-regolazzjoni, siġġu permanenti għall-UE f'KSNU mkabbar u riformat; biex jieħu inizjattiva urġenti biex iwassal l-Istati Membri għall-iżvilipp ta' pożizzjoni komuni għal dak l-iskop; biex sakemm tali pożizzjoni komuni tiġi adottata, jiftiehem dwar l-introduzzjoni, mingħajr dewmien, ta' sistema ta' rotazzjoni fil-KSNU, sabiex jiġi żgurat siġġu permanenti għall-UE fil-KSNU,

(i) biex isaħħaħ ir-rwol tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) u s-sistema tal-ġustizzja kriminali internazzjonali, sabiex jippromwovi r-responsabilizzazzjoni, itemm l-impunità u jkompli jippromwovi x-xogħol importanti tal-QKI bħala l-unika istituzzjoni permanenti u indipendenti b'ġurisdizzjoni fuq l-iktar delitti serji li huma kwistjonijiet ta' tħassib internazzjonali, li jkopru l-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra; biex jinkoraġixxi relazzjoni b'saħħitha u mill-qrib bejn il-QKI u n-NU skont l-Artikolu 2 tal-Istatut ta' Ruma, u biex jinkoraġixxi r-ratifika globali tal-Istatut ta' Ruma mill-istati membri kollha tan-NU,

***Paċi, sigurtà u ġustizzja***

*Il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kriżijiet, il-medjazzjoni, iż-żamma tal-paċi, il-konsolidazzjoni tal-paċi*

(j) biex isaħħaħ l-istrutturi għall-prevenzjoni ta' kriżijiet u l-effettività tagħhom fi ħdan il-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP) bl-iskop li din l-organizzazzjoni tiġi ttrasformata f'mexxejja globali fil-prevenzjoni tal-kriżijiet u l-irkupru minnhom; biex isaħħaħ l-istrutturi tal-UE għall-prevenzjoni tal-kriżijiet u jtejjeb il-kooperazzjoni f'dan il-qasam man-NU, l-OSKE u l-Unjoni Afrikana (UA) u organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali oħrajn, kif ukoll mas-soċjetà ċivili, atturi ekonomiċi, negozji privati, individwi u organizzazzjonijiet esperti;

(k) biex jaħdem biex jikseb kunsens dwar ir-Responsabbiltà ta' Protezzjoni (R2P) u biex jiżviluppa approċċ aktar operattiv għal dan il-prinċipju; filwaqt li jenfasizza l-importanza li jiġu evitati kunflitti u tinħoloq medjazzjoni paċifika għalihom, biex jinkuraġġixxi l-implimentazzjoni tar-R2P, fost l-oħrajn, b'aktar irfinar tal-mekkaniżmi biex din tkun applikata u bit-tisħiħ tar-rwol ta' organizzazzjonijiet reġjonali bħal ma hi l-UA u l-Lega Għarbija, bit-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' twissija bikrija fi ħdan in-NU u bid-definizzjoni aħjar tar-rwoli tal-korpi relevanti tan-NU; jieħu nota tar-Riżoluzzjoni 1970(2011) tal-KSNU tas-26 ta' Frar 2011, li biha għall-ewwel darba l-membri permanenti kollha tal-KSNU jaqblu li jitolbu lill-QKI sabiex tiftaħ inkjesta kontra gvern fil-poter abbażi ta' allegazzjoni ta' delitti kontra l-umanità u f'konformità mal-prinċipju tar-R2P b'referenza għal kriżi li tkun għaddejja;

biex jieħu nota ukoll tar-Riżoluzzjoni 1973(2011) tas-17 ta' Marzu 2011, li enfasizzat id-determinazzjoni tal-komunità internazzjonli li tiżgura l-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili u żoni abitati minn popolazzjoni ċivili, bħala l-ewwel implimentazzjoni prattika tal-prinċipju tar-R2P skont mandat ċar tan-NU u b'referenza għal kriżi attwali,

(l) biex jirrikonoxxi l-ħidma tal-korpi ta' medjazzjoni tan-NU, bħalma huma l-Unità tal-Appoġġ fil-Medjazzjoni (MSU) tad-Dipartiment għall-Affarijiet Politiċi (DPA), u biex jitkellem favur żieda fil-livelli tal-persunal tagħhom; jappoġġa bis-sħiħ is-sħubija tal-UE mal-MSU u biex jiżgura li s-SEAE jkollu rwol vitali f'dan ir-rigward,

(m) biex jippromwovi sigurtà u stabilizzazzjoni permezz ta' prevenzjoni ta' konflitti, medjazzjoni, djalogu u bini ta' kapacitajiet lokali u konsolidazzjoni tal-paċi wara l-konflitti, rikostruzzjoni u strateġiji tal-konsolidazzjoni tal-paċi, li jippromwovu soluzzjonijiet sostenibbli permezz ta' tranżizzjoni bla xkiel minn sforzi fuq perjodu ta' żmien qasir u u medju għal strateġiji ta' żvilupp fuq perjodu ta' żmien twil, biex jiżgura li l-politiki ta' konsolidazzjoni tal-paċi tal-iżvilupp ikunu ppjanati u implimentati fi ħdan qafas ta' strateġija unika u komprensiva tan-NU, li tikkunsidra minn stadju bikri l-bżonnijiet tal-konsolidazzjoni tal-paċi u t-tranżizzjoni futura għal strateġija fit-tul kemm tal-ippjanar kif ukoll tal-implimentazzjoni, u li fuqha l-UE tibbaża l-miżuri tagħha stess; peress li l-istabilizzazzjoni ta' pajjiż maqbud f'kunflitt teħtieġ azzjoni aktar kumplessa u approċċ integrat, u mhux sempliċiment truppi, biex il-kapaċitajiet neċessarji jiġu orkestrati permezz ta' strateġija bħal din, sabiex jiġu indirizzati l-kawżi fl-għeruq tal-kunflitt b'mod xieraq, peress li f'nofs il-pajjiżi fejn isiru operazzjonijiet taż-żamma tal-paċi jerġgħu jinqala' l-kunflitt fi żmien 10 snin mit-tluq tal-forzi taż-żamma tal-paċi,

(n) biex jinsisti dwar il-ħtieġa li nitgħallmu mill-iżviluppi reċenti fil-Ġappun u biex iressaq proposti; biex jgħolli l-istandards tas-sigurtà fl-impjanti nukleari eżistenti f'żoni sismiċi; biex jitlob li jkun hemm kooperazzjoni mtejba f'każ ta' diżastru artifiċjali jew naturali simili sabiex jitnaqqsu l-konsegwenzi ta' emissjonijiet ta' radjoattività għall-persuni u l-ambjent,

(o) biex jiżviluppa viżjoni ta' strateġija definita tal-istrumenti ta' ġestjoni u prevenzjoni tal-kriżi tal-UE u biex jesplora l-possibilitajiet ta' ġestjoni konkreta ta' proġett permezz tas-SEAE li għadu kif ġie stabbilit, filwaqt li jagħraf l-importanza li għandhom il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kriżijiet fi ħdan l-azzjoni esterna tal-UE;

(p) biex jiffoka fuq l-iżgurar ta' proprjetà nazzjonali ta' strateġiji tal-konsolidazzjoni tal-paċi, mit-tfassil inizjali għall-implimentazzjoni fil-prattika, abbażi tal-aqwa prattiċi u stejjer ta' suċċess; biex iressaq aġenda ta' żvilupp transversali fuq il-bażi li fuqha l-bini statali huwa megħjun minn konsolidazzjoni tal-paċi artikolata tajjeb u sforzi tal-iżvilupp b'aspetti ekonomiċi b'saħħithom fil-qalba tagħha,

(q) biex jagħmel aktar enfasi fuq il-funzjoni tal-konsolidazzjoni tal-paċi f'sitwazzjonijiet ta' wara l-kunflitti billi jipprovdi parir strateġiku kif ukoll jutilizza l-kompetenza u l-finanzjament mid-dinja kollha biex jgħin fi proġetti ta' rkuprar; biex jimmobilizza riżorsi u sorsi ġodda ta' finanzjament u biex jiffinanzja rkuprar kmieni bl-għan ta' rikostruzzjoni post-konflittwali,

(r) biex jgħin biex tiżdied l-impjieg ta' esperti ċivili femminili u jappoġġa pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali fl-ispirtu tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-UNSC u l-iskema ta' azzjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU li tiżgura l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-konsolidazzjoni tal-paċi,

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

*Kooperazzjoni fil-ġestjoni tal-kriżijiet globali fil-qafas tas-sħubijiet*

(s) biex iqis it-tisħiħ tas-sħubijiet internazzjonali tal-ġestjoni tal-kriżijiet bħala prijorità strateġika tal-UE u biex itejjeb id-djalogu ma' atturi ewlenija oħra fil-ġestjoni tal-kriżijiet - bħan-Nazzjonijiet Uniti, in-NATO, l-UA, u pajjiżi terzi bħall-Istati Uniti tal-Amerika, it-Turkija, in-Norveġja u l-Kanada; biex jissinkronizza l-azzjonijiet fuq l-art, l-iskambju ta' informazzjoni u l-kondiviżjoni tar-riżorsi fl-oqsma taż-żamma tal-paċi u l-konsolidazzjoni tal-paċi, inkluża l-kooperazzjoni rigward il-ġestjoni tal-kriżijiet u, b'mod partikolari, is-sigurtà marittima, u l-ġlieda kontra t-terroriżmu skont l-liġi internazzjonali; biex itejjeb il-koordinazzjoni, f'dan ir-rigward, mal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFIs) u donaturi bilaterali,

(t) filwaqt li jfakkar li l-KSNU għandu responsabbiltà primarja għaż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà nazzjonali, biex jenfasizza l-bżonn ta' kooperazzjoni fil-qrib bejn l-UE u n-NU fil-qasam ta' ġestjoni tal-kriżijiet ċivili u militari, u b'mod partikolari f'operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja; biex jiżdiedu l-isforzi biex jiżgura li l-Istati Membri tal-UE jagħtu kontributi adegwati għal missjonijiet tan-NU u biex jikkontribwixxu b'mod ikkoordinat; sabiex ikompli jesplora modi li bihom l-UE kollha kemm hi tista' tikkontribwixxi aħjar għall-isforzi mmexxija min-NU, pereżempju bit-tnedija ta' operazzjonijiet tal-UE ta' rispons rapidu li jservu ta' pont, bil-bgħit ta' truppi biex iservu ta' deterrent jew billi tipprovdi komponent tal-UE f'missjoni ikbar tan-NU;

(u) biex joħloq qafas ta' strateġija aktar wiesa' għas-sħubija għall-ġestjoni tal-kriżijiet bejn l-UE u organizzazzjonijiet reġjonali u sub-reġjonali, bħall-UA, il-Lega Għarbija jew il-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS), u n-NU u biex isaħħaħ, b'mod partikolari, relazzjoni trijangolari bejn il-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà tal-UA, il-KSNU u l-Kumitat għall-Politika u s-Sigurtà tal-UE, sabiex jgħin biex jiżgura l-koerenza u t-tisħiħ reċiproku tal-isforzi b'appoġġ għall-UA; biex isaħħaħ il-prevedibilità, is-sostenn u l-flessibità tal-finanzjament tal-operazzjonijiet għall-paċi b'mandat min-NU mwettqa mill-UA; biex ifittex soluzzjonijiet għal kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-UE u l-UA fl-oqsma operattivi partikolari tagħhom, b'hekk jitjiebu l-kapaċitajiet tat-twissija bikrija u tal-prevenzjoni tal-kunflitt u jinħoloq skambju tal-aħjar prattiki u tal-għarfien espert fil-qasam tal-ġestjoni tal-kriżijiet,

(v) biex jikkontribwixxi għall-konsolidazzjoni tal-progress li sar fl-implimentazzjoni ta' Arkitettura Afrikana għall-Paċi u s-Sigurtà bil-għan li jiġu indirizzati l-isfidi tal-paċi u tas-sigurtà fil-kontinent Afrikan; biex jenfasizza kemm hu importanti li jiġi pprovdut finanzjament prevedibbli u sostenibbli għall-operazzjonijiet Afrikani ta' appoġġ għall-paċi, il-ħtieġa li jinbnew kapaċitajiet lokali ta' rkuprar, u d-determinazzjoni li l-popolazzjoni ċivili tiġi mħarsa fil-konflitti armati,

(w) minħabba d-dimensjoni reġjonali tal-kunflitti fil-kontinent Afrikan, biex jimmira għal sforzi biex jissaħħu r-relazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet sub-reġjonali inklużi l-ECOWAS, il-Komunità għall-Iżvilupp tal-Afrika t'Isfel (SADEC) u l-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp (IGAD), u biex jinvolvi lilhom u lill-pajjiżi tar-reġjun fil-ġestjoni tal-kriżijiet,

*L-arkitettura tal-konsolidazzjoni tal-paċi, ir-reviżjoni tal-Kummisjoni għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi (PBC)*

(x) biex jgħin fil-ħidma li tippermetti l-arkitettura tal-konsolidazzjoni tal-paċi tan-NU tilħaq l-aspettativi li kienu parti integrali mit-twaqqif tagħha, billi jressaq ir-rakkomandazzjonijiet tal-proċess ta' reviżjoni tal-Kummissjoni għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi (PBC), bl-għan ukoll li jtejjeb aktar l-effikaċja tal-PBC; biex jappoġġa l-emerġenza ta' arkitettura tal-konsolidazzjoni tal-paċi soda b'mod ġenerali fuq bażi ta' sħubija bejn pajjiżi li qed jiżviluppaw u dawk żviluppati, filwaqt li jagħti attenzjoni partikolari għat-titjib tar-realizzazzjoni tagħha fil-prattika, filwaqt li jsaħħaħ ir-relazzjonijet mal-IFIs – sabiex jinħolqu impjiegi u jiġu indirizzati kwistjonijiet ekonomiċi - u jadotta relazzjoni aktar organika bejn iż-żamma tal-paċi u l-konsolidazzjoni tal-paċi; biex jippromwovi relazzjoni aktar strutturata bejn il-PBC, id-Direttorat Maniġerjali tas-SEAE għal kwistjonijiet globali u multilaterali, speċjalment id-direttorat tiegħu dwar il-prevenzjoni tal-kunflitti u l-politika tas-sigurtà u l-AĠNU, il-KSNU u l-Kunsill Ekonomiku u Soċjali bl-għan tal-ħolqien ta' sinerġija akbar bejn iż-żamma tal-paċi u l-konsolidazzjoni tal-paċi u l-azzjonijiet għall-iżvilupp fuq il-post, biex ifittex modi kif jissaħħaħ ir-rwol konsultattiv tal-PBC *vis-à-vis* l-KSNU, li lilu trid tirrispondi, kif titjieb il-kooperazzjoni mal-Uffiċju ta' Appoġġ għall-Konsolidazzjoni

tal-Paċi (PBSO) u kif jissaħħu r-relazzjonijiet mal-organizzazzjonijiet reġjonali u mal-IFIs; barra minn hekk, biex itejjeb is-sħubija eżistenti bejn il-PBC u s-Sħubija għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi tal-UE permezz ta' approċċ minn isfel għal fuq għal għas-soluzzjoni tal-kunflitti li tikkunsidra l-attivitajiet ta' atturi mhux statali fil-konsolidazzjoni tal-paċi,

(y) biex jagħmel sforzi biex ikun żblukkat il-potenzjal tal-PBC permezz ta' rabta msaħħa mas-sitwazzjonijiet attwali, sabiex ikun immassimizzat il-valur tal-punti disinti tad-dħul tal-PBC u tat-tims tan-NU fil-postijiet li jistgħu jibbenefikaw mill-gwida strateġika u l-influwenza politika tagħhom, partikolarment meta jiġu għall-formazzjoni tal-istituzzjonijiet,

*Id-diżarm nukleari u n-nonproliferazzjoni, ir-riforma tal-IAEA, ir-reviżjoni tat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari (NPT), il-ġlieda kontra t-terroriżmu*

(z) bħala riżultat tad-diżastru nukleari fil-Ġappun, sabiex tkun irriformata l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA) billi jingħata tmiem għall-funzjoni doppja tagħha ta' monitoraġġ u ta' promozzjoni tal-użu tal-enerġija nukleari, u biex ikunu limitati r-responsabbilitajiet tal-IAEA għas-sorveljanza tal-industrija tal-enerġija nukelari, u għall-verifika tal-konformità mat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari (NPT); biex, barra minn hekk, jaħdem biex ikun żgurat li minn issa 'l quddiem jitwaqqfu u jiġu ssorveljati standards ta' sigurtà mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), li f'dan ir-rigward l-Istati Membri jkunu mistennija li jikkonformaw legalment ma' dawk l-istandards u d-WHO tingħata l-personal meħtieġ għax-xogħlijiet addizzjonali,

(aa) biex jippromwovi l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tar-reviżjoni tan- NPT tal-2010, b'mod partikolari għat-temma ta' dinja aktar sigura għal kulħadd u biex tinstab il-paċi u s-sigurtà f'dinja mingħajr armi nukleari bħala objettiv għal tul ta' żmien, ikabbar aktar it-trasparenza sabiex tiżdied il-fiduċja reċiproka, jilħaq progress ġenwin aktar mgħaġġel lejn diżarm nukleari, jieħu aktar miżuri effettivi ta' diżarm nukleari li jkunu konsistenti mal-prinċipji fundamentali tat-trasparenza, ta' verifika u ta' irriversibiltà, jinkuraġġixxi l-istati li għandhom l-armi nukleari biex jirrappurtaw b'mod regolari dwar l-implimentazzjoni tal-impenji tagħhom, u jirrevedi l-implimentazzjoni,

(ab) biex jiżviluppa aktar il-proċeduri ta' kooperazzjoni u l-mekkaniżmi mas-sħab esterni tal-UE, speċjalment mal-Istati Uniti, fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, b'mod partikolari bl-għan li tiġi implimentata l-istrateġija globali kontra t-terroriżmu, billi jipparteċipa fil-G8 Ruma/Lyon u l-Grupp ta' Azzjoni Kontra t-Terroriżmu, billi jsaħħaħ il-ftehimiet globali relevanti u billi jżid l-isforzi biex jikkonkludi konvenzjoni komprensiva dwar it-terroriżmu internazzjonali; biex jimpenja ruħu b'mod aktar effiċjenti u aktar strutturat ma' dawn is-sħab, kemm fuq livell strateġiku kif ukoll fuq livell prattiku; biex juri tmexxija u jagħti eżempju billi jikkonsolida r-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt bħala ċ-ċentru tal-approċċ tal-UE għall-ġlieda kontra t-terroriżmu,

***L-iżvilupp***

(ac) biex jinsisti fuq il-ħtieġa li jarmonizza l-isforzi ta' bosta korpi tan-NU sabiex jippromwovu aħjar l-effiċjenza u l-effettività ta' azzjoni dwar kwistjonijiet tal-iżvilupp u kwistjonijiet soċjali madwar id-dinja; biex iżomm il-wegħdiet li għamel fis-samit dwar l-MDGs fir-rigward tal-ġbir tar-riżorsi meħtieġa biex jintlaħqu l-miri sal-2015, b'mod partikolari billi jżomm l-impenji tal-UE dwar l-għajnuna għall-iżvilupp; biex jappoġġa ż-żieda fil-livell ta' investiment finanzjarju sabiex jintlaħqu l-miri tal-MDGs u jżid malajr l-isforzi u jirriproduċi programmi u politiki innovattivi ppruvati, immirati għall-iżvilupp globali u għat-trasformazzjoni ekonomika u soċjali.

(ad) biex jikkonċentra l-isforzi biex jintlaħqu l-MDGs b'mod partikolari dwar ir-reġjuni u l-pajjiżi li l-aktar waqgħu lura, speċjalment pajjiżi fl-Afrika Sub-Saħarjana u l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LCDs), u dwar il-pajjiżi fraġli u maqbudin f'kunflitt,

*Il-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDCs - Least Developed Countries)*

(ae) biex jiżgura l-effikaċja tal-monitoraġġ u l-mekkaniżmi ta' verifika konnessi mal-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tal-UNLDC;

(af) biex jiżgura li l-iżvilupp għal żmien twil u sostenibbli jibqa' objettiv komprensiv u koerenti fil-pjanijiet ta' azzjoni tal-LDCs u s-sħab tagħhom,

*Il-ġlieda kontra l-inugwaljanzi*

(ag) biex jiżgura li l-pajjiżi bi dħul medju b'livelli ta' inugwaljanzi kbar ikomplu jirċievu appoġġ u finanzjament biex inaqqsu l-faqar u jtejbu l-koeżjoni soċjali, għaliex il-parti l-kbira tan-nies foqra jgħixu f'pajjiżi bi dħul medju,

(ah) biex jappoġġa t-tnaqqis tal-inugwaljanzi bejn is-sessi u t-tisħiħ tar-rwol tan-nisa fl-iżvilupp, għaliex hemm rappreżentazzjoni sproporzjonatament għolja tan-nisa fost il-fqar,

*L-effikaċja tal-għajnuna*

(ai) jeżamina kif l-aġenda dwar l-effikaċja tal-għajnuna tista' tinbidel f'aġenda dwar l-effikaċja fl-iżvilupp, bil-ħolqien ta' strateġiji konkreti, f'dan il-kuntest, li jikkonċernaw stati fraġli u sitwazzjonijiet ta' wara l-kunflitti,

(aj) biex jilħaq l-objettivi kollha tal-Aġenda ta' Accra, fuq il-bażi ta' involviment effettiv tal-parlamenti, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali,

(ak) biex jiżgura li l-isfidi soċjali, politiċi, ekonomiċi u ambjentali jkunu indirizzati b'mod koerenti,

*Id-Dritt għall-Iżvilupp (RTD)*

(al) biex jappoġġa d-Dikjarazzjoni tan-NU tal-1986 dwar id-Dritt għall-Iżvilupp, li tistipula li 'l-Istati għandhom id-dmir li jikkooperaw bejniethom biex jiżguraw l-iżvilupp u jeliminaw l-ostakli għall-iżvilupp … jirrealizzaw id-drittijiet tagħhom u jaqdu dmirijiethom b'tali mod li jippromwovu ordni ekonomiku internazzjonali ġdid ibbażat fuq l-ugwaljanza sovrana, l-interdipendenza, l-interess reċiproku';

(am) l-RTD jinżamm 'il fuq fl-aġenda, minħabba li din is-sena niċċelebraw il-25 anniversarju mill-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Dritt għall-Iżvilupp,

(an) jirrakkomanda konsolidazzjoni tas-sejbiet tal-High Level Task Force, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-RTD;

(ao) biex jieħu miżuri neċessarji sabiex l-RTD isir parti integrali mill-politika għall-iżvilupp, mir-Reviżjoni Perjodika Universali (UPR) mill-ħidma u l-mekkaniżmi tal-korpi tat-trattati tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem,

*L-għajnuna umanitarja internazzjonali*

(ap) biex jistabblixxi aġenda internazzjonali għall-għajnuna umanitarja li tindirizza l-firxa sħiħa ta' sfidi umanitarji, il-bżonnijiet umanitarji dejjem ikbar u l-kumplessità tas-sitwazzjonijiet umanitarji,

(aq) biex issaħħaħ il-finanzjament umanitarju dinji u jttejjeb il-funzjonament u l-effikaċja tas-sistema tal-għajnuna umanitarja,

(ar) li jieħu inizjattivi internazzjonali komuni għat-tisħiħ tal-interazzjoni bejn l-għajnuna umanitarja u l-iżvilupp, kif ukoll tar-rabta bejn l-għajnuna ta' emerġenza, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp,

***Drittijiet tal-bniedem***

*Kwistjonijiet istituzzjonali*

(as) biex jiżgura li s-SEAE jkollu persunal biżżejjed u riżorsi biżżejjed u li jkun integrat sew u kkoordinat ma' korpi internazzjonali u organizzazzjonijiet reġjonali oħra u x-xogħol tagħhom fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem; biex jiżgura li r-rakkomandazzjonijiet u r- riżoluzzjonijiet adottati, u l-prijo-ritajiet li ġew espressi, fi ħdan is-sistema tan-NU u istituzzjonijiet oħra jiġu kkunsidrati meta jkunu qed jiġu żviluppati l-politiki u l-istrumenti tal-UE, speċjalment fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem,

(at) biex ikompli jipparteċipa b'mod attiv fir-reviżjoni tal-UNHRC fi New York u s-segwitu tagħha, biex tissaħħaħ il-konformità mal-mandat tiegħu; biex jindirizza l-kapaċità tal-UNHRC biex ikompli jittratta sitwazzjonijiet urġenti li jinkludu vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, bħal fil-każijiet reċenti tal-Libja u tal-Côte d'Ivoire, u biex itejjeb il-kapaċità tiegħu li jimplimenta normi u standards internazz-jonali eżistenti; biex ifaħħar id-deċiżjoni tal-AĠNU tal-1 ta' Marzu 2011 biex tissospendi s-sħubija tal-Libja fil-UNHRC, biex ikompli sforzi ddeterminati u juża l-Proċeduri Speċjali sabiex ibiddel l-UNHRC fi twissija bikrija u mekkaniżmu ta' prevenzjoni, aktar milli korp purament reattiv, li jkun kapaċi jipp-rijoritizza u jindirizza mill-għeruq il-vjolazzjonijiet tad-drittijiet umani bl-għan li tkun evitata żieda ta' vjolazzjonijiet bħal dawn, inkluż permezz tal-appoġġ tiegħu għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-istituzzjoni-jiet nazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem,

(au) biex ifittex modi kif itejjeb il-proċeduri tal-elezzjoni tal-membri tal-UNHRC sabiex jindirizza l-kwistjoni tal-kwalità tas-sħubija tal-UNHRC; biex jikkunsidra l-istabbiliment ta' kriterji ċari għal sħubija fil-UNHRC sabiex ma jħallix li jsiru membri tal-UNHRC pajjiżi fejn il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem huma frekwenti u spissi; biex iżomm, fil-kuntest tar-reviżjoni, l-indipendenza tal-Uffiċċju tal-Kummis-sarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR) u jopponi kwalunkwe tentattiv li ta' tibdil fl-istatus tal-OHCHR għaliex dan jista' jkollu impatt negattiv fuq il-finanzjament u, konsegwentement, fuq l-indipendenza tiegħu;

(av) biex jiżviluppa relazzjoni ta' ħidma vijabbli bejn l-UNHRC u t-Tielet Kumitat, u bejn l-UNHCR u l-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem, u biex jindirizza s-sinjali li dejjem qed jiżdiedu ta' diviżjonijiet bejn Stati Membri f'dak li jirrigwarda l-votazzjonijiet tagħhom fl-UNHCR,

(aw) biex jasal għal qbil komuni qabel il-Konferenza ta' Reviżjoni ta' Durban ('Durban 3'), ippjanata għal Settembru 2011, sabiex juri l-volontà tal-Istati Membri u l-kapaċità biex 'jitkellmu b'vuċi waħda' f'fora globali, biex jasserixxi l-influwenza tal-UE fil-qafas tan-NU, u jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu biex jiġġieled ir-razzismu, il-ksenofobija u l-bigotrija b'mod bilanċjat u mhux diskriminatorju,

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

*Kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem*

(ax) biex ikompli l-proġetti kontinwi tiegħu fit-Tielet Kumitat tal-AĠNU dwar numru kbir ta' riżoluzzjonijiet, b'mod partikolari dwar is-sejħa għall-moratorju fuq l-użu tal-piena tal-mewt, li kienet appoġġata minn aktar pajjiżi, dwar id-drittijiet tat-tfal, dwar il-minoranzi nazzjonali u lingwistiċi, dwar il-libertà tal-espressjoni u l-midja liberi, dwar l-intolleranza reliġjuża, l-abolizzjoni tat-tortura u dwar riżoluzzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar il-Burma/Myanmar, il-Korea ta' Fuq u l-Iran, biex jappoġġa l-isforzi kollha biex jeradika t-tortura; biex jinkoraġixxi b'mod partikolari l-adozzjoni tal-Protokoll Fakultattiv tal-Konvenzjoni tan-NU kontra t-tortura,

(ay) biex ikomplu sforzi internazzjonali bil-mira li jiżguraw li d-drittijiet tal-bniedem kollha jitqiesu bħala universali, indiviżibbli, interdipendenti u interrelatati; biex jagħmel sforzi, f'dan il-kuntest, biex jimblokka l-użu ta' kunċett indefinit ta' 'valuri tradizzjonali tal-umanità', li huwa ta' natura li ddgħajjef l-istandards stabbiliti skont il-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u li jista' jwassal għal tentattivi mhux aċċettabbli biex ikunu ġustifikati l-vjolazzjonijiet tad-drittijiet bniedem sakemm ikunu riżultat ta' valuri, normi jew prattiċi tradizzjonali,

(az) biex jappoġġa l-finanzjament, permezz ta' obbligi baġitarji speċifiċi, u l-kapaċità, ir-responsabilità u l-effikaċja tal-Nisa NU, sabiex din tkun tistà tikkoordina l-attivitajiet relevanti b'mod aktar effettiv; biex jinkorpora perspettiva dwar is-sessi fil-politiki kollha tan-NU u joħloq koerenza/sinerġija istituzzjonali; biex jikkonċentra sforzi, ukoll billi jikkontribwixxi għal ippjanar strateġiku mtejjeb, għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1325, speċjalment fir-rigward tal-preżenza tan-nisa f'taħditiet dwar il-paċi, biex b'hekk dawn ikunu jistgħu jsiru medjaturi u jtejbu l-ħiliet tagħhom, u tingħatalhom l-opportunità tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom fit-teħid tad-deċiżjonijiet, u, b'mod ġenerali, ikunu konnessi mal-iżvilupp,

(ba) biex jiddefinixxi strateġja *vis-à-vis* l-pajjiżi li jirrifjutaw li jikkooperaw b'mod sħiħ mal-mekkaniżmi tan-NU u jippermetti aċċess mill-esperti indipendenti u mir-Rapporteurs Speċjali tan-NU, bl-għan li jikkonvinċu pajjiżi bħal dawn biex jagħtuhom aċċess sħiħ għat-territorju tagħhom u jżommu lura milli jxekklulhom xogħlhom; biex jaħdem għaż-żamma tal-indipendenza tal-Proċeduri Speċjali,

(bb) biex jagħti l-ogħla prijorità politika u diplomatika u b'hekk joffri l-appoġġ massimu, permezz tad-diversi fora bilaterali u multilaterali li fihom l-UE hija sieħba attiva, lill-inizjattivi kollha mmirati biex:

— jistabilixxu moratorju globali fuq il-mutilazzjoniji ġenitali femminili,

— jiddekriminalizzaw l-omosesswalità mad-dinja kollha,

***Tibdil fil-klima***

(bc) biex jeżerċita tmexxija fil-qasam tal-governanza tal-klima globali u tal-kooperazzjoni internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima, biex jiffoka fuq impenn politiku b'saħħtu ma' pajjiżi terzi u jiżviluppa djalogu aktar fil-fond ma' atturi ċentrali oħra, bħal ma' huma l-Istati Uniti, ir-Russja, il-poteri emerġenti (iċ-Ċina, il-Brażil, l-Indja) u pajjiżi li qed jiżviluppaw, peress li t-tibdil fil-klima sar element ċentrali tar-relazzjonijiet internazzjonali u theddida maġġuri għal-ilħuq tal-għanjiet tal-MDGs; biex jikkontribwixxi għall-arkitettura istituzzjonali li tkun inkluživa, trasparenti, ġusta u li tipprovdi rappreżentanza bbilanċjata kemm ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw kif ukoll ta' pajjiżi żviluppati u fil-korpi li jirregolaw relevanti; biex jibni bażi soda għan-negozjati tal-laqgħa li jmiss, li se jsiru fl-aħħar tal-2011 fl-Afrika ta' Isfel (COP17), fuq il-bażi tal-progress tajjeb li sar fil-COP16 f'Kankun u filwaqt li jkunu kkunsidrati l-lezzjonijiet meħuda mir-riżultat mhux sodisfaċenti tal-COP15 f'Kopenhagen,

(bd) biex jikkoopera b'mod aktar strateġiku u jirreaġixxi aktar għall-bżonnijiet ta' pajjiżi terzi filwaqt li jkompli jiżviluppa l-kapaċitajiet tas-SEAE għall-bini ta' politika ta' diplomazija dwar il-klima; sabiex jappoġġa l-parteċipazzjoni attiva tal-Kummissjoni fid-dibattitu li għaddej dwar il-Lakuni u r-Reazzjonijiet fir-rigward tal-Protezzjoni mniedi mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR) fil-qafas tad-Djalogu tal-Kummissarju Għoli fl-2010 dwar l-Isfidi rigward il-Protezzjoni li l-għan tiegħu huwa li jtejjeb il-qafas eżistenti tal-protezzjoni internazzjonali għal persuni li ġew sfurzati li jħallu djarhom u persuni bla Stat; biex jipparteċipa b'mod attiv fid-dibattitu dwar it-terminu 'refuġjat tal-klima - intiż biex jiddeskrievi persuni li jiġu mġiegħla jaħarbu minn djarhom u jfittxu kenn barra mill-pajjiż bħala konsegwenza ta' tibdil fil-klima - li s'issa għadu mhuwiex rikonoxxut minn liġi internazzjonali jew minn kwalunkwe ftehim internazzjonali ieħor li jorbot legalment,

***Rakkomandazzjonijiet finali***

(be) biex jipprowovi dibattitu dwar is-suġġett tar-rwol tal-parlamenti u l-partiti reġjonali fis-sistema tan-NU, li hu mistenni li jkun fl-aġenda tas-66 sessjoni tal-AĠNU, u dwar it-twaqqif tal-Assemblea Parlamentari tan-NU (APUN); minbarra dan, jippromwovi interazzjoni dwar kwistjonijiet globali bejn gvernijiet u parlamenti,

(bf) biex jitkellem favur it-twaqqif tal-APUN fi ħdan is-sistema tan-NU sabiex din ikollha natura iktar demokratika, iktar responsabbiltà demokratika u iktar trasparenza fil-governanza globali u biex tippermetti iktar parteċipazzjoni pubblika fl-attivitajiet tan-NU, filwaqt li jagħraf li l-APUN tkun kumplimentari għall-korpi eżistenti, inkluża l-Unjoni Interparlamentari;

*

* *

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, u, għall-informazzjoni, lill-Kummissjoni.

**It-Tlieta 7 ta' Ġunju 2011**

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## Talba għat-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Agnes Hankiss

P7_TA(2011)0247

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2011 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Ágnes Hankiss (2010/2213(IMM))**

(2012/C 380 E/23)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Ágnes Hankiss, imressqa mill-Qorti Ċentrali tad-Distrett ta' Buda fis-6 ta' Lulju 2010, u mħabbra fis-seduta plenarja tas-6 ta' Settembru 2010,

— wara li sema' lil Ágnes Hankiss fil-11 ta' April 2011, bi qbil mal-Artikolu 7(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, tat-8 ta' April 1965, kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, tal-20 ta' Settembru 1976,

— wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Mejju 1964, tal-10 ta' Lulju 1986, tal-15 u l-21 ta' Ottubru 2008 u tad-19 ta' Marzu 2010 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 6(2) u 7 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0196/2011),

A. billi l-Qorti Ċentrali tad-Distrett ta' Buda, Budapest, talbet it-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Ágnes Hankiss, Membru tal-Parlament, sabiex jitmexxa proċediment kriminali ġdid kontra Ágnes Hankiss kif ordnat mis-sentenza tal-Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Ungerija,

B. billi t-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Ágnes Hankiss tirrigwarda allegat reat ta' malafama skont is-Sezzjoni 181 tal-Kodiċi Kriminali tal-Ungerija wara dikjarazzjoni magħmula tul il-programm "*Péntek 8 mondatvadász*" fit-23 ta' Jannar 2004,

([1]) Kawża 101/63 Wagner vs Fohrmann u Krier [1964] Ġabra 195, Kawża 149/85 Wybot vs Faure et [1986] Ġabra 2391, Kawża T-345/05 Mote vs Il-Parlament [**2008**] **ECR II-2849**, Kawżi Magħquda C-200/07 u C-201/07 Marra vs De Gregorio u Clemente [**2008**] **ECR I-7929**, u Kawża T-42/06 Gollnisch vs Il-Parlament.

C. billi Ágnes Hankiss kienet akkużata mill-kwerelant privat f'denunċja tat-18 ta' Frar 2004 u li ġiet ippreżentata lill-Qorti Ċentrali tad-Distrett ta' Buda fit-23 ta' Frar 2004; billi l-Qorti Ċentrali tad-Distrett ta' Buda ħarġet is-sentenza tagħha fit-28 ta' Ġunju 2005, li ġiet appellata fil-Qorti Muniċipali ta' Budapest u annullata mill-istess Qorti fit-3 ta' Frar, 2006,

D. billi, minħabba f'hekk il-każ ġie riferut lura lill-Qorti Ċentrali tad-Distrett ta' Buda, li fis-6 ta' Frar 2009, ħelset lill-Ágnes Hankiss mill-akkużi; billi l-kwerelant ressaq appell kontra din is-sentenza fil-Qorti Muniċipali ta' Budapest, li, fil-25 ta' Marzu 2009, iddeċiedet li tikkonferma s-sentenza tal-Qorti Distrett-wali fuq ir-raġunijiet kollha,

E. billi fit-12 ta' Novembru 2009 l-Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Ungerija annullat iż-żewġ sentenzi minħabba ksur tal-liġi sostantiva u tat istruzzjonijiet lill-Qorti Ċentrali tad-Distrett ta' Buda biex tmexxi proċediment ġdid,

F. billi Ágnes Hankiss ilha Membru tal-Parlament sa mill-15 ta' Lulju 2009,

G. billi, skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, waqt is-sessjonijiet tal-Parlament Ewropew il-Membri tiegħu għandhom igawdu fit-territorju tal-Istat tagħhom stess l-immunitajiet mogħtija lil membri tal-parlament ta' pajjiżhom; u billi dan ma jwaqqafx lill-Parlament Ewropew milli jeżerċita d-dritt tiegħu li jneħħi l-immunità ta' wieħed mill-Membri tiegħu,

H. billi s-Sezzjoni 552(1) tal-Att dwar il-Proċedimenti Kriminali tal-Ungerija jirrikjedi li jiġu sospiżi l-proċedimenti kriminali kontra persuna li tgawdi l-immunità u li tintalab it-tneħħija tal-immunità, u billi s-Sezzjoni 551(1) ta' dak l-Att jistipula li proċedimenti kriminali jistgħu jitnedew biss kontra, inter alia, Membru tal-Parlament Ewropew wara s-sospensjoni tal-immunità,

I. billi s-Sezzjoni 12(1) tal-Att LVII tal-2004 jistipula li talba għat-tneħħija tal-immunità f'każijiet soġġetti għal azzjoni privata, għandha ssir mill-Qorti lill-President tal-Parlament,

J. billi fil-proċedimenti l-ġodda ta' wara l-annullament, Ágnes Hankiss iddikjarat li hi kienet Membru tal-Parlament u għalhekk il-Qorti Ċentrali tad-Distrett ta' Buda, abbażi tas-Sezzjoni 552(1) tal-Att Ungeriż dwar il-Proċedimenti Kriminali u s-Sezzjoni 12 Att LVII tal-2004, iddeċidiet li tissospendi l-proċedimenti u talbet għat-tneħħija tal-immunità,

K. billi, għalhekk jixraq li jirrakkomanda t-tneħħija tal-immunità parlamentari f'dan il-każ,

1. Iddeċieda li jneħħi l-immunità parlamentari ta' Ágnes Hankiss;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtorità kompetenti tar-Repubblika ta' l-Ungerija u lil Ágnes Hankiss.

**It-Tlieta 7 ta' Ġunju 2011**

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## Ħatra ta' membru tal-Qorti tal-Awdituri (Is-Sur H.G. WESSBERG - SV)

P7_TA(2011)0246

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2011 dwar in-nomina proposta ta' H.G. Wessberg bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri (C7-0103/2011 – 2011/0803(NLE))**

(2012/C 380 E/24)

(Konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 286(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu l-Kunsill ikkonsulta mal-Parlament (C7-0103/2011),

— wara li kkunsidra l-fatt li, waqt il-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Mejju 2011, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit sema' lill-kandidat propost mill-Kunsill għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 108 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat dwar il-Kontroll Baġitarju (A7-0190/2011),

A. billi H.G. Wessberg jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 286(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE,

1. Jagħti opinjoni favorevoli dwar il-proposta tal-Kunsill għan-nomina ta' H.G. Wessberg bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Qorti tal-Awdituri kif ukoll lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni Ewropea u lill-istituzzjonijiet ta' verifika tal-Istati Membri.

**It-Tlieta 7 ta' Ġunju 2011**

## Prova tal-oriġini ta' ċerti prodotti tessili ***I

P7_TA(2011)0248

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2011 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1541/98 dwar il-prova tal-oriġini ta' ċerti prodotti tessili li jidħlu fit-Taqsima XI tan-Nomenklatura Magħquda u rilaxxjati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità, u dwar il-kundizzjonijiet tal-aċċettazzjoni ta' din il-prova u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3030/93 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tat-tessuti minn pajjiżi terzi (COM(2010)0544 – C7-0316/2010 – 2010/0272(COD))**

(2012/C 380 E/25)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0544),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0316/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0156/2011),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2010)0272

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-7 ta' Ġunju 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1541/98 dwar il-prova tal-oriġini ta' ċerti prodotti tessili li jidħlu fit-Taqsima XI tan-Nomenklatura Magħquda u rilaxxjati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità, u dwar il-kundizzjonijiet tal-aċċettazzjoni ta' din il-prova u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3030/93 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tat-tessuti minn pajjiżi terzi**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 955/2011.)*

---

**It-Tlieta 7 ta' Ġunju 2011**

## Il-parteċipazzjoni tal-Kroazja fil-ħidma taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga ***

P7_TA(2011)0249

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2011 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Kroazja u l-Unjoni Ewropea dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fil-ħidma taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (11633/2010 – C7-0026/2011 – 2010/0011(NLE))**

(2012/C 380 E/26)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (11633/2010),

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fil-ħidma taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (11633/2010),

— wara li kkunsidra t-talba għal kunsens imressqa mill-Kunsill skont l-Artikolu 168(5) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0026/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0186/2011),

1. Jagħti l-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Kroazja.

## Tassazzjoni fuq vetturi ta' tagħbija tqal ***II

P7_TA(2011)0252

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2011 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (15145/1/2010 – C7-0045/2011 – 2008/0147(COD))**

(2012/C 380 E/27)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (15145/1/2010 – C7-0045/2011),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta' 16 ta' Diċembru 2009 ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ta'12 ta' Frar 2009 ([2]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni (COM(2011)0069),

— wara li kkunsidra il-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ([3]) dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2008)0436),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 66 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0171/2011),

1. Jadotta l-pożizzjoni fit-tieni qari li tidher hawn taħt;

2. Japprova d-dikjarazzjoni tiegħu mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni u tad-dikjarazzjoni konġunta tal-Presidenza Ungeriża u tal-Presidenzi futuri tal-Kunsill tal-Polonja, tad-Danimarka u ta' Ċipru, mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) ĠU C 255, 22.9.2010, p. 92.
([2]) ĠU C 120, 28.5.2009, p. 47.
([3]) ĠU C 87 E, 1.4.2010, p. 345.

## P7_TC2-COD(2008)0147

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fis-7 ta' Ġunju 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2011/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2011/76/UE.)*

### ANNESS

**Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew**

"Il-Parlament Ewropew jiddispjaċih li l-Kunsill ma kienx lest li jaċċetta l-pubblikazzjoni obbligatorja tat-tabelli ta' korrelazzjoni fil-kuntest tal-proposta li temenda d-Direttiva 1999/62/KE. Qed jiġi ddikjarat li l-ftehim milħuq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fit-trialogu tat-23 ta' Mejju 2011 dwar id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (Eurovignette) ma jippreġudikax l-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali dwar it-tabelli ta' korrelazzjoni.

**It-Tlieta 7 ta' Ġunju 2011**

Il-Parlament Ewropew jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tinfurmah fi żmien tnax-il xahar wara l-adozzjoni ta' dan il-ftehim fil-plenarja u sabiex tippreżenta rapport fl-aħħar tal-perjodu tranżitorju dwar il-prattika fl-Istati Membri fir-rigward tat-tfassil tat-tabelli tagħhom li jindikaw, kemm jista' jkun possibbli, il-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u biex tippubblikahom."

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tabelli ta' korrelazzjoni**

Il-Kummissjoni tfakkar fl-impenn tagħha biex tiggarantixxi li l-Istati Membri jistabbilixxu tabelli ta' korrelazzjoni li jorbtu l-miżuri li huma jadottaw mad-direttiva tal-UE u jikkomunikawhom lill-Kummissjoni fil-qafas tat-traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE, fl-interess taċ-ċittadini, tat-tfassil aħjar tal-liġijiet u tat-trasparenza legali akbar u sabiex il-verifika tal-konformità tar-regoli nazzjonali mad-dispożizzjonijiet tal-UE tiġi ffaċilitata.

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha għan-nuqqas ta' appoġġ għad-dispożizzjoni inkluża fil-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (Eurovignette), li kellha l-għan li tagħmel obbligatorju t-twaqqif ta' tabelli ta' korrelazzjoni.

Il-Kummissjoni, fi spirtu ta' kompromess u bil-għan li tiżgura l-adozzjoni immedjata ta' dik il-proposta, tista' taċċetta li d-dispożizzjoni obbligatorja dwar it-tabelli ta' korrelazzjoni inkluża fit-test tiġi ssostitwita bi premessa relevanti li tinkuraġġixxi lill-Istati Membri jsegwu din il-prattika. Hija se tagħti informazzjoni, fi żmien tnax-il xahar wara l-adozzjoni ta' dan il-ftehim fil-plenarja, u tippreżenta rapport fl-aħħar tal-perjodu tranżitorju dwar il-prattika fl-Istati Membri fir-rigward tat-tfassil, għalihom u fl-interess tal-Unjoni, tat-tabelli tagħhom li jindikaw, kemm jista' jkun possibbli, il-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u biex tippubblikahom.

Madankollu, il-pożizzjoni adottata mill-Kummissjoni f'din il-proċedura mhix se titqies bħala preċedent. Il-Kummissjoni se tkompli bl-isforzi tagħha sabiex, flimkien mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill, issib soluzzjoni xierqa għal din il-kwistjoni istituzzjonali orizzontali.

**Dikjarazzjoni tal-Presidenza Ungeriża u tal-Presidenzi futuri tal-Polonja, tad-Danimarka u ta' Ċipru**

Qed jiġi ddikjarat li l-ftehim milħuq bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew fit-trialogu tat-23 ta' Mejju 2011 dwar id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (Eurovignette) ma jippreġudikax l-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali dwar it-tabelli ta' korrelazzjoni.

---

# Il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej ***I

P7_TA(2011)0253

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2011 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej (COM(2010)0132 – C7-0092/2010 – 2010/0073(COD))**

(2012/C 380 E/28)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0132),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 338(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0092/2010),

**It-Tlieta 7 ta' Ġunju 2011**

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li ikkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0330/2010),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2010)0073

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-7 ta' Ġunju 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali ewropej**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 691/2011.)*

---

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

## L-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-Bulgarija u r-Rumanija *

P7_TA(2011)0254

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija (14142/2010 – C7-0369/2010 – 2010/0820(NLE))**

(2012/C 380 E/29)

(Konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (14142/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 4(2) tal-Att dwar l-Adeżjoni tal-2005, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0369/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern ((A7-0185/2011),

1. Japprova l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill kif emendat;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-abbozz ta' deċiżjoni tiegħu b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

| ABBOZZ TAL-KUNSILL | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 1**
**Abbozz ta' deċiżjoni**
**Premessa 4**

| | |
|---|---|
| (4) Fi XXXXX 20XX [data ta' adozzjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill rilevanti], il-Kunsill ikkonkluda li l-kondizzjonijiet f'kull wieħed mill-oqsma msemmija kienu ġew sodisfatti mill-Bulgarija u r-Rumanija. | (4) Fi XXXXX 20XX [data ta' adozzjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill rilevanti], il-Kunsill ikkonkluda li l-kondizzjonijiet f'kull wieħed mill-oqsma msemmija kienu ġew sodisfatti mill-Bulgarija u r-Rumanija. ***Kull Stat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bil-miktub fi żmien sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni dwar is-segwitu li jkun ingħata għar-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-rapporti ta' evalwazzjoni u msemmija fir-rapporti ta' segwitu li għad iridu jiġu implimentati.*** |

2012/C 380 E/16 Kumpaniji tad-direttorju qarrieqa

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2011 dwar il-kumpaniji ta' direttorju qarrieqa (Petizzjonijiet 0045/2006, 1476/2006, 0079/2003, 0819/2003, 1010/2005, 0052/2007, 0306/2007, 0444/2007, 0562/2007 u oħrajn) ... 128

2012/C 380 E/17 Il-Madagaskar

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2011 dwar is-sitwazzjoni fil-Madagaskar ... 129

2012/C 380 E/18 Guantánamo: deċiżjoni imminenti dwar piena tal-mewt

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2011 dwar Guantánamo: deċiżjoni imminenti tal-piena tal-mewt ... 132

2012/C 380 E/19 L-Ukraina: il-każijiet ta' Yulia Tymoshenko u membri oħra tal-gvern preċedenti

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2011 dwar l-Ukraina: il-każi ta' Yulia Tymoshenko u membri oħra tal-gvern preċedenti ... 135

2012/C 380 E/20 Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-Isport Ewropew

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2011 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-Isport Ewropew 138

2012/C 380 E/21 Ix-xogħol tal-Kumitat għal Persuni Nieqsa f'Ċipru

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2011 dwar ix-xogħol tal-Kumitat għal Persuni Nieqsa f'Ċipru 138

RAKKOMANDAZZJONIJIET

**Il-Parlament Ewropew**

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

2012/C 380 E/22 Is-66 Sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti

Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2011 lill-Kunsill dwar is-66 Sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (2011/2030(INI)) ... 140

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Parlament Ewropew**

**It-Tlieta 7 ta' Ġunju 2011**

2012/C 380 E/23 Talba għat-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Agnes Hankiss

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2011 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Ágnes Hankiss (2010/2213(IMM)) ... 152


MT

III *Atti preparatorji*

IL-PARLAMENT EWROPEW

**It-Tlieta 7 ta' Ġunju 2011**


2012/C 380 E/24 Ħatra ta' membru tal-Qorti tal-Awdituri (Is-Sur H.G. WESSBERG - SV)

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2011 dwar in-nomina proposta ta' H.G. Wessberg bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri (C7-0103/2011 – 2011/0803(NLE)) . . . 154

2012/C 380 E/25 Prova tal-oriġini ta' ċerti prodotti tessili ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2011 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1541/98 dwar il-prova tal-oriġini ta' ċerti prodotti tessili li jidħlu fit-Taqsima XI tan-Nomenklatura Magħquda u rilaxxjati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità, u dwar il-kundizzjonijiet tal-aċċettazzjoni ta' din il-prova u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3030/93 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tat-tessuti minn pajjiżi terzi (COM(2010)0544 – C7-0316/2010 – 2010/0272(COD)) . . . 155

P7_TC1-COD(2010)0272

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-7 ta' Ġunju 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1541/98 dwar il-prova tal-oriġini ta' ċerti prodotti tessili li jidħlu fit-Taqsima XI tan-Nomenklatura Magħquda u rilaxxjati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità, u dwar il-kundizzjonijiet tal-aċċettazzjoni ta' din il-prova u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3030/93 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tat-tessuti minn pajjiżi terzi . . . 155

2012/C 380 E/26 Il-parteċipazzjoni tal-Kroazja fil-ħidma taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2011 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Kroazja u l-Unjoni Ewropea dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fil-ħidma taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (11633/2010 – C7-0026/2011 – 2010/0011(NLE)) . . . 156

2012/C 380 E/27 Tassazzjoni fuq vetturi ta' tagħbija tqal ***II

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2011 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (15145/1/2010 – C7-0045/2011 – 2008/0147(COD)) . . . 156

P7_TC2-COD(2008)0147

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fis-7 ta' Ġunju 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2011/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi . . . 157

ANNESS . . . 157

2012/C 380 E/28 Il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2011 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej (COM(2010)0132 – C7-0092/2010 – 2010/0073(COD)) . . . 158


MT

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

P7_TC1-COD(2010)0073

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-7 ta' Ġunju 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali ewropej ... 159

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2011**

2012/C 380 E/29 L-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-Bulgarija u r-Rumanija *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija (14142/2010 – C7-0369/2010 – 2010/0820(NLE)) ... 160

MT

*Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| **I | Proċedura ta' konsultazzjoni: l-ewwel qari |
| **II | Proċedura ta' konsultazzjoni: it-tieni qari |
| *** | Proċedura ta' parir konformi |
| ***I | Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari |
| ***II | Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari |
| ***III | Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tielet qari |

(It-tip ta' proċedura tiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni)

Emendi politiċi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u qawwija; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

Korrezzjonijiet u adattamenti tekniċi tas-servizzi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva rqiqa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ║.

MT

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 310 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 840 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT